# Il-kwalitajiet emerġenti fin-novella Maltija tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin

Kelly Saliba

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Arti

għall-grad ta' Maġisteru tal-Arti (M.A.) fil-Malti

Diċembru 2022

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

## Sinteżi

Din ir-riċerka se tħares lejn tliet novelliera Maltin tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin (Clare Azzopardi, Pierre J. Mejlak u Walid Nabhan) u lejn il-kurrenti u l-influwenzi li jinsabu fin-novelli tagħhom. Il-Postmoderniżmu, il-Kożmopolitaniżmu u l-Femminiżmu tat-tielet mewġa, anki jekk fi gradi differenti, ġew osservati fit-tlieta li huma u għalhekk l-analiżi se tkun qiegħda ssir b'referenza għal dawn it-tliet kurrenti. Minkejja dawn il-pożizzjonijiet komuni hemm ukoll elementi differenti bejn it-tliet kittieba u dan l-istudju se jkun qiegħed iħares lejn il-kwalitajiet, simili kif ukoll differenti, li qegħdin jidhru f'dawn ix-xogħlijiet.

In-novelli se jitpoġġew f'qafas storiku Malti u barrani. Il-libertà tal-espressjoni u l-liberalizzazzjoni tal-media taw palata sabiex il-kittieba jibdew jiktbu dwar temi tabù b'lingwaġġ skjett u bdew jinkludu anki diskors storiku u politiku dwar it-tmeninijiet f'Malta fin-novelli tagħhom. Imbagħad, l-użu tat-teknoloġija u l-mezzi diġitali li raw il-bidu tagħhom f'Malta fid-disgħinijiet, kompla jqarreb lill-Maltin lejn pajjiżi barranin. Din il-qrubija kompliet tissaħħaħ bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea li bis-saħħa tagħha l-Maltin saru wkoll ċittadini Ewropej. Għaldaqstant, ir-rakkonti huma wkoll imnebbħa mill-kultura barranija, partikolarment tal-Punent, kultura li kulma jmur il-Maltin qegħdin jakkomodaw dejjem iżjed għaliha.

Fid-dawl ta' dan kollu se jiġi mistħarreġ kif il-ġeneru tan-novella f'Malta qiegħed jinbidel u liema huma dawk l-elementi li qegħdin isawruh, anki jekk it-tliet awturi għandhom kwalitajiet differenti minn xulxin.

# **Ħajr**

Nibda billi nirringrazzja lil Dr Immanuel Mifsud li segwa dan ix-xogħol u kien ta' gwida kontinwa sa mill-ewwel laqgħa. Id-diskussjonijiet li kellna matul dawn is-snin mhux biss għenuni nsawwar din it-teżi iżda ta' spiss xprunaw ħsibijiet ġodda u tawni perspettivi differenti dwar suġġetti varji.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lid-Dipartiment tal-Malti, speċjalment lill-Prof. Adrian Grima u lis-Sa Justine Somerville tal-organizzazzjoni tal-Appuntamenti mar-Riċerka li bis-saħħa tagħhom inħoloq spazju għar-riċerkaturi tal-Malti li fih stajt niddiskuti l-isfidi li kont qed niltaqa' magħhom u sibt is-sapport meħtieġ.

Lil Luke għax, minkejja l-qasam totalment differenti li jappartjeni għalih, dejjem ħa interess fir-riċerka tiegħi.

Lil ommi li xtratli l-ewwel kotba.

Lil missieri li rrakkuntali l-ewwel stejjer.

Kienu huma l-ewwel persuni li qanqlu fija l-passjoni għall-qari.

# Il-werrej

Sinteżi ....................................................................................................ii

Ħajr.......................................................................................................iii

Il-werrej ...................................................................................................iv

0. Daħla ..................................................................................................... 1

0.1. L-għanijiet tar-riċerka ........................................................................ 3

0.2. It-tqassim tal-kapitli ........................................................................... 5

1. Il-ġeneru tan-novella ................................................................................ 7

1.1. In-novella f'Malta ............................................................................. 12

1.2. Għeluq.............................................................................................. 15

2. L-isfond storiku tan-novella l-ġdida ......................................................... 17

2.1. Avvenimenti internazzjonali ............................................................. 20

2.1.1. Il-waqgħa tal-Komuniżmu fl-Ewropa ................................................ 20

2.1.2. L-avvanzi teknoloġiċi ..................................................................... 21

2.1.3. Il-kultura popolari fil-Punent ........................................................... 24

2.2. Mumenti storiċi lokali ....................................................................... 26

2.2.1. L-ekonomija Maltija......................................................................... 26

2.2.2. It-teknoloġija .................................................................................. 27

2.2.3. Il-pluraliżmu fix-xandir u l-libertà tal-espressjoni .............................. 28

2.2.4. Aspetti kulturali u l-qasam tad-divertiment ....................................... 30

2.2.5. In-nisa fis-soċjetà u d-drittijiet ċivili ............................................... 33

2.2.6. L-immigrazzjoni irregolari............................................................... 35

2.3. Għeluq.............................................................................................. 36

3. Kurrenti kulturali u filosofiċi li sawru l-bidu tas-seklu 21 ......................... 37

3.1. Il-Postmoderniżmu ........................................................................... 40

3.1.1. Il-Postmoderniżmu, l-arti u l-letteratura............................................ 46

3.1.2. It-taħlit tal-fatti mal-finzjoni ........ 49

3.1.3. L-intertestwalità ........ 52

3.1.4. Il-pastiche u l-parodija ........ 55

3.1.5. L-iperrealtà, is-cyberpunk u d-distopija ........ 58

3.2. Il-Kożmopolitaniżmu ........ 61

3.2.1. L-iżvilupp tal-attitudni kożmopolitana matul iż-żmien: L-aspett filosofiku ........ 64

3.2.2. L-iżvilupp tal-attitudni kożmopolitana matul iż-żmien: L-aspett politiku ........ 69

3.2.3. Il-globalizzazzjoni u l-multikulturaliżmu ........ 73

3.2.4. Il-metropolizzazzjoni ........ 78

3.2.5. Pożizzjonijiet kuntrarji għall-Kożmopolitaniżmu ........ 84

3.2.6. Il-Kożmopolitaniżmu u l-letteratura ........ 87

3.3. Il-Femminiżmu tat-tielet mewġa ........ 91

3.3.1. Il-Femminiżmu tat-tielet mewġa u l-letteratura ........ 98

3.4. Għeluq ........ 104

4. Elementi ġodda fin-novella: Il-post u n-nazzjon ........ 107

4.1. Mill-ambjent rurali għall-ftuħ globali ........ 110

4.2. In-nazzjon, l-identità u n-novella postnazzjonali ........ 118

4.2.1. It-tiftix għan-nazzjon fin-novella ta' Nabhan ........ 120

4.2.2. In-novella postnazzjonali ........ 127

4.3. L-"oħrajn" fin-novella Maltija ........ 133

4.4. Id-dinja bħala l-ambjent naturali ........ 142

4.5. Għeluq ........ 145

5. Elementi ġodda fin-novella: It-test u t-teknika ........ 146

5.1. Id-deskrizzjoni grafika ........ 149

5.1.1. Is-sess ........ 153

5.1.2. Il-vjolenza ........ 169

5.1.3. Il-politika ........ 178

5.2. L-immedjatezza ........ 187
5.2.1. Il-lingwaġġ użat ........ 191
5.2.2. Referenzi kulturali ........ 198
5.2.3. Ir-reali u l-irreali ........ 204
5.3. Ir-ritmu ........ 211
5.4. It-tmiem mingħajr għeluq ........ 213
5.5. Udjenza ġdida ........ 216
5.6. Għeluq ........ 218
6. Konklużjonijiet ........ 220
6.1. L-influwenzi Postmoderni ........ 222
6.2. Il-barranin fil-letteratura Maltija ........ 230
6.3. Is-sess u l-ġeneru ........ 234
6.4. L-Għeluq ........ 236
Biblijografija ........ 238

# <u>Daħla</u>

Din ir-riċerka tistħarreġ il-kwalitajiet emerġenti fin-novella Maltija tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin bil-għan li jiġu stabbiliti l-elementi li qegħdin jinfluwenzaw u jikkaratterizzaw lil dan il-ġeneru li qiegħed jinkiteb f'post u żmien partikolari. L-istudju janalizza n-novelli ta' Clare Azzopardi, Pierre J. Mejlak u Walid Nabhan għaliex in-novelli tagħhom huma rappreżentattivi għal dak li beda jinkiteb f'dan il-perjodu u fit-tlieta li huma, anki jekk fi gradi differenti, ġew osservati elementi Postmoderni, Kożmopolitani u Femministi tat-tielet mewġa. Dawn it-tliet kurrenti teoretiċi bdew jiżviluppaw lejn l-aħħar deċennji tas-seklu għoxrin u, billi kemm il-kitba nnifisha kif ukoll l-ambjent tan-novelli jseħħu f'dan il-perjodu, huma wħud mill-iżjed influwenzi kulturali u filosofiċi li jidhru fin-novelli magħżula.

Il-ħajja tal-bnedmin hija mimlija rakkonti li bihom "jifhmu u jagħtu forma lill-esperjenzi tagħhom" (Grima, "Il-Linja l-Ħadra" 7). Madanakollu mhux kull rakkont jista' jitqies bħala letterarju. Oliver Friggieri jsostni li sabiex "rakkont jitqies bħala letterarju, f'dinja li hi rakkont weħidha u miżgħuda bil-forom tar-rakkontar, l-awtur irid jirnexxilu jsib mezz kif jirrakkonta" ("In-Novella" xi). Bħalma jiġri fl-arti, dawn il-mezzi letterarji jinbidlu matul iż-żminijiet u b'hekk jinħolqu stili, tekniki u temi differenti, kollha rifless tal-epoka li jkunu qegħdin jinħolqu fiha. Sa issa, l-Istorja tal-letteratura Maltija (li ma toħodniex lura iżjed minn mitejn sena) kienet tlaqqagħna ma' tliet fenomeni letterarji differenti: Ir-Romantiċiżmu u r-Realiżmu (li raw il-bidu tagħhom prattikament fl-istess perjodu) u l-Moderniżmu (li tfaċċa fit-tieni nofs tal-istess seklu).

Fin-narrattiva lokali, ir-Romantiċiżmu jidher l-iżjed fir-rumanzi storiċi. Mario Cassar jiddeskrivi din il-letteratura bħala "portavuċi għal ġens anonimu, fqir, u sfruttat li kien għadu ma sabx it-triq tal-qawmien" (98). Ir-Realiżmu ried jippreżenta s-soċjetà bil-problemi kollha li kienet iġġorr fiha bħall-injoranza, l-emarġinazzjoni, il-mard, il-

qgħad u l-inġustizzji soċjali (M. Cassar 104-5). Ir-rumanz Modern spiss jiġi assoċjat mar-rumanz psikoloġiku li jiffoka fuq l-"esperjenza ġewwinija" tal-protagonista bi plott "interjorizzat fil-psike" (M. Cassar 108).

Il-kitbiet ta' wara d-disgħinijiet ma jistgħux jibqgħu jissejħu Moderni għax il-proża minn dan il-mument saret iżjed esperimentali, il-lingwaġġ użat huwa inqas letterarju u l-karattri ma jiħdux il-ħajja bis-serjetà bħalma kienu joħduha ta' qabilhom. Dan ifisser li l-letteratura Maltija waslet fir-raba' mument tal-Istorja żagħżugħa tagħha. M. Cassar isejjaħ lil dan it-tip ta' karattru "protagonist kwalunkwista li m'għandux lealtajiet fissi; kulma jgħodd għalih f'ħajja ta' *ennui* perpetwa hu l-*buzz* tal-mument" (114). Il-kwalitajiet li jsemmi M. Cassar huma elementi Postmoderni ta' persuna li qiegħda taċċetta l-preżent kif inhu mingħajr nostalġija għal xi tip ta' ħajja passata meqjusa bħala "aħjar" (Jameson, *Postmodernism* x; J. Green 21). Għaldaqstant, din ir-riċerka se tanalizza novelli ta' dan il-perjodu f'tentattiv sabiex jiġu stabbiliti l-elementi li qegħdin isawru dan il-qasam tal-proża f'dan iż-żmien u biex jiġi investigat l-element Postmodern tagħha.

## 0.1. L-għanijiet tar-riċerka

L-għan ta' dan l-istudju huwa li jinkiseb għarfien iżjed profond dwar il-kitba narrattiva kontemporanja. Għalkemm inkitbu ftit teżijiet dwar din il-letteratura, għad m'hemmx studju komparattiv li jistħarreġ in-novelli kontemporanji bħala ġeneru fih innifsu. Għaldaqstant, wieħed mill-għanijiet ta' din it-teżi huwa li jiġu studjati mill-viċin novelli ppubblikati fil-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin sabiex jiġu analizzati s-similaritajiet u d-differenzi li bihom qegħdin jinkitbu n-novelli ta' dan il-perjodu. Dan kollu qiegħed jitpoġġa fi sfond lokali u barrani sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm

avvenimenti u sitwazzjonijiet li influwenzaw dawn il-kitbiet. L-analiżi titlob li n-novelli mistħarrġa jitqiegħdu f'kuntest usa' minn dak lokali u jiġu evalwati bit-teorija tal-Postmoderniżmu u l-Femminiżmu tat-tielet mewġa, kif ukoll f'kuntest li aktarx qiegħed isir dejjem iżjed kożmopolitan.

Il-proċess tal-għażla tan-novelli ma kienx faċli u kellhom jiġu stabbiliti kriterji preċiżi li bihom setgħu jingħażlu sett ta' awturi. B'kollox ingħażlu seba' kotba ta' tliet kittieba differenti li kollha ġew ippubblikati bejn l-2006 u l-2019. B'hekk inqabad ix-xogħol ta' dawn l-awturi fl-ewwel żewġ deċennji tas-seklu wieħed u għoxrin. L-awturi magħżula huma Clare Azzopardi u l-ġabriet ta' novelli *Il-Linja l-Ħadra* (2006) u *Kulħadd Ħalla Isem Warajh* (2014); Pierre J. Mejlak u ż-żewġ kotba tiegħu *Qed Nistenniek Nieżla max-Xita* (2009) u *Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid* (2011); u Walid Nabhan u t-tliet ġabriet tiegħu *Lura d-Dar u Ġrajjiet Oħra li ma Ġrawx* (2009), *Leħen tal-Fuħħar u Stejjer Oħra* (2012) u *Bejn Bejnejn* (2019). Dawn it-tliet awturi ġew magħżula l-ewwel nett għax kitbu dejjem f'Malta Indipendenti u din diġà tiddistingwihom mill-kittieba Moderni li ħolqu l-Moviment Qawmien Letterarju propju mal-Indipendenza.

Barra minn hekk, dawn it-tliet kittieba rebħu premji letterarji prestiġjużi. It-tlieta li huma rebħu l-Premju Nazzjonali tal-ktieb, filwaqt li Mejlak u Nabhan rebħu wkoll il-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea (EUPL) b'*Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid* u *L-Eżodu taċ-Ċikonji* rispettivament. Iż-żewġ kittieba l-oħrajn li rebħu dan il-premju Ewropew – Immanuel Mifsud u Lara Calleja ma ġewx inklużi f'dan l-istudju għax wieħed huwa t-tutur ta' din it-teżi u l-oħra ppubblikat il-ktieb meta din it-teżi kienet diġà bdiet tinkiteb. Il-ġabriet ta' Azzopardi, Mejlak u Nabhan jirriflettu n-novella miktuba f'Malta fil-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin.

## 0.2. It-tqassim tal-kapitli

L-ewwel kapitlu se jagħti ħarsa lejn in-novella bħala ġeneru letterarju u l-bidliet li għadda minnhom matul epoki differenti. Imbagħad se jissemmew in-novelli u l-kittieba Maltin ta' epoki differenti b'attenzjoni lejn il-mod kif dawn il-kittieba ħarsu lejn dan il-ġeneru.

It-tieni kapitlu se jħares lejn l-isfond storiku barrani u lokali biex jiġi stabbilit liema kienu l-avvenimenti u l-fenomeni soċjali, politiċi u kulturali li setgħu affettwaw il-ħsibijiet tal-kittieba.

It-tielet kapitlu se jiffoka fuq il-kurrenti filosofiċi u kulturali li sawru l-perjodu tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin. Se tingħata attenzjoni speċjali lejn il-Postmoderniżmu bħala moviment filosofiku li ddomina l-aħħar nofs tas-seklu għoxrin u baqa' jinħass sew fil-bidu tas-seklu ta' wara; il-Kożmopolitaniżmu, minħabba n-numru sostanzjali ta' novelli li huma ambjentati barra minn Malta kif ukoll għan-numru ta' novelli li fihom hemm xi karattri barranin; u l-Femminiżmu tat-tielet mewġa li jinħass sew fin-novelli ta' C. Azzopardi.

Ir-raba' u l-ħames kapitlu se japplikaw dawn it-teoriji għan-novelli magħżula. Fir-raba' kapitlu se tiġi mistħarrġa l-bidla tal-ambjentazzjoni minn waħda rurali għal dik urbana u l-mod kif il-kittieba l-ġodda qegħdin iħarsu lejn in-nazzjon u l-identità marbuta miegħu. Fl-aħħar se janalizza l-mod kif in-novella Maltija qiegħda tħares lejn l-"oħrajn" u kif bħala letteratura qiegħda toħloq karattri li huma komdi kullimkien, madwar id-dinja kollha.

L-ewwel parti tal-ħames kapitlu se tħares lejn id-deskrizzjoni grafika li tinsab fin-novelli, b'mod speċjali meta jiġu deskritti episodji ta' sess u vjolenza. Hawnhekk se tkun inkluża wkoll il-politika li, minkejja li mhijiex irrakkuntata bl-istess dettall grafiku, fil-kuntest lokali hija tema pjuttost tabù u għalhekk iddaħħlet ma' din il-parti. It-tieni parti ta' dan il-kapitlu se tiffoka fuq l-immedjatezza tan-novelli: il-lingwaġġ użat, ir-referenzi kulturali u r-rappreżentazzjoni ta' dak li hu reali u dak li mhuwiex. Fl-aħħar ta' dan il-kapitlu se jiġu analizzati r-ritmu, it-tmiem mingħajr għeluq u l-udjenza l-ġdida li aktarx lejha huma mmirati dawn in-novelli.

Is-sitt u l-aħħar kapitlu se joffri l-konklużjonijiet tal-istudju. Fih se jkun hemm miġburin il-kwalitajiet partikolari tan-novella tas-seklu wieħed u għoxrin u d-differenzi u d-diverġenzi bejn l-awturi magħżulin, li aktarx hija waħda mill-kwalitajiet bażiċi tal-kitba ta' dan il-perjodu. Barra minn dan, il-kapitlu se jipproponi oqsma oħrajn fil-letteratura tas-seklu l-ġdid li għad hemm lok li jiġu studjati.

# 1.

# Il-ġeneru tan-novella

In-novella hija ġeneru ideali għall-esperimentazzjoni letterarja li bis-saħħa tagħha jiġu introdotti suġġetti ġodda fil-letteratura ġenerali (Pratt 181; Scofield 237). Minkejja dan, ħafna drabi ma tingħatax l-importanza teoretika li jingħataw il-poeżija, id-drama, l-epika u r-rumanz (Patea 2). Il-popolarità tal-ġeneru tan-novella, jew aħjar in-nuqqas tagħha, hija pjuttost fenomenu kurjuż meta jitqies il-fatt li din hija storja qasira, li tista' tinqara fi ftit minuti. L-attenzjoni tal-bnedmin qiegħda kulma jmur dejjem tonqos u għaldaqstant hija stramba kif l-iżjed rumanzi mibjugħa (il-bestsellers) qegħdin dejjem jiżdiedu fil-volum (G. Green 60). Madanakollu tajjeb li jiġi nnutat li fiċ-ċokon tagħha, in-novella taf tkun iżjed impenjattiva għall-qarrejja mir-rumanz. Il-proċess tal-qari, għalkemm huwa wieħed qasir, jirrikjedi iżjed attenzjoni minn dak tar-rumanz minħabba l-vojt li l-kittieba jħallu fin-nisġa tan-narrazzjoni, li mbagħad ikollu jimtela mill-qarrejja.

Edgar Allan Poe jista' jitqies bħala l-awtur li għaraf in-novella bħala ġeneru għalih u li poġġieha fit-tieni post tal-ġerarkija tal-arti wara l-forma tal-lirika, għax billi n-novella hija kumpatta, l-effetti li toħloq iqarrbuha iżjed lejn il-poeżija milli lejn ir-rumanz (Patea 3). Fis-snin sittin tas-seklu għoxrin beda jiżdied l-interess fin-novella u fis-snin disgħin kisbu l-popolarità l-istudji kritiċi u teoretiċi ta' dan il-ġeneru (Patea 3). In-nuqqas ta' interess fin-novella għal aktar minn mitt sena jikkuntrasta mat-twemmin ta' Poe għax in-novella dejjem tqieset bħala l-aħħar forma artistika fil-ġerarkija tal-arti (Patea 7).

In-nuqqas ta' interess fil-qari tan-novella jiġi osservat minn Charles E. May li jsostni li ħafna nies jippreferu ma jaqrawx dan il-ġeneru, speċjalment fl-Istati Uniti fejn bir-reality shows naqset il-popolarità tal-finzjoni ("American Short-Story" 299). Minbarra n-nuqqas ta' interess fil-finzjoni b'mod ġenerali, dawk il-qarrejja li baqgħu

jikkunsmawha jfittxu iżjed ir-rumanz milli n-novelli (May, "American Short-Story" 299), għax peress li r-rumanz huwa itwal, joffri iżjed spazju li fih tinħoloq familjarità bejn il-qarrejja u l-karattri, u l-kapitli joħolqu sens ta' kontinwità (300). Mill-banda l-oħra, ktieb ta' novelli l-ħin kollu jlaqqa' lill-qarrejja ma' karattri ġodda u t-tmiem li sikwit ikun inkonklussiv jista' jikkawża frustrazzjoni (May, "American Short-Story" 300).

Storikament, ir-rumanz tqies bħala ġeneru iżjed prestiġjuż min-novella u minħabba f'hekk, din sikwit tiġi diskussa billi jiġu kkunsidrati l-elementi li jikkostitwixxu l-ġeneru tar-rumanz (Pratt 178). Ħafna drabi l-kitba tan-novella titqies bħala ħila jew sengħa u mhux kreattività artistika bħar-rumanz (Pratt 191). In-novella spiss tiġi assoċjata mal-folklor u mal-letteratura għat-tfal, u din hija r-raġuni għala spiċċat tiċċaħħad mill-istatus ta' arti (Pratt 190). Minħabba l-qrubija tagħha mal-folklor, in-novella tuża forom orali billi tieħu mit-taħdit ta' kuljum fil-lingwa tan-narrazzjoni (Pratt 189). Dan isir jew billi n-narrattiva orali tkun inkluża fl-istorja b'mod sottili, jew b'mod iżjed espliċitu, ngħidu aħna bl-użu tan-narrazzjoni fl-ewwel persuna (Pratt 189). Meta n-novella tkun tixbah lid-diskors ta' kuljum, din toħloq relazzjoni iżjed personali mal-qarrejja (Sandler 78). L-assoċjazzjoni mal-folklor tinħass ukoll fir-rakkonti tal-fantaxjenza li huma iżjed popolari fin-novelli milli fir-rumanzi (Sandler 122). In-novella minn dejjem kienet iżjed esperimentali mir-rumanz fir-rigward tal-istejjer fantastiċi (May, *The Short Story* 84) għax hija inqas marbuta mar-realiżmu mir-rumanz (89).

Waħda mid-differenzi bejn dawn iż-żewġ ġeneri narrattivi li ssemmi Mary Louise Pratt hija li r-rumanz jirrakkonta l-ħajja filwaqt li n-novella tirrakkonta biss parti minnha (182). Dik li tirreferi għaliha bħala n-narrattiva tal-mument tal-verità ("moment-of-truth") hija karatteristika ċentrali tan-novella li permezz tagħha tiffoka

biss fuq mument wieħed ta' kriżi li jittrasforma l-ħajja tal-karattru prinċipali għal dejjem (182). Ġaladarba n-novella mhijiex twila, tista' tirrakkonta biss silta jew framment mill-ħajja tal-karattru u ħafna drabi tkun dwar avveniment singolari li jolqot karattru wieħed (Pratt 184). Filwaqt li n-novella tħares lejn dan il-punt uniku, ir-rumanz jirrakkonta diversi affarijiet (Pratt 184).

Min-natura tagħha, in-novella tħalli f'idejn il-qarrejja sabiex joħolqu huma r-realtà tad-dinja tar-rakkont mill-informazzjoni kkonċentrata u fframmentata fiha (Hurley 26). Fl-epoka postmoderna n-novella wkoll hija kkaratterizzata mill-frammentazzjoni li tkisser il-linearità tal-istorja u toħloq xquq li l-qarrejja jridu jimlew huma stess (González Rodríguez 252) u, għaldaqstant, isiru koawturi tat-test (253). Din in-novella tikxef il-kriżi tal-perċezzjoni u n-nuqqas ta' suġġettività flimkien mal-banalità u l-irrealtà li huma parti mill-esperjenza postmoderna (González Rodríguez 250). F'intervista ma' *The Guardian* wara r-rebħ tal-premju Nobel, Alice Munro tistqarr li fin-novella tagħha tħalli xi affarijiet barra għax b'hekk tkun qiegħda tirrifletti l-ħajja tal-bnedmin: "I like gaps, all my stories have gaps. It seems this is the way people's lives present themselves" (Allardice). Fuq kollox, il-limitazzjoni ta' spazju fin-novella tirrikjedi li l-qarrejja jimlew il-vojt b'dak li huma diġà familjari miegħu (G. Green 64).

Minħabba l-popolarità tan-novella ppubblikata fir-rivista kummerċjali, din bdiet titqies bħala l-għadu tal-valuri moderni, speċjalment il-valur li kien jingħata lill-arti bħala "art-for-art's-sake" (Pratt 192). B'dan l-argument, in-novella tista' titqies bħala l-iżjed forma artistika bikrija li bdiet dieħla fl-epoka postmoderna. Il-pubblikazzjoni tan-novelli fir-rivisti wasslet għall-kommodifikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' dan il-ġeneru, u kiber id-dħul finanzjarju tan-novelliera. Dan kollu beda jseħħ mill-

għoxrinijiet tas-seklu li għadda, meta n-novella nqabdet mill-produzzjoni tal-massa u b'hekk l-artisti naqsitilhom l-awtonomija fuq ix-xogħol u naqsilhom ukoll il-ħin għall-kompożizzjoni (Pratt 192). Barra minn hekk, in-novella kkundizzjonat it-teknoloġija li kellha tiġi elaborata sabiex tlaħħaq mad-domanda tas-suq u kienet minn tal-bidu li sabet ruħha fil-kultura tal-massa u ddawret bi propaganda konsumerista (Pratt 192; Whitehead 75). Din il-kommodifikazzjoni tan-novella offriet sens ta' immedjatezza lill-qarrejja tagħha għax kienet tinkiteb għalihom (Whitehead 75).

Minkejja li n-novella qiegħda tikseb popolarità kbira online u fir-rivisti, għadha mhijiex tiġi rrikonoxxuta biżżejjed fid-dinja letterarja (Howitt-Dring 56; March-Russell 199). March-Russell jesprimi xettiċiżmu dwar kemm hi minnha n-narrattiva tal-pubblikaturi li n-novelli ma jinbigħux u jisħaq li fir-Renju Unit jiġu kkunsmati ħafna novelli ppubblikati f'rivisti għan-nisa li mhumiex jingħataw attenzjoni kritika (199). Bl-emarġinazzjoni ta' dawn il-kitbiet mid-dinja akkademika, il-ġeneru tan-narrattiva romantika (romantic fiction) mhux jingħata importanza biżżejjed u b'hekk qiegħda titwarrab waħda mill-iżjed forom ta' letteratura kkunsmati (March-Russell 199-200). Dan kollu jipponta lejn il-fenomenu li l-akkademja aktarx li għadha tiddistingwi bejn novelli skont il-mezz tal-pubblikazzjoni u hu propju għalhekk li donnu għad hemm preġudizzju kontra n-novella tar-rivista bħala kitba artistikament ifqar minn novelli ppubblikati f'mezzi oħrajn.

Bħala rispons għall-qagħda postmoderna nħolqot letteratura minimalista (Guerrero-Strachan 271) b'kontenut u ideoloġija partikolari li jagħmluha iperreali (272). L-awturi tan-novella jridu jsibu l-bilanċ bejn ir-realtà u l-immaġinazzjoni fil-kitbiet tagħhom sabiex la tispiċċa dokumentarju iżda lanqas ma titlef is-sens tar-realtà (Guerrero-Strachan 274). Bħal González Rodríguez, Santiago Rodríguez

Guerrero-Strachan jisħaq li l-qarrejja jridu jkunu huma li jimlew il-vojt fin-narrazzjoni u joħolqu anki t-tmiem (274). Iqsar ma jkunu l-istejjer, iżjed dawn jibdew minn nofs l-istorja rrakkuntata u din it-teknika tagħmilhom iżjed "lively, sudden, laden with expectation and showing the reader immediate intimacy – something unusual and fresh" (Howitt-Dring 53). Fi kliem ieħor, il-qosor għandu s-setgħa li joħloq eċitament fil-qarrejja.

## 1.1. In-novella f'Malta

In-novella ħafna drabi ma tingħatax biżżejjed importanza għax titqies bħala xi ħaġa li tippreċedi l-kitba tar-rumanz u għaldaqstant, għal Munro, ir-rebħ tal-Premju Nobel ifisser ukoll rebħa għall-ġeneru nnifsu (Allardice). Din l-idea li n-novella hija kitba li tippreċedi lil dik tar-rumanz jesprimiha wkoll Ġużè Cassar Pullicino fid-daħla tal-ġabra ta' novelli ta' Ġużè Ellul Mercer, li jqishom bħala mod li bih Ellul Mercer "tħarreġ u pprepara, fl-ewwel żmien tal-kitba tiegħu, għar-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir*" (v). In-novella Maltija wkoll tara l-bidu tagħha fil-gazzetti. Cassar Pullicino jħoss li "fil-ġurnali hemm moħbija ħafna u ħafna kitbiet li jixraq li jinġabru mhux biss biex ma jibqgħux mitlufa u minsija, imma wkoll biex min kitibhom jista' jintwera f'dawl aħjar u fil-personalità sħiħa tiegħu fl-isfond ta' żminijietu" (v). Fost in-novelli ppubblikati fil-gazzetti hemm dawk ta' Ġużè Bonnici li kien jippubblika fir-rivisti *Il-Malti* u *Leħen il-Malti* (J. P. Borg xiii); ta' Ġużè Ellul Mercer li n-novelli tiegħu kienu jidhru f'*Dr Xecchec*, *Il-Malti*, *Il Cotra*, *Il-Ħmara*, *Il-Berqa* u *Leħen il-Malti* (Cassar Pullicino vi); u ta' Juann Mamo f'*Dr Xecchec*, *Il-Ħmara* u *Il-Berqa* (Vella ix). Friggieri jirreferi għal Ġużè Ellul Mercer u Ġużè Bonnici bħala l-awturi tan-novelli li jiffukaw fuq avveniment u karattru wieħed ċentrali ("In-Narrattiva" xvii). Għaldaqstant, bħan-novella

Anglosassona, in-novella Maltija wkoll kienet tiffoka fuq karattru prinċipali wieħed u avveniment singulari.

Sal-bidu tas-seklu l-ġdid, f'Malta kienet għadha tinħass l-idea Romantika fil-kitbiet letterarji u Adrian Grima jistqarr li din l-idea konservattiva jaraha stramba speċjalment minħabba li kemm il-kittieba kif ukoll il-qarrejja għandhom kuntatt dirett ma' letteraturi barranin li "fihom dawn l-ideat fissi li jxekklu t-tiġdid u jsaħħu l-illużjonijiet ilhom li twarrbu żmien" ("Il-Linja l-Ħadra" 11). L-ideat li jsemmi Grima bdew jiġu sfidati mid-disgħinijiet tas-seklu għoxrin 'il quddiem, fosthom b'kotba bħal *Il-Linja l-Ħadra* li ħareġ f'nofs l-ewwel deċennju tas-seklu wieħed u għoxrin. Mid-disgħinijiet 'il quddiem, in-novella bdiet tinkludi iżjed karattri u episodji. B'hekk, għalkemm in-novella minn dejjem kienet tħalli ċerti affarijiet f'idejn il-qarrejja, l-awturi f'dan il-perjodu bdew iħallu ħafna iżjed vojt għall-qarrejja x'jimlew. It-taħdit ta' dawn in-novelli jixbah iżjed lit-taħdit ta' kuljum għax huwa meħud "minn fomm il-poplu komuni tal-bidu tas-seklu 21" (Grima, "Il-Linja l-Ħadra" 9), ma għadux letterarju bħal dak tan-novelli ta' qabel u qiegħed jikxef ukoll ir-realtà bilingwi fil-pajjiż. Dan jikkuntrasta mal-lingwaġġ magħżul, ngħidu aħna ta' Ġużè Bonnici, li jagħżel il-kliem b'reqqa sabiex jevita li jdaħħal kliem "'barrani,' għajn ta' taħsir tal-karattru proprju tal-Malti" (Friggieri, "In-Narrattiva" xix).

In-novelli tal-kittieba Realisti tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, minħabba l-ispirazzjoni xellugija, jiffukaw fuq l-antieroj bi protagonisti li ġejjin minn klassi soċjali fqira waqt li l-karattri li ġejjin minn klassi soċjali medja sikwit kienu jiġu ppreżentati bħala l-antagonisti. L-istess jista' jingħad għall-kittieba Moderni li kellhom l-istess ideoloġija politika, bħal Lino Spiteri. Il-Moderniżmu silet karattri minn klassijiet differenti filwaqt li ħafna mill-protagonisti tan-novelli ta' wara s-seklu għoxrin ġejjin

minn sfond soċjali medju u ħafna drabi huma maħlula minn kwalunkwe ideoloġija, speċjalment reliġjuża. Dawn il-karattri huma Postmoderni għax jafu li qegħdin jgħixu fi żmien u fi spazju partikolari mingħajr il-ħajra jew il-bżonn li jibdlu l-affarijiet minn kif inhuma iżda li fl-istess ħin, ħafna drabi għandhom "ir-riedni ta' ħajjithom f'idejhom, u li "mhuma se jħallu 'l ħadd jilgħab bihom" (Grima, "Il-Linja l-Ħadra" 7). Il-kittieba tas-seklu wieħed u għoxrin iffukaw il-ħarsa tagħhom fuq l-istejjer ta' nies komuni li xorta "b'xi mod nibżgħu nirrakkontawhom li ma jmorrux jikkontaminawna bil-biżgħat, bl-inċertezzi, bil-ġibdiet u l-fantasiji moħbija tagħhom li nagħrfuhom minnufih u minnufih inwarrbuhom mid-diskors pubbliku tagħna" (Grima, "Il-Linja l-Ħadra" 7).

Dan jikkuntrasta mat-twemmin ta' kittieba bħal Ġużè Bonnici u l-kontemporanji tiegħu li "kellhom il-fehmiet moderni tagħhom mibnijin fuq it-twemmin fir-relazzjoni bejn emanċipazzjoni tal-kotra u żvilupp tal-lingwa tal-istess kotra" (Friggieri, "In-Narrattiva" xviii). Ellul Mercer kellu l-ideoloġija tiegħu u b'kitbietu xtaq "iġiegħel il-qarrejja jieqfu, jaħsbu u jitħassbu fuq nuqqasijiet serji fil-qagħda soċjali ta' pajjiżna f'dak iż-żmien – nuqqasijiet li kien hemm bżonn jinstabilhom rimedju" (Cassar Pullicino xxiii). Fin-novelli tiegħu Mamo jesponi "l-idea li l-injoranza, bħala l-motiv ewlieni tan-narrattiva, mhix biss riżultat ta' klassi dominanti qarrieqa u korrotta, iżda fuq kollox ta' illoġiċità popolari intrinsika" (Vella xvii) u għalhekk "Mamo jispiċċa jistaqsi bid-dikjarar lil dan il-poplu biex jimmatura u dan il-proċess jinvolvi t-twarrib ta' attitudnijiet mentali li mhumiex kritiċi u li huma parzjalment inkonxji u jwasslu għall-aċċettazzjoni tal-oppressjoni bħala naturali" (xviii).

Dan is-sentiment kompla jinħass f'kittieba Moderni bħal Trevor Żahra li Friggieri jiddeskrivih bħala kittieb ieħor li għandu ruħu "itturmentata" wara "li reġa' qiegħed idu fuq il-ġerħa ta' nazzjon" u "offra eżempju ieħor ta' kemm l-awtur Malti

kien u għadu protagonista tal-livell sensittiv tal-komunità" ("Trevor Żahra" 23). Bħal ta' qabilhom, il-kittieba Moderni kienu jużaw il-letteratura bħala mezz li bih jibagħtu messaġġ lill-qarrejja u bdew jużaw "stil intellettwali li jirrikjedi qarrejja magħżula elitisti" (Briffa viii). Mill-banda l-oħra, in-novelli tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin tant huma mexxejja "li minkejja t-toqol tal-ġrajjiet li jirrakkontaw u l-organizzazzjoni metikoluża, jagħtuk l-impressjoni, profondament żbaljata, li mhux diffiċli tikteb stejjer bħalhom" (Grima, "Il-Linja l-Ħadra" 9). Dan għaliex il-lingwaġġ huwa iżjed popolari milli letterarju u juża b'reqqa l-vernakular li jkompli jagħti l-impressjoni ta' kitba realistika.

## 1.2. Għeluq

Għalkemm in-novella sikwit titqies inqas prestiġjuża mir-rumanz, dan il-ġeneru jippermetti iżjed esperimentazzjoni u aktarx huwa għalhekk li ċerti tendenzi letterarji jibdew min-novella qabel jibdew jitħaddmu f'ġeneri oħrajn (Pratt, 181; Scofield, 237). Fil-qosor tagħha, in-novella taf tidher bħala ġeneru ideali għall-qarrejja tal-lum il-ġurnata minħabba li iżjed ma jmur, aktar il-bnedmin qed tonqsilhom l-attenzjoni tagħhom iżda fl-istess waqt, minħabba l-istess ċokon, in-novella tħalli ħafna affarijiet barra, fosthom l-għeluq, u dan jagħmilha iżjed impenjattiva mir-rumanz. Tipikament u tradizzjonalment, in-novella tikkonċentra fuq ġrajja waħda u karattru wieħed. Din tidher ukoll fin-novelli Maltin ta' qabel is-seklu wieħed u għoxrin. Madanakollu, din it-tendenza tidher li qiegħda tinbidel u huma bosta n-novelli tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin li qegħdin jirrakkontaw aktar minn episodju wieħed u li fihom żdiedu l-protagonisti. Barra minn hekk, ħafna drabi dawn in-novelli jispiċċaw b'għeluq. Donnu li dan il-ġeneru qiegħed jipprova joħloq effetti simili għal dawk misjuba f'rumanz. Aktarx li minħabba l-ħajja mgħaġġla tal-lum, il-bnedmin qegħdin isibu inqas ħin biex

jaqraw ir-rumanz u n-novella donnha qiegħda tipprova tikkompensa għal dak in-nuqqas. Għaldaqstant hija pjuttost ironika t-tendenza li l-bnedmin jippreferu jaqraw ir-rumanzi iżjed min-novelli. Mill-banda l-oħra, it-tul tar-rumanz jista' jitqies bħala antidotu għall-komunikazzjoni qasira ħafna u l-immedjatezza tas-seklu wieħed u għoxrin. Għaldaqstant, jista' jkun li l-qarrejja qegħdin jissaħħru bl-oppost ta' dak li qiegħed jiġri fir-realtà. Xorta waħda jibqa' punt dibattibbli minħabba ideat kuntrastanti dwar dan is-suġġett.

## 2.

## L-isfond storiku tan-novella l-ġdida

Bit-twaqqif tal-Moviment Qawmien Letterarju, il-mentalità tal-kittieba saret iżjed kontinentali (Attard 166-7). Minkejja dan, sa nofs it-tmeninijiet, l-istat Malti kien għadu mhux miftuħ għalkollox, speċjalment kummerċjalment, bl-indħil tal-istat fl-ekonomija tal-pajjiż u bit-tħaddim tal-ideoloġiji Soċjalisti u Nazzjonalisti (Briguglio 215). Dan l-għeluq huwa rifless fil-kitbiet Moderni li, għalkemm bdew jinfluwenzaw ruħhom mill-istili ta' kitbiet internazzjonali ta' dak iż-żmien, baqgħu marbutin sew mal-ambjent Malti. Id-disgħinijiet kienu l-perjodu li fih Malta bdiet tinfetaħ verament għall-kultura barranija, speċjalment għal dik Ewropea, għax minbarra l-iżviluppi mgħaġġla li bdew isiru fit-teknoloġija diġitali, Malta bdiet taħdem biex tissieħeb fl-Unjoni Ewropea. F'temp ta' ġenerazzjoni, f'Malta kien hawn movimenti ekonomiċi, politiċi u soċjali li f'pajjiżi oħra seħħew gradwalment u dan wassal sabiex sal-2017, il-livell tal-għajxien f'Malta għola sew (Caruana Galizia 1-2). Il-kittieba ta' dan il-perjodu kienu konxji mill-bidliet u l-progress li kienu qegħdin iseħħu f'Malta u l-kitba tagħhom bdiet tesplora stili u temi differenti minn dawk ta' qabilhom.

Fid-disgħinijiet bdiet tissemma aktar minn qatt qabel il-globalizzazzjoni li, bis-saħħa tat-teknoloġija diġitali, kompliet tespandi fis-seklu wieħed u għoxrin. Peter Boxall jiddeskrivi lis-seklu wieħed u għoxrin bħala seklu ddominat mill-veloċità teknoloġika bl-avvanzi tal-kompjuters, mobiles, satelliti u internet li ħolqu komunikazzjoni elettronika li tilħaq il-veloċità tad-dawl (3-4). L-avvenimenti ta' 9/11, il-katastrofi ambjentali, il-prezz taż-żejt, il-falliment tas-servizzi finanzjarji u l-ideal neoliberali li nqata' minn dak soċjali demokratiku huma xi wħud mill-iżjed avvenimenti li influwenzaw lis-seklu wieħed u għoxrin (Adiseshiah u Hildyard 2). Iżda fuq kollox, l-iżjed affarijiet li qed jaffettwaw lill-kulturi u lill-ekonomiji f'dawn iż-żminijiet huma l-globalizzazzjoni, il-konsumeriżmu u l-kummerċ (Adiseshiah u Hildyard 2).

Din ir-realtà biddlet il-mod ta' għajxien u magħha l-ħarsa narrattiva. Mark Currie jargumenta li n-narrattiva ma għadhiex marbuta mal-letteratura biss iżda nfetħet għal narrattivi mill-ħajja ta' kuljum, fosthom il-films, il-filmati tal-kanzunetti, ir-riklami, it-televixin, il-gazzetti u l-ġurnaliżmu (1-2). Dawn l-affarijiet qed isawru l-mod ta' kif in-nies jassorbu dak li jisimgħu, jaraw u jaqraw. Il-bnedmin tas-seklu wieħed u għoxrin għandhom aċċess għal ħafna affarijiet fi ftit ħin u l-ħin kollu jassorbu informazzjoni minn għejun differenti li kollha qed iwasslu xi tip ta' rakkont.

Kien hemm diversi kittieba li ħadu l-avvanz teknoloġiku bħala suġġett ċentrali u ħolqu rakkonti ta' karattri li ħajjithom ġiet mhux biss invaduta imma ddeterminata minn dawn l-avvanzi. Fost dawn il-kittieba hemm Douglas Coupland b'pubblikazzjonijiet bħal *Generation X* (1991), *Microserfs* (1995) u *JPod* (2006); Dennis Cooper bir-rumanz *The Sluts* (2004); Joshua Cohen bil-ktieb *The Book of Numbers* (2015); u I. Mifsud bin-novelli "Id-Dnub li l-Kandidat ma Jridx Iqerr" f'*Il-Ktieb tal-Maħbubin Midruba* (1999) u "Kont Ħsibt li l-Fjuri Kollha Mietu" f'*L-Istejjer Strambi ta' Sara Sue Sammut* (2002) li għandhom forma ta' chatline.

F'dan il-kapitlu se tingħata ħarsa lejn il-ġrajjiet ewlenin li sawru d-disgħinijiet u l-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin, il-perjodu li fih l-awturi magħżula bdew jiktbu u jippubblikaw xogħolhom. Fl-ewwel parti se tingħata ħarsa lejn dawk l-avvenimenti internazzjonali li kellhom impatt storiku sostanzjali. Wara se jiġu evalwati dawk l-avvenimenti li sawru lil Malta f'dik li hi llum permezz ta' ħarsa li titlaq mill-1987, billi din kienet is-sena li fiha Malta bdiet tinfetaħ ħafna iżjed minn qatt qabel għal dak li hu kontinentali.

## 2.1. Avvenimenti internazzjonali

### *2.1.1. Il-waqgħa tal-Komuniżmu fl-Ewropa*

Il-Komuniżmu fl-Ewropa tal-Lvant beda jitlef is-saħħa tiegħu lejn nofs is-snin tmenin tas-seklu għoxrin. L-Unjoni Sovjetika kellha problemi ekonomiċi kbar u d-diżastru tal-impjant nukleari f'Chernobyl fl-1986 seta' jidher bħala simbolu tal-bidu tal-waqgħa tal-Komuniżmu fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant ("Fall of Berlin Wall"). Fil-Polonja, aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, it-trade union Solidarność bdiet tkabbar il-popolarità tant li fl-1989 rebħet l-ewwel elezzjonijiet ħielsa u l-attivist Tadeusz Mazowiecki ġie elett bħala prim ministru. L-Unjoni Sovjetika aċċettat ir-riżultati Pollakki u dan kien ifisser li aktar pajjiżi kienu se jopponu l-Komuniżmu f'qasir żmien (Kaiser 183). Il-bidliet li bdew iseħħu fl-Unjoni Sovjetika taħt it-tmexxija ta' Mikhail Gorbachev fil-politika domestika u internazzjonali, għenu sabiex titjieb ir-relazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Lvant u tal-Punent. Waqt żjara li għamel f'Bonn f'Ġunju tal-istess sena, Gorbachev iddikjara li l-popli għandhom id-dritt jagħżlu s-sistemi soċjali u politiċi liberament, diwi ta' dak li qal f'Diċembru ta' qabel waqt l-indirizz tiegħu lin-Nazzjonijiet Uniti.

Timothy Garton Ash isemmi tliet fatturi li eventwalment wasslu għall-waqgħa tal-ħajt ta' Berlin. L-ewwel fattur kien il-ħajt innifsu li poġġa piż psikoloġiku u wassal għal ħafna suwiċidji minħabba s-sistemi li dan il-ħajt kien jippreżenta u jippreserva. It-tieni fattur kien id-diskors ta' Gorbachev meta qal li t-truppi tal-pajjiż ma kinux se jużaw forza għall-kontroll tad-dimostrazzjonijiet (Garton Ash 65) u għamilha ċara li ma riedx jirrepeti l-massakru li seħħ fil-pjazza ta' Tiananmen f'Beijing (Kaiser 184). It-tielet fattur huwa t-tkissir tal-purtiera tal-ħadid li ffaċilita l-passaġġ għall-Ġermaniżi

tal-Lvant lejn l-Awstrija (Garton Ash 19) filwaqt li oħrajn qasmu bl-għajnuna tal-ambaxxati tal-Ġermanja tal-Punent f'Varsavja u Praga (66). Immedjatament wara l-waqgħa tal-ħajt ta' Berlin, l-Unjoni Sovjetika ddiżintegrat u ħafna repubbliki Sovjetiċi ddikkjaraw l-indipendenza tagħhom. Bejn Novembru u Diċembru waqgħu r-reġimi Komunisti kollha. Il-qofol tas-sena 1989 intlaħaq bi tmiem il-Gwerra l-Bierda. L-Unjoni Sovjetika tilfet il-poteri li kellha fl-Ewropa u ma setgħetx tikkompeti aktar mal-Istati Uniti, jew f'sens aktar ġenerali mal-Punent, u dan fisser li issa kien hemm superpotenza waħda biss – l-Istati Uniti (Halliday 82).

Il-waqgħa tal-Komuniżmu ġabet magħha sens ta' progress sakemm sentejn wara faqqgħet il-gwerra tal-Jugoslavja li nqasmet minħabba t-tensjonijiet bejn il-gruppi etniċi ta' kull repubblika li kienet tifforma dan il-pajjiż. Dan wassal għall-ewwel kunflitt militari fl-Ewropa mit-Tieni Gwerra Dinjija. Fl-1992 ġie ffirmat it-Trattat ta' Maastricht mill-istati membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea li bih ġew stabbiliti l-parametri tal-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju. B'dan it-trattat bdew il-pjanijiet għat-trasformazzjoni politika u ekonomika mill-Komunità Ekonomika Ewropea għall-Unjoni Ewropea. Sal-2004, l-Unjoni Ewropea u n-NATO bdew jinkludu fihom pajjiżi mill-ex-blokk Komunista.

### *2.1.2. L-avvanzi teknoloġiċi*

Fit-tmeninijiet bdew isiru avvanzi teknoloġiċi kbar u l-ottimiżmu li ġie bil-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin u l-waqgħa tal-Komuniżmu fl-Ewropa, kompla jikber b'dawn l-avvanzi teknoloġiċi (Tew, et al. 2). Dan ma jfissirx li d-dinja kollha bdiet tuża t-teknoloġija bl-istess rata u mill-ewwel deher żbilanċ bejn pajjiżi tal-ewwel u tat-tielet dinja fl-aċċessibiltà għat-teknoloġija (McChesney, et. al. 79; Poe 224). Fil-pajjiżi

żviluppati l-internet kien ilu jgħaqqad networks flimkien minn nofs it-tmeninijiet iżda dan kien diffiċli biex jintuża u fil-bidu tad-disgħinijiet, tnieda s-software World Wide Web, sistema li tuża l-internet sabiex taħżen, tirċievi u tibgħat id-dokumenti (Poe 214). L-internet inbidel minn spazju mingħajr kontenut għal wieħed eħfef biex jintuża, isbaħ viżwalment u mimli b'esperjenzi li persuni ordinarji setgħu jirrelataw magħhom (Campbell-Kelly u Garcia-Swartz 19). Sa nofs id-disgħinijiet, "surfing the net" saret attività komuni daqs il-qari tal-gazzetti, is-smigħ tar-radju u tat-televixin (Poe 214-5). Il-posta elettronika żdied l-użu tagħha fid-disgħinijiet b'sistemi li tawha sigurtà akbar. Dan kollu seta' jseħħ bil-faċilità li seħħ biha bis-saħħa tal-iżviluppi kbar li seħħew fil-kompjuteristika personali. L-informazzjoni fid-dinja virtwali, imbagħad ħadet dimensjonijiet differenti li ma kellhomx preċedent meta fl-1998 twaqqaf il-Google, fenomenu tant importanti li saħansitra fl-2006, l-*Oxford English Dictionary* daħħal il-verb *to google*.

Rivoluzzjoni teknoloġika oħra li bdiet fit-tmeninijiet kienet it-tnedija tal-ewwel mobile fl-1984. Dan kien jiżen aktar minn kilo u prezzu kien għali tant li seta' jintuża biss minn min kien sinjur ħafna. Sena wara, fl-Ingilterra bdew joperaw Vodafone u Cellnet li kienu joffru servizz ta' telefonija ċellulari. Għalkemm l-aspettattiva ta' dawn il-kumpaniji kienet li jkollhom 20,000 utent fi żmien għaxar snin, fi tliet snin biss irnexxielhom jattiraw aktar minn nofs miljun persuna u s-servizz tagħhom potenzjalment seta' jlaħħaq disgħin fil-mija tal-popolazzjoni. Dan is-suq kien tant b'saħħtu li l-mobiles bdew joħorġu iżgħar u orħos u tista' tgħid li llum il-ġurnata il-maġġoranza kbira tan-nies jifilħu jixtru mobile ("The Invention"). Fid-disgħinijiet intbagħtu l-ewwel SMSs u sa tmiem id-deċennju, dawn il-messaġġi saru parti integrali fil-ħajja soċjali taż-żgħażagħ ("The Invention"). Fl-1992 intbagħat l-ewwel

SMS bil-kelmiet "Merry Christmas" (Hubble, et al. 267) u ż-żgħażagħ ma damux ma ħolqu lingwa ta' kliem imqassar, inizjali u emoticons għall-fini ta' komunikazzjoni b'dawn l-apparati diġitali ("The Invention").

Il-kompjuters, l-internet, il-mobiles u anki l-logħob diġitali bħall-PlayStation li ħarġet fl-1994, kollha kkontribwew sabiex il-bnedmin isiru iżjed individwalizzati u jibdew igawdu iżjed l-ispazju personali tagħhom. Iż-żgħażagħ u t-tfal bdew ifittxu logħob li ma għandux bżonn interazzjoni fiżika u bdew jilagħbu logħob fuq il-kompjuter u mezzi diġitali oħrajn. Dan il-proċess, ovvjament, kien ilu li beda fil-pajjiżi affluwenti mill-inqas mis-snin ħamsin meta kien hemm diġà bosta familji ta' klassi medja li kellhom televixin id-dar. Biss biss, sas-sebgħinijiet, fl-Istati Uniti bdiet tikber it-tendenza li kull membru tal-familja jkollu televixin għalih personali (Poe 176-7). Il-cable TV kompla jagħti l-libertà u aċċess akbar lill-persuni għaliex issa bdew iħallsu biss għal dak li riedu jaraw u allura setgħu jagħżlu l-istazzjonijiet li jixtiequ li jkollhom aċċess għalihom. L-iżvilupp tal-walkman, il-VHS, id-diskman, is-CD u d-DVD u, illum il-ġurnata, l-mp3 li titniżżel mill-internet fisser li anki l-mod kif il-persuni jikkonsmaw l-esperjenza mużikali u viżwali sar aktar individwalizzat.

Ir-rivoluzzjoni teknoloġika wasslet biex anki l-mod ta' kif jitwasslu l-aħbarijiet jinbidel. Fid-disgħinijiet, stazzjonijiet bħas-CNN, Sky u AlJazeera bdew iwasslu l-aħbarijiet erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u s-CNN xandar għall-ewwel darba l-gwerra b'mod dirett meta l-kameras u l-ġurnalisti tiegħu kienu preżenti waqt l-attakki militari fuq l-Iraq fl-1991. Fl-1994, l-aħbarijiet fl-Ewropa bdew jitilgħu kuljum online permezz tal-gazzetta *Daily Telegraph* u fl-2007 tnieda l-*BBC iPlayer* li beda jxandar il-programmi televiżivi u tar-radju fuq l-internet. Illum hemm bosta portali tal-aħbarijiet li jxandru l-aħbarijiet u li jippubblikaw l-artikli tagħhom online.

Filwaqt li fis-sebgħinijiet bdiet it-triq għal aktar individwaliżmu, fil-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin bdiet mixja lejn soċjalizzazzjoni virtwali. Fl-ewwel deċennju tas-seklu l-ġdid ħarġu bosta pjattaformi bla ħlas li jagħtu lok biex persuni jiddokumentaw ħajjithom fuqhom. *Youtube* (2005), *Facebook* u *Twitter* (2006) kienu minn tal-ewwel li taw spazju lin-nies komuni jpoġġu materjal online bħal ħsibijiet, esperjenzi, ritratti u filmati. Jekk qabel l-internet kien ifisser li l-persuni jistgħu jfittxu l-informazzjoni xħin iridu, b'dawn il-mezzi l-istess persuni bdew jirċievu l-informazzjoni mingħajr ma jfittxuha.

### *2.1.3. Il-kultura popolari fil-Punent*

It-televixin kien fattur importanti li biddel il-kultura popolari lejn l-aħħar tas-seklu għoxrin. Jekk qabel fil-ħin tat-televixin il-familja kienet tinġabar u ssegwi flimkien, maż-żmien bdew deħlin aktar minn televixin wieħed f'kull dar. U jekk il-bnedmin bdew isiru iżjed silettivi u individwalizzati, kien hemm bżonn ta' iżjed stazzjonijiet u programmi diversi sabiex jolqtu l-gosti ta' kulħadd. Pereżempju sa qabel it-tmeninijiet, il-mużika u l-kanzunetti kienu jixxandru fuq ir-radju jew waqt xi programm televiżiv. Fl-1981 infetaħ l-istazzjon MTV li beda jxandar kanzunetti bil-video mużikali tagħhom erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Beda jkun hemm iżjed xandiriet diretti ta' avvenimenti importanti, ngħidu aħna t-tieġ tal-Prinċep Charles u l-Prinċipessa Diana fl-1981 u l-funeral tal-istess prinċipessa fl-1997, li segwewhom miljuni ta' persuni permezz ta' servizzi televiżivi diretti. Huwa meqjus li madwar żewġ biljuni u nofs minn madwar id-dinja segwew il-funeral tal-Prinċipessa Diana li xxandar dirett mill-BBC f'187 pajjiż b'44 lingwa differenti (Mahboob).

Fil-bidu tad-disgħinijiet, ġie inawgurat il-Premier League fl-Ingilterra u d-dħul mid-drittijiet li ġġenera l-istazzjon televiżiv BskyB, stazzjon li beda jxandar il-partiti diretti, ma baqax jinqasam mal-klabbs tad-diviżjonijiet l-oħra (Hubble, et al. 267). Il-prezzijiet tal-biljetti għolew u t-televixin, minbarra li ma baqax jagħti aċċess lil kulħadd, beda jiddetermina mqar id-dati u l-ħinijiet tal-partiti. Ir-riklami żdiedu u filwaqt li sa ftit snin qabel, ir-riklami kienu jintwerew f'nofs logħba, illum jintwerew anki waqtha. Bdew jiżdiedu wkoll ir-riklami waqt il-films li jintwerew fuq it-telvixin u llum diversi siti fuq l-internet saru joffru abbonamenti speċjalment għal min ma jkunx jixtieq jara r-riklami.

L-effetti tad-diġitalizzazzjoni u l-globalizzazzjoni nħassu wkoll fix-xena letterarja billi feġġet id-drawwa ta' "bestsellers" globali (Colebrook 37). Kotba bħal *Harry Potter*, *Da Vinci Code* u *Fifty Shades of Grey* ivvjaġġaw globalment. Bdew jitniedu kotba fl-istess ġurnata u fl-istess ħin madwar id-dinja kollha, b'lingwi differenti. Tant saret xi ħaġa globali li anki l-mezzi ta' kif jasal il-ktieb bdew jespandu, fosthom bil-ħruġ tal-films wara biss ftit żmien li jkun ħareġ il-ktieb. Dan kollu jindika bidla fil-mod ta' kif jiġu kkumerċjalizzati avvenimenti kulturali bħalma huma l-logħbiet sportivi u t-tnedijiet tal-kotba f'era kapitalista. Fid-disgħinijiet, mal-iżviluppi li bdew isiru fuq l-internet, l-audiobooks u l-e-books kabbru sew il-popolarità tagħhom u fl-2007 tnieda wkoll il-Kindle. Dawn huma modi oħrajn li bihom qed jiġu kkunsmati r-rakkonti.

## 2.2. Mumenti storiċi lokali

### *2.2.1. L-ekonomija Maltija*

Fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet, l-istat kien jikkontrolla s-suq u kien hemm tariffi għoljin fuq l-importazzjoni, xi ħaġa li tneħħiet meta nbidel il-gvern fl-1987 (Caruana Galizia 305). B’hekk, Malta setgħet tibni aktar relazzjonijiet ma’ pajjiżi barranin, speċjalment ma’ dawk Ewropej, b’investiment dirett barrani u bil-liberalizzazzjoni tas-suq u tas-settur finanzjarju li kabbru l-intrapriża privata u żiedu d-dħul nazzjonali (305). Dan il-ftuħ għas-swieq barranin wassal sabiex l-ekonomija Maltija kibret bid-doppju fuq medda ta’ għoxrin sena (305).

Fid-disgħinijiet bdew jinfetħu l-ewwel kumplessi kbar tax-xiri u d-divertiment u fil-bidu tal-elfejnijiet, ċerti ħwienet setgħu jibqgħu miftuħin sa tard u fi tmiem il-ġimgħa. L-istudenti Maltin setgħu jibdew imorru jistudjaw barra minn Malta bis-saħħa tal-programmi EU Socrates u Leonardo (Bonnici u Cassar 477). F’Malta bdew ġejjin studenti barranin biex jistudjaw l-Ingliż u fl-2004 kien hemm żieda sostanzjali fin-numru ta’ dawn l-istudenti (“Weekly News Highlights”, Mej. 2004). Malta bdiet tattira diversi kumpaniji barranin, fosthom dawk tal-ajru “low-cost” (“Week in Pictures”, Nov. 2012) li għamlu s-safar iżjed affordabbli u l-Maltin bdew isiefru ħafna iżjed minn qabel.

Ir-relazzjoni ta’ Malta ma’ pajjiżi barranin kompliet tikber bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea fl-2004 u bl-addottazzjoni tal-ewro fl-2008. Din is-sħubija fissret opportunitajiet ġodda għall-Maltin li xtaqu jmorru jaħdmu u jgħixu barra minn Malta. Fl-2005 applikaw 272 Malti għall-post ta’ traduttur mal-Unjoni Ewropea u sal-2010

kien hemm 500 ħaddiem Malti jaħdem għal din l-istituzzjoni, speċjalment fi Brussell u l-Lussemburgu ("Weekly News Highlights", Aww. 2005; "Week in Pictures", Jan. 2010). Żdiedu wkoll il-ħaddiema barranin f'Malta. Sal-2017, kien hawn 24,483 ħaddiem minn pajjiżi Ewropej, l-aktar mill-Ingilterra u l-Italja ("Week at a Glance", Apr. 2017). Il-popolazzjoni ta' Malta żdiedet drastikament u sal-2019, San Pawl il-Baħar biss ra żieda ta' 56% fil-popolazzjoni ("Week at a Glance", Sett. 2019).

### *2.2.2. It-teknoloġija*

Fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet, il-kompjuters f'Malta kienu ftit u kienu limitati għall-Università ta' Malta u għal xi ċentri oħra tar-riċerka. Dan għaliex il-kompjuters kienu għadhom għalja fil-prezz ("Maltese History"). Sal-1989 kienu diġà ġew ikkompjuterizzati ħafna mis-sistemi tal-gvern, fosthom dik tal-korp tal-pulizija (Bonnici u Cassar 446) u tar-Reġistru Pubbliku (474). Sa tmiem it-tmeninijiet, il-kompjuters personali saru iżjed aċċessibbli iżda l-bejgħ tagħhom f'Malta żdied l-aktar wara l-introduzzjoni tad-dial-up internet fl-1995 u l-broadband internet fl-2000 ("Maltese History").

Id-disgħinijiet mhux biss raw żieda fl-użu tal-kompjuters iżda raw ukoll l-introduzzjoni tal-cards tal-flus (plastic money) u tal-mobiles. Fis-sena 2000 tnediet il-Go Mobile, l-ewwel kumpanija Maltija li bdiet toffri s-servizz tal-mobile u sa tmiem dik is-sena kien stmat li terz tal-popolazzjoni Maltija kellha servizz tal-mobile. Minkejja din iż-żieda drastika, stħarriġ li sar is-sena ta' wara wera li n-numru ta' persuni li jużaw il-mobile f'Malta kien inqas mill-medja Ewropea ("Weekly News Highlights", 2001). Fis-sena 2001 l-abbonamenti tal-internet f'Malta żdiedu b'20 fil-mija ("Weekly News Highlights", 2001). Sal-2004, il-kompjuters u l-internet daħlu anki fil-qrati Maltin

u għall-ewwel darba, dik is-sena ngħatat evidenza minn Malta għall-Istati Uniti permezz ta' konferenza virtwali ("Weekly News Highlights", Apr. 2004). Bis-saħħa tal-mobiles u tal-internet bdiet il-komunikazzjoni elettronika u b'hekk il-Maltin bdew jagħmlu iżjed kuntatt ma' persuni li ma jgħixux f'Malta. Il-media soċjali kompliet issaħħaħ din il-komunikazzjoni.

Dan kollu beda jiġri f'Malta fl-istess żmien li beda jiġri barra. Għaldaqstant, filwaqt li sa ftit ta' snin qabel, drawwiet barranin kienu jdumu biex jaslu Malta, anki minħabba l-iżolament ġeografiku, issa l-Maltin beda jkollhom aċċess sħiħ u immedjat għal dak li kien qiegħed jiġri barra fl-istess perjodu. L-internet kompla jiftaħ lil Malta għall-kulturi barranin, speċjalment għall-kulturi tal-Punent. L-ismartphones u t-tablets, li daħlu saħansitra fl-iskejjel, komplew isaħħu l-individwalizzazzjoni tal-Maltin, u bix-xiri online bdew jaslu affarijiet li mhux bilfors issibhom minn ħwienet Maltin.

### *2.2.3. Il-pluraliżmu fix-xandir u l-libertà tal-espressjoni*

Fit-tmeninijiet, f'Malta kien hawn biss stazzjon televiżiv wieħed. Il-pluraliżmu fix-xandir beda fl-1991 bil-ftuħ ta' stazzjonijiet tar-radju privati li mhumiex tal-partiti politiċi u llum il-ġurnata, l-iżjed stazzjon tar-radju popolari huwa l-89.7 Bay; stazzjon privat li ma jappartjeni għall-ebda partit. Bis-saħħa tal-cable li daħal fl-1991, il-Maltin beda jkollhom aktar aċċess għal programmi televiżivi barranin u dan l-aċċess kompla jiżdied bis-satelliti u l-internet. L-ewwel żewġ stazzjonijiet televiżivi li nfetħu kienu dawk tal-partiti politiċi. Il-mod ta' kif ġew stabbiliti dawn l-istazzjonijiet poġġew fi żvantaġġ lill-istazzjonijiet privati li ġew wara minħabba r-reklamar li laħqu akkwistaw tant li għadhom l-iżjed stazzjonijiet televiżivi b'saħħithom sal-lum (Caruana Dingli u

Vassallo 13). L-istazzjonijiet privati f'Malta li mhumiex ta' xi stazzjon politiku huma biss erbgħa.

Il-pluraliżmu fix-xandir fisser li ċ-ċensura politika kienet spiċċat. Madanakollu, iċ-ċensura f'Malta baqgħet b'saħħitha, speċjalment fejn kienu jidħlu r-reliġjon u suġġetti oħrajn meqjusin tabù. Ngħidu aħna fid-disgħinijiet, il-ktieb *The New Joy of Sex* ma tħalliex jidħol f'Malta, il-film *Basic Instinct* twaqqaf wara ġimgħat fiċ-ċinema u lanqas ma seta' jinbiegħ mill-ħwienet, u l-programm "Midnight Club" ma baqax jintwera fuq il-Melita Cable ("Malta's Censorship"). It-teatru wkoll għadda minn episodji ta' ċensura. Fl-1996 u fl-1997 ġew iċċensurati d-drammi *The Duchess of Malfi* u *The Bible – The Complete Word of God* minħabba raġunijiet reliġjużi ("Malta's Censorship").

Fil-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin, iċ-ċensura dehret li se tibda tonqos billi daħal il-magażin *Playboy* u ttella' d-dramm *Sulari fuq Strada Stretta* wara tmienja u għoxrin sena miżmum ("Malta's Censorship"). Iżda fl-2009 reġa' kien hemm żewġ episodji oħra ta' ċensura u ġew imwaqqfa d-dramm *Stitching* u l-gazzetta studenteska tal-università *Ir-Realtà* minħabba n-novella "Li Tkisser Sewwi" ta' Alex Vella Gera. Dawn iż-żewġ każijiet spiċċaw il-qorti. Madanakollu, dawn kienu episodji rari u sabiex jiġu evitati iżjed ċirkostanzi ta' twaqqif ta' xi pubblikazzjonijiet artistiċi minħabba xi tip ta' ċensura, fl-2012, il-bord taċ-ċensura tneħħa, fit-teatru daħlet l-awtoċensura u fl-2013, prestazzjonijiet teatrali u artistiċi ma baqgħux marbuta bil-liġi tal-vilifikazzjoni u l-moralità ("Week in Pictures", Nov. 2013). Minkejja li l-libertà tal-espressjoni fl-ewwel għoxrin sena tas-seklu wieħed u għoxrin bdiet tiġi stmata ħafna iżjed minn qabel, fl-2017 din il-libertà ġiet mhedda bil-qtil tal-ġurnalista Daphne

Caruana Galizia. Dan il-qtil kien l-ewwel wieħed fuq membru tal-istampa f'Malta ("Week at a Glance", Ott. 2017).

### *2.2.4. Aspetti kulturali u l-qasam tad-divertiment*

Fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin, Jeremy Boissevain f'*Saints and Fireworks* bassar li l-festi f'Malta kienu se jispiċċaw. Madanakollu, fl-2013, fil-ktieb *Factions, Friends and Feasts,* huwa rtira dak li kien bassar għax innota li l-festi mas-snin kibru (263). Fl-2016, Valerie Visanich uriet kif, skont statistika tal-NSO fl-2017, il-popolarità tal-festi f'Malta żdiedet anki bejn l-2011 u l-2016 ("Increased Participation" 59). Il-festi Maltin huma fost l-iżjed tradizzjonijiet kulturali li adattaw għaż-żminijiet. Biżżejjed jiġi nnutat kif minbarra l-marċi tradizzjonali, bosta għaqdiet tal-banda qegħdin joħolqu kanzunetti b'mużika pop u lirika simili għal dawk tal-marċi. Barra minn hekk, matul il-ġimgħa tal-festa (u f'xi każijiet matul is-sena wkoll), il-każini tal-banda jorganizzaw parties immirati lejn iż-żgħażagħ tar-raħal. Għal dawn l-attivitajiet jattendu nies ta' kull età u mhux kollha jkunu mir-raħal, iżda dawn l-avvenimenti jistgħu jitqiesu bħala l-ewwel parties aċċessibbli għaż-żgħażagħ, anki għal dawk li jkunu għadhom taħt l-età għall-parties li jsiru fuq skala ikbar.

Fost dawn il-parties hemm ir-raves li raw il-bidu tagħhom f'Malta bejn l-1990 u l-1992 li kienu jiġu organizzati minn persuni qrib tal-kultura ta' dawn it-tip ta' parties f'Londra għal ċirku żgħir ta' ħbieb (Audrey Cassar 9). L-ewwel party għall-pubbliku ġie organizzat fl-1992 bl-isem ta' S.I.N. (*Sex is Natural*) (9). Ħafna żgħażagħ jiffrekwentaw dawn il-parties minħabba l-atmosfera ta' gost (10) u iżjed amikevoli minn dik tal-klabbs tradizzjonali (Casingena 11). Kemm Audrey Cassar (10) kif ukoll Claire Casingena (11) huma konxji tal-kritika mmirata lejn dawn il-parties,

speċjalment minħabba l-użu tad-droga ecstasy ikkunsmata waqthom. Fid-disgħinijiet bdew jittellgħu diversi kunċerti ta' kantanti u bands ta' fama internazzjonali li għadhom isiru sal-ġurnata tal-lum. Fl-2006 ittella' għall-ewwel darba l-kunċert *Isle of MTV*; kunċert bi dħul bla ħlas li minn sena għal sena jara bosta żgħażagħ Maltin u barranin. Bdew isiru rave parties immirati iżjed lejn udjenzi barranin. Dan juri li l-kultura Maltija bdiet dejjem tqarreb lejn dik Ewropea b'attivitajiet li mhux biss jixbhu lil dawk barranin iżda huma mmirati għalihom ukoll.

Bis-saħħa tat-teknoloġija li ġabet magħha aċċess ikbar għal stazzjonijiet televiżivi barranin, fosthom stazzjonijiet Ingliżi u Amerikani, u għal bosta pjattaformi online, Malta ma baqgħetx iżolata u l-kultura Maltija bdiet tinfluwenza ruħha ħafna iżjed minn qabel minn kulturi barranin, l-iżjed minn dawk tal-Punent. Il-cable TV fid-disgħinijiet u s-satellita fil-bidu tal-elfejnijiet komplew jagħtu palata għall-influss ta' din il-kultura Amerikana u fejn sa ftit tas-snin qabel il-Maltin kienu jitgħallmu t-Taljan minn fuq it-televixin, l-Ingliż sar it-tieni lingwa għat-tfal Maltin. Ma' dawn kien hemm id-dħul tal-VHS li ħoloq il-faċilità li film jintwera mid-dar stess. Fit-tmeninjiet, is-swali taċ-ċinema ta' Malta li kienu kważi f'kull raħal bdew jagħlqu kollha, għajr għal xi wħud li kienu juru films pornografiċi. Fid-disgħinijiet reġgħu bdew jiftħu swali ġodda b'sistemi sterjofoniċi, siġġijiet komdi u b'iżjed indafa u organizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali oħrajn, bħalma huwa t-teatru, iktar minn nofs il-Maltin marru jaraw film fiċ-ċinema fl-2012 u iktar minn tmenin fil-mija tal-films kienu Amerikani (Visanich, "Consumption and Leisure" 280). Dan juri li ċ-ċinema għadha fost l-iżjed forom rikreattivi mfittxija mill-Maltin, anki meta hawn ħafna mezzi oħrajn li bihom jistgħu jsegwu film mill-kumdità ta' darhom.

Il-qrubija ta' Malta mal-pajjiżi barranin u l-kulturi tagħhom kompliet tixpruna bis-safar li sar wieħed mill-iżjed forom ta' divertiment imfittxija mill-Maltin. L-aċċessibbiltà għas-safar kibret bil-linji tal-ajru low-cost li għamlu s-safar iżjed affordabbli. Dan daħħal drawwiet ġodda fost il-Maltin li bdew isiefru għal attivitajiet kulturali barranin, ngħidu aħna biex isegwu partita futbol fi tmiem il-ġimgħa, għal xi kunċert jew party, għas-swieq tal-Milied u xiri tar-rigali u anki żdied is-safar għal tmiem is-sena u l-bidu ta' sena ġdida. Dawn ir-raġunijiet huma differenti minn dawk ta' xiri bi rħis minn Londra f'Jannar jew minn Sqallija li kien popolari fit-tmeninijiet. Illum, min irid jixtri minn barra m'hemmx għalfejn isiefer iżda kemm sempliċiment jordna mill-internet.

Ix-xiri online huwa fenomenu pjuttost riċenti meta mqabbel mad-dħul tal-ewwel supermarkets f'Malta. Dawn bidlu l-mod ta' kif il-mara tad-dar tintegra mal-oħrajn. Filwaqt li qabel ix-xirja mingħand tal-merċa kienet isservi ta' soċjalizzazzjoni għan-nisa tad-dar, is-supermarket bidel din id-dinamika għal kollox. Dawn is-swieq taħt is-saqaf komplew iżidu fil-popolarità tagħhom meta l-mara ħarġet taħdem għax issa l-ħin ma baqax jippermetti li x-xiri jsir kuljum u minflok kellhom jibdew isiru xirjiet ikbar li jservu iżjed. Inbidlet ukoll il-kultura tax-xiri fosthom b'varjetà ferm usa' ta' prodotti u anki bl-ikel tal-friża, ikel lest diġà u konvenjenti. Fid-disgħinijiet tfaċċa l-fenomenu Amerikan tal-McDonald's, li fetaħ l-ewwel ħanut f'Malta fl-1995. Qabel id-disgħinijiet, il-ħwienet il-Ħadd ma kinux jiftħu għajr tal-gazzetti, dolċeriji jew pastizzeriji. Maż-żmien din ma baqgħetx u kien hemm ħafna iżjed ħwienet li bdew jiftħu nhar ta' Ħadd, fosthom anki ħwienet tal-ħwejjeġ.

### *2.2.5. In-nisa fis-soċjetà u d-drittijiet ċivili*

Fit-tmeninijiet bdew jiżdiedu n-nisa li joħorġu jaħdmu wara li fl-1980, in-nisa setgħu jibqgħu fl-impjieg wara li jiżżewġu ("NCW has come") fattur li saħansitra bidel il-ħinijiet tal-iskola f'Malta. Fl-1989, twaqqaf is-segretarjat għall-ugwaljanza tan-nisa u minn dik is-sena stess bdew jaħdmu l-ewwel pustiera nisa (Bonnici u Cassar 447). Fl-1991, f'Malta għaddiet liġi li bdiet toffri protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess (Bonnici u Cassar 457) u daħlu l-ewwel rekluti nisa mal-Forzi Armati ta' Malta (456). Sentejn wara, il-mara u r-raġel bdew jitqiesu legalment indaqs fiż-żwieġ (Bonnici u Cassar 470).

Bil-mod il-mod, in-nisa beda jkollhom iżjed pożizzjonijiet prominenti fid-dinja tax-xogħol. Fis-sena 2000, inħatret l-ewwel ambaxxatriċi mara, fl-2006 laħqet l-ewwel imħallef u fl-2007 laħqet l-ewwel dekan mara fl-Università ta' Malta. Fl-2014, Marie Louise Coleiro Preca saret il-President tar-Repubblika; it-tieni president mara wara madwar tletin sena. Fl-2019, inħatret l-ewwel imħallef mara Maltija fil-Qorti tal-Unjoni Ewropea. Minkejja dan, sal-2018, Malta kienet għadha lura meta mqabbla mal-medja Ewropea fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, speċjalment fis-setturi ekonomiċi u politiċi ("Week at a Glance", Ott. 2018).

Fil-bidu tas-seklu 21 Malta għamlet progress kbir fejn jidħlu d-drittijiet u l-libertajiet ċivili. Filwaqt li fid-disgħinijiet u l-bidu tal-elfejnijiet, persuna transesswali kienet iddum snin twal tielgħa u nieżla l-qorti sabiex tibdel isimha u sabiex tkun tista' tiżżewweġ, fl-2013 għaddiet liġi li bdiet toffri protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali. Sa sena wara koppji omosesswali setgħu jidħlu f'unjoni ċivili u sal-2017 setgħu jiżżewġu f'Malta u jaddottaw l-ulied. Fl-2018, Malta

kklassifikat fuq quddiem nett tal-Unjoni Ewropea fejn jidħlu d-drittijiet ta' persuni LGBTIQ+. Malta kienet l-ewwel pajjiż li kkriminalizza t-terapija għall-konverżjoni ta' persuni omosesswali fl-2016. Minkejja dan kollu, meta kien hemm "gay lobby group" li ta xi kotba lill-Ministeru għall-Edukazzjoni, il-ministru għamilha ċara li ma kienx ser iqassam dawn il-kotba fil-libreriji tal-iskejjel ("Week in Pictures", 2015).

Dawn il-libertajiet ċivili kienu qabża kbira 'l quddiem fil-mentalità Maltija, speċjalment meta jitqies il-fatt li sal-2010, f'Malta kien għadu lanqas hu legali d-divorzju. F'dan iż-żmien, minbarra d-divorzju li sar legali fl-2011, beda jiġi diskuss ukoll l-IVF, liema liġi għaddiet fl-2012. Il-Knisja f'Malta kienet titkellem ħafna kontra d-divorzju u l-IVF u l-proċess tal-IVF iddeskrivietu bħala "theddida fuq il-ħajja umana" ("Week in Pictures", 29 Lul. 2012). Għalkemm il-Knisja kienet qiegħda titkellem kontra dawn il-liġijiet, dawn għaddew xorta u dan kien ifisser li iżjed ma jmur l-Istat kien qed jitbiegħed mill-Knisja fil-valuri tiegħu.

Dan it-tbegħid tal-Istat mill-Knisja kompla jsir evidenti fl-2016 bil-legalizzazzjoni tal-pillola tal-għada filgħodu. Filwaqt li sitt snin qabel, l-Isqof ta' Għawdex kien saħaq li s-sistema edukattiva tista' tkun qed tabbuża mit-tfal jekk tgħallimhom dwar il-kontraċezzjoni, fl-2016 daħlet din il-pillola f'xi spiżeriji Maltin. Żewġ affarijiet oħra li għamlet Malta li ma kinux jissemmew sa ftit tas-snin qabel huma l-legalizzazzjoni tal-kannabis mediċinali fl-2017 u l-liġi tal-kremazzjoni bħala difna alternattiva fl-2019. Il-bidla fil-mentalità tal-Maltin dehret fi studju tal-Eurostat li fih instab li terz tat-trabi li twieldu f'Malta fl-2018 ma kinux fiż-żwieġ ("Week at a Glance", Aww. 2018). Is-sena ta' wara, l-Eurostat ħareġ studju ieħor li fih instab li Malta kellha l-inqas rata ta' fertilità fl-Unjoni Ewropea ("Week at a Glance", Mar. 2019).

Iż-żgħażagħ beda jkollhom sehem ikbar fit-tmexxija tal-pajjiż billi żgħażagħ ta' sittax-il sena bdew jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali fl-2014 u fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2018. Minkejja l-progressi kbar li għamlet Malta, kemm ekonomikament u anki ċivilment, fl-2019 instab li żagħżugħ jew żagħżugħa minn kull ħamsa, qegħdin f'riskju ta' dipressjoni, it-tielet l-ogħla rata fl-Ewropa ("Week at Glance", Aww. 2019).

### *2.2.6. L-immigrazzjoni irregolari*

Fid-disgħinijiet bdew jaslu f'Malta ħafna immigranti irregolari u sal-1999, l-ispazji ta' detenzjoni eżistenti ma kinux qegħdin ilaħħqu mal-wasla tal-immigranti li kienu ġejjin (Bonnici u Cassar 500). Minkejja li maż-żmien infetħu żewġ ċentri oħra, skont rapport tal-Kunsill Ewropew, sal-2004 dawn iċ-ċentri kienu għadhom mhumiex adattati biżżejjed biex jilqgħu n-nies għal perjodu twil ta' żmien u kienu ffullati ("Weekly News Highlights", Fra. 2004). Fl-2010 Malta kienet it-tieni l-aktar pajjiż fid-dinja li rċieva applikazzjonijiet għall-ażil minn persuni li ġejjin mill-pajjiżi Afrikani ta' taħt is-Saħara ("Week in Pictures", Mej. 2010). Is-sena ta' wara, l-immigranti komplew ġejjin minħabba l-gwerra tal-Libja u sal-2018 Malta kienet fost l-iżjed pajjiżi li għandha refuġjati ("Week at a Glance", Ġun. 2018).

Fl-2013, id-Dipartiment tal-Istat tal-gvern Amerikan avża liċ-ċittadini tiegħu sabiex joqogħdu attenti meta jiġu Malta minħabba vjolenza razzjali, speċjalment ġo Paceville ("Week in Pictures", Aww. 2013). Sentejn qabel, f'Malta kien miet Niġerjan wara li żewġ suldati tawh daqqiet ta' sikkina li allegatament kienu fatali ("Week in Pictures", 15 Lul. 2012). Fl-2018, żewġ suldati oħra ġew akkużati li qatlu kiesaħ u

biered lil Lassane Cisse filwaqt li ferew żewġ immigranti oħra b'tiri ta' arma tan-nar. Dan il-qtil beda jitqies bħala l-ewwel qtil b'motiv razzjali f'Malta.

## 2.3. Għeluq

Bejn id-disgħinijiet u l-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin Malta rat tibdil enormi fil-qasam ekonomiku u kulturali. Imnebbħa minn avvenimenti barranin, Malta bdiet issir iżjed liberali bil-ftuħ ekonomiku fid-disgħinijiet u bil-libertajiet ċivili fil-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin. Bl-iżviluppi tal-mezzi diġitali, il-Maltin ma baqgħux maqtugħin għalihom fuq gżira żgħira iżda saru parti minn dinja virtwali b'aċċess għal kważi kull rokna tad-dinja. Bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea, il-Maltin saru wkoll ċittadini Ewropej u kienu bosta li ħallew il-pajjiż għal xogħol aħjar fi stat Ewropew ieħor. Fi kliem ieħor, minn gżira iżolata u maqtugħa mill-kumplament, f'dan il-perjodu Malta saret hija wkoll parti mid-dinja gglobalizzata.

# 3.

# Kurrenti kulturali u filosofiċi li sawru l-bidu tas-seklu 21

Dan l-istudju qiegħed jagħraf il-Postmoderniżmu, il-Kożmopolitaniżmu u l-Femminiżmu tat-tielet mewġa bħala l-kurrenti filosofiċi u kulturali ewlenin li sabu rwieħhom fin-novelli mistħarrġa. Filwaqt li l-attitudni kożmopolitana tinħass fin-novelli tal-awturi magħżula, C. Azzopardi, Mejlak u Nabhan twieldu fl-epoka postmoderna u fl-istess żmien li twieldu l-esponenti ewlenin tal-Femminiżmu tat-tielet mewġa. Dawn it-tliet kurrenti kulturali u filosofiċi jinfurmaw lil dawn il-kittieba u jagħtuhom veduta tad-dinja aktarx differenti minn dik tal-kittieba ta' qabilhom, anki jekk l-istess kurrenti jinsabu fil-kittieba fi gradi differenti.

Il-Postmoderniżmu huwa kkaratterizzat minn "disorganization of culture into separate spheres and the ubiquitous interaction, sometimes convergence, of the fields" (Leitch 129). Il-media, il-kultura popolari, il-movimenti demokratiċi u s-suq ħieles, huma kollha aspetti kulturali li qegħdin jaffettwaw il-kultura postmoderna (Leitch 129). Madanakollu hemm element ta' kontradizzjoni għax fuq naħa jeżisti t-taħlit kulturali globali (kif jidher ngħidu aħna fil-mużika u l-ikel) iżda fl-istess ħin, hemm insistenza għal omoġeneità, (bħalma huma ristoranti bħal McDonald's u Burger King u l-menù offrut minnhom u r-reality shows fost oħrajn, li saru parti mill-kultura dominanti f'ħafna pajjiżi meqjusin bħala l-aktar żviluppati) (Leitch 129).

Il-Postmoderniżmu beda jiddubita fir-realtà minħabba l-influss ta' immaġnijiet li bdew jiċċirkolaw fis-soċjetà bl-iżviluppi teknoloġiċi li bis-saħħa tagħhom żviluppat il-media televiżiva u aktar tard, bil-kompjuters personali u bl-ismartphones li bihom żviluppat il-media soċjali. Il-Femminiżmu tat-tielet mewġa wkoll ra bidla fil-perċezzjoni tar-realtà billi identitajiet differenti qegħdin joħolqu normalitajiet u normi ġodda fis-soċjetà. Fil-ktieb *Undoing Gender*, Judith Butler tosserva li r-realtà soċjali

qiegħda tinbidel għax persuni drag, butch, femme, transġeneru u transesswali qegħdin iġiegħlu lis-soċjetà tirrifletti dwar x'inhi r-realtà u kif għandha tkun (29).

Il-Postmoderniżmu żviluppa bħala rispons għall-era postmoderna u l-mod kif bdiet tiżviluppa s-soċjetà, l-iżjed dik tal-Punent, mis-snin sittin 'il quddiem bl-iżviluppi fit-teknoloġija u l-effetti kulturali li din ġabet magħha. Mal-Postmoderniżmu żviluppaw it-tieni mewġa Femminista li bdiet bejn wieħed u ieħor fis-snin sittin, u t-tielet mewġa Femminista li bejn wieħed u ieħor laħqet il-qofol tagħha fid-disgħinijiet. Il-Postmoderniżmu daħal f'diversi sferi artistiċi u kulturali, iżda billi sas-sittinijiet in-nisa kien għad ma għandhomx drittijiet bħall-irġiel, il-Femminiżmu tat-tieni mewġa ħadem ħafna għall-akkwist ta' dawn id-drittijiet u minflok iddiversifika, baqa' marbut mal-Mara bajda ta' klassi medja. Il-Femministi tat-tielet mewġa ntebħu b'dan in-nuqqas min-naħa tal-moviment preċedenti u bdew ikunu ħafna iżjed inklussivi fid-diskors tagħhom, fejn bdew jinkludu nisa (u rġiel) minn kulturi, sfond soċjali u orjentazzjoni sesswali differenti.

Fl-era postmoderna l-attitudni kożmopolitana reġgħet bdiet tiġi diskussa speċjalment minħabba l-globalizzazzjoni u ż-żieda tal-abitanti metropolitani. In-numru ta' persuni minn pajjiżi differenti li bdew jaħdmu u jgħixu flimkien żdied sew, kemm fiżikament bil-metropolizzazzjoni ta' ħafna bliet, kif ukoll bl-aċċessibiltà li ħolqot it-teknoloġija diġitali. Il-Femminiżmu tat-tielet mewġa beda jitnebbaħ xi ftit jew wisq minn din l-attitudni meta beda joħloq narrattiva dwar nisa ta' reliġjonijiet u etniċitajiet differenti. Iżda filwaqt li l-Postmoderniżmu u l-Femminiżmu huma teoriji riċenti, perspettivi differenti ta' kif għandha tkun attitudni kożmopolitana jmorru lura saħansitra sa żmien il-Griegi tal-qedem. Għaldaqstant, l-ideat ta' kif għandhom ikunu

individwi kożmopolitani jvarjaw minn ħassieba għal oħrajn, bi wħud saħansitra jieħdu pożizzjoni opposta.

## 3.1. Il-Postmoderniżmu

Il-Postmoderniżmu huwa skola ta' ħsieb li ħarġet mill-era postmoderna. Jean-François Lyotard jemmen li l-Postmodern huwa l-"kundizzjoni tal-għarfien" dominanti fl-iżjed soċjetajiet żviluppati u li qiegħed jifforma "stat kulturali" li bidel il-mod ta' kif il-bnedmin iħarsu lejn ix-xjenza, il-letteratura u l-arti (xxiii). Ġeneralment jingħad li l-postmodernità bdiet fis-sittinijiet tas-seklu għoxrin, laħqet il-qofol tagħha fil-pajjiżi tal-Punent fit-tmeninijiet u sal-1989 iddominat ukoll pajjiżi eks-Komunisti, saħansitra ċ-Ċina (Forman 158). Dan il-perjodu jikkoinċidi mal-mixja tal-pajjiżi avvanzati tal-Punent minn sistema kapitalista għal dik ta' kapitaliżmu aħħari, anki jekk, kif jinnota Fredric Jameson fil-ktieb *Postmodernism* kif ukoll, qablu, Ernest Mandel fil-ktieb *Late Capitalism*, il-kapitaliżmu aħħari jibda jara l-bidu tiegħu sa mis-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Mandel jattribwixxi l-mixja mill-kapitaliżmu għall-kapitaliżmu aħħari għaż-żieda fl-użu tat-teknoloġija elettronika biex jitħaddmu l-magni u għall-introduzzjoni tal-enerġija nukleari (121). Huwa jgħid li mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l quddiem, il-kapitaliżmu sar ikkaratterizzat minn "generalized control of machines by means of electronic apparatuses (as well as by the gradual introduction of nuclear energy)" u jirreferi għal dan il-proċess bħala "the long wave of the third technological revolution" (121). Mandel jiddeskrivi s-soċjetà mmexxija mill-kapitaliżmu aħħari bħala waħda "reġimentata" għaliex fiha l-bnedmin ftit li xejn jistgħu jiċċaqilqu soċjalment minkejja li fiha l-ekonomija qiegħda l-ħin kollu tikber (500). Hija soċjetà li fiha l-borgeżija

tiddependi ħafna fuq l-istat u fuq organizzazzjonijiet statali (Mandel 502). Mandel iħoss li f'soċjetà bħal din l-istat qiegħed jaġevola lil grupp partikolari ta' nies sabiex dawn ikomplu jkabbru l-ekonomija tal-pajjiż u fl-istess ħin il-klassi tal-ħaddiema qiegħda tibqa' fl-istess livell. Mhux il-ħassieba kollha huma ta' din il-fehma però, tant li xi wħud jiġbdu l-attenzjoni li ma jistax ma jitqiesx il-fatt li f'soċjetà kapitalista hemm iżjed lok ta' żvilupp soċjali. Wieħed minn dawn huwa, Victor D. Lippit li fil-ktieb *Capitalism* jispjega li minkejja li l-kapitaliżmu ħoloq ċerti inġustizzji soċjali, jibqa' l-fatt illi l-livell tal-għajxien tal-persuni li jgħixu f'soċjetà kapitalista għola (xiii).

Mandel josserva l-ideoloġija maħluqa mill-kapitaliżmu aħħari u sottoskritta mill-klassi borgiża li t-teknoloġija hija "omnipotenti" għax kapaċi ssolvi kull problema (501). Għaldaqstant, irid mill-ewwel jiġi osservat li hemm rabta intrinsika bejn dawn l-iżviluppi ekonomiċi u l-fenomenu kulturali li beda jingħaraf bħala l-Postmoderniżmu. Fil-perjodu Postmodern, it-teknoloġija għamlet avvanzi straordinarji u bidlet b'mod radikali kif il-bnedmin jirrelataw mal-magna. Din ir-relazzjoni tidher, l-ewwel nett, fil-bżonn li l-magna taqdi. Il-magni bdew mhux biss jissodisfaw bżonnijiet antiki iżda bdew *joħolqu* oħrajn ġodda u għadhom jagħmlu hekk sal-lum. Dan l-iżvilupp sar aktar evidenti malli s-servizzi diġitali bdew isiru dejjem iżjed effiċjenti. Il-magni mhumiex jinħolqu bħala rispons għall-bżonnijiet tal-bnedmin iżda l-bnedmin qegħdin jirrispondu għall-faċilitajiet li toħloq il-magna. Aktarx li l-aktar eżempju ovvju huwa ċ-ċellulari li ma għadux sempliċiment strument għat-telefonija iżda sar jintuża għal skopijiet oħrajn li anki jekk fil-prattika mhumiex essenzjali, il-bnedmin bdew jemmnu li huma. F'dan l-istess rigward, illum il-ġurnata ħafna huma lesti li jkunu aċċessibbli għal kulħadd il-ħin kollu ta' ħajjithom billi jkunu online kontinwament.

Iż-żieda fil-komunikazzjoni tkompli ssaħħaħ il-kundizzjoni kulturali kapitalista għax bl-influss tal-media qiegħda tissawwar "soċjetà informattiva" ("information society"). Ironikament jinħass sens ta' sfiduċja fil-media u fl-informazzjoni trażmessa għaliex il-bnedmin huma konxji li l-informazzjoni tista' tiġi mmanipulata minn dawk fil-poter u mhijiex tintuża neċessarjament għall-avvanz tal-għarfien biss. Il-mezzi diġitali tal-lum huma neċessità iżda min-naħa l-oħra, bihom il-bnedmin qegħdin jiġu ttraċċati kontinwament u b'hekk qed jinħoloq sens ta' paranoia. Dan is-suspett u din il-paranoia huma dovuti għall-fatt li l-iżvilupp teknoloġiku ħoloq realtà kompletament differenti minn dik immaġinata f'eri passati (C. Butler 3).

Żvilupp ieħor li jikkaratterizza dan il-perjodu u li jillustra b'mod ċar ir-relazzjoni organika bejn il-bnedmin u l-magna huwa dak li Donna Haraway iddefiniet bħala l-organiżmu ċibernetiku ("cyborg"). Haraway temmen li l-persuni nnifishom saru parti umani u parti magni. Hija tiddefinixxi l-organiżmu ċibernetiku bħala "a hybrid of machine and organism, a creature of social reality as well as a creature of fiction" (5) u tisħaq li sa tmiem is-seklu għoxrin, il-bnedmin kollha saru ċibernetiċi (7). L-organiżmu ċibernetiku, fattur marbut mill-qrib ħafna mal-era postmoderna, bidel il-mod kif il-bnedmin jirrelataw mal-ġisem uman stess. Din l-attitudni tidher, fost l-oħrajn, fl-esperimentazzjonijiet ta' artisti bħal Stelios Arkadiou (Stelarc) u Orlan, li "esperimentaw b'ġisimhom biex juru kif fis-sitwazzjoni postumana l-konfini bejn il-ġisem uman u l-magna qegħdin jiġu sfukati" (I. Mifsud, *Studju* 10). Stelarc jemmen illi permezz tat-teknoloġija, il-ġisem jista' jevolvi u jiżviluppa ħafna aħjar:

> Coupled with technology, the body performs beyond the boundaries of its skin and beyond the local space it inhabits. The body becomes obsolete and invaded by technology. This empty body becomes a host for

> microminiaturised components that become biocompatible both in scale and substance (Stelarc 2).

Għalkemm ideat bħal ta' Stelarc jafu jidhru daqsxejn esaġerati, fir-realtà huma ħafna dawk il-persuni li għandhom xi apparat teknoloġiku ġo ġisimhom li jew jgħinhom fil-ħajja ta' kuljum – ngħidu aħna idejn u saqajn prostetiċi u bdil ta' ġogi fost l-oħrajn – jew saħansitra ħajjithom tiddependi fuq strument mediku-teknoloġiku, bħall-cardiac pacemakers.

It-teknoloġija qiegħda ssir iżjed raffinata minn hekk għaliex bl-inġinerija ġenetika, il-ġewwieni tal-bnedmin qiegħed jinbidel u għaldaqstant, eventwalment, l-evoluzzjoni tal-ispeċi umana tinbidel ukoll (Lynn). Dan kollu qiegħed jiġi rrappreżentat mill-artista Awstraljana Patricia Piccinini fis-serje "The Breathing Room" li, fi kliem l-artista nnifisha, tirrifletti l-ansjetà li qiegħda tħalli fuq il-bnedmin it-teknoloġija u kif qiegħda "tiddistabilizza s-sisien tal-ħajja" umana kif kienet magħrufa s'issa ("The Breathing Room"). F'intervista li saritilha, Piccinini tenfasizza li jinteressawha r-relazzjonijiet li l-bnedmin qegħdin jibnu ma' dak li hu reali u artifiċjali u dan għaliex tħoss li t-teknoloġija tant saret parti integrali mill-ħajja tal-bnedmin li spiċċat biex ħadet il-ħajja ("Go behind-the-scenes"). Sabiex tikxef ir-relazzjoni tat-teknoloġija mad-dinja naturali, fix-xogħol "The Lovers" hija tinnota l-mod kif it-teknoloġija saret xi ħaġa naturali fil-ħajja kontemporanja u turi dan permezz tax-xebh tat-teknoloġija mal-ħajja ta' annimal ("Those Who Dream").

Fl-era postmoderna l-perċezzjoni tar-realtà nbidlet għaliex il-bnedmin bdew jiddependu fuq materjal stampat u bdew jinteraġixxu ma' immaġni iżjed milli mal-oġġett innifsu. Ix-xandir televiżiv, li mill-ħamsinijiet beda dieħel sew fid-djar ta' pajjiżi

affluwenti, jisfoka dak li hu reali ma' dak li mhux billi joħloq xbieha u l-bnedmin jinteraġixxu magħha minflok mal-oġġett innifsu. Iżjed tard, bl-iżvilupp tal-kompjuter u l-ħolqien tal-internet, ix-xbihat bdew isiru iżjed reali mir-realtà u saħansitra bdew joħolqu realtà li mhijiex hemm. Jean Baudrillard isejjaħ dan il-fenomenu "simulacrum" u jsostni li s-simulazzjoni ċċajpar id-differenza bejn dak li hu "veru" u "falz", "reali" u "immaġinarju" u b'hekk, ħafna mill-invenzjonijiet il-ġodda qegħdin ikunu kopji bla oriġinal (*Simulation and Simulacra* 3).

L-argument dwar l-isfukar bejn ir-realtà u l-immaġni Baudrillard ifanndu fil-ktieb *The Gulf War did not Take Place* meta jisħaq li l-Gwerra tal-Golf ma seħħitx fir-realtà iżda fl-iperrealtà (27). Ir-rappurtaġġ ta' din il-gwerra mmanipula r-realtà tal-fatti. B'hekk, għal min segwa din il-gwerra mix-xandiriet televiżivi, din il-gwerra kienet biss simulacrum. Fl-ewwel esej minn tlieta miġbura f'dan il-ktieb, Baudrillard isostni li l-bnedmin "are no longer in a logic of the passage from virtual to actual but in a hyperrealist logic of the deterrence of the real by the virtual" (27). Fl-aħħar esej tal-istess ktieb, Baudrillard jargumenta li billi l-media ġabet biss dak li riedet hi, il-gwerra kienet biss virtwali. Il-media qatt ma ġabet lill-Amerikani u l-Iraqqini f'kuntatt: "when the Americans finally appeared behind their curtain of bombs the Iraqis had already disappeared behind their curtain of smoke" (62). Baudrillard jagħmel distinzjoni bejn ir-realtà televiżiva li esperjenzaw it-telespettaturi, u r-realtà viżiva esperjenzata mill-persuni li kienu fil-post u jikkonkludi li din hija l-era li fiha l-informazzjoni tinsatar (63).

F'din l-era, l-eżistenza tar-realtà ma għadhiex tittieħed bħala fatt iżda qiegħda tiġi ddubitata kontinwament (Torikian 100). Għaldaqstant qiegħda tinħoloq dinja "iperreali" għaliex l-oġġetti "awtentiċi" qegħdin jitwarrbu u minflok qed jiġu ppreferuti oġġetti "illużorji" li ġew immodifikati propju sabiex isiru aħjar mill-forom eżistenti

tagħhom (Torikian 100). B'hekk, il-loġika qiegħda ssir logħba għaliex ir-realtà u l-verità ma għadhomx l-istess ħaġa (Torikian 101). Bis-saħħa tat-teknoloġija, il-bżonn ta' preżenza umana għall-kreazzjoni tal-oġġetti qiegħed jisparixxi u minħabba f'hekk qiegħda tkompli tisfoka d-distinzjoni bejn ir-reali u l-illużorju (Torikian 103). Dan ifisser li l-magni qegħdin huma wkoll joħolqu realtajiet ġodda li l-bnedmin qegħdin jinteraġixxu magħhom. Eżempju prattiku ta' dan huwa kif Illum, iżjed minn qatt qabel, (minħabba l-esperjenza tal-pandemija tal-Covid-19) il-bnedmin irrealizzaw li bil-komunikazzjoni virtwali tista' faċilment taqdi l-bżonn ta' laqgħa mingħajr ma ssir wiċċ imb wiċċ. Meta f'epoki passati l-immaġinarju kien jitqies bħala x-xhud tar-reali, fl-era postmoderna u f'dinja mmexxija mill-prinċipju tas-simulazzjoni, ir-reali sar ix-xhud tal-mudell (Baudrillard, *Simulation and Simulacra* 123). Fis-soċjetà tal-lum mhuwa jiġi ivvintat xejn ġdid; minflok ma l-ideat ġodda qegħdin joffru invenzjonijiet oriġinali, l-invenzjonijiet qegħdin jirriċiklaw ideat antiki b'modi innovattivi (Fischer u Graham 30).

Sylvère Lotringer, fl-introduzzjoni tal-ktieb *Forget Foucault*, jattribwixxi l-iskadenza tar-realtà għall-iperrealtà li nħolqot bil-kapitaliżmu: "[Capital] had cancelled the principle of reality and substituted a codification of a higher order, a hyper-reality that made the real obsolete" (12). Ir-rivoluzzjoni fil-qasam komunikattiv permezz tal-iżvilupp teknoloġiku kienet fundamentali fl-era postmoderna billi, f'diwi ta' kliem Lotringer, il-komunikazzjoni ħadet post il-produzzjoni u l-ħaddiema bdew jiġu aljenati minn ġo djarhom stess minflok minn fuq il-post tax-xogħol (13-4).

Fid-daħla tiegħu għall-ktieb *Postmodernism*, Jameson jargumenta li l-Postmoderniżmu jħares iżjed lejn l-immedjat (ix) u b'hekk qiegħed jagħti lok għal interess ikbar fil-bnedmin u l-kulturi tagħhom għax f'soċjetà mħaddma mill-kapitaliżmu aħħari, il-kultura nnifisha qiegħda ssir komodità (ix-x). Waħda mill-iżjed

distinzjonijiet interessanti bejn il-Moderniżmu u l-Postmoderniżmu li jirreferi għaliha Jameson hija li filwaqt li l-Moderni jikkritikaw il-komodità, l-oħrajn jikkunsmawha (x).

### *3.1.1. Il-Postmoderniżmu, l-arti u l-letteratura*

Il-Postmoderniżmu ħareġ minn din l-era li fiha x-xbihat bdew jitħalltu u jitwaħħdu mar-realtà u b'konsegwenza ħolqu realtà ġdida għal kull individwu. Kummentaturi dwar l-arti Postmoderna bħal Hans Bertens huma tal-fehma li dan il-fenomenu kulturali jwarrab il-forom Moderni minħabba li dawn bdew jitqiesu pretensjużi u awtodirezzjonali (4). Xi ħadd bħal Lyotard, ngħidu aħna, jippreżumi li kellu jseħħ qtugħ mill-Moderniżmu għaliex issa dan kellu jittieħed, fi kliemu stess, b'suspett: "All that has been received, if only yesterday . . . must be suspected" (79). Bran Nicol jillustra dan il-qtugħ billi jagħraf id-differenzi fundamentali bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet. Il-Moderni baqgħu marbutin mal-arti formali, razzjonali, awtentika, profonda u oriġinali filwaqt li l-Postmoderni bdew iħalltu l-istili u l-ġeneri bil-bricolage u l-pastiche (Nicol 2). Filwaqt li l-karatteristiċi bażiċi tal-Moderniżmu huma s-sinċerità u l-ħeġġa ("sincere or earnest"), il-Postmoderniżmu jieħu xejra leġġera u fl-istess waqt ironika ("playful and ironic") (Nicol 2). Għaldaqstant, iċ-ċertezzi li bihom issawret il-modernità, fl-era postmoderna qegħdin jiġu sfidati.

L-arti Postmoderna daħlet f'sistema kapitalista għax minkejja li tidher bħala waħda laxka u li fiha "jgħaddi kollox," mhija xejn għajr dehra realistika tal-flus għaliex ix-xogħlijiet artistiċi, minflok ma qegħdin jingħatawlhom kriterji estetiċi, qegħdin jiġu assessjati skont il-profitti monetarji (Lyotard 76). L-istess bħal Lyotard, Baudrillard iħoss li s-suq tal-arti qiegħed joħnoq il-valur tax-xogħol artistiku: "we are experiencing a fetishism of value that explodes the very notion of a market and, at

the same time, abolishes the artwork as work of art" u jsemmi lil Andy Warhol bħala l-artist tal-"banalità" li elimina s-suġġett tal-arti u l-artisti nnifishom (*Conspiracy of Art* 44), u li mmekkanizza l-immaġnijiet meta ħoloq il-pop art (43). Ir-riklamar tal-erbgħinijiet u l-ħamsinijiet kien sors ta' ispirazzjoni għall-arti ta' Warhol li bl-użu ta' oġġetti komuni u bil-kummerċjalizzazzjoni tal-arti, ġab fix-xejn id-distinzjoni bejn l-arti għolja u dik popolari (Pagliari 652).

Din hija waħda mid-differenzi ewlenin bejn l-arti Moderna u l-arti Postmoderna, għax filwaqt li l-Moderniżmu jibqa' marbut ma' kunċetti ta' arti elevata, il-Postmoderniżmu jaqbad din l-arti u jippopolarizzaha billi jaqlagħha mill-mużewijiet u jpoġġiha fuq oġġetti ordinarji li jintużaw fil-ħajja ta' kuljum; b'hekk l-għoli u l-ordinarju jispiċċaw jidħlu (jew jiddaħħlu) f'relazzjoni simbjotika. Filwaqt li l-Moderniżmu joqgħod attent li ma jinġarrx mal-kurrenti tal-kultura kummerċjali, il-Postmoderniżmu jħaddan esperjenzi kulturali diversi, uħud popolari u wħud ta' natura ogħla, u jinħass f'attivitajiet varji, minn films u mużika sa kritika u teorija (J. Green 21). Pitturi famużi, ngħidu aħna l-"Mona Lisa," ma għadhomx merfugħin biss fil-mużewijiet iżda x-xbieha tagħhom qiegħda tidher fuq oġġetti ordinarji bħal postcards u flokkijiet (March-Russell 226). Dawn il-prodotti qegħdin jiġu kkummerċjalizzati bil-produzzjoni tal-massa u qegħdin jinbiegħu mill-mużewijiet infushom. L-istess qiegħed jiġri bil-mużika li ma għadhiex tiġi esperjenzata biss f'xi kunċert u minn min jiflaħ iħallas iżda saret aċċessibbli għal kulħadd. Għall-ewwel inħolqu l-casettes u s-CDs li ma kinux iqumu wisq flus u x-xerrejja beda jkollhom il-faċilità li jisimgħu l-mużika xħin iridu. Issa l-mużika tista' tindaqq b'xejn minn siti fuq l-internet bħal *Youtube*.

Il-kunflitt bejn il-Moderniżmu u l-Postmoderniżmu ġej mill-fatt li biex persuni jgawdu u jikkunsmaw l-arti m'għadx għandhom bżonn l-għarfien li esiġa l-Moderniżmu (Slethaug 16). Dan il-proċess jinħass fil-ġeneri kollha tal-arti, partikolarment fil-forom tal-mass media, ngħidu aħna l-films, il-mużika u x-xandiriet radjufoniċi, għaliex il-konsum u l-esperjenza artistika ma baqgħux il-prerogattiva ta' min għandu l-għarfien jew ta' tradizzjonijiet kolti (Slethaug 16). Xi kittieba Moderni li kienu marbutin sew mal-idea tal-arti elevata, fosthom Virginia Woolf, ħassew li l-films ma kinux artistikament affluwenti biżżejjed (17). Kritiku ieħor tal-arti Postmoderna huwa Theodore W. Adorno li f'"On Popular Music" jiddistingwi l-mużika popolari minn dik "serja" u jisħaq li tal-ewwel qatt ma tista' tilħaq il-livell ta' dik tal-aħħar (198).

L-arti Postmoderna ma baqgħetx tfittex "alternattiva drammatika għar-realtà" bħall-arti Moderna għax billi d-dinja diġà saret iperreali, l-arti kulma jonqosha huwa li ddur lejha nnifisha:

> (Modern) art managed to be a part of the accursed share, a kind of dramatic alternative to reality, by translating the rush of unreality in reality. But what could art possibly mean in a world that has already become hyperrealist, cool, transparent, marketable? . . . All it can do is make a final, paradoxical wink – . . . the wink of reality laughing at itself in its most hyperrealist form . . . of art laughing at itself and at its own disappearance in its most artificial form, irony. (Baudrillard, *The Conspiracy of Art* 26)

Fid-dinja r-realtà qiegħda tiġi sfumata mal-irrealtà u l-arti u l-letteratura Postmoderni qed ikollhom iħarsu lejhom infushom b'forom ġodda. Lyotard jemmen li l-Moderni bdew jippreżentaw dak li mhux preżentabbli b'forma li l-qarrejja kienu diġà midħla

tagħha (81). Mill-banda l-oħra, il-Postmoderni huma dawk li jippreżentaw dak li mhux preżentabbli permezz tal-forma nnifisha (Lyotard 81). B'hekk, il-Moderni bdew jippreżentaw temi ġodda b'forom eżistenti, forom li l-qarrejja kienu komdi bihom, filwaqt li l-Postmoderni bdew jinqdew bil-forma nnifisha sabiex jippreżentaw temi ġodda. Għaldaqstant, il-letteratura Postmoderna toħloq possibiltajiet artistiċi differenti u tiftaħ sferi intellettwali, morali u politiċi ġodda (Bertens 13).

Bejn tmiem is-sittinijiet u l-bidu tas-sebgħinijiet tas-seklu għoxrin, bdew jinħmew teoriji filosofiċi ġodda li tbiegħdu mill-eżistenzjaliżmu individwalista li ddomina l-ħsieb immedjatament wara t-Tieni Gwerra Dinjija u ħadu attitudni iżjed "xettika" u "anti-umanista" (C. Butler 6). Xi kittieba Franċiżi ġodda bħal Alain Robbe-Grillet u Philippe Sollers, bdew jitilfu l-interess fil-filosofiji u l-forom tradizzjonali tan-narrazzjoni u minflok bdew jesperimentaw b'lingwaġġ kuntradittorju, b'nuqqas ta' koerenza, b'iżjed karattri u b'logħob bil-lingwa "awtorjali" tagħhom (C. Butler 7). Uħud mill-intellettwali ta' dan il-perjodu, speċjalment dawk Franċiżi, bdew jużaw lingwaġġ li mhux dejjem jinftiehem u dan sabiex jesprimu reżistenza għat-teorija Kartesjana li ħarġet miċ-ċertezzi tad-dinja borgiża (C. Butler 9). L-interess fil-lingwaġġ li ma jimxix ma' loġika lineari u ż-żieda fil-logħob bil-kliem wasslu għal teorija letterarja iżjed milli filosofika; teorija li ma setgħetx tilħaq konklużjoni empirika għax il-logħob bil-kliem joħloq inċertezza fit-tifsir (C. Butler 9).

### *3.1.2. It-taħlit tal-fatti mal-finzjoni*

Il-kurrent postmodernista mess ukoll il-letteratura u dak li deher aktar 'il fuq jibda jikkaratterizzaha. Waħda minn dawn il-kwalitajiet hija t-taħlit u l-isfukar ta' dak li huwa reali mal-irreali. H. Porter Abbott iqarreb kemm jiflaħ ir-rakkont fattwali mal-

fittizju u jisħaq li, ġaladarba t-tnejn huma tip ta' narrazzjoni, iż-żewġ aspetti jistgħu jkunu preżenti f'xulxin. Huwa jġib eżempju bil-kitbiet storiċi għax billi fl-istorja dejjem ikun hemm x'tiskopri iżjed, l-istoriċi jistgħu jagħmlu ċerti assunzjonijiet (li jistgħu jitqiesu bħala stqarrijiet fittizji) u l-qarrejja jifhmu perfettament li dawn huma assunzjonijiet magħmulin mill-kittieba bbażati fuq l-evidenza misjuba sal-mument tal-kitba (146-7). Referenzi storiċi fil-kitbiet fittizji, mill-banda l-oħra, xorta waħda jġorru magħhom aspetti fattwali li l-qarrejja jistgħu jkunu diġà jafu dwarhom, anki jekk ma jkunux imsemmijin fl-istorja, iżda billi r-rakkont huwa meħud mill-perspettiva tan-narraturi, il-kittieba huma iżjed liberi u, għall-fini tal-istorja, jistgħu jgħawġu l-fatti (Porter Abbott 152). Dan għaliex rakkont fittizju joħloq dinja ġdida, u għalhekk il-verità, anki jekk tkun tixbah lil dik reali, tibqa' l-verità tad-dinja tar-rakkont u mhux tad-dinja reali (Porter Abbott 153).

Waħda mill-kuntradizzjonijiet fundamentali tal-Postmoderniżmu hija l-"preżenza tal-passat" ("the presence of the past") (Hutcheon, *A Poetics* 4). Dan huwa l-isem li ngħata lill-edizzjoni tal-1980 tal-Biennale ta' Venezja u li fiha ġiet rikonoxxuta l-arkitettura Postmoderna li warrbet l-ideal Modern u bdiet toħloq parodija storika (Hutcheon, *A Poetics* 4). Il-Postmoderniżmu ma jipproponix nostalġija għall-passat iżda kritika u ironija: "This is not a nostalgic return; it is a *critical revisiting*, an ironic dialogue with the past of both art and society, a recalling of a critically shared vocabulary of architectural forms" (Hutcheon, *A Poetics* 4; enfasi miżjuda). Il-fenomenu osservat minn Linda Hutcheon jidher ukoll fil-qasam letterarju, tant li tinnota li jeżisti ġeneru partikolari ta' rumanz li huwa awtoriflessiv, iżda aktar minn hekk, jagħmel referenzi għal ġrajjiet u persunaġġi storiċi. Dan il-ġeneru ta' rumanzi Hutcheon issejjaħlu "metanarrattiva storjografika"

("Historiographic metafiction") (5) u ssostni li rakkont bħal dan jinkludi tliet aspetti: dak letterarju, storiku u teoretiku għax "its theoretical self-awareness of history and fiction as human constructs . . . made the grounds for its rethinking and reworking of the forms and contents of the past . . . It is not just metafictional; nor is it just another version of the historical novel or the non-fictional novel" (5). Il-letteratura Postmoderna hija konxja tagħha nnifisha bħala kostruzzjoni magħmula minn avvenimenti storiċi flimkien ma' stejjer ivvintati, u din ir-riflessjoni ħolqot spazju għal kontenut u forom ġodda li tbiegħdu mir-rumanzi storiċi u mir-rumanzi mhux-fittizji (non-fictional).

Din il-letteratura tieħu mill-Istorja dak li għandha bżonn, iżżid u tnaqqas skont il-ħtieġa tar-rakkont u tal-karattri. Ma tħarisx lejn il-passat bħala xi ħaġa statika iżda timmodifika u tagħġen il-fatti storiċi għall-fini tar-rakkont. Ir-rakkont jagħmel l-Istorja l-istorja tiegħu. Barra minn hekk, ir-rumanz Postmodern Malti jiddistingwi lilu nnifsu mir-rumanz storiku għax iwarrab is-sentimenti patrijottiċi u minflok ma jibqa' jirrakkonta l-ġrajjiet storiċi tal-ħakmiet barranin fuq Malta, jibda jirrakkonta l-ġrajjiet politiċi mis-snin sittin 'il quddiem; perjodi politikament turbulenti li minkejja l-immedjatezza ta' dak iż-żmien, il-Moderni ftit li xejn tkellmu dwarhom.

Il-Postmoderniżmu ma affettwax biss il-kitba fittizja iżda affettwa wkoll dik fattwali għax l-istil tal-kitba fattwali sar jixbah lil dak tal-kitba fittizja. Brian McHale jiddeskrivi din it-tip ta' kitba bħala "journalistic reportage in which fact-finding is wedded with the formal methods of novelistic fiction" u jsejħilha "rumanz mhux-fittizju" ("non-fiction novel") (44). Dan ifisser li filwaqt li l-fatti storiċi bdew isibu

ruħhom fil-kitba fittizja, (anki jekk ma jkunux korretti għalkollox), il-kitba ġurnalistika bdiet tieħu xejra fittizja fl-istil tagħha.[1]

### *3.1.3. L-intertestwalità*

Bosta kritiċi, fosthom Julia Kristeva u Heinrich F. Plett, jargumentaw li l-kelma "intertestwalità" tista' tiġi interpretata b'modi differenti. Fil-ktieb *Desire in Language*, Kristeva tislet l-argument li f'test dejjem ikun hemm espressjonijiet meħudin minn testi oħrajn u dan il-fenomenu ssejjaħlu, appuntu, "intertestwalità" (36). Madanakollu, fil-ktieb *Revolution in Poetic Language*, hija tinnota li t-terminu "intertestwalità" jista' jkun ambigwu u minflok tuża l-kelma "traspożizzjoni" (60). Hija tiddeskrivi l-intertestwalità bħala t-"traspożizzjoni" ta' sinjali minn xogħol letterarju għal ieħor u, bis-saħħa ta' din it-traspożizzjoni, it-test jingħatalu tifsiriet multipli (59-60).

Plett jiddefinixxi t-terminu bħala "a text *between* other texts", iżda, simili għat-tħassib ta' Kristeva, huwa jistqarr li din id-definizzjoni tiddependi fuq l-interpretazzjoni tal-kelma "*between*" (5). Plett jargumenta li f'testi differenti jkun hemm referenzi għal testi oħrajn li flimkien jibnu relazzjoni bejn test u ieħor (5). Għaldaqstant, minkejja li jeżistu definizzjonijiet differenti tat-terminu "intertestwalità," jidher li hemm qbil li dan

[1] Hutcheon iġġib eżempju bl-artiklu "Death in Cannes", ta' Jerzy Kosinski, li deher fil-parti tad-dokumentarji fil-magażin *Esquire* fl-1986. Hija ssejjaħ dan l-artiklu u oħrajn bħalu "tipikament Postmodern" għax "the text refuses the omniscience and omnipresence of the third person and engages instead in a dialogue between a narrative voice . . . and a projected reader" (*A Poetics* 10). F'kitba bħal din, jitħaddmu żewġ stili li huma r-Realiżmu letterarju flimkien ma' dak tal-ġurnaliżmu fattwali. L-artiklu ta' Kosinski kien akkumpanjat b'numru ta' ritratti u Hutcheon temmen li permezz tagħhom ir-rakkont sar iżjed awtentiku għax permezz tal-viżwal il-qarrejja jħossu li dak li qegħdin jaqraw dwaru huwa veru (10).

huwa terminu li jirreferi għall-preżenza ta' test f'test ieħor u bis-saħħa ta' din il-preżenza tinħoloq relazzjoni bejniethom.

Gérard Genette isejjaħ kull relazzjoni bejn test u ieħor transtestwalità (1) u l-intertestwalità hija tip minnhom. Huwa jiddefinixxi l-intertestwalità bħala l-preżenza ta' test f'test ieħor: "the *actual* presence of one text within another" (2; enfasi miżjuda) u jislet tliet tipi ta' intertestwalità. L-iżjed forma bażika hija meta test jissellef direttament minn test ieħor bl-użu tal-kwotazzjonijiet (Genette 2). It-tieni tip ta' intertestwalità huwa l-plaġjariżmu li għalkemm ma jesponix ir-relazzjoni tiegħu ma' test ieħor daqs il-kwotazzjonijiet diretti, xorta waħda huwa self dirett minn test ieħor (Genette 2). L-allużjoni hija l-aħħar forma ta' intertestwalità li jsemmi Genette u din hija l-iżjed forma sottili għax sabiex tinftiehem, il-qarrejja jridu jibnu pont bejn dak li qiegħed jinqara u dak li nqara qabel (2). Jekk il-qarrejja ma jkunux midħla tat-test li qiegħda ssir l-allużjoni għalih, din tibqa' ma tinftihemx (Genette 2).

L-intertestwalità tinsab kemm f'testi letterarji kif ukoll f'testi li mhumiex għax it-tifsira ta' test tiddependi fuq "network" ta' relazzjonijiet bejn it-testi u sabiex il-qarrejja jaslu għall-interpretazzjoni jridu jsibu dawn ir-relazzjonijiet testwali (Allen 1). It-tifsir jibda jeżisti "between a text and all other texts to which it refers and relates, moving out from the independent text into a network of textual relations" (Allen 1). Għaldaqstant, it-tifsira ta' test ma tibqax teżisti indipendentement iżda tibda tirreferi u tirrelata ma' testi oħrajn.

Fost l-oqsma artistiċi li fihom element ta' intertestwalità, hemm iċ-ċinema, l-arti, il-mużika, l-arkitettura u l-fotografija (Allen 169). F'dawn il-każi, l-istess bħal dak li jseħħ f'testi letterarji, l-interpretazzjoni tiddependi mir-relazzjoni li għandhom ma'

forom artistiċi bħalhom u anki ma' forom artistiċi differenti (Allen 169-70). It-tifsir artistiku jiddependi kemm minn relazzjoni tax-xogħol ma' xogħlijiet mill-istess sfera artistika, kif ukoll ma' xogħlijiet artistiċi minn oqsma differenti. Allen jesprimi l-fehma li l-kultura Postmoderna hija ddominata minn intertestwalità ta' kodiċi għax il-media xxandar riproduzzjonijiet li qegħdin jiġu kkunsmati minflok ir-realtà: "in a Postmodern context intertextual codes and practices predominate because of a loss of any access to reality" (177-8). Dawn il-kodiċi u l-prattiċi jinfirxu kulturalment minħabba r-ripetizzjoni tal-media iżda fl-aħħar mill-aħħar, l-eżistenza tagħhom fis-soċjetà teżisti minħabba s-simulacrum li qiegħed jiġi esperjenzat minflok ir-realtà.

It-tifsiriet multipli li jingħataw lil test letterarju minħabba l-intertestwalità jistgħu jwasslu għall-parodija għax sabiex il-parodija tingħaraf f'xogħol artistiku, irid ikun hemm xogħol artistiku ieħor ma' xiex jitqabbel (Hutcheon, *A Theory* 31). L-intertestwalità f'kitbiet Postmoderni tista' tkun parodija tat-tradizzjonijiet u l-ġeneri involuti (Hutcheon, *A Poetics* 11). Dan ifisser li sabiex il-qarrejja jagħrfu li test huwa parodiku, għandhom bżonn jirrelataw dak it-test partikolari ma' testi oħrajn. Mingħajr din ir-relazzjoni, il-parodija tintilef għaliex, kif se jiġi diskuss fis-sezzjoni li jmiss, il-parodija u l-pastiche mhumiex tekniki li jistgħu jitħaddmu mingħajr relazzjoni ma' testi oħrajn.

L-osservazzjonijiet ta' Genette, Allen u Hutcheon jistgħu jgħinu lill-qarrejja kritiċi jifhmu l-ispirtu ta' xogħlijiet lokali li wkoll jużaw it-teknika tal-intertestwalità li waqt li xi drabi ssir b'mod sottili f'oħrajn tkun evidenti ħafna. Ngħidu aħna d-dramm *L-Interdett Taħt is-Sodda* jikkwota kelma b'kelma diskorsi politiċi u reliġjużi li ngħadu fi żmien il-kwistjoni politika-reliġjuża tas-snin sittin (C. Azzopardi 5), filwaqt li b'mod

aktar sottili, ir-rumanz *Jutta Heim* jislet minn diskorsi differenti ta' dak li kien il-Kap tal-Oppożizzjoni Joseph Muscat (I. Mifsud 113).

### *3.1.4. Il-pastiche u l-parodija*

Bħall-intertestwalità, il-pastiche u l-parodija jindikaw relazzjoni bejn test u ieħor jew oħrajn u huma wħud mir-relazzjonijiet li Genette isemmi fil-ktieb *Palimpsests*. Fil-fatt, waħda mir-relazzjonijiet transtestwali ta' Genette hija l-"ipertestwalità" ("hypertextuality") li fil-fehma tiegħu sseħħ meta test ("hypertext") jibni relazzjoni ma' test ieħor li ġie qablu ("hypotext") (5). Ir-relazzjoni ipertestwali tinbena b'imitazzjoni, ngħidu aħna bl-użu tal-pastiche (jiġifieri test li jimita test ieħor li ġie qablu) jew bi trasformazzjoni, pereżempju bl-użu tal-parodija (25). Hutcheon tibni fuq id-definizzjoni ta' Genette u targumenta li l-pastiche hija l-imitazzjoni ta' testi simili, li huma tal-istess ġeneru, filwaqt li l-parodija hija l-bidla kompleta ta' test f'ieħor differenti, trasformazzjoni li mhijiex kostretta b'ġeneri iżda hija iżjed miftuħa għax kapaċi tadatta iżjed (*A Theory* 38). Kemm Genette kif ukoll Hutcheon jiddistingwu l-parodija mis-satira u jisħqu li l-parodija ma twaqqax għaċ-ċajt testi oħrajn għax l-iskop tagħha mhuwiex li tnaqqas mill-mertu ta' testi passati iżda li tużahom għal produzzjoni estetika ġdida (Genette 27; Hutcheon, *A Theory* 44).

Dan il-fenomenu tbassar minn Jameson fil-ktieb *The Cultural Turn* li fih jinnota li l-arti Postmoderna tagħmel użu mill-pastiche għax mhumiex jinħolqu stili ġodda u għalhekk l-artisti kontemporanji qegħdin jipproduċu xogħlijiet imitattivi ta' "stili mejtin". Jameson iqis il-pastiche bħala dak il-metodu li ħa post il-parodija. Huwa jispjega kif minkejja li bħall-parodija l-pastiche jinqeda bl-imitazzjoni, dan tal-aħħar jelimina s-satira u għalhekk isir "blank parody" (17). Kontra dak li jgħidu Genette u Hutcheon,

Jameson iħoss li, l-ewwel, il-pastiche u l-parodija t-tnejn huma tekniki ta' imitazzjoni u, it-tieni, il-parodija hija teknika satirika. Għaldaqstant, skont id-definizzjoni ta' Jameson, il-pastiche hija teknika li fil-letteratura Postmoderna ħadet post il-parodija billi qiegħda tinqeda bi stili minn eri u xogħlijiet passati li jingħaġnu ma' dawk kontemporanji sabiex joħolqu xogħol artistiku ġdid iżda mingħajr l-iskop ta' żufjett.

Minkejja d-differenza fid-definizzjoni tal-parodija, jidher li hemm qbil dwar id-definizzjoni tal-pastiche li hija teknika li biha test jimita test ieħor li ġie qablu mingħajr l-użu tas-satira. Hutcheon tinnota li l-Postmoderniżmu bena pont bejn ġeneri letterarji differenti, ngħidu aħna bejn ir-rumanz u ġabra ta' novelli, bijografija, awtobijografija u kitbiet storiċi (*A Poetics* 9). Hija temmen li minkejja kollox, l-iktar "radical boundaries crossed, however, have been those between fiction and non-fiction and – by extension – between art and life" (10). Jekk, bħalma qiegħda targumenta Hutcheon, l-arti u l-ħajja qegħdin dejjem joqorbu aktar lejn xulxin, allura dan il-fenomenu qiegħed jidher iżjed fil-letteratura permezz tat-taħlit ta' ġeneru ma' ieħor. F'era li fiha r-realtà nnifisha qiegħda tiġi ddubitata sforz is-simulacrum li joħloq dinja iperreali, it-taħlit ta' ġeneru ma' ieħor jista' jitqies bħala sforz sabiex tiġi rrappreżentata r-realtà nnifisha li ma għadx għandha faċċata waħda iżda saret magħmula minn ħafna perspettivi differenti.

Fil-letteratura Maltija jispikka iżjed il-pastiche milli l-parodija bit-taħlit ta' ġeneri differenti li jidher ngħidu aħna fil-ktieb *Castillo* ta' C. Azzopardi, li fin-narrattiva daħħlet ukoll storja tad-detective, u fin-novella "Kap 1" ta' I. Mifsud fil-ġabra *Kimika*, li fiha r-rakkont jibda bi stil li jimita rumanz Romantiku u fl-aħħar jaqleb għal stil Postmodern bl-użu ta' djalogu bl-SMS. F'dawn iż-żewġ eżempji hemm ir-rakkont fir-rakkont, il-letteratura li tirrakkonta l-letteratura nnifisha.

Bl-inkorporazzjoni ta’ test f’ieħor bl-użu tal-intertestwalità, il-pastiche, il-parodija u t-taħlita tal-finzjoni mal-fatti, test Postmodern jingħatalu tifsiriet multipli. Din il-“possibbiltà ta’ aktar minn tifsira waħda f’kelma jew f’silta” Friggieri jsejħilha “ambigwità” (*Dizzjunarju* 36). Friggieri jsostni li ħafna drabi, minħabba l-multipliċità fit-tifsir, test ambigwu joffri sfida akbar sabiex jinftiehem mill-qarrejja (37). L-ambigwità hija prodott tal-era Postmoderna għax fiha kollox qiegħed jiġi ddubitat, anki r-realtà nnifisha; ma baqa’ xejn li huwa sħiħ jew komplut iżda kollox qiegħed isir ambigwu u fframmentat, u dan kollu qiegħed ikun rifless fil-letteratura.

Il-kultura Postmoderna hija “indeterminata” u tidher aħjar bis-saħħa tal-frammentazzjoni u l-ambigwità (Hassan 65). Il-Postmoderniżmu jinteressah biss mill-frammenti: “The Postmodernist only disconnects; fragments are all he [sic.] pretends to trust” (Hassan 168). Min-naħa l-oħra, Hutcheon tinnota li l-Moderniżmu fittex is-sħuħija, iżda l-Postmoderniżmu mhux talli ma segwiex din id-direzzjoni talli warrab imqar l-idea ta’ suġġett komplut: “Postmodernism works both to underline and to undermine the notion of the coherent, self-sufficient subject as the source meaning or action” (*The Politics* 108-9). Għaldaqstant, il-Postmoderniżmu beda jfittex it-tifsira fil-frammentazzjoni.

Thomas Lyons jiddefinixxi l-ambigwità narrattiva bħala teknika li biha l-qarrejja ma jkunux jistgħu jiddeterminaw min huwa l-kelliem għax tirrappreżenta esperjenza b’tali mod li tiċċajpar id-distinzjoni “between the character’s consciousness and the third-person narrator, so that it is impossible to determine who is the speaker for a given piece of text” (184). Għaldaqstant, l-ambigwità fin-narrattiva tinħoloq billi l-ħsibijiet tal-karattri jsiru dawk tan-narraturi u l-vuċijiet jitħalltu flimkien tant li l-qarrejja jibdew isibuha diffiċli jagħrfu min qiegħed jirrakkonta.

### *3.1.5. L-iperrealtà, is-cyberpunk u d-distopija*

Ir-realtà qiegħda l-ħin kollu tiġi ddubitata minħabba l-ħolqien tal-iperrealtà li Buadrillard jiddefiniha bħala dinja ġġenerata minn “models of a real without origin or reality” (1). Hutcheon temmen li l-Postmoderniżmu jfittex kontinwament it-tifsira ta’ x’inhi r-realtà billi r-rappreżentazzjoni nnifisha hija konxja mill-eżistenza tagħha bħala rappreżentazzjoni (*The Politics* 34). Għall-Postmoderni, ir-rappreżentazzjoni hija r-relazzjoni bejn il-kelma u d-dinja u għalhekk, ma baqgħux iħarsu lejn it-trasparenza tar-Realiżmu u r-riflessjoni tal-Moderni bħala xi ħaġa naturali (Hutcheon, *The Politics* 34) u minflok bdew joħolqu relazzjonijiet ġodda bejn l-arti u d-dinja (35).

F’soċjetà postmoderna l-esperjenza artistika qiegħda tiġi kkunsmata minn riproduzzjonijiet teknoloġiċi (Allen 176). Barra minn hekk, f’din l-era, ir-realtà bdiet tiġi sfidata l-iżjed bl-iżviluppi mgħaġġla tat-teknoloġija diġitali. L-esperjenzi mġarrba fiżikament mill-bnedmin qegħdin jinbidlu għax il-ġisem, għal raġunijiet miġjuba aktar ’il fuq, qiegħed isir iżjed “teknolifiku” (Haney II 57). Ir-relazzjoni bejn il-magni u l-bnedmin qiegħda tkompli toħloq dinja iperreali. Garen J. Torikian jgħid li sabiex tinħoloq dinja iperreali hemm bżonn it-teknoloġija, u l-arti Postmoderna nfisha qiegħda tuża l-magni sabiex timmanifesta ruħha (105). Anki Torikian jieħu lil Warhol bħala eżempju u jqisu b’artist tal-iperrealtà li beda juża persuni, oġġetti jew simboli li diġà jissimbolizzaw xi ħaġa oħra, u bħala dak li nieda l-“mekkanizzazzjoni” tal-estetika (106).

Wieħed mill-ġeneri letterarji Postmoderni huwa s-cyberpunk li, influwenzat minn dak kollu li huwa Postmodern (il-prominenza tal-media, il-postindustrijalizzazzjoni, il-kapitaliżmu aħħari), żviluppa sew fis-snin tmenin

(Sponsler 626-7). F'*The Cyberpunk Manifesto*, Christian As. Kirtchev jirreferi għas-cyberpunks bħala persuni differenti li "jgħumu" fit-teknoloġija tal-informatika, persuni li jgħaddu l-maġġoranza tal-ħin tagħhom jużaw apparati diġitali aktar milli jinteraġixxu ma' bnedmin oħrajn għax is-soċjetà ma tifhimhomx. Is-soċjetà ma tistax tifhimhom għax huma iżjed liberi minnha: "Society does not understand us, we are "weird" and "crazy" people in the eyes of the ordinary people who live far from information and free ideas. Society denies our way of thinking . . . They deny us for we think like free people, and free thinking is forbidden" (Kirtchev). Dan l-istil ta' ħajja identifikat minn Kirtchev wiled ir-rakkont cyberpunk li, bħalma jagħrfu tajjeb Paul F. Starrs u Lynn Huntsinger, kien il-faxxinu bit-teknoloġija ta' dak iż-żmien li ispira din it-tip ta' kitba (251). Dawn in-narrattivi mhux biss taw spazju lill-istorja nnifisha iżda bdew jistħajlu d-dinja bil-kompjuters u bil-magni teknoloġiċi fil-futur (Starrs u Huntsinger 254). F'dan l-ispazju ċibernetiku, il-bnedmin isiru magni (Starrs u Huntsinger 254). Il-letteratura cyberpunk hija xettika tal-awtorità u tiddubita l-awtonomija umana filwaqt li taffaxxina ruħha bil-mod li bih it-teknoloġija qiegħda tifforma l-imġiba tal-bnedmin (Sponsler 627). F'dawn in-narrattivi l-protagonisti huma antieroj f'dinja li ma tagħmilx sens, b'sigurtà dgħajfa u mingħajr rabta komunitarja (Sponsler 627).

Fir-rakkonti mnebbħa mit-teknoloġija u ċ-ċibernetika, jispikka l-ispazju distopiku. Saija Isomaa u l-kollegi tagħha, jinnutaw li l-inċertezza u l-kritika politika huma żewġ aspetti li jispikkaw f'rakkont distopiku (x). Lejn tmiem is-seklu għoxrin u l-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin, it-terminu "distopija" beda jirreferi għal soċjetajiet immexxijin minn dittatorjat u kif il-letteratura ħarset lejn dawn is-soċjetajiet li fihom iċ-ċittadini jispiċċaw oppressi għaż-żamma tal-ordni (Claeys 53). F'dawn ir-rakkonti jinħolqu dinjiet letterarji ġodda mnebbħa minn kulturi differenti u b'hekk, Isomaa et al.

jisħqu li r-rumanz distopiku għandu jitqies bħala ġeneru għalih għax mhuwiex sempliċiment diskussjoni ekoloġika jew teknoloġika (xv-xvi). Għaldaqstant, din in-narrazzjoni ma għadhiex titqies bħala narrazzjoni ta' fantaxjenza iżda saret ġeneru separat tematikament, narrattivament u storikament (Isomaa et al. xvi). Gregory Claeys, min-naħa l-oħra, jemmen li l-ġeneru tad-distopija huwa sottoġeneru tal-fantaxjenza għax jippreżenta bosta oġġetti teknoloġiċi u xjentifiċi fir-rakkonti tiegħu u ħafna drabi r-rakkonti distopiċi jkunu ambjentati fil-futur (54).

Minn wara l-ħamsinijiet, ir-rakkonti distopiċi bdew jieħdu xejriet usa' minn sempliċiment distopija soċjali (Claeys 59). Fil-ħamsinijiet bl-avvanzi teknoloġiċi, ir-rakkonti distopiċi bdew ibassru futur ikkontrollat mill-kompjuters (Claeys 59). Fis-sittinijiet, il-kittieba bdew jippreokkupaw ruħhom biż-żieda fil-popolazzjoni, il-possibbiltà ta' katastrofi ambjentali, dinja post-apokalittika wara epidemija u l-possibbiltà li r-robots isiru ċ-ċentru tal-ħajja umana (Claeys 60). Fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet, in-numru ta' rumanzi distopiċi jirrakkuntaw l-oppressjoni tan-nisa (Claeys 60). Mid-disgħinijiet 'il quddiem, ir-rakkonti distopiċi bdew jiffukaw iżjed fuq diżastri ekoloġiċi, katastrofi ambjentali, il-periklu tal-progress teknoloġiku u xjentifiku, il-cloning u l-massa soċjali (Claeys 60).

In-narrattiva distopika mhijiex limitata għal-letteratura iżda hija popolari fiċ-ċinema u anki fil-logħob diġitali, u ħafna drabi l-elementi distopiċi f'dawn in-narrattivi sikwit qegħdin jingħaqdu ma' elementi meħudin minn rakkonti dwar diżastri u salvataġġi li joħolqu dinjiet apokalittiċi, postapokalittiċi jew soċjetajiet totalitarji (Isomaa et al. xvii). Ħafna drabi, wara diżastru apokalittiku, is-soċjetà ssir totalitarja minħabba li fid-dinja jonqsu r-riżorsi drastikament u għalhekk jibda jkun hemm persuni li jiddominaw fuq oħrajn (Isomaa et al. xxii). Barra minn hekk, Isomaa u l-

kollegi tagħha josservaw li d-distopija post-apokalittika telimina t-teknoloġija sabiex tidher iżjed ir-relazzjoni ta' bejn il-bnedmin u l-ambjent ta' madwarhom; xi ħaġa li taħdem bil-kontra tal-fantaxjenza li dejjem tara kif se toħloq teknoloġiji ġodda (xxii). Għaldaqstant, teżisti differenza bejn il-ġeneru distopiku u l-fantaxjenza billi tal-ewwel iħares lejn il-bini mill-ġdid tad-dinja filwaqt li l-ieħor jikkonċentra fuq il-futur u t-teknoloġiji ġodda li jista' jġib miegħu.

## 3.2. Il-Kożmopolitaniżmu

Etimoloġikament it-terminu Kożmopolitaniżmu ġej mill-kelma Griega *kosmopolitēs* li tfisser "ċittadini tad-dinja" u sar jindika attitudni ta' persuni li jagħtu importanza akbar lill-umanità milli lill-belt jew stat fejn jgħixu (Conversi 34). Filosofikament, il-Kożmopolitaniżmu huwa mod kif il-bnedmin jiċċelebraw dak li hu lokali filwaqt li jħossuhom ċittadini dinjin (Vertovec u Cohen 8-9). Sabiex il-Kożmopolitaniżmu jkun ta' suċċess, il-bnedmin iridu jħarsu lejh bħala esperiment ta' ċivilizzazzjoni li tagħti kontribut lill-kultura dinjija bl-użu ta' lingwi u simboli kulturali differenti (Beck, *The Cosmopolitan Vision* 21). Samuel Scheffler jattribwixxi t-terminu "ċittadini dinjin" lil persuni li daqskemm iħossuhom parti minn gruppi differenti, iħossu wkoll li jappartjenu għad-dinja kollha kemm hi. Hu jispjega li "ċittadinanza dinjija" hija "one important form of membership among others, one important source of reasons and responsibilities among others. Cosmopolitanism, . . . insists only that one's local attachments and affiliations must always be balanced and constrained by consideration of the interests of other people" (259-60). Dan ifisser li sabiex persuni jkunu tassew Kożmopolitani, (u għalhekk ċittadini planetarji), għandhom l-ewwel u qabelxejn iħaddnu dak li hu lokali fl-istess waqt li jżommu f'moħħhom l-interessi ta' persuni oħrajn li mhux bilfors jagħmlu parti mil-lokal immedjat tagħhom. Robert Fine

u Vivienne Boon joħorġu b'argument li jmur lil hinn minn dan meta jqisu l-Kożmopolitaniżmu bħala raġuni għar-rikonoxxenza tal-aspett uman li l-bnedmin jaqsmu bejniethom. Għalihom il-Kożmopolitaniżmu huwa realtà *bis-saħħa* tad-differenzi bejn il-bnedmin u mhux *minkejja* tagħhom (6). Fi kliem ieħor, il-Kożmopolitaniżmu huwa ċelebrazzjoni tad-differenzi li jeżistu bejn il-bnedmin. Minkejja dan, il-Kożmopolitaniżmu fih l-isfidi tiegħu għax ma joffrix ir-"refuġju" li joffru gruppi sinifikanti bħall-familja u n-nazzjon, iżda joffri biss l-imħabba għall-umanità, "it offers only reason and the love of humanity" (Nussbaum, "Patriotism and Cosmopolitanism" 15).

L-attitudni kożmopolitana għandha tendenza tieħu żewġ xejriet. L-ewwel tip ta' Kożmopolitaniżmu huwa dak "morali" u jirreferi għall-mod kif persuni *jġibu ruħhom* ma' persuni li għandhom fehmiet politiċi u reliġjużi u kulturi differenti minn tagħhom (Appiah 222). It-tieni tip huwa dak "kulturali" u Kwame Anthony Appiah jattribwih għall-attitudni adottata mill-vjaġġaturi ħerqanin li *jsiru jafu* iżjed dwar il-kulturi u l-mod kif jgħixu persuni minn madwar id-dinja (222). Appiah iżda huwa kontra l-idea li l-Kożmopolitaniżmu jinqasam f'dawn iż-żewġ sferi għax jemmen li l-fulkru tiegħu għandu jkun il-valutazzjoni tal-ħajja umana flimkien mar-rispett lejn id-drawwiet u t-tradizzjonijiet varji li jeżistu madwar id-dinja.

Sabiex jintlaħaq dan il-għan, iż-żewġ forom flimkien għandhom iwasslu għal għarfien ħolistiku dwar "l-oħrajn": "The discourse of cosmopolitanism will add to our understanding only when it is informed by both of these ideals: if we care *about* others who are not part of our political order – others who may have commitments and beliefs that are unlike our own – we must have a way to talk *to* them" (222). Hawnhekk Appiah qiegħed isostni li mhuwiex biżżejjed, allura, li persuni b'attitudni

kożmopolitana jkunu konxji tal-"oħrajn" iżda jridu jsibu mod kif jikkomunikaw magħhom. Bħal Appiah, Nussbaum temmen li l-komunikazzjoni hija l-aħjar mod li bih il-bnedmin isiru kapaċi jirrispettaw it-tradizzjonijiet ta' persuni minn nazzjonijiet differenti. Hija ssejjaħ din il-komunikazzjoni "global dialogue" u tispjega li sabiex jinħoloq dan id-djalogu, mal-għarfien ġeoloġiku u ekoloġiku tal-pjaneta, għandu jingħata importanza l-għarfien dwar il-persuni li qegħdin jgħixu fi nħawi differenti tad-dinja ("Patriotism and Cosmopolitanism" 12). B'dan l-għarfien il-bnedmin ikabbru r-rispett lejn persuni oħrajn u lejn il-kultura u t-tradizzjonijiet tagħhom.

Fuq livell politiku jeżistu istituzzjonijiet li jgħaqqdu diversi pajjiżi, ngħidu aħna l-Unjoni Ewropea, sabiex jiġu diskussi problemi li jmorru lil hinn mill-istat individwali. Fl-istati individwali mbagħad, jinstabu diversi movimenti tas-soċjetà ċivili li jaħdmu favur oqsma speċifiċi li jaffettwaw l-għajxien tal-bnedmin bħala individwi (Vertovec u Cohen 9). Dawn iż-żewġ politiki għandhom iwasslu għal għarfien kożmopolitan għaliex meta l-bnedmin jibdew jaħdmu favur għan dinji jkunu qegħdin jirrealizzaw li dak li jagħmlu f'pajjiżhom se jaffettwa lid-dinja kollha. B'hekk, jibdew jirrealizzaw li huma parti minn dinja usa', b'kulturi differenti minn dawk li mdorrijin bihom huma, iżda li fl-aħħar mill-aħħar, il-bnedmin kollha għandhom responsabbiltà komuni lejn id-dinja globali (Schoene 6; Tomlinson 194).

Teżisti differenza bejn il-Kożmopolitaniżmu politiku u dak kulturali. Chike Jeffers jargumenta li l-Kożmopolitaniżmu politiku ma jħarisx lejn il-konfini ta' soċjetà magħluqa bi fruntieri stretti għax jemmen li l-ġustizzja għandha tapplika għad-dinja kollha (489). Il-Kożmopolitaniżmu kulturali, min-naħa l-oħra, iwarrab l-idea li l-bnedmin għandhom ikunu dipendenti fuq xi grupp soċjali partikolari u jisħaq li minflok għandhom isibu mezz kif jgħixu b'materjali kulturali differenti (Jeffers 489).

Għaldaqstant, f'dinja kożmopolitana, in-nazzjonijiet jiftħu l-fruntieri tagħhom li jissegregawhom minn pajjiżi oħrajn filwaqt li s-soċjetajiet f'dawn in-nazzjonijiet jużaw elementi kulturali minn pajjiżi differenti fil-ħajja ta' kuljum.

### *3.2.1. L-iżvilupp tal-attitudni kożmopolitana matul iż-żmien: L-aspett filosofiku*

Minkejja li wħud jistgħu jaħsbu li l-attitudni kożmopolitana hija waħda moderna, attwalment din kienet diġà teżisti fil-fehmiet ta' diversi ħassieba fil-Greċja Klassika f'kitbiet li jidhru bejn is-seklu ħamsa u s-seklu erbgħa QEK. Pauline Kleingeld u Eric Brown jintraċċaw il-bidu tal-ħsieb kożmopolitan minn żmien Platun u Aristotli. Huma jirrimarkaw li għalkemm dawn iż-żewġ filosfi nfushom ma kellhomx din l-attitudni, f'dan iż-żmien kien hemm diġà min qiegħed iqajjem punti kożmopolitani.

Fil-ktieb *Protagoras*, waqt diskussjoni bejn Sokrate u Protagoras, Platun jikkwota l-indirizz ta' Hippias li jirreferi għad-diversi semmiegħa bħala "citizens by nature and not by convention" (Platun 39). Dan juri li Hippias kien tal-fehma li hija n-natura li tagħmel lill-bnedmin ċittadini u mhux il-provenjenza tagħhom, u għalhekk, il-post huwa sempliċiment konvenzjoni li kapaċi twassal għal kunflitti li jmorru kontra n-natura (39). Bħal Hippias, Dioġeni kien jemmen li l-belt mhijiex xi ħaġa naturali u jiddefiniha bħala "konvenzjoni" (Brancacci 75). Hu ma ħassx li għandu jservi lill-belt ta' Sinope u tenna li bħala ċittadin tad-dinja għandu jservi lill-istat-dinji (Kleingeld u Brown). Kleingeld u Brown ikomplu josservaw li għalkemm m'hemmx evidenza li huwa kien favur l-introduzzjoni ta' stat-dinji, jibqa' l-fatt li ċ-Ċiniċi – u Dioġeni kien wieħed minnhom – kienu jemmnu li fil-ħajja l-bnedmin għandhom jgħixu skont in-natura u mhux skont dak li hu konvenzjonali.

Fit-tielet seklu QEK, l-Istojċi komplew jibnu fuq l-idea tal-istat-dinji. Dawn kienu jilqgħu nies ta' kull nazzjonalità fil-komunità tagħhom u ma kinux jiddistingwu bejn etniċitajiet, ġeneri jew klassijiet soċjali differenti għax kienu jemmnu li komunità tifforma minn xi ħaġa komuni – l-umanità (Hill 67). Dawn il-filosfi kienu jemmnu li persuni kożmopolitani jikkunsidraw li jitilqu minn belthom jew pajjiżhom sabiex jagħtu servizz f'belt oħra għax ma jsibux raġuni speċjali għala għandhom ikunu ta' servizz għan-nies ta' belthom iżjed milli għal dawk ta' barra. Individwi b'attitudni differenti mhumiex se jikkunsidraw l-emigrazzjoni (Kleingeld u Brown). Dawn il-filosfi kienu tal-fehma li l-bnedmin huma ċittadini dinjin għaliex kollha għandhom l-umanità li tgħaqqadhom u għalhekk ma għandhiex tkun xi ħaġa diffiċli għal persuni kożmopolitani li jitilqu l-belt jew pajjiżhom u jmorru jagħtu servizz xi mkien ieħor.

Hemm uħud li jagħtu interpretazzjoni reliġjuża lill-Kożmopolitaniżmu. Aktar minn mitt sena ilu, William A. Elliot esprima l-fehma li permezz tal-misteru Kristjan tal-*kenosis,* Ġesù wettaq il-missjoni tiegħu lid-dinja kollha u mhux lill-bnedmin ta' pajjiżu biss. Dan iwassal lil Elliot biex jargumenta li Ġesù kien Kożmopolitan għaliex ma kien jappartjeni għal ebda pajjiż anzi kien universali (139). Kleingeld u Brown jinnutaw li hemm xi siltiet bibliċi li jistgħu jinsiltu sabiex jitressaq l-argument tal-Kożmopolitaniżmu Kristjan, fosthom dik ta' San Pawl meta fl-ittra tiegħu lill-Efesin jenfasizza li l-bnedmin, ġejjin minn liema parti tad-dinja ġejjin, jistgħu jgħixu flimkien mal-qaddisin. Huwa jsostni li Alla jgħaqqad lil dawk li jemmnu fih f'poplu wieħed u għalhekk "ma għadkomx aktar barranin u frustieri, imma intom ċittadini flimkien mal-qaddisin u nies tad-dar ta' Alla, mibnija lkoll fuq is-sisien tal-appostli u tal-profeti" (Ef 2 19-20). F'dan is-sens, il-Kristjaneżmu, għall-inqas fil-prinċipji tiegħu, ma jiddistingwix bejn poplu u ieħor u jinsisti li kull poplu li jeżisti fid-dinja jista' jgħix ta'

Nisrani. Barra minn hekk, fil-Kristjaneżmu wieħed isib ukoll l-idea li l-bnedmin kollha ġejjin minn Alla (Arċidjoċesi ta' Malta 31) u b'hekk, li kull min jitwieled hu ħolqien ta' Alla, irrispettivament f'liema pajjiż.

Ġara iżda li, maż-żmien, denominazzjonijiet Insara differenti sabu ruħhom involuti f'diversi gwerer reliġjużi u dan juri li għalkemm fil-prinċipju l-Kristjaneżmu ma jagħmilx differenza bejn ġens u ieħor politikament jiddistingwi bejn persuni ta' reliġjon u oħra. Fis-seklu sittax Erażmu jistaqsi għala r-reliġjon Kristjana ma tagħtix importanza massima lill-paċi fid-dinja u r-rieda tajba bejn il-bnedmin (9). Huwa jżid li ħafna drabi l-glorja nazzjonali ma ġġibx magħha l-kuntentizza individwali (52) u dan għaliex il-gwerer li jinqalgħu minħabba raġunijiet ta' patrija qatt ma jġibu kuntentizza fil-bnedmin. Il-bnedmin huma msawra b'tali mod li jgħixu f'komunità tant li fin-natura tagħhom mhumiex dotati b'mezzi bijoloġiċi għad-difiża tagħhom bħalma huma kreaturi oħrajn (Erażmu 7). Erażmu kien jemmen li l-bnedmin jistgħu jgħixu f'armonija bejniethom għaliex in-natura sawrithom b'dan il-mod. Dan se jwassal għall-argument li l-gwerer bejn pajjiżi u reliġjonijiet differenti jmorru kontra n-natura tal-bnedmin.

Jidher li mhux il-Kristjaneżmu biss jassumi attitudni kożmopolitana. James B. Hoesterey, ngħidu aħna, fl-artiklu "Prophetic Cosmopolitanism" jislet l-argument tal-oratur Abdullah Gymnastiar sabiex juri kif Muħammad ukoll kellu attitudni kożmopolitana meta dan dar u nnegozja f'bosta pajjiżi biex kiseb ir-rispett ta' bosta popli: "In Gymnastiar's sermons, it is the figure of Muhammad as worldly, ethical trader, who achieved great honor and recognition during business expeditions to foreign lands, that defines him as cosmopolitan" (46). Bejn is-sekli ħmistax u sbatax, fix-Xlokk tal-Asja kien qiegħed isir ħafna kummerċ u l-portijiet saru kożmopolitani

għaliex il-Musulmani u dawk li mhumiex bdew jitħalltu kemm għal raġunijiet ta' negozju kif ukoll familjari (Aljunied 4). Khairudin Aljunied jgħid li waqt in-negozjar, il-preġudizzji personali, l-intoppi kulturali, l-inibizzjonijiet soċjali u d-differenzi ideoloġiċi jitħallew fil-ġenb (9). B'hekk, dawn il-portijiet saru "cosmopolitan port cities" u l-komunitajiet li kienu jgħixu hemmhekk kienu jaċċettaw il-lingwi, it-twemmin u l-kulturi ta' xulxin (Aljunied 4).

L-attitudni kożmopolitana f'pajjiżi differenti Ewropej reġgħet bdiet tinħass fl-Illuminiżmu biż-żieda tal-kuntatti bejn pajjiż u ieħor, minħabba l-imperi l-kbar li bdew jilħqu l-irkejjen kollha tad-dinja u billi l-vjaġġi kkommissjonati minn dawn l-istess imperi bdew iwasslu għal bosta skoperti antrolopoloġiċi ġodda (Kleingeld u Brown). Barra minn hekk, f'dak il-perjodu l-kittieba u l-ħassieba ħabbtu wiċċhom kontinwament maċ-ċensura tal-istat u għalhekk ħassew aktar il-ħtieġa li jaddottaw perspettiva Kożmopolitana bħala sfida lejn l-istat u n-Nazzjonaliżmu (Kleingeld u Brown). Kleingeld u Brown jissuġġerixxu li sas-seklu tmintax, it-termini "Kożmopolitaniżmu" u "ċittadini dinjin" saru jindikaw attitudni ta' persuni moħħhom miftuħ u imparzjali. Dawn iż-żewġ filosfi jżidu li b'Kożmopolitaniżmu wieħed seta' jifhem l-attitudni ta' persuni li ma jsegwux reliġjon jew awtorità politika partikolari u ma għandhomx preġudizzji kulturali. It-terminu "Kożmopolitan" beda jirreferi għal nies li kienu jgħixu f'ambjent urban, nies li jħobbu jsiefru u li kienu jgħożżu l-kuntatti internazzjonali, jew nies li jħossuhom komdi kullimkien daqslikieku qegħdin f'pajjiżhom (Kleingeld u Brown).

Sa ċertu punt, f'dan iż-żmien il-Kożmopolitaniżmu reġa' beda jieħu l-bixra proposta minn Dioġeni għaliex beda jintwera li r-reliġjonijiet u l-awtoritajiet politiċi mhumiex naturali iżda huma konvenzjonijiet li bihom il-bnedmin iħossuhom parti

minn komunità esklussiva. Fis-seklu tmintax, il-persuni kożmopolitani ma kellhomx rabtiet konvenzjonali iżda b'mod naturali kienu jħossuhom komdi kullimkien. F'dan iż-żmien il-Kożmopolitaniżmu beda jieħu bixriet ironiċi. Eżempju ta' dan huwa l-vjaġġatur Louis-Charles Fougeret de Monbron li fl-1750, fil-ktieb *Le Cosmopolite,* jiddikjara li jħossu ċittadin tad-dinja għax iħoss li ma għandu ebda affinità ma' pajjiż jew ieħor u jħossu indipendenti mis-sovranità tal-istati għax għalih kull pajjiż huwa ugwali (164). Minkejja li dar f'ħafna pajjiżi u ltaqa' ma' bosta ċittadini ta' soċjetajiet differenti, ironikament Monbron jammetti li kienu dawn l-istess popli li reġġgħuh lura lejn art twelidu, anki jekk kien jobgħodha (3). Dan is-sentiment ta' stmerrija juri li r-raġuni għall-vjaġġi tiegħu ma kinitx sabiex ikun ta' ġid f'pajjiż ieħor bħalma kienu jemmnu fl-emigrazzjoni l-Istojċi, iżda sempliċiment għax ma ħassx affinità ma' pajjiżu.

Sentimenti bħal dawn ta' Monbron iwasslu għad-diżapprovazzjoni ta' Jean-Jacques Rousseau li f'*The Social Contract* jargumenta li l-kożmopolitani huma nies li jiftaħru li jħobbu lil kulħadd sabiex ikollhom id-dritt li ma jħobbu lil ħadd: "those *so-called* cosmopolitans . . . who boast of their love for all so as to have the right not to love anyone. (174; enfasi miżjuda). Dan ifisser li għal Rousseau, persuni li jsejħu lilhom infushom kożmopolitani bħala ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' mħabba lejn ħaddieħor, mhuma fil-fatt kożmopolitani xejn. Helena Rosenblatt fl-artiklu "Rousseau, the Anticosmopolitan?" tiddiskuti l-filosofija insulari ta' Rousseau li kien jemmen f'soċjetajiet żgħar u esklussivi li ma jinkludux barranin (60) għax il-barranin huma dawk li "jinfettaw" il-komunitajiet bil-korruzzjoni (63). Iżda Rosenblatt tiddiskuti kif Rousseau jemmen li attitudni kożmopolitana mhijiex attitudni ħażina daqs kemm attitudni rari għax hemm bosta vjaġġaturi li jgħidu li jħobbu d-dinja iżda li fil-verità

jħobbu biss lilhom infushom (64). Hija tisħaq li Rousseau kien fil-fatt iżjed kożmopolitan fi ħsibijietu milli wħud jaħsbu (67). Ngħidu aħna f'*Emile*, il-Vigarju ta' Savojja ma jiddiskriminax bejn persuni ta' reliġjon u oħra u jħeġġeġ lill-bnedmin sabiex iħobbu lil xulxin daqslikieku kienu aħwa mingħajr ma jagħmlu distinzjoni (Rousseau 310). Lejn tmiem il-ktieb, wara li jkun vjaġġa madwar l-Ewropa, Emile jistqarr illi l-bnedmin kollha huma ħutu u għalhekk ma tagħmilx differenza fejn jgħix (Rousseau 472). Hawnhekk jinħoloq kunflitt bejn il-Kożmopolitaniżmu ta' Monbron u dak ta' Rousseau. Filwaqt li Monbron jammetti li għalkemm dar ħafna pajjiżi, xorta waħda ma jħossu komdu mkien, Emile jħossu komdu kullimkien; filwaqt li Monbron jistqarr li jistmerr lill-bnedmin, Emile jsejħilhom ħutu.

Għalkemm Rousseau kien jemmen fl-iżolament u l-għeluq tas-soċjetà, huwa kien jemmen fir-ruħ kożmopolitana li għalkemm jistqarr li hija xi ħaġa rari (Rosenblatt 64), meta l-attitudni kożmopolitana tkun awtentika hija tajba għaliex twarrab sentimenti nazzjonalisti u tiffoka fuq l-umanità (63). Madanakollu hu kien jemmen li meta f'soċjetà jidħlu l-barranin, dawn iġibu magħhom valuri perikolużi (Rosenblatt 63). Fil-kummenti tiegħu dwar Rousseau, Alexander Bevilacqua jtenni li hu kien jemmen fit-tiswir tal-istati sabiex jitnaqqsu l-kunflitti u l-gwerer (554-5). Minn dak li jgħid Bevilacqua, tista' tiġi preżunta l-idea li l-Kożmopolitaniżmu joffri l-isfidi tiegħu u meta persuni ta' twemmin u kulturi differenti jitħalltu, huwa ħafna iżjed faċli li jinħoloq xi tip ta' kunflitt.

### *3.2.2. L-iżvilupp tal-attitudni kożmopolitana matul iż-żmien: L-aspett politiku*

Il-pijunier tal-kunċett ta' parlament dinji, Anacharsis Cloots, jieħu direzzjoni opposta għal dik ta' Rousseau. Fl-artiklu tiegħu dwaru, Bevilacqua jsostni li Cloots

kien jemmen illi l-gwerer u l-kunflitti bejn il-bnedmin jieqfu biss jekk ma jkunx hawn iżjed stati (555). Bevilacqua jtenni li dan il-ħassieb kien jemmen illi l-bnedmin huma intrinsikament soċjevoli (simili ħafna fil-ħsibijiet ma' Erażmu) u għalhekk ma għandhomx bżonn lill-istat biex jibnu relazzjonijiet ma' bnedmin oħrajn (551). Għaldaqstant, Cloots jipproponi repubblika ġdida, "Repubblika tal-Umanità" jew "Repubblika Universali" (551) li tiġbor fiha d-dinja kollha, bil-bnedmin kollha li jabitawha.

Bħal Rousseau u Cloots, Immanuel Kant jesplora l-possibiltajiet ta' kif il-bnedmin jistgħu jgħixu f'armonija. F'"Toward Perpetual Peace", Kant jargumenta li fi stat repubblikan, iċ-ċittadini nfushom għandhom ikunu dawk li jiddeċiedu jekk jidħlux fi gwerra ma' stat ieħor jew le. Ġaladarba din id-deċiżjoni tkun f'idejn iċ-ċittadini, il-possibilità li l-istat jidħol f'kunflitt se tonqos għaliex l-ebda ċittadin ma jieħu gost bil-miżerja tal-gwerra (Kant 75). Bħal Cloots, Kant jemmen li l-popli għandhom jagħmlu parti minn komunità universali. Din il-komunità, jgħid Kant, tinħoloq permezz tar-relazzjonijiet paċifiċi bejn kontinent u ieħor li jkunu rregolati b'liġijiet pubbliċi (82). Kant jitkellem dwar stat internazzjonali li jiġbor fih lill-popli kollha tal-globu (81). Huwa jtenni li l-bnedmin għandhom jittolleraw lil xulxin għax kollha għandhom dritt komuni li jippossedu wiċċ id-dinja (82). Fuq kollox, kif josserva Xunwu Chen fil-kummentarju tiegħu dwar Kant, il-bnedmin għandhom isibu mezz kif jgħixu flimkien billi dawn kollha għandhom "legitimate shared ownership of the earth" (366). Kant jemmen li post it-twelid ma għandux jillimita lill-bnedmin milli jħossuhom ċittadini planetarji għaliex fl-aħħar mill-aħħar, l-istat jew pajjiż huwa wkoll parti mid-dinja u b'hekk huma għandhom sehem leġittimu minnha. Meta jibdew jagħrfu li posthom mhuwiex marbut

ma' belt jew stat partikolari u jibdew, minflok, iħossuhom ċittadini tad-dinja, tibda tinħoloq komunità universali li tiġbor fiha lill-bnedmin kollha.

Politikament, fis-seklu tmintax kien hemm interess fil-Kożmopolitaniżmu ekonomiku li, b'mod kurjuż ħafna, interessa kemm il-lemin kif ukoll ix-xellug tal-ispettru ideoloġiku. Kleingeld u Brown jiddiskutu l-idea ta' suq ħieles ta' Dietrich Hermann Hegewisch fil-kuntest tal-Kożmopolitaniżmu ekonomiku. Huma jargumentaw li fid-dinja li jipproponi Hegewisch, it-tariffi u r-restrizzjonijiet fis-suq globali għandhom jitneħħew biex b'hekk, is-suq jibda jieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-bnedmin, mhux il-gvernijiet. Dan il-liberaliżmu ekonomiku jwassal għal politika ta' anarkiżmu lemini, fejn iżjed ma s-suq isir ħieles globalment, iżjed l-irwol tal-istati se jsir negliġibbli (Kleingeld u Brown). Fuq in-naħa l-oħra ideoloġika, il-Kożmopolitaniżmu ekonomiku ġie kkundannat minn Karl Marx u Friedrich Engels għax f'għajnejhom dan ma kien xejn għajr kapitaliżmu (Kleingeld u Brown). Marx u Engels jargumentaw li l-borgeżija tisfrutta s-suq globali u tagħti xejra kożmopolitana lill-produzzjoni u l-konsumeriżmu (16). Sadattant, iżda, l-istess soċjaliżmu ta' Marx u Engels, iħeġġeġ lill-ħaddiema jingħaqdu f'isem il-klassi tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza u d-demografija, kif jidher fl-appell imqanqal fil-*Communist Manifesto*, li eventwalment sar l-għajta Komunista, biex il-ħaddiema tad-dinja kollha jingħaqdu: "Workers of all countries, unite!" (56). Verity Burgmann, appuntu, tattribwixxi dan l-ispirtu Kożmopolitan fil-manifest Komunista għall-ħsieb Illuminista. (39). Barra minn hekk, Pheng Cheah jara f'Marx Kożmopolitaniżmu proletarju li huwa forma fundamentali ta' solidarjetà bħala rispons għall-isfruttar li kien qiegħed jinħoloq mill-iżvilupp globali u mill-forzi tal-produzzjoni (490). Marx u Engels, waqt li jippromwovu l-attitudni kożmopolitana tal-proletarjat, josservaw kif l-istess attitudni

bdiet tintuża mill-borgeżija biex issaħħaħ il-kapitaliżmu. Għaldaqstant, din l-attitudni kożmopolitana borgiża kellha tiġi sfidata minn dak li Cheah isejjaħlu Kożmopolitaniżmu proletarju.

Fis-seklu tmintax, mar-Rivoluzzjoni Franċiża, bdiet tinfirex l-idea ta' nazzjon li kompliet tissaħħaħ fis-sekli dsatax u għoxrin. Thomas Goumenos jibbaża d-definizzjoni ta' Nazzjonaliżmu fuq dik ta' Ernest Gellner u jgħid illi n-Nazzjonaliżmu huwa prinċipju politiku li jorbot il-konfini kulturali ma' dawk politiċi (2). Ir-rivoluzzjoni Franċiża rristrinġiet il-prinċipji kożmopolitani tal-Illuminiżmu ta' "rights of man" u minflok ħolqot drittijiet għal dawk l-individwi "constituting the 'nation'" (Conversi 35). In-Nazzjonaliżmu nfirex mal-Ewropa u wassal għall-unifikazzjoni tal-Italja (1848 – 1871) u tal-Ġermanja (1871 – 1918). Iżda dan ġab diversi kunflitti u gwerer fosthom rivoluzzjonijiet kontra l-imperi Ewropej, ġenoċidji u ġlied fuq territorji (Goumenos 4). Fost dawn il-kunflitti kien hemm l-Ewwel u t-Tieni Gwerra Dinjija; żewġ gwerer li fihom l-idea ta' nazzjon kienet tintuża bħala propaganda sabiex il-poplu kollu jagħti sehmu fihom.

Bejn is-seklu dsatax u għoxrin bdew jinħolqu assoċjazzjonijiet internazzjonali li ppruvaw jiġbru individwi minn pajjiżi differenti għal għan komuni. Ngħidu aħna fis-seklu dsatax inħolqot l-International Association of Workingmen li, f'eku tal-appell ta' Marx u Engels, tisħaq li, "the emancipation of labor is neither a local nor a national, but a social problem, embracing all countries in which modern society exists" (Gryzanovski 341). Kleingeld u Brown isemmu għaqdiet bħall-International Red Cross and Red Crescent Societies u organizzazzjonijiet kontra l-faqar u jattribwixxu l-bidu tagħhom għall-Kożmopolitaniżmu morali tas-seklu tmintax minħabba li l-għan tal-organizzazzjonijiet huwa li jtaffi s-sofferenza umana, irrispettivament min-

nazzjonalità. Huma jargumentaw li valuri kożmopolitani ħolqu movimenti kontra l-iskjavitù, is-segregazzjoni razzjali, kif ukoll movimenti favur l-emanċipazzjoni tan-nisa.

Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija nħolqot il-League of Nations bl-għan li ssolvi l-kunflitti bejn il-pajjiżi qabel ma dawn jiżvolġu fi gwerra. Madanakollu, din l-għaqda sfaxxat fit-Tieni Gwerra Dinjija u minflok inħolqot in-Nazzjonijiet Magħquda li tlaqqa' fiha numru ta' pajjiżi sabiex jiġu diskussi u jinstabu soluzzjonijiet għal problemi komuni. Barra minn hekk, kemm wara l-Ewwel kif ukoll wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kien hemm tentattivi sabiex tinħoloq il-Qorti Kriminali Internazzjonali li eventwalment twaqqfet uffiċjalment fid-disgħinijiet. B'hekk l-individwi jistgħu jgawdu minn drittijiet internazzjonali li jisbqu dawk lokali (Kleingeld u Brown). Fid-disgħinijiet twaqqfet b'mod uffiċjali l-Unjoni Ewropea li kienet ilha tiġbor xi pajjiżi tal-Ewropa f'komunità waħda sa minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Unjoni Ewropea huwa "li toffri libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni" (L-Unjoni Ewropea). Għaldaqstant, meta stat jidħol membru fl-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini tiegħu jsiru ċittadini Ewropej, entità ikbar min-nazzjon individwali, u sussegwentament, f'komunità usa' minn dik lokali.

### *3.2.3. Il-globalizzazzjoni u l-multikulturaliżmu*

Il-Kożmopolitaniżmu huwa affettwat minn fenomenu ieħor magħruf bħala l-globalizzazzjoni li qiegħda tkun il-mezz li bih qed jitwasslu l-ideat kożmopolitani (Kaufmann 3). Din il-globalizzazzjoni qiegħda tiffaċilita t-taħlit kulturali u kapaċi twassal għal ethos kożmopolitan għax għalkemm mhijiex "a natural catalyst for empathetic dispositions, [globalisation] holds the potential to be a facilitator of

cultural convergence, acting as a potent mechanism in the spread of ethical values, and opening established national allegiances or ethnic ties up to a more cosmopolitan ethos" (Shaw 9). Il-globalizzazzjoni qiegħda xxerred valuri minn kulturi differenti globalment li jsawru l-attitudni kożmopilitana; xi ħaġa li qiegħda tiddefinixxi l-era ġdida tal-lum (Beck *Cosmopolitan Vision* 2).

Fis-seklu għoxrin, speċjalment wara t-Tieni Gwerra Dinjija, bosta pajjiżi bdew jiffurmaw gruppi u jiffirmaw trattati sabiex jiġu evitati kunflitti internazzjonali. Iżda l-Gwerra l-Bierda u l-Purtiera tal-Ħadid fl-Ewropa fissru li kien hemm qasma kbira fil-kontinent. Mad-diżintegrazzjoni tal-blokk Komunista, il-pajjiżi li kienu jagħmlu parti minnu saru parti min-network dinji li kien diġà jgħaqqad lill-pajjiżi l-oħrajn f'termini ta' vjaġġar u negozjar. Fl-istess perjodu, l-iżviluppi mgħaġġla fit-teknoloġija, speċjalment bid-dħul tal-internet, id-dinja kompliet tiċkien u saret iżjed globalizzata, fis-sens li l-bnedmin setgħu jikkomunikaw bejniethom f'inqas ħin u b'inqas flus, minkejja d-distanzi fiżiċi.

Id-dinja qegħdin narawha dejjem tiċkien u qegħdin insiru iżjed konxji li qegħdin ngħixu f'dinja waħda sħiħa. Roland Robertson jiddefinixxi l-globalizzazzjoni bħala kunċett li jirreferi għal "the compression of the world and the intensification of consciousness of the world as a whole" (8). Għalkemm il-pajjiżi kienu ilhom jinnegozjaw bejniethom, it-teknoloġija wessgħet il-fruntieri tal-kummerċ u l-bnedmin saru iżjed konxji ta' dak li qiegħed isir barra minn pajjiżhom. Il-konnessjonijiet u d-dipendenzi internazzjonali huma żewġ fatturi li qegħdin jigglobalizzaw id-dinja u saru jikkaratterizzaw il-ħajja soċjali moderna (Tomlinson 2). Ħafna drabi, it-terminu "globalizzazzjoni" jindika l-iżvilupp tal-ekonomija internazzjonali iżda huwa deskritt ukoll bħala "a natural process of society's development that cannot be stopped"

(Kostiuk, et al. 2). Il-globalizzazzjoni mhijiex sempliċiment attività ekonomika iżda d-dinja saret globalizzata għax kibru l-komunikazzjoni diġitali u l-media, kif ukoll żdied l-ivvjaġġar ta' persuni minn pajjiż għal ieħor (Flew 104; de Sousa Santos 393).

Il-globalizzazzjoni hija proċess li bih jitħalltu bosta kulturi minħabba li joħloq kuntatt bejn gruppi u individwi differenti (Berry 332). Hija sett ta' proċessi ekonomiċi, soċjali, politiċi, kulturali, reliġjużi u legali li flimkien joħolqu dinja universali bl-eliminazzjoni tal-fruntieri nazzjonali (de Sousa Santos 393). Dan isir biż-żieda tad-diversità lokali u bl-interess fl-identità etnika, kif ukoll b'ritorn lejn il-valuri komunitarji (393). Dan kollu jwassal għall-attitudni kożmopolitana kontemporanja li hija rispons għal din il-globalizzazzjoni għaliex filwaqt li l-globalizzazzjoni hija l-mod kif titmexxa d-dinja, il-Kożmopolitaniżmu joffri spjegazzjoni kif persuni minn lokalitajiet differenti jistgħu jgħixu flimkien f'dinja waħda.

Storikament, li persuni minn pajjiżi u kulturi differenti jgħixu fl-istess post hija xi ħaġa normali f'ħafna nħawi madwar id-dinja, iżda l-globalizzazzjoni tal-lum hija differenti minn dik ta' qabel (Vertovec u Cohen 7). Il-bnedmin ilhom jitħalltu minn dejjem u kien hemm bosta imperi li ħakmu fuq popli oħrajn 'il bogħod minn pajjiżhom. Il-kolonjaliżmu laqqa' diversi popli li kellhom jgħixu u jaħdmu flimkien. Barra minn hekk, hemm ukoll il-fenomenu soċjali tal-emigrazzjoni. Meta persuni jemigraw, dawn iġorru parti mill-kultura tagħhom magħhom u mal-wasla tagħhom fl-art il-ġdida jibdew il-proċess ta' "traslokazzjoni kulturali" (Werbner 763) billi jibdew jiltaqgħu mal-kultura tal-pajjiż il-ġdid filwaqt li huma wkoll jibdew jintroduċu elementi kulturali mill-pajjiż li jkunu ġejjin minnu.

Għalkemm il-bnedmin ilhom jivvjaġġaw minn pajjiż għal ieħor, maż-żmien l-ivvjaġġar beda jsir iżjed faċli, speċjalment bl-iżviluppi teknoloġiċi. B'hekk, minbarra ż-żieda fl-emigrazzjoni, żdied ukoll it-turiżmu. Barra minn hekk, bil-globalizzazzjoni żdiedu l-persuni li jmorru jaħdmu barra minn pajjiżhom. Dan kollu wassal sabiex gruppi differenti ta' persuni b'kulturi differenti bdew jokkupaw l-istess spazju u jgħixu f'soċjetà waħda.

Kemm il-Kożmopolitaniżmu kif ikoll il-Multikulturaliżmu jistħarrġu l-prinċipji li bihom għandu jiġi ttrattat il-kunċett tad-diversità f'soċjetà (Policar 182) u t-tnejn huma politiki ta' differenza (184). Il-Multikulturaliżmu huwa iżjed inklinat lejn iż-żamma tal-kulturi u l-politiċizzazzjoni tal-identità (Policar 187) għaliex primarjament jinteressah mill-ħtiġijiet tal-minoranzi fl-istat u jagħti importanza l-identità u l-kultura (190). Mill-banda l-oħra, il-Kożmopolitaniżmu huwa iżjed interessat fl-awtonomija individwali li l-Multikulturaliżmu ma joffrix (Policar 190). Il-Kożmopolitaniżmu mhuwiex kontra l-Multikulturaliżmu li jivvaluta l-ibridità u l-kreattività kulturali individwali jew kontra li jinħolqu "cultural schemata" ġodda (Policar 186). Anzi, Alain Policar jikkwota l-idea ta' Appiah, "Rooted Cosmopolitanism", sabiex juri li anki l-kuxjenza kożmopolitana tista' tkun konxja mill-preferenzi lokali (187). Huwa jipprova jqarreb kemm jista' l-Kożmopolitaniżmu mal-Multikulturaliżmu iżda jibqa' l-fatt li minkejja li t-tnejn jitkellmu dwar id-diversità u d-differenzi kulturali, il-Multikulturaliżmu huwa iżjed ikkonċentrat fuq l-idea ta' soċjetà tolleranti lejn gruppi etniċi differenti filwaqt li l-Kożmopolitaniżmu jisħaq iżjed fuq l-idea ta' soċjetà tolleranti lejn l-umani bħala individwi awtonomi.

F'dan il-kuntest, it-terminu Multikulturaliżmu jista' jindika sens ta' separazzjoni bejn kulturi differenti li jiffunzjonaw fl-istess spazju soċjali (Schreiter 27). Fl-artiklu "Multiculturalism or Cosmopolitanism", Beck jiddefinixxi l-Multikulturaliżmu bl-

ossimoro “plural monoculturalism” (54) li jseħħ meta f’pajjiż multikulturali, bosta kulturi differenti jgħixu flimkien iżda ma jitħalltux u għalhekk jinħolqu numru ta’ komunitajiet monokulturali. Għaldaqstant, iseħħ proċess li bih jittellgħu fruntieri bejn kultura u oħra li jesponu d-differenzi ta’ bejniethom u jispeċifikaw l-identità tagħhom (Donald 291). Dan jikkuntrasta mal-idea essenzjali tal-Kożmopolitaniżmu li jisħaq dwar l-importanza li ċittadini minn pajjiżi differenti jitħalltu u jitgħallmu mill-kulturi u l-valuri ta’ xulxin.

Ipek Demir hi tal-fehma li ma jistax ikun hemm Kożmopolitaniżmu mingħajr il-Multikulturaliżmu: “I suggest that cosmopolitanism without multicultural ethos is nothing but a monologue; one where openness and dialogue are redundant if not impossible” (124). Hija tisħaq li l-Multikulturaliżmu jagħti vuċi lill-minoranzi fuq livell nazzjonali u tiddefinih bħala teorija li minbarra li tħaddan id-diversità kulturali, tipproblematizza l-istatus ġerarkiku tal-Punent imqabbel mal-istatus tal-persuni l-oħrajn li jgħixu fih (123-4). Konxja mill-fatt li l-Multikulturaliżmu qiegħed jitwarrab minn xi teoristi tal-Kożmopolitaniżmu, Demir tispekula li waħda mir-raġunijiet hija l-fatt li problemi soċjali qegħdin jiġu attribwiti għal kultura jew oħra: “There has been little criticism of the way in which multiculturalism is used as a shorthand for describing the tensions, failed integration policies, poverty, in other words, whatever *de facto* problems exist in poor ‘ethnic’ neighbourhoods of Europe” (123). Il-Multikulturaliżmu qiegħed jitgħabba bi problemi ta’ faqar u esklużjoni li mhuwiex kapaċi jsolvi filwaqt li l-Kożmopolitaniżmu qiegħed jidher bħala alternattiva li tippromwovi l-mobilità, it-tolleranza u d-differenzi (Demir 123). Minkejja li xi kultant ikun hemm xi sforzi politiċi sabiex soċjetà ssir iżjed Multikulturali u Kożmopolitana, John Gledhill jikkwota żewġ studji li fihom instab li l-attitudni kożmopolitana ma tistax

tkun sfurzata mill-awtorijtajiet u li l-Kożmopolitaniżmu jikseb suċċess ikbar meta d-dispożizzjoni għalih tkun ġejja mill-poplu nnifsu (317-8). Studji bħal dawn juru l-importanza tad-djalogu bejn kultura u oħra sabiex fl-aħħar mill-aħħar tinħoloq soċjetà multikulturali u mhux gruppi monokulturali li jibqgħu maqtugħin mill-kumplament tas-soċjetà li jgħixu fiha.

Demir tikkonkludi li fl-aħħar mill-aħħar, kemm il-Kożmopolitaniżmu kif ukoll il-Multikulturaliżmu, ifittxu li gruppi differenti jinfetħu għad-djalogu u jippruvaw jieħdu azzjoni kollettiva għax

> While a multicultural ethos attempts to move minoritized groups from being seen as subjects of assimilation and domination to actors who can make transformative claims about the majority within nation-states, cosmopolitanism has the potential to move them to being transnational actors with global claims. (131)

Dan ifisser li l-Multikulturaliżmu u l-Kożmopolitaniżmu ma jistgħux jirnexxu mingħajr xulxin għaliex filwaqt li l-Multikulturaliżmu jagħti vuċi lill-gruppi f'minoranza, il-Kożmopolitaniżmu jista' jwassalhom sabiex ikunu atturi transnazzjonali.

### *3.2.4. Il-metropolizzazzjoni*

Etimoloġikament, il-kelma "metropoli" hija terminu Grieg li jfisser "mother-city" u kienet tirreferi għall-istat kapitali ta' kolonja (Rotenberg 7). Maż-żmien, dan it-terminu beda jintuża mill-Knisja Rumana bħala referenza għall-isqfijiet li jkollhom taħthom isqfijiet oħrajn (Rotenberg 7). Fis-seklu sbatax beda jirreferi għal belt li hija

"the chief center of some form of activity" u fis-seklu dsatax reġa' beda jintuża fis-sens oriġinali tiegħu, għall-istat kapitali ta' kolonja (Rotenberg 7). F'dan il-perjodu, fl-Ewropa kien hemm tliet bliet ewlenin: Londra, Pariġi u Vjenna, li kienu influwenzati mill-metropolitaniżmu u li fihom saret bidla sħiħa fl-iżvilupp privat tal-ispazji urbani tagħhom (Rotenberg 11). Żdiedu l-binjiet kummerċjali u governattivi fil-qalba tagħhom (Rotenberg 12). L-avvanzi fl-iżviluppi infrastrutturali u sanitarji li bihom bdiet tiżviluppa Londra kienu l-iżjed żewġ elementi li impressjonaw u ħajru bliet oħrajn Ewropej sabiex ikunu bħalha (Rotenberg 12). Bliet li kienu metropolitani għax kienu propju ċ-ċentri tal-imperi kolonjali tagħhom bdew jiżviluppaw fiżikament biż-żieda ta' bini pubbliku u privat li minħabba fih żdiedu l-ħaddiema u għalhekk kibru soċjalment. Fuq kollox, it-titjib infrastrutturali u l-avvanzi li saru fis-sistemi sanitarji għamlu dawn il-postijiet iżjed attraenti għall-persuni li xtaqu jibdew jgħixu fil-belt. L-iżvilupp tal-elettriku kien kruċjali għaliex dan bidel il-mod kif jgħixu n-nies billi issa setgħu jibqgħu barra sa tard u anki setgħu jibqgħu jaħdmu billejl, u b'hekk seta' jibda wkoll ix-xift ta' billejl. Dawn l-elementi kollha kienu kruċjali fil-ħolqien tal-metropoli.

Maż-żmien bosta bliet saru metropolitani għax, bħalma jiddefinihom Daniel Kübler, huma "functionally integrated territorial systems of economic, socialized and cultural exchange" (402) u jitmexxew bl-iżviluppi ekonomiċi u teknoloġiċi li jkunu qegħdin iseħħu fuq skala globali iżjed milli lokali (403). Huwa jargumenta li hemm erba' fatturi li jsawru l-metropolizzazzjoni: l-espansjoni tal-bini b'riżultat ta' firxiet dejjem usa' ta' subborgi ("urban sprawl"); l-ispeċjalizzazzjoni ta' zoni partikolari ("functional specialisation of space"); l-importanza ta' infrastruttura b'saħħitha sabiex tiffaċilita l-moviment ta' persuni, oġġetti u informazzjoni minn post għal ieħor ("spatial mobility"); u l-politika li trid tkun kożmopolitana għax hija bżonjuża għan-negozjar ma'

pajjiżi oħrajn iżda li fl-istess waqt trid iżżomm l-għeruq tal-kultura lokali sabiex tiġi aċċettata "cosmpolitan localism" (403). Dan jidwi l-kunċett ta' Appiah, "Rooted Cosmopolitanism" (Policar 187), għax, kif jargumenta Kübler, sabiex issir il-metropolizzazzjoni hemm bżonn ta' attitudni kożmopolitana li tivvaluta dak li huwa lokali daqskemm barrani. Din għandha tkun il-politika li biha titmexxa l-metropoli sabiex isir il-kummerċ meħtieġ ma' barra u, fl-istess waqt, il-persuni tal-lokal jaċċettaw mingħajr problemi l-intrapriżi l-ġodda għax dawn ikunu ġew magħġuna mal-kultura lokali (Kübler 403).

Il-globalizzazzjoni u ż-żieda fin-networking huma fost l-iżjed żewġ fatturi li qegħdin isawru l-metropoli tas-seklu wieħed u għoxrin (Castells xxxii). Huwa kkalkulat li fil-bidu tas-seklu, iżjed minn nofs il-popolazzjoni dinjija bdiet tgħix fi spazji urbani għax huma postijiet aċċessibbli ħafna bis-saħħa ta' komunikazzjoni teknoloġika b'saħħitha u sistema ta' trasportazzjoni effiċjenti, u għalhekk, il-postijiet metropolitani llum qegħdin jingħaqdu globalment b'networks teknoloġiċi (Castells xxxii). Dawn il-bliet metropolitani qegħdin joħolqu impjiegi globali u għalhekk huma postijiet li jattiraw l-immigrazzjoni (Castells xxxvii). Dan ifisser li fl-istess spazju qegħdin jgħixu persuni ta' etniċitajiet u kulturi differenti u b'hekk, f'belt metropolitana, il-konnessjonijiet globali mhux biss qegħdin isiru fuq livell kummerċjali iżda anki fuq livell personali (Castells xxxvii).

Fil-konferenza *Breaking Barriers*, waqt id-diskors "Sex and City," I. Mifsud jinnota li dwar Malta m'hawnx qbil jekk fil-fatt hijiex magħmula minn numru ta' bliet moderni jew jekk hijiex belt waħda. Huwa jiddefinixxi t-terminu "belt" bħala "lokal miftuħ, bi kwartieri jew naħat differenti u li fih jgħixu numru ta' nies li wkoll bejniethom hemm ċerta differenza". I. Mifsud josserva li l-belt tħaddan il-ftuħ tal-ispazju fiżiku

daqskemm toffri ftuħ metaforiku bit-taħlit ta' ideat, drawwiet u kulturi differenti. Il-bliet Maltin ivarjaw minn spazji b'toroq dojoq u mserrpin bħall-Imdina, oħrajn magħmula minn toroq dritti f'forma ta' gradilja bħall-Belt Valletta, sa bliet li isimhom jixhed li huma raħal iżda li għandhom "pretensjonijiet urbani." I. Mifsud jargumenta li meta l-bliet Maltin jiġu kkumparati ma' dawk barranin, speċjalment ma' bliet Ewropej li fihom popolazzjoni ħafna ikbar minn Malta kollha u li fihom "sistemi differenti tat-trasport biex jaqdu ċ-ċittadini; fejn hemm naħat u kwartieri differenti . . . f'Malta ma jeżistux bliet."

F'dawn l-aħħar snin, f'Malta seħħew numru ta' żviluppi tant li, aktar ma jmur, il-gżira aktar tista' tibda titqies bħala belt waħda metropolitana. Fid-dawl tal-kriterji li jelenka Kübler, l-espansjoni tas-subborgi f'Malta qed isseħħ bil-kostruzzjoni li qiegħda l-ħin kollu tnaqqar mill-ambjent rurali li xi darba kien idawwar il-bini fl-irħula u b'konsegwenza t'hekk, l-irħula qegħdin joqorbu dejjem iżjed lejn xulxin fiżikament. Il-bini ta' torrijiet residenzjali u kummerċjali, fosthom il-ftuħ ta' ċentri kummerċjali li jospitaw kumpaniji kbar internazzjonali, bħal Sky Parks, qegħdin joħolqu "spazji speċjalizzati". L-immigrazzjoni regolari ta' persuni li jiġu jaħdmu Malta kemm ma' kumpaniji Maltin u anki barranin hija riflessjoni ta' dak li Castells iqis bħala "xogħlijiet globali" li toffri l-belt metropolitana, xogħlijiet li jiftħu opportunitajiet kemm għan-nies tal-lokal kif ukoll għall-barranin. Fuq kollox, l-aċċessibiltà tat-teknoloġija diġitali f'Malta tiffaċilita l-konnessjonijiet globali ma' bliet oħrajn metropolitani. Il-fatt li dawn l-elementi kollha msemmijin ma jappartjenux ma' post partikolari f'Malta iżda huma mferrxin f'diversi lokalitajiet, ikompli jsaħħaħ il-fehma ta' I. Mifsud li Malta hija aktarx belt metropolitana waħda.

Minkejja l-ftuħ kummerċjali, f'Malta jinħass nuqqas ta' attitudni kożmopolitana, jew aħjar, il-"politika kożmopolitana" li għal Kübler hija waħda mill-elementi ewlenin li jsawru belt metropolitana, f'Malta tinħass biss fuq livell kummerċjali u mhux personali. Waqt il-konferenza *L-Istat tan-Nazzjon*, Grima josserva li għalkemm iżjed minn għoxrin fil-mija tal-persuni li qegħdin jgħixu Malta ma twildux hawn, dawn mhumiex irrappreżentati fid-"diskors dwar il-preżent u l-futur ta' pajjiżna, fost l-oħrajn għax għad għandna idea Romantika staġnata, sorpassata u essenzjalment falza tal-'identità' tagħna'" ("Kultura, Arti u Komunikazzjoni" 107) u bħala poplu "ftit li xejn għandna l-viżjoni u r-rieda li nitgħallmu kemm nistgħu mir-rikkezza umana, kulturali u soċjali ta' dawk kollha li jgħixu u jaħdmu fostna" (108). Fl-istess konferenza, I. Mifsud jargumenta li l-Maltin, mhux talli għadhom iħarsu lejn il-barranin bħala l-"oħrajn", iżda bħala poplu, il-Maltin għandhom kontra l-barranin b'mod ġenerali, li hija ħaġa tassew ironika meta Malta qiegħda tbiegħ iċ-ċittadinanza u l-passaport (94).

Għaldaqstant, Malta tista' titqies bħala belt waħda metropolitana li fiha persuni ta' etniċitajiet, kulturi, drawwiet u tradizzjonijiet differenti qegħdin jokkupaw l-istess spazju u li għalhekk tista' tissejjaħ pajjiż multikulturali. Madanakollu, għad hawn nuqqas ta' taħlit bejn il-Maltin u l-barranin fuq livell personali jixhed li Malta għadha marbuta wisq mal-idea tan-"nazzjon Malti" li qiegħed jagħtina "identità" u għalhekk għadha ma tistax tissejjaħ gżira kożmopolitana. Aktarx li fiċ-ċokon tiegħu, il-poplu Malti jħossu "mhedded" meta jiġi wiċċ imb wiċċ ma' kulturi daqstant imferrxin globalment u għalhekk iħoss li għandu jipproteġi dak li hu "tiegħu" minn dak li hu tal-"oħrajn", anki b'biża' li dak li hu lokali jsir irrelevanti meta jsib ruħu f'nofs drawwiet u kulturi minn pajjiżi ferm ikbar minnu. Huwa propju hawnhekk fejn tidħol il-"politika kożmopolitana" proposta minn Kübler li tisħaq dwar l-importanza fil-bilanċ bejn l-

inizjattivi intraprenditorjali globali u l-inkorporazzjoni tagħhom fil-kultura lokali sabiex dawn jiġu aċċettati min-nies tal-lokal.

Minkejja dan, xieraq jiġi osservat li l-Maltin ma jibżgħux mill-kulturi ta' pajjiżi affluwenti u ferm ikbar minn dik Maltija bħalma huma l-Istati Uniti u r-Renju Unit u jaċċettaw il-kultura tagħhom daqslikieku kienu Maltin. Il-poplu Malti ma jibżax minn drawwiet, bħalma huma Jum San Patrizju u Halloween, u ma jħossux "mhedded", anki jekk dawn huma kulturi li influwenzaw id-dinja kollha. Mill-banda l-oħra, il-Maltin joqogħdu lura, jew aħjar "jibżgħu", mid-drawwiet u t-tradizzjonijiet li ġejjin mill-pajjiżi tal-Lvant. Jista' jkun li bħala poplu, anki minħabba l-Istorja twila ta' kolonizzazzjoni, għadu jħoss li huwa inferjuri ħdejn dawn il-popli avvanzati u jemmen li d-drawwiet ta' dawn il-pajjiżi jfissru "progress" għall-gżira u jibżgħu li jekk jibdew jaċċettaw drawwiet mil-Lvant, dan ikun ifisser "rigress" għall-pajjiż. Dan fid-dawl li r-Renju Unit kien kolonizzatur u għalhekk, minkejja li l-preżenza ta' persuni mill-Istati Uniti u r-Renju Unit mhijiex daqstant numeruża daqs dik ta' persuni minn pajjiżi oħrajn, xorta waħda baqgħet tinħass ċerta qrubija bejn iż-żewġ kulturi. Fl-era kolonjali, il-Maltin kienu jaqdu lill-kolonizzatur, biss issa, il-barranin qegħdin jiġu biex jaqdu lill-Maltin u l-Maltin mill-qaddejja qegħdin isiru s-sidien.

Raġuni oħra tista' tkun li dawn id-drawwiet Amerikani u Ingliżi qegħdin idaħħluhom il-Maltin stess b'dak li jaraw u jisimgħu mill-media u qegħdin jagħmluhom tagħhom filwaqt li d-drawwiet tal-immigranti huma appuntu ta' barranin u l-Maltin ma jħossuhomx komdi b'dawn id-drawwiet propju għax mhumiex qegħdin idaħħluhom huma u jibżgħu li b'dawn id-drawwiet se jispiċċaw jitilfu l-kultura Maltija. Filwaqt li l-kulturi tal-Punent ilhom ħafna jinfluwenzaw mhux lil Malta biss iżda lid-dinja kollha, il-

preżenza tal-persuni tal-Lvant hija riċenti ħafna. Għaldaqstant, jista' jkun li għadu kmieni wisq sabiex issir diskussjoni dwar dan.

Fost l-iżjed komunità li ilha preżenti f'Malta, iżda li l-kultura tagħha xorta waħda ma tinħassx, hija dik Għarbija. Aktarx li dan huwa l-eżempju perfett tal-importanza tal-"politka kożmopolitana" kif jinterpretaha Kübler. Billi fis-sebgħinijiet f'Malta kien hemm relazzjonijiet tajbin mal-Libja, kien hemm tentattivi sabiex joqorbu wkoll kulturalment, ngħidu aħna nbniet il-Moskea ta' Raħal Ġdid u l-lingwa Għarbija saret obbligatorja fl-iskejjel. Iżda l-Maltin irreżistew din il-qrubija kulturali u ddistakkaw ruħhom minnhom, distakk li għadu jinħass sal-lum. Dan jixhed li l-Kożmopolitaniżmu ma jistax jiġi impost fuq iċ-ċittadini u għalhekk hija importanti l-politika kożmopolitana għax bis-saħħa tagħha, l-introduzzjoni ta' tradizzjonijiet barranin jibdew jiġu aċċettati *flimkien ma'* drawwiet lokali.

### *3.2.5. Pożizzjonijiet kuntrarji għall-Kożmopolitaniżmu*

Għalkemm it-terminu "ċittadini dinjin" jintuża bħala tifsira ġenerali tal-kelma "Kożmopolitani", mhux kulħadd jaqbel dwar kif fil-fatt il-bnedmin iħossuhom hekk. Ngħidu aħna fi żmien il-Griegi, l-Istojċi kienu jemmnu li l-bnedmin għandhom jirrispettaw u jieħdu ħsieb lill-bnedmin kollha tad-dinja filwaqt li ċ-Ċiniċi ffukaw fuq in-nuqqas ta' appartenenza għan-nazzjon (2-3). Barra minn dan, fit-taqsima 3.2.1 dehru fehmiet differenti dwar dan, imleħħnin minn Monbron u Rousseau billi tal-ewwel sejjaħ lilu nnifsu kożmopolitan minkejja li ma kien iħossu komdu mkien, filwaqt li l-ieħor ħoloq karattru kożmopolitan li kien iħossu komdu mal-bnedmin tad-dinja kollha. Minn dawn iż-żewġ estremi toħroġ l-idea ta' Appiah "Rooted Cosmopolitanism,"

terminu li Beck jiddefinih bħala mod ta' kif persuni jħaddnu dak li hu lokali u globali fl-istess ħin ("Rooted Cosmopolitanism" 27).

Minkejja li riċentement id-diskors dwar il-globalizzazzjoni u l-Kożmopolitaniżmu żdied, hemm min qiegħed jargumenta li dan id-diskors jimmina soċjetajiet li għadhom tradizzjonali filwaqt li jippromwovi l-modernità tal-pajjiżi żviluppati bħall-Istati Uniti u xi pajjiżi Ewropej. Ngħidu aħna, Meyda Yeĝenoĝlu tinnota kif l-intellettwali Anglo-Amerikani jħarsu lejn nazzjonijiet tat-Tielet Dinja bħala pajjiżi li għadhom mhumiex globalizzati u kożmopolitani għaliex it-tradizzjonijiet tagħhom jipprekluduhom milli jkunu progressivi (106). F'dan is-sens, il-pajjiżi żviluppati jitqiesu bħala dawk li Beck isejħilhom nazzjonijiet influwenti, filwaqt li l-pajjiżi l-oħrajn jistgħu jitqiesu bħala dawk li jiġu influwenzati ("Rooted Cosmopolitanism" 20).

Il-modernizzazzjoni għandha sehem importanti fil-mod kif pajjiżi moderni jħarsu lejn soċjetajiet li jibqgħu marbutin mat-tradizzjonijiet għaliex

> Every concept of modernization implies a traditionalism against which it can be measured, and every assertion that modernization is good entails a claim that the traditionalism it is replacing is worse. In this context, claiming that modern science and modern economics are value-free approaches to universally valid knowledge, while at the same time identifying these approaches with modern society, amounts to elevating the assertion that traditional societies are inferior into an indisputable dogma. (Beck, "Rooted Cosmopolitanism" 24)

Meta l-modernizzazzjoni ta' oġġett titqies bħala xi ħaġa tajba, tkun qiegħda timplika li dak l-oġġett huwa aħjar minn dak tradizzjonali. Għaldaqstant, meta soċjetajiet jibqgħu marbuta mat-tradizzjonijiet tagħhom u ma jiġux influwenzati mill-modernizzazzjoni, awtomatikament jitqiesu minn ħafna bħala inferjuri. Meta jiġri dan, imqar it-terminu "kożmopolitan" jibda jirreferi għal dawk li Castells isejħilhom l-elit tas-soċjetà għaliex filwaqt li huma jipparteċipaw fil-globalizzazzjoni, il-maġġoranza tal-bnedmin huma marbutin ħafna ma' dak li hu lokali (xxxix, 393, 446) u għalhekk jispiċċaw injorati jew sfruttati (Ritzer u Stillman 32). Dan ifisser li f'dan il-każ, it-terminu "kożmopolitani" qiegħed jirreferi għal persuni li għandhom ir-riżorsi u/jew l-għarfien sabiex jipparteċipaw fil-globalizzazzjoni filwaqt li dawk il-persuni li baqgħu jgħixu f'soċjetajiet tradizzjonali ma huma qegħdin jiggwadanjaw xejn minnha.

Xi wħud iħossu li d-dinja tal-Punent qiegħda tiddomina lid-dinja tal-Lvant kulturalment minħabba li hija l-iżjed parti tad-dinja li ħaddnet u li tippromwovi l-globalizzazzjoni. George Ritzer u Todd Stillman jagħtu żewġ faċċati ta' kif tista' tiġi interpretata d-dinja globalizzata billi jgħidu li hemm żewġ perspettivi ta' kif din tista' tiġi interpretata, jew bħala mod li bih il-kapitaliżmu globali qiegħed iqarreb lid-dinja lejn kultura omoġena, speċjalment lejn dik Amerikana: "the consequence of global capitalism as an increasingly Americanized and/or rationalized world", inkella bħala mod li bih il-kultura Amerikana qiegħda tilħaq pajjiżi differenti u titħallat ma' dik lokali: "a characterization of contemporary society as pluralistic and indeterminate, in which rationalization and American culture are only two trends among many (30-1). Dan ifisser illi filwaqt li l-kultura Amerikana tista' titqies bħala fattur li qiegħed jaffettwa l-kulturi globali, din tista' titqies ukoll bħala waħda mid-diversi kulturi li qegħdin jinfluwenzaw lill-kumplament tal-pajjiżi.

L-influwenza tal-kultura Amerikana fuq il-kumplament tad-dinja, l-Amerikanizzazzjoni, hija l-globalizzazzjoni tad-dinja mill-Istati Uniti, u għalhekk, il-proċess li bih persuni jibdew iġibu ruħhom bħall-Amerikani (Anheier u Juergensmeyer). Il-fatt li bosta kumpaniji Amerikani qegħdin jiftħu l-bibien tagħhom f'pajjiżi 'l bogħod mill-Istati Uniti, tant li prodotti Amerikani qegħdin jiġu kkunsmati madwar id-dinja kollha u l-fatt li l-media Amerikana hija b'saħħitha ħafna globalment, kollha jaffettwaw il-mod ta' għajxien tal-individwi f'kulturi differenti. Għaldaqstant, billi persuni minn madwar id-dinja qegħdin iġibu ruħhom bl-istess mod, l-Amerikanizzazzjoni tista' titqies bħala omoġenizzazzjoni tal-kulturi, li tmur kontra l-idea tal-Kożmopolitaniżmu.

Għalkemm l-Amerikanizzazzjoni tista' tidher bħala xi ħaġa li tipprova tirriduċi kulturi differenti f'kultura waħda, jibqa' l-fatt li bosta pajjiżi jagħżlu, jadattaw u jibdlu l-influwenzi barranin u jagħtuhom tifsira differenti u forma ġdida. B'hekk, f'dan il-każ, il-kultura Amerikana tkun qiegħda tingħaġen mal-kultura lokali u ssir waħda ibrida.

### *3.2.6. Il-Kożmopolitaniżmu u l-letteratura*

Il-letteratura tista' tkun mezz li bih jinxterdu valuri u ideali kożmopolitani (Shaw 17) għax tindirizza lill-bnedmin u tittratta temi umani (Nussbaum *Love's Knowledge* 96). Il-letteratura, speċjalment ir-rumanzi, joħolqu karattri u sitwazzjonijiet li l-qarrejja jirrelataw u jempatizzaw magħhom b'mod ħafna iżjed faċli milli kieku jaqraw kitbiet ta' natura etika jew reliġjuża (Nussbaum, *Love's Knowledge* 96). Il-letteratura kapaċi tqanqal fil-qarrejja emozzjonijiet ta' kumpassjoni u mħabba lejn persuni li huma kulturalment u soċjalment stranġieri għalihom (Nussbaum, *Love's Knowledge* 96) u dan għaliex tappella għall-qarrejja bħala "human being, not simply as a member of

some local culture" u b'hekk kapaċi tegħleb il-fruntieri kulturali (391). L-awturi kożmopolitani ma jaraw l-ebda differenza bejn persuni li jħaddnu kulturi differenti għax kulma hemm bżonn huma "clarity and honesty (and hard work) to find the common thread and humanity that unites us all" (48).

Il-letteratura Kożmopolitana tlaqqa' lill-qarrejja ma' kulturi differenti u tgħinhom jesploraw il-kulturi tal-"oħrajn" għax hija letteratura li bis-saħħa tagħha, il-qarrejja jsibu ruħhom f'nofs kulturi ġodda billi tbegħedhom mill-kultura li mdorrijin fiha u ddaħħalhom fi djalogu u fit-territorju tal-oħrajn (Baumbach 70). B'hekk il-letteratura tkun qiegħda sservi ta' lezzjoni dwar "ċittadinanza dinjija" ("world-citizenship") (70). Kristian Shaw jinnota li fis-seklu wieħed u għoxrin, il-letteratura, speċjalment in-narrattiva, qiegħda ssir dejjem iżjed Kożmopolitana (18). Huwa jargumenta li bħala ġeneru mhux biss jesebixxi l-esperjenzi lokali ma' dawk globali iżda joħloq mod ġdid ta' appartenenza flimkien mal-iżvilupp ta' kuxjenza planetarja (18). Shaw jsostni li din il-kuxjenza hija bbażata fuq "cross-cultural interdependencies of the increasingly interconnected world" (18). Għalhekk, minbarra li l-letteratura kapaċi tippreżenta temi lokali u globali f'dinja li qiegħda kulma jmur dejjem tiċkien minħabba l-globalizzazzjoni, il-letteratura qed tirrifletti dawn ir-realtajiet ġodda billi, fost l-oħrajn, tipprova ssib mod ta' għajxien fiha. L-arti u l-letteratura huma żewġ modi li bihom il-bnedmin jistgħu jirrealizzaw li l-Kożmopolitaniżmu huwa bżonjuż "to facilitate this fundamental shift in the way in which we conceive of ourselves in relation to one another" (Schoene 83).

F'dinja globalizzata, ir-rumanz dwar in-nazzjon qiegħed jinbidel f'rumanz dwar id-dinja, u għalhekk qiegħed isir Kożmopolitan (Schoene 28) għax ir-rumanziera qed jitbiegħdu mir-rakkont dwar in-nazzjon u, minflok, qed jiffokaw fuq min aħna bħala

umani u kif qed ngħixu fid-dinja (27). Għal Schoene, ir-rumanz Kożmopolitan għandu jirrappreżenta d-dinja kif inhi: "esposta," "finita," "mhix taħdem" u "bla saħħa" (27) b'narrazzjoni li tiffoka fuq il-possibiltajiet kollha tal-essere tal-bnedmin f'dak il-mument partikolari fid-dinja (27). Għalhekk, in-narrazzjoni ma tibqax tidealizza n-nazzjon "sovran," "awtonomu" u "indipendenti" u minflok tibda tiffoka fuq il-modi differenti kif il-bnedmin qegħdin jokkupaw spazju partikolari f'dinja abitata minn persuni differenti (27).

Il-kittieba Kożmopolitani jittrattaw temi globali li jappellaw għal persuni minn kulturi differenti filwaqt li jikxfu t-tensjoni li tinħoloq fis-soċjetà bejn dak li hu lokali u globali, tradizzjonali u modern (Qinglong 131). Gunnars madanakollu tosserva li fl-istudji postkolonjali, meta kittieba minn pajjiżi kolonizzaturi joħolqu stejjer dwar kulturi li huma kkolonizzati u x-xogħol tagħhom jiġi ppubblikat bil-lingwa u fil-pajjiż tal-kolonizzatur, persuni kkolonizzati jistgħu jħarsu lejn l-użu tar-rakkonti tagħhom bħala serq li jkompli jħallihom "silenced and disempowered" (43). Hija ssejjaħ dan l-att "approprijazzjoni letterarja" ("literary appropriation") u tiddefinih bħala azzjoni li biha l-awturi jużaw materjal u lingwa li mhumiex tal-istess kultura tagħhom (43). Gunnars, iżda, tirrikonoxxi li xogħol l-awturi huwa propju li jimirħu 'l barra mill-konfini li huma familjari għalihom għax meta l-kittieba jibqgħu marbutin mal-ambjent oriġinali tagħhom ikunu qegħdin jillimitaw il-kreattività, limitu mhux mixtieq daqs l-approprijazzjoni nnifisha (47).

Mill-banda l-oħra, Gunnars tħares lejn l-approprijazzjoni letterarja bħala xi ħaġa pożittiva meta l-kittieba ta' kulturi "marġinali" jużaw materjal kulturali tal-kolonizzatur u anki meta jirrakkontaw l-istejjer tagħhom bil-lingwa tal-kulturi "ċentrali" (43). Din it-tip ta' approprijazzjoni, issostni Gunnars, hija bżonjuża għax il-lingwa tal-

poter teħtieġ li tiġi ddekolonizzata u żżid li “by using it abrogatively, the writer may perform a valuable function” (49). Għaldaqstant, l-approprijazzjoni trid tkun mill-periferiji għaċ-ċentru u mhux bil-kontra għax meta ċ-ċentru japproprija l-periferiji, “the existing power structure does not allow for the margin’s defence” filwaqt li meta l-approprijazzjoni ssir mill-periferiji tkun qiegħda ssir “assimilazzjoni kulturali” (49). Meta l-kittieba jużaw il-lingwa tal-kolonizzaturi fix-xogħol tagħhom ikunu qegħdin jużaw l-għodda tal-kolonizzaturi filwaqt li jibqgħu leali lejn il-kultura tagħhom (Ashcroft, et al. 59; Gunnars, 50). Din tagħmel lill-awturi “an interpreter of [their] own culture. He becomes an ‘informant’ of sorts, an ethnographer of his own” (Gunnars 50). Gunnars qiegħda targumenta li meta l-kittieba li jagħmlu parti minn kultura marġinali u jużaw il-lingwa tal-kultura ċentrali, ikunu qegħdin joħolqu regoli ġodda li jaqdu lilhom: “creating new rules . . . for one’s own use, to serve one’s own ends” (50).

L-użu tal-lingwa tal-kolonizzaturi tista’ tkun problematika għax b’din id-deċiżjoni, il-lingwa tal-kulturi marġinali se tkun qed titwarrab u mhux se tkun tista’ tieħu l-istat tagħha bħala lingwa artistika (xi ħaġa li l-lingwa Maltija esperjenzat u li minħabba f’hekk għandha Storja daqstant qasira). Bill Ashcroft jargumenta li din hija l-ironija li, konxji tagħha, xi darba jew oħra jkollhom iħabbtu wiċċhom magħha l-kittieba li ġejjin minn sfond kulturali marġinali (17). Min-naħa l-oħra din id-deċiżjoni jkollhom jagħmluha għax b’hekk ikunu qegħdin joqorbu lejn il-kultura globali (Ashcroft 8). Dan ifisser li għal Ashcroft, meta l-awturi jagħżlu li jużaw il-lingwa tal-kolonizzaturi, dan ikunu qegħdin jagħmluh bħala mezz li bih jistgħu jaqsmu l-kultura tagħhom ma’ oħrajn minn madwar il-globu. B’hekk, il-kultura tagħhom tkun tista’ tilħaq iżjed nies b’rakkonti li jkunu ġejjin minn fommhom stess u l-qarrejja jkunu

jistgħu jidħlu f'dak li Sibylle Baumbach issejjaħlu djalogu mal-"oħrajn" (70) għax ikunu jistgħu jesperjenzaw il-kultura tal-"oħrajn" mill-perspettiva tal-"oħrajn" infushom.

L-attitudni kożmopolitana fil-letteratura tqarreb lill-qarrejja lejn kulturi li mhumiex familjari magħhom għax l-awturi Kożmopolitani joħolqu sitwazzjonijiet kulturali li bis-saħħa tagħhom il-qarrejja jkunu jistgħu jirrealizzaw il-qrubija li teżisti bejn kultura u oħra iżjed milli d-differenzi, u dan għaliex fl-aħħar mill-aħħar, il-letteratura titkellem dwar il-bnedmin bħala umani li qegħdin jokkupaw spazju partikolari fi żmien speċifiku.

## 3.3. Il-Femminiżmu tat-tielet mewġa

L-għan ewlieni tal-Femminiżmu huwa li jabolixxi s-sessiżmu u l-oppressjoni (hooks, *Feminism* viii). Il-moviment mhuwiex wieħed kontra l-irġiel, anzi, għall-kuntrarju, il-Femminiżmu jħares kemm lin-nisa kif ukoll lill-irġiel mis-sessiżmu li huma mrawmin fih soċjalment (hooks, *Feminism* viii). bell hooks tosserva li l-irġiel isibuha iżjed diffiċli jersqu lejn il-Femminiżmu għax huma l-iżjed li jistgħu jgawdu minn soċjetà patrijarkali, iżda sabiex jagħmlu dan, xi rġiel jirrikorru għall-vjolenza sabiex iżommu l-patrijarkiżmu b'saħħtu (*Feminism* ix). Hija konxja li dan ma jfissirx li l-irġiel kollha jħossu li għandhom jiddominaw fuq in-nisa, anzi minflok, hija ssostni li l-maġġoranza tal-irġiel ma jħossuhomx komdi bil-vjolenza kontra n-nisa, anki jekk fl-istess ħin jibżgħu jitilfu l-privileġġi li ġġib magħha soċjetà patrijarkali (*Feminism* ix).

Minkejja li d-definizzjoni ta' hooks taf tidher bħala waħda sempliċi, li l-għan tal-moviment kapaċi jintlaħaq faċilment, il-problema tas-sessiżmu hija waħda antika u mifruxa u għalhekk, il-Femminiżmu kellu jieħu xejriet differenti matul is-snin. Bosta

jaqsmu l-Istorja tal-Femminiżmu f'mewġiet differenti u jiddataw il-bidu tiegħu fi tmiem is-seklu dsatax, anki jekk hemm diversi prototipi li jeħduna għal sekli qabel. Kull mewġa Femminista żviluppat f'perjodu storiku partikolari u minkejja l-ideali differenti, kollha kienu mmotivati mir-rieda għall-emanċipazzjoni tan-nisa, anki jekk il-metodu għal dan l-iskop ma kienx l-istess bejn mewġa u oħra, u ġieli varja anki bejn esponenti fi ħdan l-istess mewġa. L-ewwel mewġa ta' Femminiżmu, ġeneralment iddatata fis-seklu dsatax u li kienet attiva sew fl-Ewropa u fl-Istati Uniti, insistiet fuq id-drittijiet legali u kostituzzjonali tan-nisa, fosthom id-dritt għall-propjetà, għall-vot u l-awtonomija legali (Evans 5; Dicker u Piepmeier 9). Fis-sittinijiet tas-seklu għoxrin, il-Femminiżmu ppromwova l-prinċipju li n-nisa jkollhom l-istess drittijiet umani bħall-irġiel, speċifikament id-drittijiet għal edukazzjoni u xogħol, kif ukoll beda jinsisti li l-mara jkollha setgħa totali fuq ġisimha permezz tal-kontraċezzjoni u l-abort (Dicker u Piepmeier 9; Evans 5).

Minkejja li bosta Femministi jalludu għas-snin disgħin bħala l-bidu tal-Femminiżmu tat-tielet mewġa minħabba l-artiku f'*Ms Magazine* li fih Rebecca Walker tistqarr: "I am the Third Wave" (41), Rory Dicker u Alison Piepmeier jinnotaw li fl-Istati Uniti, fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet il-Femminiżmu kien diġà beda jirrikonoxxi l-bżonn li jinfetaħ iżjed u ma jibqax marbut mat-tradizzjonijiet tan-nisa l-bojod li bdew jiġu assoċjati esklussivament mal-klassi borgiża (9). Fil-bidu tat-tmeninijiet, hooks fil-ktieb *Ain't I a Woman*, tosserva li l-Femministi tat-tieni mewġa, filwaqt li talbu bidla radikali fil-mod ta' kif is-soċjetà tħares lejn in-nisa, ma għamlu xejn sabiex ineħħu l-preġudizzju razzist li trawmu fih minn meta kienu żgħar lejn nisa "oħrajn" (121). Hija tisħaq li l-Femminiżmu ma jistax jirnexxi sakemm in-nisa jibqgħu jużaw il-poteri

mogħtija lilhom mir-razza u l-klassi soċjali sabiex jiddominaw fuq nisa oħrajn (*Feminism* 16).

Il-Femminiżmu tat-tielet mewġa bena fuq dak li ħadmu għalih il-Femministi ta' qabel iżda beda jinkludi diskors dwar nisa li ġejjin minn kulturi differenti. Il-Femminiżmu tat-tieni mewġa ġie akkużat b'għeluq kulturali minħabba li baqa' marbut mad-dinja tal-Punent. Mis-snin disgħin 'il quddiem, il-Femminiżmu fittex li jkun aktar inklussiv, anki għax beda jilqa' fi ħdanu persuni LGBTIQ+ u jiddiskuti l-esperjenzi partikolari tagħhom. Il-Femminiżmu tat-tielet mewġa ħa xejriet differenti u xi kultant opposti. Elizabeth Evans temmen li fi ħdan it-tielet mewġa hemm kemm ideat konservattivi kif ukoll liberali, bħalma juru l-kontroversji dwar il-pornografija u l-Ħarsa Femminili[2]. Hija ssemmi kif it-tielet mewġa tipproblematizza d-differenza bejn il-ġeneru u s-sess u li fl-istess waqt, in-nisa bdew jiġu inkoraġġiti jesprimu l-femminilità tagħhom. Evans tinnota li bdew kampanji kontra kumpaniji li jimpjegaw lin-nisa f'kundizzjonijiet mhux xierqa u fl-istess ħin, din il-mewġa bdiet tammira nisa ta' suċċess li setgħu jixtru għalihom infushom affarijiet tad-ditti. Hija ssostni li fi ħdan il-Femminiżmu tat-tielet mewġa kien hemm kurrenti favur il-legalizzazzjoni tas-servizzi sesswali sabiex jitħarsu d-drittijiet ta' dawn il-ħaddiema filwaqt li kien hemm kampanji favur il-kriminalizzazzjoni għal min iħallas għal dawn is-servizzi (Evans 37).

Dawn l-ideat opposti Naomi Wolf taqsamhom f'żewġ kategoriji: Il-Femminiżmu vittma ("victim feminism") u l-Femminiżmu potenti ("power feminism") (*Fire with Fire* 135). Il-Femminiżmu vittma huwa dik il-faxxa ta' Femministi konservattivi li jemmnu li n-nisa ma għandhomx juru l-poter individwali għax l-ideal għandu jintlaħaq fi grupp

[2] Il-Ħarsa femminili u l-Ħarsa maskili qegħdin jirreferu għall-'female gaze' u l-'male gaze'. Għall-fini ta' dan l-istudju qiegħda nittraduċi gaze bħala Ħarsa b'differenza ma' ħarsa (look).

(Wolf, *Fire with Fire* 136). Dawn il-Femministi jesprimu l-fehma li s-sess u s-sesswalità mhumiex armi li bihom in-nisa għandhom jiġġieldu għall-kawża tagħhom (Wolf, *Fire with Fire* 136-7). Barra minn hekk, huma jemmnu li n-nisa huma aħjar mill-irġiel (Wolf, *Fire with Fire* 136). Mill-banda l-oħra, il-Femminiżmu potenti huwa iżjed liberali u jfittex li aktar nisa jeżerċitaw aktar il-poter, għax b'hekk iżjed jistgħu joħolqu dinja ġusta filwaqt li jinkoraġġixxi lin-nisa sabiex jakkwistaw vuċi individwali li biha jkunu kapaċi jmexxu l-komunità (Wolf, *Fire with Fire* 137). Dawn il-Femministi ma jiġġudikawx lil nisa oħrajn abbażi tal-ħajja sesswali tagħhom jew tal-apparenza (Wolf, *Fire with Fire* 137). Fuq kollox, huma jemmnu li l-ġlieda hija kontra s-sessiżmu u mhux kontra l-irġiel (Wolf, *Fire with Fire* 138). Dan juri li l-Femminiżmu tat-tielet mewġa tant inkorpora fih ideat diversi li seta' jservi ta' umbrella li taħtha jinġabru nies ta' ideat differenti.

Il-Femminiżmu tat-tieni mewġa witta t-triq għal-liberazzjoni sesswali tal-Mara billi ħadem qatigħ favur il-legalizzazzjoni tal-pillola kontraċettiva u l-abort (hooks *Feminism* 26) li fl-Istati Uniti u fir-Renju Unit, fost pajjiżi oħrajn, saru legali fis-sittinijiet u s-sebgħinijiet. hooks tispjega kif bil-pillola kontraċettiva u l-abort, in-nisa kisbu awtonomija fuq ġisimhom għax kellhom is-setgħa li jagħżlu li jkunu attivi sesswalment mingħajr il-biża' li jinqabdu tqal (27). Hija ssostni li l-legalizzazzjoni tal-abort riegħdet is-sisien Kristjani u bdiet tisfida l-idea li l-mara teżisti biss sabiex ikollha t-tfal (27). Iżda minkejja li l-Femministi tat-tieni mewġa ħasbu li l-għan tal-kawża tagħhom intlaħaq, fid-disgħinijiet, istituzzjonijiet politikament leminin u oħrajn reliġjużi reġgħu poġġew l-abort fuq l-aġenda politika (28). hooks tinnota li dawn l-istituzzjonijiet attakkaw l-abort li huwa ffinanzjat mill-istat u b'hekk, massa kbira ta'

nisa li ma jistgħux iħallsu għall-kura tas-saħħa sesswali tagħhom spiċċaw mingħajr dan l-aċċess (28).

Il-Femministi tat-tielet mewġa saru iżjed komdi bis-sesswalità tagħhom u fid-disgħinijiet, in-nisa bdew jitkellmu iżjed dwar is-sess u dwar ix-xewqat tagħhom fil-pubbliku (Freedman 265). Femministi bħal Camille Paglia bdew jammiraw artisti nisa ta' suċċess li ma jiddejqux juru l-femminilità tagħhom. Għal Paglia il-veru Femminista hija l-kantanta Madonna li għandha viżjoni usa' mill-Femministi tradizzjonali billi tħaddan il-valuri tas-sbuħija u l-gost u billi tħeġġeġ lit-tfajliet kif ikunu femminili u sesswali filwaqt li jkollhom setgħa sħiħa fuq ħajjithom (2). Hija takkuża lill-Femminiżmu Amerikan li għadu fil-fażi adolexxenti u li għandu problema bl-irġiel. Paglia tikkummenta dwar il-fatt li Madonna tħobb lill-irġiel u tara s-sbuħija fil-maskulinità tagħhom filwaqt li tammira wkoll lill-irġiel femminili. Hija temmen li l-Femministi Amerikani jibżgħu mill-maskulinità u jridu lill-irġiel ikunu bħan-nisa (2).

Wolf issostni li n-nisa għandhom jitgħallmu kif ikollhom setgħa sħiħa fuq ġisimhom u fuq ħajjithom anki billi jħaddnu s-sesswalità tagħhom u tinsisti li d-dritt tan-nisa li juru s-sesswalità huwa importanti għaliex huwa forma oħra ta' poter (*Fire with Fire* 64-5). Fuq kollox, hija talludi għall-Femminiżmu bħala dak li għandu jgħallem lin-nisa jgħidu "iva" jew "le" għax b'hekk jistgħu jakkwistaw awtonomija totali fuq ġisimhom (*Fire with Fire* 185). In-nisa jridu jħossuhom komdi bis-sesswalità tagħhom u għandhom ikunu konxji tax-xewqat erotiċi tagħhom sabiex qabelxejn, dawn il-konfini jkunu ċari magħhom infushom qabel ma jkunu jistgħu jagħmluhom ċari wkoll ma' ħaddieħor (Wolf, *Fire with Fire* 185). Dan ifisser li huwa importanti li n-

nisa jitgħallmu jagħtu kas ix-xewqat sesswali tagħhom sabiex b'hekk ikollhom kontroll sħiħ fuq ġisimhom[3].

Id-drittijiet ċivili li persuni LGBTIQ+ ingħataw f'diversi pajjiżi fosthom f'Malta huma kongruwenti mal-fehmiet tal-Femminiżmu tat-tielet mewġa, li kien voċiferu ħafna billi pproblematizza d-definizzjoni ta' x'inhuma s-"sess" u l-"ġeneru". Fit-Teorija Femminista, id-differenza ta' bejn dawn iż-żewġ termini hija waħda storika għax kienu l-Femministi tat-tieni mewġa li bdew joħolqu distinzjoni bejniethom. Simone de Beauvoir, fil-ktieb *The Second Sex*, tosserva li persuna ma titwilidx mara iżda ssir għax il-femminilità hija kostruzzjoni soċjali mhux bijoloġika, psikoloġika jew ekonomika (273). Fit-tieni mewġa Femminista, it-teoristi bdew jippromwovu l-idea li li tkun femminili mhijiex xi ħaġa naturali iżda riżultat ta' trawwim soċjali.

It-termini "mara" jew "nisa" huma problematiċi minħabba li l-Femminiżmu ma għadux iqishom bħala termini li jġorru tifsira waħda (J. Butler, *Gender Trouble* 6). It-tifsira tal-ġeneru tiddependi wkoll minn fatturi marbutin ma' razez, klassijiet soċjali, etniċitajiet, sesswalitajiet u modalitajiet reġjonali, u għalhekk il-persuni ma jistgħux ikunu kkaratterizzati mill-ġeneru tagħhom għax it-terminu nnifsu jimplika tifsiriet multipli (J. Butler, *Gender Trouble* 6). J. Butler tipproblematizza d-distinzjoni bejn sess u ġeneru billi tirrealizza li s-sistema binarja tal-ġeneru mhijiex tkun inklussiva biżżejjed. Hija temmen li meta s-sistema tal-ġeneru tkun waħda binarja, din tibda tirrifletti s-sistema binarja tas-sess. Meta dawn iż-żewġ sistemi ma jibqgħux riflessi ta' xulxin, il-ġeneru jsir indipendenti mis-sess u għaldaqstant, it-termini "raġel" u

[3] Tajjeb li jissemma li d-deċiżjoni fil-Qorti Suprema fl-Istati Uniti f'Ġunju 2022 reġġgħet l-arloġġ lura fuq din il-kwistjoni (Mangan u Breuninger). Fl-istess xahar, f'Malta, seħħ il-każ ta' mara li kellha tittrasferixxi ruħha f'pajjiż ieħor minħabba li l-bżonn urġenti tal-abort mhuwiex sanzjonat mil-liġi (Barry) u dan minkejja avvanzi kbar li seħħew fid-drittijiet ċivili ta' persuni LGBTIQ+ fl-2017.

"maskili" jistgħu jibdew ifissru l-ġisem femminili bħala wieħed maskili u t-termini "mara" u "femminili" jistgħu jfissru l-ġisem maskili bħala wieħed femminili u dan għaliex il-ġeneru jsir "free-floating artifice" (J. Butler, *Gender Trouble* 10). Għaldaqstant, kemm il-ġeneru kif ukoll is-sess jistgħu jitqiesu bħala fluwidi għax jekk ġisem ta' mara jista' jkun maskili u viċiversa, id-differenza bejn il-ġeneru u s-sess tkompli tiċċajpar. J. Butler tissuġġerixxi li s-sess ukoll huwa kostruzzjoni kulturali u tistqarr li f'dan il-każ, id-definizzjoni tal-ġeneru bħala "the cultural interpretation of sex" ma tibqax tagħmel sens (*Gender Trouble* 11). F'*Undoing Gender*, J. Butler tirreferi għal esperjenza personali li għenitha tirrealizza li minkejja li hija kienet mara, kien hemm irġiel li kienu femminili iżjed minnha (213). Dan ikompli jsaħħaħ l-argument tagħha tal-fluwidità tas-sess u l-ġeneru billi l-maskulinità u l-femminilità ma jibqgħux jirreferu għal raġel jew mara rispettivament iżda tiżdied il-possibiltà li kull terminu jibda jirreferi kemm għal ġisem ta' raġel kif ukoll għal dak ta' mara.

Il-Femminiżmu tat-tielet mewġa huwa moviment li mid-disgħinijiet 'il quddiem beda jiddubita s-sesswalità kif kienet mifhuma qabel u beda jkun hemm iżjed persuni li jidentifikaw lilhom infushom bħala "queer" (Freedman 265). Dan it-terminu jirreferi għal persuni li huma attirati lejn iż-żewġ ġeneri filwaqt li jikkunsidraw il-ġeneru bħala "a fluid and malleable persona that can be changed or crossed at will" (Freedman 265). Dan ifisser li minbarra li t-termini maskulinità u femminilità jistgħu jingħataw kemm lil mara kif ukoll lil raġel, persuni queer iħossu li l-ġeneru tagħhom mhuwiex statiku iżda jista' jinbidel kontinwament.

Il-Femministi mhux dejjem jaqblu bejniethom dwar jekk persuni transesswali u transġeneru għandhomx jitqiesu bħala nisa jew le. Suzanna Bučić tikkritika lill-awtriċi J.K. Rowling wara li fuq Twitter din esprimiet il-fehma li t-terminu "nisa" għandu

jirreferi biss għal dawk li jimmenstruwaw, "women who menstruate," u għalhekk, persuni transesswali ma għandhomx jissejħu "nisa." Bučić tikkritika lil Rowling u tisħaq li meta tipprova tiddefinixxi lill-mara skont il-ġisem tagħha tkun qed tmur kontra l-ispirtu Femminista u fuq kollox teskludi nisa li għaddew mill-menopawsa jew li jsofru minn xi kundizzjoni medika (Bučić). Il-Femministi li huma iżjed radikali jemmnu li nisa transesswali għandhom jibqgħu jitqiesu bħala rġiel anki jekk dawn in-nisa jħossu li għandhom "women's brains in men's bodies" (Goldberg). Madanakollu, il-Femministi żgħażagħ stess li għandhom fehmiet radikali jammettu li huma fil-minoranza (Goldberg) u dan ifisser li l-komunità żagħżugħa qiegħda tkun iżjed sensittiva u inklussiva.

Evans tikkunsidra dak li jissejjaħ il-Postfemminiżmu, dak il-mument li fih il-Femminiżmu ma jibqax jiżviluppa jew jiġi miċħud. Għalkemm il-prefiss użat huwa "post-" u mhux "anti-," dan it-terminu jirreferi għas-suċċessi daqskemm għaċ-ċaħda tal-għanijiet Femministi: "the term 'post-feminism' at once implies success but also a repudiation of feminist goals" (Evans 6). Nancy Gruver tistqarr li l-indifferenza tal-ġenerazzjoni femminili żagħżugħa lejn il-Femminiżmu li osservat fil-bidu tad-disgħinijiet setgħet wasslet għall-fażi Postfemminista (101). Evans tinnota li xi Femministi tat-tielet mewġa, bħal Leslie Heywood u Jennifer Drake jippreferu t-terminu Postfemminiżmu milli Femminiżmu tat-tielet mewġa u anki jirreferu għal xi wħud mit-teoristi li jassoċjaw ruħhom mat-tielet mewġa bħala Postfemministi (6).

### *3.3.1. Il-Femminiżmu tat-tielet mewġa u l-letteratura*

Il-Femminiżmu tat-tielet mewġa kien favur l-espożizzjoni tas-sesswalità tal-mara bħala sfida għan-narrattiva passata miktuba f'dominanza maskili. F'*Fire with*

*Fire*, Wolf tesiġi li n-nisa għandhom jibdew joħolqu arti li biha jesponu l-ħajja sesswali u erotika tagħhom għax jekk l-immaġnijiet ipprojettati s'issa mhumiex qegħdin juru r-realtà tan-nisa, iridu jkunu n-nisa stess li joħolqu arti, speċjalment letteratura, li biha jkunu jistgħu juru l-erotika vera tagħhom (105). Dan, sa ċertu punt, jidwi l-fehmiet bażiċi tal-Femminiżmu Franċiż li hu assoċjat ma' Hélène Cixous, Luce Irigaray u Julia Kristeva li huma magħrufa bħala l-kittieba li ffukaw fuq il-kitba femminili u l-kitba korporja (Still 263), fosthom l-appell li Cixous esprimiet fl-artiklu ċelebri tagħha "The Laugh of the Medusa" biex in-nisa jilliberaw l-espressjoni tagħhom u jiktbu lil ġisimhom meta tgħidilhom: "Write your self. Your body must be heard" (880).

Fil-ktieb *The Beauty Myth*, Wolf taqsam il-ġenerazzjoni Femminista l-ġdida minn ta' qabilha billi ssostni li filwaqt li l-Femminiżmu tat-tieni mewġa fittex post il-mara fis-soċjetà, il-mara ta' din il-ġenerazzjoni kellha tfittex postha f'ġisimha stess (270). Għaldaqstant, it-Teorija Femminista bdiet tagħraf l-importanza tal-eżistenza ta' lingwa adattata sabiex tirrappreżenta lin-nisa f'kultura li fiha ma kinux qegħdin jiġu rrappreżentati kif suppost jew li r-rappreżentazzjoni tagħhom kienet nieqsa għalkollox (J. Butler *Gender Trouble* 4). Iżda minkejja l-insistenza għaċ-ċelebrazzjoni tal-ġisem tal-mara, Catherine Riley u Lynne Pearce josservaw li fis-soċjetà, il-ġisem ideali tal-mara għadu jiġi ppreżentat bħala wieħed uniformi u għadha mhix tingħata attenzjoni lejn is-sbuħija ta' ġisem differenti jew aħjar, ta' persuni f'minoranzi (62), anki jekk kważi għoxrin sena qabel, Wolf kienet diġà bdiet tħeġġeġ lin-nisa sabiex iħossuhom komdi u sbieħ f'ġisimhom għax mhux kif jidhru l-importanti, iżda kif iħossuhom (*Beauty Myth* 272). Il-letteratura Femminista tista' sservi bħala refuġju billi toffri Ħarsa femminili u tiċċelebra s-sesswalità tan-nisa billi ma tiddejjaqx tikxef il-gost u s-sbuħija ta' ġisimha filwaqt li tisfida l-Ħarsa maskili li dejjem irrappreżentat lill-

karattri femminili bħala passivi u li jiġu ssesswalizzati u ġġudikati, bil-konsegwenza li n-nisa jibqgħu jistħu minn ġisimhom u jaħbu s-sesswalità tagħhom (Morris 63-4). Din ir-rappreżentazzjoni minn lenti femminili hija importanti sabiex il-qarrejja nisa ma jibqgħux jiltaqgħu ma' karattri femminili pprojettati minn għajn maskili biss iżda jibdew jiltaqgħu ma' karattri nisa li jistgħu jirrelataw magħhom.

Il-Femministi l-ġodda bdew ikunu iżjed inklussivi bir-rappreżentazzjoni ta' persuni f'minoranza li qabel kienu qegħdin jiġu aljenati mhux biss fis-soċjetà imma anki fil-letteratura. Il-kritika Femminista tat-tieni mewġa fis-sittinijiet u s-sebgħinijiet ħarset lejn qari li jeżamina l-letteratura bħala mezz li bih jerġgħu jiġu prodotti u kkontestati l-immaġnijiet patrijarkali tan-nisa f'testi letterarji, filwaqt li fittxet li jiġi identifikat u analizzat il-karattru distintiv tal-kitba tan-nisa (Weedon 282). It-tieni mewġa riedet terġa' tqajjem l-Istorja mitlufa ta' din il-letteratura billi tidentifika l-perspettiva u l-estetika femminili li hemm fiha (Weedon 282). Sas-snin tmenin, il-kritiċi Femministi osservaw li dan il-proċess kien qiegħed jiffoka dejjem fuq il-kitba ta' nisa eterosesswali bojod mill-Punent u li għandhom sfond soċjali ta' klassi medja u għalhekk, bdew jiġu esklużi fatturi soċjali, sesswali u razzjali (Weedon 282). Fis-snin tmenin nisa ta' etniċitajiet differenti bdew jiktbu dwar il-kritika letterarja filwaqt li l-akkademja bdiet tagħraf l-importanza tal-letteratura ta' dawn in-nisa billi bdiet tinkludi x-xogħlijiet tagħhom fil-korsijiet universitarji (Riley u Pearce 97). Dan kollu għen sabiex it-tielet mewġa bdiet tħares iżjed mill-qrib lejn varjetà etnika akbar u l-kitbiet ta' nisa li joħorġu minnha (Riley u Pearce 97). Għaldaqstant, il-Femminiżmu tat-tielet mewġa appella lill-kritiċi biex jibdew iħaddnu d-diversità u jagħrfu dejjem iżjed l-importanza tal-inklussività etnika u razzjali li tħares 'il bogħod mis-sess u l-ġeneru u mill-klassi soċjali tal-individwi.

Il-kunċett tal-fluwidità tal-ġeneru u s-sess biegħed it-Teorija Femminista mill-problematizzazzjoni ta' xi jfisser it-terminu "femminilità" u minflok wasal biex jiddestabilizza kemm il-femminilità kif ukoll il-maskulinità, u dan billi fil-letteratura miktuba min-nisa bdew jiġu rrappreżentati karattri li ma jikkonformawx mal-idea tradizzjonalment binarja ta' sess u ġeneru (Riley u Pearce 51). Il-kittieba nisa kienu minn tal-ewwel li fil-letteratura inkludew persuni li mhumiex eterosesswali u b'hekk bdew ilaqqgħu lill-qarrejja ma' karattri LGBTIQ+. Fi tmiem is-snin tmenin J. Butler kienet diġà qiegħda tesprimi l-preokkupazzjoni tagħha dwar il-fatt li t-Teorija Letterarja Femminista kienet tassumi biss l-eterosesswalità u ħadmet sabiex telimina l-preżunzjonijiet li jġibu magħhom l-irwoli tal-ġeneri (vii). Hija insistiet li l-Femminiżmu għandu jkun iżjed miftuħ sabiex ma jkunx kompliċi ta' omofobija u esklużjoni fi ħdanu. J. Butler ma tħossx li l-letteratura għandha sservi bħala mudell għall-qarrejja iżda tesiġi li, minflok, għandha tkun miftuħa għall-ġeneri possibbli kollha (viii). Il-letteratura ma għandhiex tiddetta lill-qarrejja kif għandhom jirrelataw ma' persuni li huma differenti minnhom imma bl-espożizzjoni tal-esperjenzi li jgħaddu minnhom karattri differenti, il-qarrejja jkunu jistgħu jirrelataw iżjed magħhom u jirrealizzaw li hemm iżjed affarijiet li jgħaqqduhom bħala bnedmin milli jifirduhom (bħalma jsir bil-letteratura Kożmopolitana).

Fil-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin, il-kittieba nisa Maltin bdew jiffukaw fuq ir-rakkonti minn lenti femminili billi bdew joħolqu protagonisti nisa li, bħalma tikkummenta C. Azzopardi, kienu neqsin fil-letteratura Maltija ta' qabel u wara l-Indipendenza. C. Azzopardi tiddikjara li trid tisfida "l-kuntest li fih tqiegħdet il-mara mir-raġel fil-letteratura Maltija: ħafna drabi, il-mara-omm li trabbi sew lil uliedha, li toqgħod għal dak li jgħid żewġha, li tkun ta' eżempju; inkella l-mara-oġġett li taqdi l-

bżonnijiet sesswali tar-raġel" (Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb). Hija ssostni li l-kitba l-ġdida teħtieġ "plott, sitwazzjonijiet iktar avventurużi, il-lingwaġġ u s-sintassi ġodda" sabiex tkun tista' tirrakkonta mill-ġdid lill-mara (Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb).

Fost l-iżjed kotba riċenti miktubin minn nisa bi protagonisti nisa huma *Castillo* ta' C. Azzopardi, *Ir-Rota Daret Dawra (Kważi) Sħiħa* ta' Nadia Mifsud u *Gramma* ta' Leanne Ellul. *Castillo* u *Ir-Rota Daret Dawra (Kważi) Sħiħa* jikxfu fost l-oħrajn ir-relazzjoni tal-omm mal-bint, tema li fis-snin tmenin u disgħin kienet komuni fil-letteratura Femminista bħalma kienu l-oppressjoni mill-familja u l-abbuż tal-missirijiet fuq uliedhom bniet, l-irkupru mit-trawma u r-relazzjoni ta' bejn il-passat u l-futur mar-rappreżentazzjoni Femminista (Elliott 5). Mill-ftuħ ta' *Ir-Rota Daret Dawra (Kważi) Sħiħa*, il-qarrejja jindunaw li l-protagonisti nisa mhumiex in-nisa tradizzjonali tar-rakkonti tas-seklu għoxrin meta n-narratriċi tgħid li għadhom "is-sebgħa ta' filgħodu, u ġa għandi aptit nheżżiżha" (7) u meta iżjed 'il quddiem tikkummenta dwar l-għira bejn il-protagonista u oħtha (25). Fir-rumanz *Castillo* ir-relazzjoni bejn l-omm u l-bint hija waħda ta' ftit sigħat għax l-omm titlaq il-familja u l-bint tmur tfittixha wara ħamsa u għoxrin sena (18). Barra minn hekk, fir-rumanz hemm siltiet minn rumanz ieħor miktub miz-zija tan-narratriċi, Cathy dwar l-Ispettur Castillo. L-istejjer ta' Castillo huma ambjentati qabel it-tmeninijiet, u l-fatt li l-protagonista ta' dawn il-kotba huwa raġel, anki jekk inhu miktub minn mara, jirrifletti wkoll in-nuqqas ta' rappreżentazzjoni ta' karattri femminili fil-letteratura Maltija.

*Gramma* wkoll jinkludi relazzjoni ta' aljenazzjoni bejn l-omm u l-bint, iżda jiffoka l-iżjed fuq il-kundizzjoni tal-anoressija li taħkem lin-narratriċi, Analiża. Ħafna drabi, il-kawża ta' din il-kundizzjoni tkun riżultat ta' pressjoni soċjali li tidealizza ġisem irqiq (Ergüney Okumuş 6). Riley u Pearce jirreferu għall-kultura konsumista bħala l-

ikbar forza li tpoġġi pressjoni fuq in-nisa sabiex ikunu rqaq (60). Għalkemm l-ideal tal-ġisem minn żmien għal ieħor jinbidel, l-insistenza fuq żaqq ċatta baqgħet evidenti (Riley u Pearce 61). Barra minn hekk, l-immaġnijiet mgħoddija mill-media jidealizzaw il-ġisem ta' persuni bojod (Riley u Pearce 61-2) u dan jidher fir-rumanz meta Analiża twaħħal il-posters ta' Amy Winehouse, Lorde, Victoria Beckham u Gemma Ward, erba' personalitajiet popolari bojod u rqaq. Il-fatt li t-tejp biex twaħħal il-posters huwa "bżonn indispensabbli" u li s-subkonxju tagħha jfakkarha li jekk "tagħmel kif ngħidlek jien jirnexxilek" (Ellul 15), jixhed li l-posters trid twaħħalhom fil-kamra tagħha sabiex ifakkruha kontinwament fl-iskop ewlieni tagħha – li tirqaq.

L-istandards soċjali rigward il-ġisem irqiq għadhom qawwijin u dan jixhduh ir-ritratti li mlew il-media soċjali u l-mistoqsijiet tal-ġurnalisti lil xi wħud mill-personalitajiet famużi li kienu kbar fid-daqs u naqsu. Waħda minnhom hija l-kantanta Adele u waqt intervista tistqarr li tħoss li ġisimha dejjem ġie oġġettifikat, kemm meta kienet kbira fid-daqs u anki meta naqset: "My body has been objectified my entire career – I'm too big, I'm too small, I'm hot or I'm not" (Everett). Hija tispjega li l-għan tagħha qatt ma kien li tonqos mill-piż iżda li tkun f'saħħitha (Everett). Rebel Wilson esprimiet sentimenti simili meta tkellmet mal-ġurnalista tal-*BBC* u sostniet li hija ħasset li kellha tonqos mill-piż sabiex tħossha iżjed f'saħħitha. Madanakollu, hija tistqarr li kienet affaxxinata bir-rispons mill-media u l-mod kif il-bnedmin huma "ossessjonati" bid-dehra, speċjalment tan-nisa (BBC News). Dawn iż-żewġ personalitajiet qegħdin jinsistu li ma għamlux it-trasformazzjoni sempliċiment għax ħassew li jekk se jirqaqu kienu se jħossuhom isbaħ. Minflok, bdew jaħdmu fuq is-saħħa personali tagħhom u bħala riżultat kisbu figura irqaq. B'hekk jidher li n-

narrattiva qiegħda tinbidel u minflok "isbaħ," ġisem irqiq qiegħed ifisser ġisem "f'saħħtu."

Wara t-trasformazzjoni tagħha, Adele stqarret li hija kienet "body-positive then and I'm body-positive now" (Everett) u dan huwa eżempju ta' kif il-bnedmin iżjed ma jmur iżjed qegħdin ifittxu li jħossuhom komdi billi jkunu f'saħħithom, irrelevanti d-daqs ta' ġisimhom. Dan il-messaġġ qiegħed jitwassal ukoll permezz ta' xi ditti tal-ħwejjeġ li qegħdin jipproduċu prodotti li jitilgħu sew fid-daqs u li qed jimpjegaw mudelli ta' daqsijiet differenti sabiex jesebixxu l-prodott tagħhom mal-pubbliku. Roxane Gay tirrakkonta l-esperjenza tagħha bħala mara kbira fid-daqs u tistqarr li minkejja li għadha ma tafx kemm se tkun kapaċi taċċetta lil ġisimha kif inhu, ġisimha huwa reżiljenti ("resilient") u potenti ("powerful") (272). Hija ssostni li minkejja li qiegħda taħdem sabiex tibda tħossha komda f'ġisimha stess, il-"glossy magazines" iġegħluha tiddubita jekk fil-fatt jeżistux dawk il-bnedmin li jħossuhom komdi f'ġisimhom tassew (274). Minkejja l-isforzi li qegħdin isiru sabiex jingħaddu messaġġi favur dehriet fiżiċi differenti, l-immaġnijiet iċċirkulati fil-media għadhom jgħaddu l-messaġġ li l-ġisem ideali jrid ikun ta' daqs u forma partikolari, żewġ elementi li ma għadhomx ifissru biss ġisem "sabiħ" iżda saru jimplikaw ukoll ġisem "f'saħħtu".

## 3.4. Għeluq

Kemm il-Postmoderniżmu kif ukoll il-Kożmopolitaniżmu u l-Femminiżmu tat-tielet mewġa huma tliet sferi filosofiċi li ħarġu mill-era Postmoderna kkaratterizzata mill-kapitaliżmu aħħari. It-tlieta affettwaw l-arti, inkluża l-letteratura. Il-Postmoderniżmu, b'differenza għall-Moderniżmu, ħaddan il-kultura popolari u b'hekk, l-arti saret xi ħaġa komuni li tinstab kullimkien, mhux fil-mużewijiet biss. Lotringer

jistqarr li fl-era Postmoderna “art is everywhere, *even* in art” (*The Piracy of Art* 11). Il-Postmoderniżmu huwa kkaratterizzat mit-taħlit ta’ immaġnijiet u l-isfumar tar-realtà bil-ħolqien tal-iperrealtà. L-iżvilupp teknoloġiku huwa l-metodu li bih l-individwi qed ikollhom kuntatt kontinwu mat-teknoloġija u b’hekk, qiegħda dejjem tinbena relazzjoni iżjed intima bejniethom. Fil-letteratura din ir-relazzjoni timmanifesta ruħha l-iżjed fil-ġeneri tas-cyberpunk u d-distopija. Bit-tekniki tal-intertestwalità, il-pastiche u l-parodija li bihom tinħoloq arti fframmentata u ambigwa, il-letteratura qiegħda tirrappreżenta l-fluwidità fit-tifsir ta’ dak li qiegħed jiġri madwarna għax xejn mhuwa uniformi.

Dan ifisser li filwaqt li l-Postmoderniżmu jħaddan il-kultura popolari, jisfida l-idea tal-kultura tal-massa għax din telimina identitajiet differenti u l-Postmoderniżmu huwa dejjem favur il-multipliċità: “Postmodern difference or rather differences, in the plural, are always multiple and provisional. (Hutcheon *A Poetics* 6). Din tidher fil-letteratura Kożmopolitana li tirrakkonta esperjenzi minn madwar id-dinja ta’ karattri b’kulturi differenti. L-attitudni kożmopolitana ilha teżisti eluf ta’ snin, tant li hija ddokumentata wkoll fil-filosofija Griega. Maż-żmien, din l-attitudni bdiet tieħu bosta xejriet, fosthom reliġjużi. Fil-perjodu Illuminista, l-attitudni kożmopolitana nqasmet fi tnejn: dawk li jħossuhom komdi kullimkien u dawk li ma jħossuhom komdi mkien. Fl-aħħar mill-aħħar, il-Kożmopolitaniżmu llum jitkellem dwar l-importanza tal-awtonomija tal-individwu li sabiex jiksibha jrid l-ewwel iħaddan il-kultura lokali ħalli mbagħad jiftaħ djalogu globali u l-letteratura hija wieħed mill-mezzi li bih jista’ jiftaħ dan id-djalogu.

It-tħaddin ta’ identitajiet multipli tidher ukoll fil-Femminiżmu tat-tielet mewġa. Din il-mewġa bdiet tagħti iżjed importanza lill-esperjenzi ta’ persuni f’minoranzi u

kompliet tipproblematizza d-distinzjoni bejn is-sess u l-ġeneru bħala żewġ aspetti kulturali u soċjali, iżjed milli xjentifiċi. Dawn il-Femministi komplew iħarsu lejn il-ġisem tal-mara u l-mod kif dan jista' jiġi ċċelebrat fis-sbuħija tiegħu, anki jekk l-istandards soċjali għadhom jesebixxu forma waħda bħala l-mudell ta' ġisem perfett. Dawn l-aspetti jidhru fil-letteratura billi l-kittieba bdew joħolqu karattri b'kulturi u sesswalità differenti. Fuq kollox, il-karattru tal-mara ma baqax passiv u din il-letteratura bdiet tirrakkonta x-xewqat, il-ġibdiet u l-gosti tan-nisa, xi ħaġa li tidher anki fil-letteratura Maltija, fosthom fir-rumanzi li fihom il-karattri nisa huma ppreżentati bħala karattri attivi, filwaqt li l-karattri rġiel huma passivi.

# 4.

# Elementi ġodda fin-novella:

# Il-post u n-nazzjon

Il-kuxjenza ta’ bnedmin li jgħixu flimkien f’dinja waħda qiegħda ssawwar is-sens ta’ post l-individwu fid-dinja aktar milli postu fir-raħal, fil-belt jew fil-pajjiż li legalment jappartjeni għalihom (Boxall 166). Il-letteratura kontemporanja qiegħda tirrikonoxxi dawn il-bidliet fl-idea ta’ appartenenza u qiegħda titbiegħed mill-idea tradizzjonali ta’ nazzjon. Għaldaqstant, il-letteratura ma għadhiex tirrakkonta tradizzjonijiet nazzjonali iżda qiegħda tieħu xejra internazzjonali li tisboq il-fruntieri kulturali (Boxall 7). Dan jidher ukoll fil-letteratura Maltija. Il-kittieba Maltin ma għadhomx marbutin biss mar-raħal Malti iżda ħarġu ’l barra mill-ambjent rurali, esploraw l-ambjent urban u qegħdin jiktbu stejjer li jseħħu f’pajjiżi oħrajn u xi kultant b’karattri li ma għandhom l-ebda rabta ma’ Malta.

Il-letteratura Maltija fis-snin sittin ħadet żvolta u bdiet “titmexxa mill-kriterji estetiċi tad-dinja kontemporanja” (Friggieri, *L-Istudji Kritiċi* 656). F’dan iż-żmien, il-kittieba Maltin bdew jiġu influwenzati minn:

> mentalità differenti, iżjed aġġornata, nervuża quddiem l-isfida ta’ ambjent kontinentali u dinji . . . Il-punti tar-riferiment kellhom ikunu kontinentali u dinjija, u mhux aktar bħala mikrokożmu, jew nazzjon għalih, magħluq fih innifsu, iżda kellu jinftiehem bħala medda arti li ma kellhiex fruntieri għaliex kienet parti integrali mid-dinja kollha. (Friggieri, *L-Istudji Kritiċi* 656)

Dan ifisser li l-letteratura Maltija Moderna kienet diġà bdiet tiġi influwenzata minn mentalità kożmopolitana għaliex bħalma jispjega Friggieri, il-“bniedem mistħarreġ mill-awtur kellu jkun l-abitant mifxul tal-pjaneta kollha u mhux iċ-ċittadin ċert ta’ art ċkejkna; it-tensjonijiet tiegħu kellhom ikunu umani u mhux Maltin” (656). Madanakollu, Friggieri jistqarr ukoll li l-awtur Modern baqa’ xorta jfittex “l-oriġini” għax

"l-għatx biex jintmessu l-għeruq tal-poplu qadim ta' Malta baqa', u s-sejba aħħarija baqgħet . . . l-istess waħda ta' qabel. Il-forom tbiddlu mill-qiegħ, iżda l-ispiritwalità kellha tissokta tgħix u tagħraf lilha nnifisha fil-wirt "assolut" li wasal bla diskussjoni mill-imgħoddi mbiegħed" (656-7).

Għalkemm il-kittieba Moderni kienu diġà bdew jesperimentaw b'forom li ma baqgħux tradizzjonali, tematikament baqgħu xorta waħda marbuta wisq ma' Malta. Il-karattri baqgħu Maltin u l-ambjent baqa' fil-biċċa l-kbira dak rurali Malti. Ngħidu aħna r-rumanzi *Samuraj* u *Il-Gaġġa* ta' Frans Sammut, *Il-Gidba* ta' Friggieri u *Dal-Lejl Ġie Alla* ta' Paul P. Borg huma fost ir-rumanzi Moderni li huma ambjentati f'raħal Malti b'karattri Maltin. Ikun xieraq li jiġi osservat, iżda, li f'dan l-istess perjodu l-poeżija xirfet ħafna iktar 'il barra mill-proża: il-poeti rreġistraw il-vjaġġi tagħhom u wessgħu ħarsithom. Dan jidher sew f'ġabra bħalma hi *London in Pictures and Other Poems* ta' Victor Fenech (1976) u diversi poeżiji ta' Mario Azzopardi, speċjalment f'*Tabernakli* (1979).

Il-proża bdiet tiddokumenta vjaġġi simili wara d-disgħinijiet. In-novelli tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin li qegħdin jiġu mistħarrġa f'din ir-riċerka huma miżgħuda b'karattri u ambjenti barranin. Malta mhijiex iċ-ċentru ta' kollox f'dawn l-istejjer. Il-Maltin qegħdin jiġu wiċċ imb wiċċ ma' persuni ta' kulturi u tradizzjonijiet differenti filwaqt li l-awturi ta' dan il-perjodu qegħdin itellgħu fil-wiċċ l-isfidi li ġieli jġib miegħu dan it-taħlit kulturali.

## 4.1. Mill-ambjent rurali għall-ftuħ globali

Bl-impatt tal-globalizzazzjoni li beda jinħass fis-sebgħinijiet u l-ftuħ fis-swieq finanzjarji li żdiedu sew bil-waqgħa tal-blokk Komunista, ir-raħal ma setax jibqa' jiġi rromantiċizzat minħabba l-attivitajiet kontinwi li l-bnedmin il-ħin kollu jridu jlaħħqu magħhom (March-Russell 146-7). L-esperjenza urbana hija parti mir-rappreżentazzjoni Postmoderna għax kemm il-belt, kif ukoll il-postmodernità, jiddeskrivu l-instabbiltà u billi l-postmodernità hija kkaratterizzata minn żvilupp kontinwu, il-belt, speċjalment il-metropoli, saret il-post li fih qegħdin jiġru ħafna avvenimenti u għalhekk, l-istejjer tagħhom jeħtieġ li jiġu rrakkontati (March-Russell 159).

Il-Moderni Maltin kienu differenti mill-Moderni ta' barra għax filwaqt li l-Maltin baqgħu marbutin mar-raħal Malti, ngħidu aħna *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar* ta' Alfred Sant, *Samuraj* u *Il-Gaġġa* ta' Sammut, u *Il-Gidba* ta' Friggieri, il-kittieba Moderni barranin bdew jiktbu dwar il-ħajja kumplessa u d-diversità li ġġib magħha l-belt metropolitana (Beville 603). Il-letteratura u l-arti barranin Moderni bdew jiġu influwenzati mill-kapitaliżmu u l-proletarjat ġdid fil-belt u eventwalment bdew jiffukaw dejjem iżjed fuq is-superfiċjalità tal-ħajja urbana u l-vojt li ġġib magħha (Beville 606). Il-letteratura Postmoderna, min-naħa l-oħra, aċċettat il-fluwidità tal-metropoli bħala post ħaj li miegħu jinbidlu wkoll in-nies. Maria Beville targumenta li fil-Postmoderniżmu, il-belt hija "uncanny, it is a simulacrum made up of simulacras, at once familiar but also strange and unknowable. It is a site that is constantly shifting and changing, defined by its own otherness" (604) u għalhekk hija post mimli tensjonijiet.

Minkejja l-Istorja twila tal-ideoloġija Kożmopilitana, sas-snin disgħin in-narrattiva Maltija kienet għadha ffukata fuq Malta u l-ambjent rurali tagħha u l-maġġoranza tal-kitbiet ta' dan il-perjodu jseħħu f'xi raħal f'Malta. Mamo jipprova joħroġ 'il barra mill-gżira bin-novella "Rewwixta fi New York" u bir-rumanz *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*; madanakollu, minkejja li l-karattri ta' Mamo jagħżlu li jitilqu minn Malta jidher ċar li mhumiex lesti għall-ftuħ ta' pajjiż kbir u avvanzat bħall-Amerka. L-ispedizzjoni tfalli u l-emigranti jispiċċaw jirritornaw lejn darhom. Rumanzi Moderni bħal *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar* ta' Sant u *Il-Gaġġa* ta' Sammut jintemmu bil-protagonista tielaq minn Malta biex jipprova jsib ħajja aħjar f'pajjiż ieħor. Madanakollu, in-natura psikoloġika ta' dawn ir-rumanzi tpoġġi dubji serji kemm dawn il-karattri se jirnexxilhom isibu dak li qegħdin ifittxu f'belt metropolitana.

Il-qalba mid-disgħinijiet għall-millennju l-ġdid ġabet magħha "post-millenial cultural conflict and fragility" u minħabba f'hekk il-letteratura Kożmopolitana tkattret (Shaw 2). Żdied ukoll il-kuntatt mat-teknoloġija li flimkien mar-realtajiet ġodda tal-globalizzazzjoni u l-mobbiltà transnazzjonali mmarkaw is-seklu wieħed u għoxrin (Shaw 1). Il-kittieba ta' din il-ġenerazzjoni, minbarra li esperjenzaw is-safar b'mod differenti minn dawk ta' qabel, l-iżjed minħabba prezzijiet orħos u aċċessibiltà ikbar, mad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea bdew jiktbu għal udjenza usa' bit-traduzzjonijiet u l-pubblikazzjonijiet barra minn Malta u bil-parteċipazzjoni f'festivals u kompetizzjonijiet.

Mill-kittieba mistħarrġa, Mejlak huwa l-iżjed wieħed li baqa' marbut mar-raħal Malti filwaqt li, ironikament, huwa l-iżjed wieħed li ambjenta n-novelli tiegħu fl-iżjed bliet metropolitani tal-Ewropa. Ngħidu aħna "Is-Sajf tad-Disgħa u Tmenin" hija ambjentata fi pjazza ġo raħal tipiku Malti. Il-protagonisti f'din in-novella huma l-aħwa

Cefai, emigranti li jiġu Malta għal vaganza u magħhom iġibu affarijiet popolari fi bliet kbar barranin iżda li f'Malta għadhom ma waslux, fosthom ħwejjeġ u żraben, stili tax-xagħar, "tattwaġġi, arloġġi tal-idejn, logħob, ċajt u manjieri" (*Qed Nistenniek* 36). Dawn l-emigranti huma differenti għall-aħħar mill-protagonisti ta' Mamo f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* għax il-familja Cefai rnexxiet f'belt daqstant kbira filwaqt li ta' Mamo kellhom jirritornaw Malta. Jidher li l-mentalità tal-kittieba dwar il-Maltin inbidlet għax filwaqt li Mamo jemmen li l-Maltin huma ddestinati li jfallu għax mhumiex ippreparati għal ħajja f'belt moderna, Mejlak jagħti eżempju ta' kemm kien hemm Maltin li rnexxew tassew u minflok, jirreferi għall-Maltin li baqgħu Malta bħala apatiċi u mingħajr sens ta' avventura. In-nies tar-raħal kienu jistennew lil dawn l-emigranti sabiex jagħtu l-ħajja lil-lokal u bis-saħħa tagħhom, il-Maltin kienu jsiru huma stess it-turisti għax bħalma jgħid in-narratur, "flus u aptit biex nitilqu ma kellniex" (36). Dan juri kif il-Maltin ta' dan iż-żmien ma kinux isiefru u l-fatt li minbarra l-problema tal-flus ma kienx ikollhom aptit lanqas, turi ċerta apatija li kellhom meta jiġu biex iżuru pajjiżi b'kulturi differenti.

Novelli oħrajn ta' Mejlak ambjentati fir-raħal mill-ġabra *Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid* huma "Dar ir-Rummien" li t-titlu tagħha huwa wkoll isem ta' guesthouse li tilqa' l-artisti barranin, eżempju ta' kif jista' jsir kapital minn dar f'raħal żgħir f'Għawdex; "L-Aħħar Sajf Tiegħek, Amy" li ħafna minnha hija ambjentata f'dar f'raħal Malti; u "Il-Barranija" li toħroġ id-differenza bejn dak li jiġri fil-belt u dak li jiġri fir-raħal meta l-belt tiġi deskritta bħala post mimli storbju, ġenn, traffiku, burokrazija żejda u "xiri sfrenat u sfurzat għal affarijiet" bla bżonn (120); deskrizzjoni li tikkuntrasta ma' dik tar-raħal li huwa deskritt bħala post kalm, żgħir, kwiet, qrib il-baħar, u "kollox idur madwar knisja ċkejkna" (121). In-nies ta' dan ir-raħal ukoll huma kalmi "bi tbissima u li biex jimxu

jkaxkru saqajhom" (121). Maċ-ċokon tar-raħal, hemm deskrizzjoni tal-mentalità konservattiva tal-abitanti tiegħu li għalihom, mara għarwiena ġo darha kienet xi ħaġa li qatt ma semgħu jew raw bħalha.

F'*Qed Nistenniek Nieżla max-Xita*, Mejlak jambjenta bosta novelli fir-raħal, fosthom "Talb" li hija deskrizzjoni ta' xi jkun qiegħed iseħħ fil-pjazza tar-raħal f'mument partikolari; "Dar ix-Xogħol," li hija ambjentata f'każin politiku fil-Qala; u "Il-Ħofra" li wkoll isseħħ f'raħal Għawdxi. Fir-raħal ta' "Il-Ħofra" tinħatt "dar sbejħa biex flokha jitla' blokk bini kbir" (140), bil-garaxxijiet taħt l-art u aktarx appartamenti fuq. Dan il-bini tipiku tal-belt impoġġi fir-raħal ċkejken hu eżempju ta' kif l-iżvilupp metropolitan f'Malta qiegħed jilħaq ukoll irkejjen fi rħula żgħar f'Għawdex. L-appartamenti huma d-djar tal-bliet u Mejlak jiddistingwi bejn id-djar tal-bliet Ewropej u d-djar tal-irħula f'"Il-Madonna f'Dar Evelina" li tibda f'Moska dakinhar li l-protagonista jorqod fl-appartament ta' Evelina u tkompli fid-dar li kellu hu f'raħal żgħir f'Malta (13). Ħafna min-novelli ta' Mejlak, li huma ambjentati fi bliet, iseħħu f'appartamenti, fosthom "Polaroids għal Ommi – Ir-Riħa tax-Xita (Brussell)" li fiha l-protagonista jiftaħ ħanut żgħir ta' billejl taħt blokka appartamenti, xi ħaġa tipika ta' bliet kbar jew bliet li fihom ikun hemm l-iżjed movimenti flgħaxija. "Il-Ġabbar" imbagħad, tagħti deskrizzjoni tal-appartamenti bl-art tal-injam li "jekk ta' taħtek iċċaqlaq is-sufan, faċli ċċaqlaqlek miegħu żewġ kuċċarini f'qiegħ is-sink" (147). F'dan l-eżempju, Mejlak mhux biss qiegħed jagħti stampa ddettaljata ta' kif ikunu l-binjiet fi bliet metropolitani barranin, iżda qiegħed jirreferi wkoll għaċ-ċokon tal-postijiet li fihom qegħdin jabitaw ħafna nies.

C. Azzopardi tambjenta xi wħud mir-rakkonti f'appartamenti, fosthom "Sodda tal-Ilma," "Imbagħad Darba Tasal l-Email," "Rasi ġol-Ilma" u "Ir-Raġel li Waqagħlu l-

Mobile fil-Loki" (*Il-Linja l-Ħadra*). "Sandra" u "Lily" huma żewġ novelli li fihom il-protagonisti jkunu joqogħdu f'dar u jmorru joqogħdu f'appartamenti, u fi "Gracey", Bonnie u Bice Higgins, huma żewġ aħwa proprjetarji ta' ħanut taż-żraben li joqogħdu f'appartament il-Belt (*Kulħadd Ħalla*). Waħda mill-ftit novelli f'*Bejn Bejnejn* ta' Nabhan li jseħħu f'Malta hija "Il-Paġella" u hija ambjentata f'appartament. Ir-rakkonti ambjentati f'appartamenti f'Malta jixhdu l-iżvilupp li qiegħed dejjem inaqqar mill-ambjent rurali lokali u li l-kittieba qegħdin jirreaġixxu għal dan l-iżvilupp billi fost l-oħrajn ipoġġu lill-karattri tagħhom f'dawn il-blokok.

Teżisti differenza bejn il-karattri li joqogħdu ġo dar u dawk li joqogħdu f'appartament. Ħafna drabi, dawk li joqogħdu ġo dar huma miżżewġin u bil-familja bħal "/No Adejctive Describe Story/" (*Il-Linja l-Ħadra*), "Rita" u "Roża" (*Kulħadd Ħalla*) ta' C. Azzopardi, "Ir-Riħa ta' Totò", "Mill-Għoli tas-Sema" (*Qed Nistenniek*), "L-Aħħar Sajf Tiegħek, Amy" u "Nuria Angels Barrera" (*Dak li l-Lejl*) ta' Mejlak. Hemm żewġ eżempji ta' nisa barranin li jgħixu waħedhom fi djar kbar li huma "Il-Barranija" (*Dak li l*-Lejl) u "Camilla" (*Kulħadd Ħalla*) u oħrajn li d-dar tagħhom wirtuha mingħand xi ħadd bħal fil-każ ta' "Il-Madonna f'Dar Evelina" (*Qed Nistenniek*) u "Silta minn Rumanz Ġdid" ta' Nabhan (*Leħen tal-Fuħħar*). Imbagħad hemm eżempji ta' karattri li meta kienu żgħar kienu joqogħdu fi djar u issa li kibru qegħdin joqogħdu f'appartament waħedhom bħal Claudine f'"Lily" (*Kulħadd* Ħalla) ta' C. Azzopardi u "Sandra" mill-istess ġabra li sakemm damet miżżewġa kienet toqgħod f'dar u mbagħad marret toqgħod f'appartament. Id-differenza fl-ambjent tal-karattri toħroġ id-differenza ġenerazzjonali billi aktar ma l-karattri huma żgħażagħ, iżjed qegħdin jgħixu f'appartamenti u iżjed ma l-karattri jkunu kbar fl-età aktar dawn ikunu inklinati lejn ir-raħal u d-djar fl-irħula. Barra minn hekk, din id-differenza ġenerazzjonali fil-

postijiet li fihom joqogħdu l-karattri tikxef ir-realtà li ħafna postijiet li qabel kienu djar, issa qegħdin isiru appartamenti. Għaldaqstant, iż-żgħażagħ, anki jekk jibqgħu joqogħdu f'raħal, it-tendenza hija li xorta waħda jispiċċaw joqogħdu f'appartament iżjed milli f'dar għax l-appartamenti huma iżjed aċċessibbli u affordabbli. Għal ħafna żmien, l-uniċi postijiet li setgħu jitqiesu bħala bliet f'Malta kienu l-Belt Valletta u l-bliet l-oħra tal-madwar. Dan jidher fin-novella "Gracey" li l-karattri tagħha Bice u Bonnie Higgins joqogħdu f'appartament fiċ-ċentru tal-Belt, u billi dawn kienu joqogħdu f'appartament minn meta twieldu sa meta xjaħu tindika li fiż-żmien, il-Belt kienet waħda minn ftit postijiet meqjusin bħala belt bil-ħwienet u l-appartamenti fuq il-ħwienet bħal bliet oħrajn barranin; xi ħaġa li issa qiegħda tidher f'postijiet oħrajn f'Malta bl-iżvilupp kontinwu tal-kostruzzjoni.

Konxji mill-bidla li qiegħda ssir f'Malta bil-bini ta' ħafna appartamenti, dawn l-istejjer sabu rwieħhom fin-novelli. Bħal dawk il-kittieba li ġew qabel u bħal Mejlak fin-novella "Il-Ħofra" (*Qed Nistenniek*), C. Azzopardi tagħmel referenza għall-bini li jibda tiela' u s-silenzju li jibda jinkiser bit-trakkijiet u l-attività tal-kostruzzjoni li tibda toħnoq it-toroq tal-Gżira. Għalhekk, il-ġenituri ta' Claudine f'"Lily" jiddeċiedu li jitilqu mill-Gżira u jmorru San Ġiljan għall-kwiet, "f'dar ikbar u bil-ġnien fuq wara" (*Kulħadd Ħalla* 81). Minkejja dan, wara ħmistax-il sena, Claudine xorta terġa' tinġibed lejn il-Gżira u tispiċċa tmur toqgħod f'appartament hemmhekk stess.

It-tema tan-nuqqas ta' kwiet minħabba l-iżvilupp tidher anki f'"Carbon Monoxide" ta' Nabhan, li għalkemm mhijiex ambjentata Malta, il-qarrejja Maltin jistgħu jirrelataw magħha sew. Il-protagonista jixtri dar 'il barra mill-belt ta' Amman "minħabba li kien ħassu fgat fir-raħal, jekk għadek tista' ssejjaħlu raħal wara li sploda bil-bini u l-għajjat u t-tbaqbiq [sic.] tal-karozzi deħlin u ħerġin bla heda. Barra li t-

tobba kienu wissewh li l-arja fejn joqgħod mhux tajba għall-pulmun tiegħu" (*Bejn Bejnejn* 73). Huwa jibni dar f'arja nadifa iżda wara ftit jerġa' jsib ruħu "mdawwar bil-bini u t-trakkijiet u t-trabijiet imniġġsa li t-tobba avżawh biex joqgħod attent minnhom" (73). Ironikament, l-istess nies li jipprova jevita l-għajjat tagħhom jispiċċaw jiġu joqogħdu ħdejh u minbarra d-djar, tibda tinbena wkoll Moskea li tfisser "ħames talbiet u ħames ħasdiet bil-għajjat tal-Mu'ażżin, l-ewwel waħda tibda fil-ħamsa ta' filgħodu" (74). Ix-xewqa tal-bnedmin li joqogħdu f'residenza privata għall-kwiet donnu li iżjed ma jmur, iżjed qiegħda ssir diffiċli li titwettaq.

Nabhan jambjenta ħafna min-novelli tiegħu barra minn Malta u fir-rakkonti toħroġ id-differenza bejn il-bliet Ewropej u l-bliet Għarbin, speċjalment dik ta' Amman. Fost ir-rakkonti ambjentati f'din il-belt hemm "Identiċi", "Miriam il-Bjonda" u "Mar-Re" f'*Leħen tal-Fuħħar* u "Meta Bikkejt lil Ommi" u "Meta ssikka lil Missieru" f'*Bejn Bejnejn*. Il-karattri ta' dawn in-novelli kollha joqogħdu f'dar f'din il-belt Għarbija. Dan huwa żvilupp ġdid fil-letteratura Maltija li ħafna drabi hija ambjentata f'lokalità f'Malta. In-novelli ta' Nabhan, għaldaqstant, jimmarkaw fenomenu ġdid li, inevitabbilment, wessa' l-orizzonti tar-rakkont bil-Malti.

Wieħed mill-iżjed postijiet urbani f'Malta huwa Paceville u għalkemm l-ebda novella mistħarrġa ma hija ambjentata hemmhekk, fin-novella "Il-Għajnejn Ħodor ma Jiswewx Larinġa", Nabhan jirreferi għalih bħala l-post li fih hemm il-ħajja notturna ta' Malta u għalkemm jirreferi għall-ħwienet tiegħu bħala "miġnuna" (*Lura d-Dar* 47), jiddeskrivi l-post hekk:

> villaġġ turistiku żgħir mill-isbaħ, mimli ristoranti u ħwienet tax-xorb u taż-żfin. Ġo fih tiltaqa' ma' kull tip ta' nies u kważi kull tip ta' nazzjonalità. Mijiet, jekk

mhux eluf ta' nies, il-maġġoranza tagħhom żgħażagħ jitilgħu sa hemm biex jiddevertu u jħallu l-għaja tal-ġurnata warajhom; jiżfnu u jixorbu u jkantaw sakemm jinsew id-dwejjaq tal-ħajja kollu. Fi ftit kliem, tista' tgħid li Paceville huwa l-qalb ta' Malta, il-qalb li tibqa' tħabbat matul il-lejl meta l-kumplament tal-gżira tkun rieqda. (47)

Malta nbidlet ħafna u fi ftit żmien. Il-frażi "Rajt Malta Tinbidel" fin-novella "Bejn Bejnejn" tirreferi għall-bidla li mhux dejjem tkun tajba, ngħidu aħna, il-bidla li saret fis-Swieqi li fih "kont naf b'elf siġra u xitla li kellhom iċedu posthom għas-siment illupat li mmetastetizza lil imħuħ in-nies aktar milli lil djarhom. Dażgur li Rajt Malta Tinbidel. Rajt kull lokalità, kull raħal, kull toqba u kull traba f'din il-Blata tinbidel" (Nabhan, *Bejn Bejnejn* 88). L-iżvilupp f'Malta mhux biss għamel ħsara kbira lill-ambjent iżda għamel ħsara ikbar lill-Maltin infushom tant li Nabhan iħoss li s-siment daħal fil-ġewwieni ta' moħħhom u għalhekk sar parti minnhom u mill-qerda tagħhom.

Billi kulma jmur Malta aktarx li qiegħda ssir dejjem iżjed belt waħda metropolitana, il-kittieba Maltin mhumiex isibuha diffiċli biex ipoġġu lill-karattri tagħhom fi bliet metropolitani barranin. Żewġ novelli ta' C. Azzopardi, "Il-Linja l-Ħadra" (*Il-Linja l-Ħadra*) u "Rita" (*Kulħadd Ħalla*), huma ambjentati Londra. "Il-Linja l-Ħadra" sseħħ waqt vjaġġ fuq it-tren propju fuq il-linja l-ħadra tas-sistema sotterranja ta' Londra u "Rita" hija dwar mara Maltija li tmur tgħix fl-istess belt. Fil-ġabra *Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid* hemm bosta novelli ambjentati fil-bliet, l-iżjed fi bliet barranin, fosthom il-preludju u "Titpin u Riħa ta' Larinġ" li huma ambjentati Ruma; "Il-Madonna f'Dar Evelina" li tibda Moska; "Għandi Pjaċir" li sseħħ ġo belt metropolitana bla isem; "L-Ajruplan tal-Karti" f'Barċellona; "Ċesarja" f'Varsavja u "Polaroids għal Ommi – Gabri (Torino)" f'Turin. F'"Polaroids għal Ommi – Ir-Riħa tax-Xita (Brussell)" ma

jissemmewx postijiet iżda d-deskrizzjoni mogħtija tindika li tibda f'Malta. Fl-aħħar tingħata deskrizzjoni tal-ħanut li huwa night shop taħt blokka appartamenti, u minkejja li ma jingħatax ħjiel ta' fejn jista' jkun il-post, tingħata stampa tipika ta' belt li tkun imqajma l-iżjed billejl. Dan kollu juri li l-kittieba tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin huma inklinati sew lejn il-belt tant li mhux biss ħallew l-ambjent rurali Malti u mxew lejn dak urban, talli ambjentaw in-novelli tagħhom fi wħud mill-iżjed bliet kbar metropolitani Ewropej.

## 4.2. In-nazzjon, l-identità u n-novella postnazzjonali

Il-letteratura tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin f'Malta aktarx li bdiet turi mentalità ġdida rigward l-idea ta' nazzjon u nazzjonalità. Fil-bidu nett tal-Istorja tal-letteratura Maltija, il-kittieba Romantiċi riedu jwasslu "l-għarfien tal-individwalità nazzjonali" (Friggieri, *L-Istudji Kritiċi* 33) u dan għamluh fost l-oħrajn bir-rumanz storiku li huwa "espressjoni tal-ħtieġa li l-kotra tagħraf l-imgħoddi tagħha stess, it-tradizzjonijiet, il-valuri, il-miti, id-drawwiet, dak kollu li jista' jwassalha biex temmen fiha nnifisha" (35). F'dawn ir-rumanzi toħroġ id-dikotomija tal-Maltin "tajbin" – il-barranin "ħżiena." Il-kittieba Realisti kitbu dwar il-qagħdiet ta' persuni differenti fil-livelli varji tas-soċjetà Maltija. Iżda anki dawn kellhom element qawwi ta' Nazzjonaliżmu fihom. Friggieri f'"Il-Letteratura Maltija bħala Xhieda tan-Nazzjonalità" jsostni li l-letteratura Maltija kollha sa dak iż-żmien "tista' titqies f'dawl wieħed u bi kriterju wieħed: id-dawl ta' Malta nazzjon u l-kriterju li jqis lil nazzjon bħala damma ta' xejriet jew emblemi distintivi" (194).

Kemm ir-rumanzi storiċi kif ukoll dawk soċjali, it-tnejn huma marbutin man-nazzjon indaqs; id-differenza qiegħda biss fl-enfasi għax filwaqt li r-rumanz storiku

jiffoka fuq in-nazzjonalizzazzjoni, ir-rumanz soċjali jiffoka iżjed fuq l-element soċjali. Bħalma jargumenta Friggieri, fir-rumanzi nazzjonali "hemm ukoll is-soċjalizzazzjoni, waqt li fir-rumanzi soċjali hemm ukoll in-nazzjonalizzazzjoni. Hi differenza fl-enfasi, u mhux fil-konċezzjoni" (*L-Istudji Kritiċi* 194) għax it-tnejn huma marbutin mal-poplu Malti bħala poplu wieħed, parti minn nazzjon wieħed. Antoine Cassar fl-artiklu "Malta's Jonah Complex" jinnota li l-Moderni Maltin bdew jippruvaw jinqatgħu mir-Romantiċiżmu mżewwaq bil-patrijottiżmu Kattoliku. Madanakollu, qatt ma rnexxielhom jinqatgħu għalkollox mill-passat, ħlief għal xi poeti li tbiegħdu mill-provinċjaliżmu (bħal M. Azzopardi u Fenech) u kisbu sentiment internazzjonali. Antoine Cassar jinnota li l-kittieba l-ġodda ta' wara d-disgħinijiet huma konxji li jagħmlu parti minn dimensjoni globali li tmur lil hinn mill-idea ta' nazzjon.

Iżda hemm kunsiderazzjonijiet oħrajn dwar in-nazzjon u l-identità li n-novella l-ġdida qiegħda tipponta lejhom. Steven Grosby janalizza d-differenza bejn it-termini "nazzjon" u "Nazzjonaliżmu." Huwa jikkonkludi li filwaqt li n-Nazzjonaliżmu huwa twemmin dwar nazzjon partikolari (5), in-nazzjon huwa komunità territorjali – "a territorial community of nativity" (7). In-nazzjon joffri identità għax jiġbor fih persuni b'similaritajiet etniċi, kulturali, territorjali, ekonomiċi u politiko-legali (Smith 15). Dawn l-affarijiet flimkien isawru dik li Benedict Anderson isejħilha komunità politika immaġinarja għax għalkemm fil-prattika ebda membru ma jista' jkollu konoxxenza tal-membri l-oħrajn kollha, fl-immaġinazzjoni tiegħu jħoss li huwa marbut ma' dawn il-membri kollha, inklużi dawk li għexu fl-imgħoddi jew li għad iridu jiġu fil-futur (6).

Madankollu, mhux it-tliet kittieba inklużi f'dan l-istudju se jirreaġixxu bl-istess mod għall-kunċett tan-nazzjon u dan minħabba r-raġuni ovvja li Nabhan jibda jikteb b'valiġġa kulturali u storika differenti minn tat-tnejn l-oħra. Waqt li Nabhan se jidher

ifittex in-nazzjon bħala emigrant li telaq minn pajjiżu, Mejlak u C. Azzopardi se jħarsu lejn nazzjon li kien kolonja, li għal żmien twil infena bil-polariżmu partiġġjan, u li kien għadu qiegħed jibda jtiegħem ir-realtà ta' sħubija f'istituzzjoni politika ferm ikbar minnu. F'Nabhan se tispikka n-nostalġija għal nazzjon mitluf u t-tiftix għalih, fiż-żewġ kittieba Maltin se tispikka r-relazzjoni mhux dejjem ċara bejn dak li huwa lokali u dak li nġieb minn barra, kemm minħabba l-kolonjaliżmu u kemm minħabba l-kolonjaliżmu kulturali l-ġdid.

### *4.2.1. It-tiftix għan-nazzjon fin-novella ta' Nabhan*

L-element tal-komunità immaġinarja kif itteorizzata minn Andersen, jinħass f'diversi novelli ta' Nabhan. F'"Destinazzjoni", tabib jesprimi l-ħsieb li n-nazzjon kapaċi joffri sens ta' komunità u refuġju meta jesiġi li jieħdu ħsieb lill-protagonista billi jsejħu tabib partikolari sempliċiment għax huwa Palestinjan bħalhom (*Bejn Bejnejn* 29). In-novella hija ambjentata f'Lampedusa u billi l-protagonista mhuwiex f'pajjiżu, it-tabib iħoss li xi ħadd tal-istess nazzjonalità jista' jfarraġ aħjar lil din il-persuna li għadha kif tilfet lil oħtha. Dan l-istess sens ta' refuġju u appartenenza jidher f'"Xejn m'Għadu," li fiha n-narratur jammetti l-emozzjoni li tirbħu sempliċiment għax jaf li hemm Palestinjani bħalu fil-viċinanzi (*Lura d-Dar* 30). Nabhan qiegħed jirrakkonta bħala emigrant u għalhekk in-narrattiva tiegħu hija differenti minn taż-żewġ kittieba l-oħra għax ir-realtà tiegħu personali hija differenti. Dan ifisser li Nabhan qed jintroduċi realtà li mhijiex Maltija fil-letteratura. F'intervista ma' Norbert Bugeja, il-kittieb Stephanos Stephanides jinnota li l-kittieba, anki jekk ikunu ilhom li telqu minn art twelidhom, ta' spiss jirritornaw lejn l-istess art għax il-memorji tat-tfulija u s-sens ta' familja u komunità, jagħġnu sew il-ħsus ġewwiena u l-immaġinazzjoni ta' dak li jkun (Stephanides u Bugeja 110).

Xi wħud mill-karattri fil-kitbiet ta' Nabhan ma jħossuhom parti mill-ebda nazzjon iżda xorta waħda qegħdin f'tiftixa kontinwa għall-identità nazzjonali tagħhom. Joseph R. Farag jinnota din il-kriżi ta' identità fil-ġens Palestinjan (7). Fost il-karattri ta' Nabhan hemm żewġ persuni li mhuma minn imkien; wieħed għax twieled fuq vapur u l-ieħor għax kien Palestinjan. In-narratur iqabbel in-nuqqas ta' appartenenza nazzjonali ta' dan ir-raġel ma' tiegħu: "Ma kienx Daniż u mhux Żvizzeru, u lanqas Ġermaniż. Anki jien. Ma kontx Palestinjan u mhux Malti. U lanqas Ġordaniż" (*Bejn Bejnejn* 25). Mit-titlu tan-novella huwa evidenti li l-mistoqsija "minn fejn int?" toħroġ naturali. Anki jekk ir-risposta mhijiex daqstant ċara, l-aspettattiva hija li kull persuna ġejja minn post partikolari. Iżda l-awtur qiegħed jevita l-mistoqsija u fit-titlu ma jinkludix il-punt interrogattiv iżda jħallih sempliċiment stqarrija billi t-tweġiba mhijiex daqstant sempliċi.

Il-Palestina hija preżenti f'bosta novelli ta' Nabhan iżda mhux l-art. Donnu l-fatt li din "inbelgħet" (*Lura d-Dar* 30) qiegħed jiġi rifless fil-kitbiet tiegħu billi jevita li jambjenta r-rakkonti tiegħu hemmhekk. L-art Palestinjana hija sempliċiment nostalġija għax bħalma jispjega Sabri f'"Leħen tal-Fuħħar", il-Palestinjani kellhom jitilqu mill-pajjiż "tal-ħalib u l-għasel" u jċedu posthom lil "familja oħra ħafna isbaħ minnha u maħbuba ħafna iktar minn Alla" (*Leħen tal-Fuħħar* 46). B'hekk, Sabri spiċċa f'tiftixa kontinwa għall-identità għax pajjiżu ma għadux jeżisti, xi ħaġa li tittormentah ħafna għaliex mhijiex xi ħaġa faċli li "tgħix il-ħajja u tmutha bla toqba art li tissejjaħ pajjiżek" (37). Għaldaqstant, ħajtu tispiċċa "msawra b'uġigħ nazzjonali li qabeż is-sittin sena, u ma jidhru l-ebda sinjali fil-qrib, li dan l-uġigħ biħsiebu jirtira u joħroġ bil-pensjoni" (37-8). Lil Sabri dan in-nuqqas ta' appartenenza jkompli jġiegħlu

jinqata' għalih waħdu u jingħalaq fih innifsu. Għalhekk iħoss li "jinħtieġlu jqatta' ftit ġranet waħdu għalkollox, fejn ma jafu ħadd, u ma jaf 'il ħadd lanqas" (33-4).

Jidher illi dawn il-problemi politiċi jaffettwaw lill-individwi b'modi differenti. Filwaqt li Sabri jibqa' jfittex l-għeruq tiegħu, Hisham ma jrid li jkollu x'jaqsam xejn mal-passat u ma' post twelidu tant li jibdel ismu u jagħmel tabirruħu li lil Sabri ma għarfux. It-tkeċċija minn pajjiżu Sabri jerġa' jħossha meta jkeċċih Hisham. Dan ix-xebh bejn iż-żewġ tkeċċijiet jikxef differenza bejn in-nazzjon li hu marbut mal-art u n-nazzjonalità li tkun fejn tkun fid-dinja se tibqa' parti integrali mill-bnedmin. Il-fatt li Sabri ma għandux post li jsejjaħlu pajjiżu qiegħed jimpedih milli jkompli miexi f'ħajtu. Hu jistqarr li lanqas huwa kapaċi jħobb u jistaqsi jekk qattx "tista' tiddikjara mħabbtek meta għadek lanqas kapaċi tiddefinixxi lilek innifsek" (49). Xi kultant, il-bnedmin ikollhom relazzjoni stramba mal-pajjiż li jkunu ġejjin minnu, anki jekk ikunu għamlu snin twal jgħixu f'pajjiż ieħor. Dan jidher f'"Lura d-Dar fir-Ritratt ma' Bin Laden" meta l-protagonista jħossu marbut mal-belt ta' Casablanca li "titlaqlek il-ħabel kemm trid u mbagħad f'daqqa waħda tiġbidhulek, u wara ħmistax-il sena tiskopri kif għadek maqbud minn ġewwa" (Nabhan, *Lura d-Dar* 77-8). Il-protagonista, Ahmad, huwa inċert dwar il-ħsus tiegħu lejn belt tfulitu. Il-belt iġġiblu nostalġija iżda meta jirritorna jispiċċa arrestat intortament. Minkejja li jitlaq minn art twelidu u jmur Malta, xorta waħda ma jsibx dak li jkun qiegħed ifittex u jistqarr li t-tnejn huma "żewġ weġgħat, żewġ stejjer ta' mħabba falluta" (80).

Bosta karattri ta' Nabhan huma persuni 'l bogħod minn art twelidhom iżda d-diaspora tinħass sew fihom. Dawn huma karattri mxennqin għan-nazzjon li telqu minnu; post li Jamella N. Gow issejjaħlu "long-lost homeland" (209) għax huwa nazzjon fiżikament mibdul jew spiċċut. Il-piż tad-diaspora fin-novelli jinħass

speċjalment meta l-karattri jkunu telqu mill-pajjiż minħabba persekuzzjoni. Peress li ma jkunux telqu minn rajhom, iżjed iħossu n-nuqqas tan-nazzjon tagħhom għax fl-aħħar mill-aħħar, dan jagħtihom identità. F'"Il-Għajnejn Ħodor ma Jiswewx Larinġa", issir referenza għad-djar tar-refuġjati f'Rafah li nbnew "temporanjament" mill-Ġnus Magħquda iżda li għadhom hemmhekk iktar minn sittin sena wara (Nabhan, *Lura d-Dar* 50). Fl-istess rakkont tinħass it-tama fl-Amerikani ta' xi wħud Palestinjani li jemmnu li huma kapaċi jrawmu lil Jamal biex isir il-mexxej il-ġdid tal-Palestina (51). Farag josserva li dawn is-sentimenti huma komuni f'kittieba Palestinjani. Huwa jistqarr li l-awtokritika u l-introspezzjoni huma żewġ strateġiji użati li bihom jattakkaw is-sistemi kollha li qegħdin ikomplu jgħarrqu l-Palestina, kemm dawk nazzjonali kif ukoll barranin (13).

Xi kultant, aspetti ġeografiċi u kulturali ta' pajjiż jinsterqu minn nazzjonijiet oħrajn u dawn ipoġġu lill-individwi f'sitwazzjoni prekarja. F'"Xejn m'Għadu" in-narratur jispjega kif l-art tal-Palestina ntemmet għax l-Ingliżi taw art li ma kinitx tagħhom "lil dawk li ma ħaqqhomx, id-djar ta' dawk li ma kinux jafu" (31). B'hekk jispiċċa jiġri wara leħen Palestinjan eluf ta' mili 'l bogħod mill-art tal-Palestina. Nabhan huwa konxju li pajjiż jista' "jintilef" ukoll sforz l-influss barrani ta' pajjiżi kbar. Pereżempju l-influwenza tal-kultura Amerikana fuq pajjiżi u kulturi oħrajn tissemma f'"Ġappuniż fil-Kalkara" meta s-Sinjura Hanako tgħaddi kumment dwar il-kultura Ġappuniża li qiegħda tamerikanizza ruħha u taljena liċ-ċittadini mill-Istorja ta' missirijiethom.

Minkejja t-tiftixa kontinwa tal-karattri għall-identità li ħafna drabi jippruvaw isibuha fin-nazzjon, Nabhan jilħaq l-apiċi tal-umanità fin-novella "Destinazzjoni" li l-isem waħdu diġà juri li hemm postijiet differenti involuti. It-titlu nnifsu jista' jieħu żewġ

dimensjonijiet. L-ewwel tifsira hija d-destinazzjoni li Amàl kienet sejra lejha sabiex taħrab mill-kunflitt. It-tieni hija l-għan tagħha bħala persuna li dejjem fittxet li tgħin lil ħaddieħor. Sa tmiem ħajjitha, Amàl taħdem sabiex issalva l-ħajjiet mingħajr ma tagħmel distinzjoni bejn nazzjonalità u oħra: "ma kienet tagħmel l-ebda distinzjoni bejn ferita u ferita. Il-pjagi għaliha kollha kienu pjagi li jweġġgħu. U kollha kienet tarahom bħala falliment faħxi li qed jibla' lill-pajjiż sħiħ quddiem għajnejha. Għalhekk hi u sħabha qatt ma rrifjutaw li jdewwu lil xi ħadd, bid-daqna u mhux bid-daqna" (*Bejn Bejnejn* 31).

Meta tipprova taħrab, il-vjaġġ ifallilha, id-destinazzjoni fiżika ma tilħaqhiex iżda l-għan tagħha tilħqu xorta waħda għaliex b'mewtha jirnexxilha tibqa' ssalva l-ħajjiet bid-donazzjoni tal-organi. Dan ifisser li kultant, minkejja t-tiftixa kontinwa għal destinazzjoni li toffri identità, il-bnedmin iridu l-ewwel u qabel kollox jirrealizzaw li huma umani, xjentifikament l-istess, bħalma jistqarr Akram meta jgħid li huwa nnifsu huwa qabel kollox bniedem u għalhekk kien se jagħti parir li jmur lil hinn mit-twemmin reliġjuż għax "bħala professjonista dmiru li jtawwal il-ħajja. Tkun ta' min tkun" (*Bejn Bejnejn* 36). Hawnhekk, it-tabib qiegħed iwarrab kull affiljazzjoni nazzjonalista jew reliġjuża u qiegħed jiffoka fuq l-umanità bħala l-iżjed dmir bażiku. Huwa jissuġġerixxi li Amàl jittiħdulha l-organi u jingħataw lil ħaddieħor. Għalkemm għall-bidu ħuha ma jkunx se jaċċetta peress li d-donazzjoni tal-organi tmur kontra l-liġi tax-Xarija, fl-aħħar mill-aħħar id-dmir lejn l-umanità jirbaħ fuq kull liġi oħra. Ħadd ma jista' jgħix f'iżolament u dan Nabhan jurih fi tmiem in-novella b'Amàl li tħalli warajha "tlett iqlub Taljani ferħana, tnejn bil-kilwa li rċevew, u ieħor qassis, b'qalbha Musulmana tħabbat f'sidru Kristjan" (*Bejn Bejnejn* 37).

Minkejja li l-globalizzazzjoni fetħet il-fruntieri fuq diversi livelli bejn pajjiż u ieħor, u minkejja li l-globalizzazzjoni kapaċi twassal għal attitudni kożmopolitana, jibqa' l-fatt li l-fruntieri bejn pajjiż u ieħor għadhom b'saħħithom. Nabhan jikxef xi wħud mill-problemi li jinħolqu minħabba s-saħħa ta' dawn il-fruntieri fl-istess novella meta jsemmi l-problemi legali li jiltaqa' magħhom il-protagonista biex jidfen lil oħtu li tkun waslet Lampedusa illegalment. Minkejja li l-globalizzazzjoni tgħin fil-ftuħ tal-fruntieri, f'dan ir-rakkont għandna eżempju ta' kif il-fruntieri huma marbutin legalment sabiex ma jidħolx fihom min irid, xi ħaġa li tibqa' tgħodd anki wara l-mewt.

Minkejja dan it-tiftix għan-nazzjon, jew imqar għal ħjiel tiegħu, Nabhan, bħall-kontemporanji tiegħu, ma jissottoskrivix għall-patrijottiżmu. L-esperjenza tiegħu, ikkaratterizzata mill-kunflitt bejn pajjiż u ieħor, flimkien mal-ħsieb kontemporanju tal-kittieba l-oħrajn, begħduh mill-foħrija patrijottika li kienet tinstab f'letteratura aktar bikrija. Ngħidu aħna "Ġappuniż fil-Kalkara", fiha kummenti dwar l-irrelevanza tal-gwerra li tisraq il-ħajjiet tal-ġellieda u mhux ta' min jibagħthom (*Leħen tal-Fuħħar* 75). Nick Bentley jargumenta li n-Nazzjonaliżmu qatt mhuwa komplut għax dejjem qed iħares lejn il-passat u l-futur bħala punti ta' riferiment għall-ideal tal-preżent u għalhekk jibqa' mingħajr definizzjoni skjetta għax li toħloq definizzjoni għal dak li huwa nazzjonali:

> is a vain attempt to complete a concept that is permanently incomplete because the missing part always remains beyond concrete definition; there is a supplement that is endlessly deferred, either to a nostalgic past or to a future reconstruction of the originating moment; an ideal other to the insufficient present. (67)

F'"Ġappuniż fil-Kalkara" in-Nazzjonaliżmu qiegħed jitpinġa bħala dak l-ideal li jeqred il-ħajjiet bil-gwerer. In-narratur jikkummenta kif il-Ġappun, fl-Ewwel Gwerra Dinjija bagħat xi baħrin jgħinu lill-Ingliżi fil-Mediterran u li waqt missjoni minnhom mietu "59 baħri Ġappuniż li ħadd ma jaf għal xiex taw ħajjithom eżatt; hux għall-pajjiż li jinsab sitt elef mil 'il bogħod jew, bħas-soltu, għaż-żubbaba, u għat-tkabbir ta' qrun il-ħakkiema mondjali mġienen li mhuma kuntenti b'xejn" (*Leħen tal-Fuħħar* 75). L-assurdità tal-gwerra f'din in-novella tkompli toħroġ fil-beraħ meta ironikament, il-pajjiżi li għalihom taw ħajjithom dawn il-baħrin fl-Ewwel Gwerra Dinjija, ftit tas-snin wara saru l-għedewwa tal-Ġappun fit-Tieni Gwerra Dinjija (74).

Nabhan jitfa' l-ħtija tal-gwerer fuq il-ħakkiema tal-pajjiżi li dejjem iridu iżjed u ftit li xejn jinteressahom mill-qerda tal-ħajja. L-irġiel jitilqu mill-Ġappun "biex jagħtu ħajjithom żagħżugħa għax-xewqat espansjonisti tal-ħakkiema żaqqieqa" (76) u meta ma ġewx lura, il-gvern Ġappuniż irregala lill-familji "biċċa midalja" (77), oġġett insinifikanti fejn ħajjet il-bnedmin. Il-gwerra qatt ma tiġi rromantiċizzata f'dawn in-novelli. Ma jinstab l-ebda ħjiel ta' patrijottiżmu jew xewqa li jkun hemm xi ġlied għan-nazzjon għax fl-aħħar mill-aħħar dejjem il-popli jbatu intortament. F'"Mar-Re" il-gwerra tfisser inċertezza għax qatt ħadd ma jkun jaf meta s-Sirja u l-Ġordan ikunu qegħdin fi gwerra u meta ma jkunux. Liċ-ċittadini ta' dawn il-postijiet jinteressahom biss "kif ħa tiżfen. Id-diski jieħdu ħsiebhom huma" (*Leħen tal-Fuħħar* 70); il-ħakkiema jiddeċiedu meta l-poplu se jidħol fi gwerra u meta se jieqaf. L-istess jiġri f'"Destinazzjoni" meta tfaqqa' l-gwerra fis-Sirja u jispiċċaw jiżfnu fin-nofs il-Palestinjani refuġjati hemmhekk. Anki jekk fil-bidu "kulħadd kien qal li mhux se jdeffsu lir-refuġjati Palestinjani fl-olokawstu tas-Sirja, għax ma kinux parti mir-riċetta vulkanika li ħadd mhu jifhem fis-Sirja", il-kampijiet tar-refuġjati Palestinjani mtlew "bil-

ġellieda bid-daqna u mhux bid-daqna, kulħadd jispara fuq kulħadd u ħadd mhu jifhem x'inhu jiġri" (Nabhan, *Bejn Bejnejn* 30). F'"Bejn Bejnejn" hemm referenza għall-patrija bħala xi ħaġa li kienet "sabiħa" iżda issa tilfet is-sbuħija kollha tagħha: "l-patrija dejjem qed titlef xi ħaġa mill-femminilità u l-isbuħija tagħha, sakemm fl-aħħar nett ġiet proprja raġel, u raġel goff terġa'" (*Bejn Bejnejn* 83). Il-bnedmin jafu li l-gwerer iġibu ħafna tbatija u għalhekk il-patrija qiegħda tonqos. Il-patrija sabiħa meta l-mexxejja flimkien maċ-ċittadini jagħmlu minn kollox biex l-ambjent u l-ekonomija jkunu fl-aħjar stat possibbli mingħajr ma jidħlu f'inċidenti diplomatiċi mal-pajjiżi ġirien jew oħrajn li mhumiex. Meta l-pajjiż jidħol fi gwerra, is-sentimenti patrijottiċi fil-popli jonqsu għax il-pajjiż li tant ikunu jħobbu jibda hu stess joħdilhom ħajjithom.

### *4.2.2. In-novella postnazzjonali*

Id-diskors dwar in-nazzjon u n-nazzjonalità fin-novelli ta' Mejlak spiss jidher f'dimensjoni li ġġib dak li hu lokali f'kunflitt ma' dak li mhux. Jidher li għalih il-preokkupazzjoni ewlenija tinxteħet fuq jekk fis-seklu wieħed u għoxrin, bl-emigrazzjoni ta' ħafna lejn pajjiżi fl-Unjoni Ewropea u, viċiversa, bil-miġja ta' Ewropej lejn Malta (mhux għall-fini ta' turiżmu), il-kunflitt bejn ta' ġewwa u ta' barra ma għadux jinħass u ma għadux jagħmel sens. Fl-istess diskors, inevitabbilment, jiġi pproblematizzat il-prinċipju Romantiku tat-tajjeb (lokali) kontra l-ħażin (barrani).

F'"Il-Barranija" Mejlak joħloq kunflitt bejn din il-mara barranija li tiġi toqgħod bieb ma' bieb ma' isqof Malti. Il-problemi jibdew għax din il-mara toqgħod għarwiena fid-dar u fil-ġnien u meta l-isqof imur jagħtiha merħba, din tiftaħlu kif tkun. L-isqof jinterpreta dan bħala diżrispett mhux daqstant lejh bħala reliġjuż daqskemm lejn il-pajjiż għax "X'arroganza! X'nuqqas ta' rispett lejn il-pajjiż il-ġdid li qed jilqgħek ... lejn

il-komunità li qed tiftaħlek il-bieb u taċċettak" (*Dak li l-Lejl* 125). Minkejja li ma jingħatax ġudizzju dirett min-narrazzjoni għal din il-kundanna li l-Malti jagħti lill-"oħra" minħabba drawwietha, jinxteħet dawl ikrah fuq il-qassis Malti għax wara li qagħad jitkaża b'din il-mara "ma setax jieqaf jaħseb dwarha" (125). Il-kittieba għadhom jaraw elementi nazzjonalisti fis-soċjetà Maltija, fosthom din l-idea li ġaladarba persuni jiddeċiedu li jiġu Malta, dawn iridu joqogħdu għad-drawwiet tal-pajjiż. Il-pajjiż li qiegħed "jiftaħlek il-bieb u jaċċettak" mhuwiex qiegħed jaċċetta persuni barranin kulturalment.

Novella bħal din turi li l-kitba m'għadhiex tħares b'nostalġija lejn l-istil tal-ħajja l-antika. Mejlak juri dan ukoll f'"Is-Sajf tad-Disgħa u Tmenin" meta n-narratur jirreferi għall-Maltin bħala apatiċi għax ma jridux jitilqu mill-pajjiż u minflok joqogħdu jistennew lill-emigranti sabiex jallegraw ftit ruħhom. Sakemm ma jkunx hemm kunflitt reliġjuż bħal fil-każ ta' "Il-Barranija", il-kultura aljena issa saret xi ħaġa li l-Maltin qegħdin jistennew b'ċerta xenqa u l-awturi ma għadhomx iħarsu lejn l-influss ta' dawn il-kulturi bħala esperjenzi li se jħarbtu l-morali tal-poplu iżda saret xi ħaġa normali, parti mill-kultura Maltija. Dan ir-rakkont jiddeskrivi lill-Maltin bħala persuni għatxana għal dak ta' barra minn Malta.  L-abitanti kienu jistennew lill-emigranti Maltin jiġu għal btala għax "min jiġi minn barra dejjem kien iġib miegħu dak li fir-raħal kien ikun għadu ma wasalx" (*Qed Nistenniek* 36), referenza għall-kurrenti kulturali li kienu jaslu f'Malta tard. F'dan ir-rakkont, il-Maltin li "bqajna d-dar għax flus u aptit biex nitilqu ma kellniex" (36) isiru turisti minn Malta stess bis-saħħa ta' dawn l-emigranti li juruhom u jdewquhom affarijiet li l-Maltin ma kienu jkunu semgħu bihom qatt. Il-Maltin f'din in-novella huma nies passivi li qatt ma ħarġu mill-gżira u li l-ħarġa tagħhom hija l-pjazza tar-raħal. Is-sena tad-disgħa u tmenin hija l-aħħar sena qabel

bdew id-disgħinijiet, il-perjodu li fih Malta bdiet tinfetaħ ekonomikament ħafna iżjed minn qabel, u sena qabel bdew it-taħditiet biex tissieħeb fl-Unjoni Ewropea. Għalhekk, ċerti affarijiet li fit-tmeninijiet ma kinux joħolmu li jkollhom, fid-disgħinijiet bdew jaslu mingħajr il-bżonn tal-emigranti u t-turisti. Is-sena tad-disgħa u tmenin hija wkoll is-sena meta waqa' l-Ħajt ta' Berlin u beda jisfaxxa l-blokk Komunista. Barra minn hekk, it-teknoloġija kompliet għenet sabiex gżejjer insulari bħalma hija Malta, jibdew jiġu f'kuntatt immedjat mal-kontinent bil-komunikazzjoni diġitali u għalhekk in-novella tibda u tispiċċa għoxrin sena wara l-1989 meta f'Malta sar "kollox bħal ta' barra" (40). Illum ħadd ma għadu jiskanta bl-affarijiet li jiġu minn barra u minbarra l-affarijiet li jsemmi Mejlak fin-novella, f'Malta daħlu stazzjonijiet televiżivi bħall-VH1 u l-MTV, ħwienet tal-ikel Amerikani bħall-McDonalds u l-Burger King, servizz effiċjenti ta' delivery bħall-Bolt u l-Wolt, kif ukoll qegħdin jiġu ċċelebrati festi bħal San Valentinu, San Patrizju u Halloween.

Malta bħala nazzjon bdiet tiġi influwenzata mill-globalizzazzjoni u ma baqgħetx marbuta biss mat-tradizzjonijiet tagħha. Il-globalizzazzjoni hija fenomenu li qed jibdel in-nazzjonijiet u wħud jallegaw li saħansitra qed inaqqas mis-sovranità tagħhom. Max Pensky isostni li qegħdin ngħixu f'era postnazzjonali għax il-mezzi komunikattivi, kummerċjali u kulturali qegħdin iċaħħdu lin-nazzjon mill-poteri sovrana li tradizzjonalment kien igawdi (xiii). B'hekk, il-globalizzazzjoni qiegħda tibdel in-nazzjonijiet u saħansitra tnaqqas mis-sovranità tagħhom. Muriel Rambour, mill-banda l-oħra, tiddefinixxi l-Postnazzjonaliżmu kulturali bħala "an identity that could emerge beyond specific traditions determined by a particular national history" (Rambour). Dan ifisser, allura li għal Rambour l-idea ta' nazzjon f'era postnazzjonali ma tibqax marbuta biss mat-tradizzjonijiet lokali iżda tibda tiġbor fiha l-identitajiet il-

ġodda li l-globalizzazzjoni qiegħda ġġib magħha, kemm fuq livell politiku kif ukoll kulturali.

F'*Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija*, Friggieri jbassar li Malta kienet se tibqa' insulari biss f'termini ta' ġeografija u mhux iżjed fil-mentalità minħabba l-importazzjoni ta' kulturi oħrajn li kellha twassal għal żvilupp fil-mentalità Maltija u timxi minn waħda tradizzjonali għal waħda kontemporanja barranija. Huwa jsostni li "l-mudelli mentali msemmija se jkollhom jissoktaw jitbiddlu mill-qiegħ b'ritmu aktar mgħaġġel minħabba li l-kriterji Maltin ma jistgħux jibqgħu lokali u introversi kif kienu tradizzjonalment" (119). Fil-proża tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin, din il-bidla tinħass fost l-oħrajn bil-bidla fin-nazzjonalità tal-karattri li ma baqgħux kollha Maltin u lanqas ma baqgħu marbutin biss mal-art Maltija. Minflok, il-kittieba bdew jirrakkuntaw stejjer minn bnadi oħrajn u dan ifisser li għalkemm l-awturi Moderni kienu diġà jsiefru, il-kittieba ta' wara d-disgħinijiet bdew isiefru u jiddokumentaw fil-proża tagħhom l-ambjent fiżiku u kulturali miġbur mill-vjaġġi tagħhom. F'dan il-perjodu l-kuntest tal-kitba huwa f'Malta Ewropea u għalhekk, minbarra li l-awturi qegħdin jiktbu bħala ċittadini Maltin, qed jiktbu wkoll bħala Ewropej. L-iżvilupp teknoloġiku, minbarra li għamel is-safar ħafna iżjed faċli, ta aċċess akbar għal dak li qiegħed iseħħ barra. L-internet fetaħ bibien ġodda għax minbarra li beda jġib lill-kittieba Maltin f'kuntatt dirett ma' artisti oħrajn barranin, beda jkun hemm iżjed kuntatt mal-qarrejja (li lanqas dawn ma baqgħu neċessarjament Maltin biss minħabba li tnieda proċess ta' traduzzjoni u esportazzjoni ta' letteratura lokali). Għaldaqstant, saret xi ħaġa kważi inevitabbli li l-kittieba l-ġodda jdaħħlu d-dinja ta' barra fl-ispazju letterarju tagħhom.

Aktarx li mit-tliet kittieba analizzati f'dan l-istudju huma Mejlak u Nabhan l-aktar li joħorġu lill-qarrejja fid-dinja t'hemm barra, mhux biss għal dak li jirrakkontaw imma wkoll bis-saħħa tad-dettalji ċkejkna li jagħtu stampa aktar ċara tal-ambjent fiżiku (barrani) li hemm fin-narrazzjoni. Ngħidu aħna, f'"Mort Naraha, Pa" (*Dak li l-Lejl*) Mejlak jiddokumenta l-ambjent fiżiku billi jagħti direzzjonijiet ċari mill-ajruport għall-villa tal-Ispanjola u jsemmi t-toroq Spanjoli waħda waħda li jwasslu għal għandha u bl-istess mod li Nabhan jiddeskrivi t-toroq waqt vjaġġ minn Ħebron għal Safed fin-novella "Fatat mat-Triq" (*Bejn Bejnejn*). Dan ifisser li l-ambjent barrani qiegħed ikun irrakkontat bl-istess dettall li qiegħed jiġi ppreżentat dak Malti. Għaldaqstant, filwaqt li l-kittieba Maltin qegħdin jinkludu ħafna iżjed rakkonti f'ambjent urban, l-istess kittieba qed jirrakkontaw l-ambjent barrani bl-istess familjarità tal-ambjent lokali. Eżempji ta' novelli oħrajn li qegħdin jagħtu stampa ddettaljata tal-ambjent barrani huma "Polaroids għal Ommi – Gabri (Torino)" (*Qed Nistenniek*) li fiha Mejlak isemmi l-postijiet u t-toroq kollha li jgħaddu minnhom in-narratur u sħabu waqt il-vjaġġ tagħhom f'Turin; "No Adjective Describe Story" (*Il-Linja l-Ħadra*) meta C. Azzopardi ssemmi l-pajjiżi li għaddiet minnhom Adiam sakemm waslet Malta u d-deżerti li kellha taqsam; u "Il-Linja l-Ħadra" li hija mqassma skont l-istazzjonijiet li jkunu waslu fihom il-karattri waqt vjaġġ bit-tren f'Londra ftit wara l-attakki terroristiċi tal-2005 (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra*), avveniment internazzjonli li sab ruħu fil-letteratura lokali.

Minbarra l-vjaġġi bdew jiddokumentaw postijiet speċifiċi barranin bħal postijiet storiċi, monumenti u barijiet. Ngħidu aħna Mejlak isemmi l-pjazza Sant Felip Neri li fiha mietu kważi ħamsin ruħ, fosthom tfal, waqt il-gwerra ċivili ta' Spanja f'"L-Ajruplan tal-Karti" (*Qed Nistenniek*). Huwa jsemmi numru ta' barijiet minn madwar l-Ewropa,

fosthom il-bar Russu Hungry Duck f'"Il-Madonna f'Dar Evelina", il-Quays Bar li jinsab fl-Irlanda ta' Fuq f'"Polaroids għal Ommi – Il-Quays Bar (Dublin)" u l-Café Blikle u l-Paparazzi f'"Ċesarja" (*Qed Nistenniek*). F'"Titpin u Riħa ta' Larinġ" (*Qed Nistenniek*) il-ġrajja ddur mal-monument ta' Giordano Bruno, f'Ruma. F'"L-Ambaxxatriċi" (*Dak li l-Lejl*) Mejlak isemmi bosta persunaġġi politiċi barranin, fosthom lill-Prinċep Charles, lill-President Mitterrand u lil Arafat, li kollha kienu għal riċeviment fl-Elysée, Franza. Nabhan jirrakkonta l-wasla tar-Re Ħussein lura l-Ġordan mis-Sirja u kif in-nies tar-raħal tmur bi ħġarha biex tilqgħu, fosthom in-narratur li jkun għadu tifel f'"Mar-Re" (*Leħen tal-Fuħħar*) u "Xejn m'Għadu" (*Lura d-Dar*) hija ambjentata f'belt fir-Renju Unit ħdejn l-Oċean Atlantiku u muntanja enormi. Anki C. Azzopardi torbot il-ġrajja barranija mal-post, kif naraw f'"Rita" (*Kulħadd Ħalla*) li ssemmi l-passaġġ li fih qatel l-ewwel vittma tiegħu Jack the Ripper.

Fin-novella l-ġdida bdew jiġu ddokumentati elementi kulturali barranin. Fost dawn hemm il-vjaġġi bit-tren bħal fin-novella "Rita" (*Kulħadd Ħalla*), "Il-Linja l-Ħadra" (*Il-Linja l-Ħadra*) ta' C. Azzopardi u l-Preludju ta' Mejlak fil-ktieb *Qed Nistenniek Nieżla max-Xita*. Mejlak jiddeskrivi l-appartamenti tal-injam, stil ta' bini popolari f'pajjiżi barranin u kif jekk xi ħadd mill-ġirien iċaqlaq xi ħaġa, jiċċaqalqu wkoll l-affarijiet tal-ġirien f'"Il-Ġabbar" (*Qed Nistenniek*). Nabhan isemmi l-irwejjaħ aromatiċi f'"Miriam il-Bjonda" (*Leħen tal*-Fuħħar) u l-ilbies tan-nisa Għarbin f'"Identiċi", fosthom bl-osservazzjoni li "mill-bieb 'il barra dejjem ivvelata bl-iswed minn fuq s'isfel, qisha tinda skura tivvjaġġa, u mill-bieb 'il ġewwa, ma tantx kienet tagħti kas, tilbes kif tħossha komda" (*Leħen tal-Fuħħar* 30). L-ilbies tan-nisa Musulmani jagħmel referenza għalih ukoll Mejlak fin-novella "Nixtieq Ngħajjat lil Samirah" (*Qed Nistenniek*). F'din in-novella, Mejlak jagħmel ukoll referenza għall-mużika ta' Ali

Farka Touré, kantant Afrikan mill-Mali filwaqt li n-novella "Myslovitz" (Mejlak, *Qed Nistenniek*) tissemma għal rock band Pollakka. Il-kultura popolari barranija tissemma wkoll fin-novella "L-Ajruplan tal-Karti" (Mejlak, *Qed Nistenniek*) li tiftaħ ir-rakkont fin-Nou Camp, il-grawnd tal-futbol f'Barċellona.

## 4.3. L-"oħrajn" fin-novella Maltija

Il-kunflitt – jekk hemm – bejn dak li huwa lokali u l-aljen, iwassal għad-diskors dwar l-alterità, li huwa importanti ħafna għall-kittieba l-ġodda anki fid-dawl tar-realtà postmoderna li qegħdin jesperjenzaw. Zygmunt Bauman, fl-ewwel kapitlu tal-ktieb *Strangers at Our Door,* jispjega kif il-bnedmin iħossuhom komdi ma' persuni li huma familjari magħhom għax ikunu jistgħu jantiċipaw l-imġiba tagħhom. Meta l-bnedmin jiġu wiċċ imb wiċċ ma' stranġieri jinħolqu biża' u ansjetà għax ma jkunux jafu x'għandhom jistennew minnhom u huma stess lanqas ikunu jafu kif se jaqbdu jġibu ruħhom. Fuq livell nazzjonali, din tqanqal sens ta' insigurtà kemm fl-immigranti kif ukoll fil-poplu nattiv u r-rispons għaliha ħafna drabi jkun li l-persuni nattivi "jiddefendu" l-kultura tagħhom billi ma jitħalltux ma' min hu barrani. Bauman isejjaħ lil din id-difiża "defence of the community" u jalludi illi din tispiċċa tieħu preċedenza fuq l-impenji l-oħrajn kollha għax: "Sitting at the same table with 'the aliens', rubbing shoulders while visiting the same places, not to mention falling in love and marrying across the community's borders, are signs of treachery and reasons for ostracism and banishment" (*Community* 140). Bauman qiegħed ifisser id-diffikultà li l-bnedmin isibu meta jiġu biex jitħalltu kulturalment għax l-element "aljen" tas-sitwazzjoni joħloq ansjetà u jinħass ta' theddida għall-kultura eżistenti.

Wieħed mill-mekkaniżmi ta' difiża għall-komunità huwa l-preġudizzju u iżjed ma soċjetà tkun magħluqa iżjed hemm ċans li tkun ippreġudikata. F'"Il-Ħalliel tal-Umbrelel" in-narratur iħossu mhedded mill-ġar li jaħsbu Alġerin u li sforz il-preġudizzji tiegħu jakkużah li seraqlu l-umbrelel. Lill-Franċiża u lit-tfajla l-oħra ma kienx jaqtagħhom "li jaslu jisirqu l-umbrelel tan-nies. Imma mill-Alġerin – eh – l-Alġerin nimmaġinah jasal. U allura qtajtha li kien hu li għal darba tnejn seraqli umbrellti" (*Qed Nistenniek* 165). In-narratur ma jafx eżatt minn fejn hu dan il-ġar u jdaħħalha f'moħħu li huwa "Alġerin. Jew almenu hekk jidher" (163). In-narratriċi, li n-nazzjonalità tagħha hija anonima, tgħid li huwa Marokkin u hawnhekk in-narratur jinkixef li f'ħajtu qatt ma tħallat ma' persuni li ġejjin mill-Afrika ta' fuq u għalhekk għandu nuqqas ta' għarfien dwarhom u mimli preġudizzji kontrihom. Għaldaqstant, il-blokka appartamenti ssir metafora tal-Multikulturaliżmu u d-diffikultajiet li soċjetà multikulturali jkollha taffaċċja.

F'"Leħen tal-Fuħħar" ta' Nabhan hemm kumment dirett dwar is-soċjetà Maltija li nbidlet u minn waħda ħanina saret iżżomm "f'idha sikkina ppuntata lejn l-imċaħħdin minn kollox ħlief mis-swidija tal-ġilda" (*Leħen tal-Fuħħar* 39). Madanakollu, il-Maltin qatt ma kienu poplu li jilqgħu lill-barranin b'xi ħerqa partikolari u l-esperjenza tal-protagonista turi kemm il-Maltin jafu jkunu kattivi ma' min hu barrani meta jispiċċa vittma ta' preġudizzju wara li l-ispiżjar ta' ħdejh, "li kien jgħoddu ħabib tal-qalb, . . . mar jgħid fuqu li hu maħmuġ, mingħajr qatt ma żaru f'daru, jew poġġa ħdejh f'tal-linja" (38). Il-perspettiva negattiva tal-Maltin lejn il-barranin tidher ukoll f'"Għadni Ġej minn Hemm" meta n-narratur jikkummenta dwar il-mod li bih kienu jħarsu lejh. Huwa kien Għarbi u jgħid li l-Maltin, minn qabel ma jsiru jafuh jibdew jakkużawh

> b'affarijiet li qatt ma għamilt, affarijiet li jista' jkun li għamilhom xi ħadd qablek u li inti lanqas qatt ma tkun ħlomthom, iżda xorta waħda trid tiddefendi ruħek

> il-ħin kollu u trid turi li inti mhux dak li qegħdin jaħsbu fuqek. Ftit li xejn jarawk bħala individwu għalik innifsek, bħala Ċikku jew Abbas. Le, inti razza u din ir-razza, fil-każ tiegħi, hija razza maħmuġa u mhux kapaċi u injoranta u ħalliela u ma tistax tara mara. (*Lura d-Dar* 12-3)

Għalkemm l-atteġġjament tal-Maltin jidher u jinħass bħala wieħed razzista, Nabhan huwa konxju li ma jistax jitpoġġa kulħadd fl-istess keffa u jġib eżempju biż-żgħażagħ Maltin Marisa u Toni li mhumiex mgħobbijin bil-preġudizzji u l-isterjotipi u lil Emad jilqgħuh bi "platt imburġat, mimli mħabba" (16).

F'"Nixtieq Ngħajjat lil Samirah" ta' Mejlak, il-koppja żagħżugħa ma tħallix id-differenzi kulturali u reliġjużi jaffettwaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Minflok, titqanqal kurżità sabiex isiru jafu iżjed dwar il-kultura ta' xulxin bħal meta Samirah tirrakkuntalu dwar l-Eid. Din il-koppja titkellem ħafna dwar il-kulturi differenti tagħhom u b'hekk id-djalogu ta' bejniethom joħloq kurżità sabiex isiru jafu iżjed. Mill-banda l-oħra, in-nuqqas ta' taħlit f'din in-novella jwassal għal ħafna sterjotipi, fosthom tal-omm li bihom tiddiżappunta ħafna lil binha. Minkejja dawn il-preġudizzji ta' ommu, in-narratur jipprova jqarreb liż-żewġ familji kemm jiflaħ, speċjalment bis-sentimenti u l-emozzjonijiet taż-żewġ ommijiet li minkejja t-twemmin u n-nazzjonalità differenti, l-imħabba għal uliedhom hija l-istess u r-rakkont jagħlaq proprju bihom: "Żewġt iqlub iħabbtu bl-istess tama" (*Dak li l-Lejl* 79) u "jitolbu l-istess talba bla kliem" (80). F'dan ir-rakkont, Mejlak qed ifittex is-similaritajiet fid-differenzi għax minkejja t-twemmin differenti, l-individwi huma essenzjalment l-istess fix-xewqat tagħhom. Is-sentimenti u l-emozzjonijiet huma komuni għax huma kwalitajiet tal-umani u l-umanità hija xi ħaġa li tmur lil hinn mit-twemmin u n-nazzjonalità.

L-attitudni tal-protagonista u Samirah hija totalment differenti minn tal-koppja f'"Il-Madonna f'Dar Evelina", koppja li minkejja li tgħix flimkien qatt ma titkellem fuq dawk l-affarijiet li jagħmluhom differenti. Meta Evelina ssib l-istatwa tal-Madonna ġod-dar u ma tkunx tridha jispiċċaw biex ikollhom l-ewwel ġlieda għax il-protagonista ma jkunx irid li jirrifjuta lill-Madonna peress li wara kollox "lilha jitlob kull darba li jkun fil-waiting room tat-tabib b'weġgħa xi mkien" (Mejlak, *Qed Nistenniek* 15). In-nuqqas ta' komunikazzjoni dwar ir-reliġjon u t-tradizzjonijiet iwassal għal kunflitt bejn din il-koppja.

F'xi novelli jinħass sens ta' skadenza fl-argumenti kontra t-taħlit. Ngħidu aħna f'"Riħitu", il-ħabiba tal-protagonista titqabbel ma' omm fitta, f'xi film black and white, li ma tridx lil bintha torqod ma' barrani kif ġieb u laħaq" (Mejlak, *Dak li l-Lejl* 45). Dan is-sentiment ta' skadenza jinħass f'xi ommijiet Maltin, bħal fil-każ tan-novelli "Nixtieq Ngħajjat lil Samirah" u "Kolp ta' Stat" meta omm Mark Delia timplika li t-tfajliet Maltin biss huma bil-għaqal (91). Dawn iż-żewġ protagonisti jkollhom relazzjoni ma' persuni ta' kulturi differenti, xi ħaġa li għalihom kienet naturali iżda f'għajnejn ommijiethom kienet relazzjoni pprojbita.

Is-sens ta' skadenza jinħass ukoll fil-karattru tal-isqof f'"Il-Barranija" meta jipprova jibdel id-drawwiet tal-mara sempliċiment għax ma jaqblux mat-tradizzjonijiet Maltin u jħoss li "hemm bżonn, bħala komunità, jaraw lil min jagħtu permess jidħol. Kif seta' jiġi min irid?" (Mejlak, *Dak li l-Lejl* 126). F'din in-novella hemm attitudni antikożmopolitana iżda l-aċċenn huwa li din mhijiex attitudni sinċiera minħabba l-ipokresija tal-qassis. Id-djalogu li jsemmu Nussbaum u Appiah (ara 3.2) huwa nieqes min-naħa taż-żewġ karattri għax filwaqt li l-qassis jaffrontaha u jgħidilha li "japprezza li ta' barra mod ieħor iżda jixtieqha tħalli t-tradizzjonijiet ta' pajjiżha f'pajjiżha u hawn

tadotta l-użanzi tal-post" (126), il-mara mill-ewwel, "qaltlu xi ħaġa bil-lingwa tagħha – li ma fehemx – u wrietlu l-bieb" (127). Il-fatt li hu joħodha kontra l-użanzi li mhux Maltin, u li hi tkellmu bil-lingwa tagħha meta hu ma jifhimhiex juru li t-tnejn ma jixtiqux jiltaqgħu kulturalment. Mill-banda l-oħra, il-barranija tifhem il-punt tal-qassis u tipprova tirrimedja billi tiżra' siġar għoljin. Iżda l-isqof xorta waħda ma jikkuntentax ruħu għax minħabba s-siġar jitlef il-veduta tal-koppla u jibqa' jinsisti li "mhux ġust li xi ħadd jiġi minn barra u jtellef il-gost lil min ikun ilu hemm ħajtu kollha" (129). Lejn l-aħħar tan-novella, il-qarrejja jindunaw li tagħmel x'tagħmel il-barranija mhuwa ħa jidher qatt tajjeb f'għajnejn l-isqof għaliex għalih il-valuri barranin qatt ma jistgħu jitqabblu mal-valuri Kristjani Maltin.

Is-sentimenti nazzjonalisti f'"No Adjective Describe Story" ta' C. Azzopardi jitbiegħdu ferm mill-idea tal-Kożmopolitaniżmu ta' Kant (ara 3.2.2) meta Ġorġ iqabbel lil Malta ma' dar u lill-klandestini ma' xi ħadd li jaqbad u jidħol ġo dar u jagħmilha tiegħu (*Il-Linja l-Ħadra* 39). Għal Ġorġ, mhux talli l-bnedmin ma għandhomx jiċċaqilqu minn pajjiż għal ieħor iżda talli qed iqabbel iċ-ċittadinanza ma' xi tip ta' ċertifikat ta' pussess. Fi kliem ieħor, għal Ġorġ il-pajjiż huwa bħal proprjetà privata li ma tistax taqbad u tidħol fiha kif ġieb u laħaq u li jekk tidħol fiha mingħajr permess, allura tkun qiegħed tieħu parti minn dak li jippossedu ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż partikolari. Iżda hawnhekk ukoll jinħass is-sens ta' skadenza billi l-karattru żagħżugħ, Rachel, tirreferi għal missierha bħala "tuba" u "injorant" (39). F'din in-novella, C. Azzopardi qed tpoġġi l-vjaġġ tal-"oħrajn" (il-klandestini) f'paralelliżmu mal-istorja tal-vjaġġ ta' San Pawl bl-użu tas-sottotitli li taqsam in-novella f'diversi partijiet. L-ironija toħroġ meta titqabbel l-esperjenza ta' San Pawl ma' dik tar-refuġjati li jaslu Malta.

Dawn in-novelli mhumiex sempliċiment rakkonti ta' persuni li qegħdin jgħixu f'ambjent multikulturali iżda fihom element politiku li jisħaq li ħajja kożmopolitana hija possibbli. Barra minn hekk, is-sens ta' skadenza juri li wħud mill-kittieba ta' din il-ġenerazzjoni jemmnu bis-sħiħ dwar din il-possibbiltà tant li qegħdin jattribwixxu attitudni antikożmopolitana ma' ġenerazzjoni ikbar. Minkejja kollox, dawn l-awturi mhumiex ikunu idealisti għax jirrikonoxxu li l-Kożmopolitaniżmu realment joffri diffikultajiet. Ngħidu aħna f'"Nixtieq Ngħajjat lil Samirah" ta' Mejlak u "Leħen tal-Fuħħar" ta' Nabhan tidher ir-reżistenza ta' xi wħud li ma jixtiqux li jitħalltu u li jippreferu jemmnu affarijiet li mhumiex minnhom fuq persuni li lanqas biss jixtiequ jsiru jafuhom. Fin-novella ta' Mejlak "Il-Barranija", l-awtur qiegħed jagħti eżempju ta' kemm hu faċli jinħoloq kunflitt bejn persuni li ġejjin minn kulturi differenti u għalhekk qiegħed iberraħ ukoll id-diffikultajiet tal-Kożmopolitaniżmu.

Ir-reliġjon aktarx li hija waħda mill-fatturi li jwassal għal diversi diffikultajiet. Mejlak jikxef din il-problema f'"Nixtieq Ngħajjat lil Samirah" meta omm in-narratur, li hija Nisranija, ma tkunx trid taċċetta li binha joħroġ ma' Samirah u tgħidlu biex joħroġ ma' min irid "Ġappuniża, Russa, żingara ... imma mhux Musulmana" (*Dak li l-Lejl* 74). Mill-banda l-oħra, omm Samirah, Rida, fehmet li "r-reliġjon kultant, għandha ħabta tifred flok tgħaqqad. U m'għandux ikun hekk għax ir-reliġjonijiet kollha huma dwar kelma waħda" (73-4). B'hekk, fi wħud minn dawn in-novelli jidher ċar li l-awturi jridu jikxfu s-sentimenti tal-"oħrajn" u jippreżentawhom bħala persuni moralment ogħla mis-soċjetà Maltija.

Dawn s-sentimenti jinħassu wkoll f'"Il-Madonna f'Dar Evelina" (Mejlak, *Qed Nistenniek*) li fiha l-istatwa tal-Madonna tkun il-kaġun tal-ewwel argument li jinqala' bejn il-koppja li jkollhom twemmin differenti. F'dan ir-rakkont hemm ukoll il-

preġudizzju tas-soċjetà Maltija li tiġġudika r-relazzjoni tal-koppja żagħżugħa mill-bogħod u mingħajr ma tipprova titħallat magħhom. Għall-Maltin, din il-koppja mhijiex normali u bil-preġudizzju kollu tagħhom jispiċċaw itaqtqu fuqhom.

F'"Issa se Jgħidilha Żgur", Lorna tista' titqies bħala l-vuċi żagħżugħa li qed tironizza l-mentalità tal-Maltin billi fost l-oħrajn iġġib eżempju ta' tfajla li taħrab ma' Għarbi u li skont il-Maltin "barra minn fuqna – dawwarha Musulmana bħalu" (Nabhan, *Lura d-Dar* 69). Lorna tħoss li s-soċjetà Maltija toħodha bi kbira ħafna meta persuna Maltija toħroġ ma' xi ħadd barrani, u toħodha bi kbira iktar u iktar jekk ikun Għarbi. Hija talludi li l-Maltin jemmnu li t-tfajliet Maltin jagħmlu dak li jgħidilhom ir-raġel u s-soċjetà Maltija donnha ma tirrealizzax li dawn it-tfajliet għandhom moħħ biex jagħżlu huma liema reliġjon jixtiequ jipprattikaw.

Nabhan jagħti eżempju ta' persuna li ddejqet bil-gwerer reliġjużi f'isimha f'"Lura d-Dar fir-Ritratt ma' Bin Laden" għax minkejja d-differenzi fil-fidi, Ahmad qatt ma qagħad lura milli jkollu ħbieb Insara. Huwa jgħid li l-ħtija dejjem taqa' fuq in-nies komuni għax il-mexxejja, ironikament, qatt ma jkollhom (*Lura d-Dar* 77). Ahmad jagħti importanza lill-individwu u ma jħarisx lejn gruppi partikolari, differenti minn Henry tan-novella "Imbagħad Darba Tasal l-Email" ta' C. Azzopardi li jaħdem f'bosta għaqdiet volontarji b'għanijiet lokali jew internazzjonali. F'dawn l-għaqdiet, huwa jaħdem favur liġijiet u drittijiet għal gruppi ta' nies u mhux għal individwi. Għalkemm bis-saħħa ta' dawn l-għaqdiet volontarji internazzjonali l-pajjiżi qegħdin joqorbu iżjed lejn impenn kożmopolitan (minħabba dmirijiet komuni lejn l-umanità), jibqa' l-fatt li xi liġijiet nazzjonali huma kunfliġġenti għal oħrajn internazzjonali. Nabhan itella' fil-wiċċ din il-problema f'"L-Art Mhux Imwiegħda" wara li grupp Afrikani jiqfilhom il-mutur f'nofs ta' baħar u jispiċċaw jinġarru mill-kurrent lura lejn il-kosta Afrikana wara

nuqqas ta' qbil bejn Malta u l-Italja dwar min minnhom kellu jilqa' lir-refuġjati (17). In-nuqqas ta' empatija murija mill-pajjiżi Ewropej tirrifletti fit-titlu tan-novella li jsir referenza għall-kontinent Ewropew li ma jridx jilqa' persuni li ġejjin mill-iżjed pajjiżi foqra tal-Afrika.

Din hija storja li spiss tinstema' bħalha fuq l-aħbarijiet u sfortunatament, hija eżempju ta' kif liġijiet internazzjonali li l-għan tagħhom huwa li joffru refuġju lill-umanità, jispiċċaw f'kunflitt ma' dawk nazzjonali. Malta u l-Italja spiss jispiċċaw f'dibattitu dwar min għandu jilqa' lir-refuġjati. L-ironija ta' dan kollu hi li, minkejja l-isforzi tal-liġijiet internazzjonali li qegħdin hemmhekk biex jomoġenizzaw il-pajjiżi, l-istati, għax huma sovrani, jiddeċiedu huma jekk isegwux il-liġijiet jew le u għalhekk, kemm l-Italja kif ukoll Malta jkunu legalment korretti meta ma jaċċettawx li jdaħħlu lil dawn l-immigranti. Għalhekk, Nabhan jikkummenta dwar l-Ewropa u jqabbilha ma' Timbuktù għax Timbuktù "bħall-Ewropa, is-sigriet tas-sigrieti tagħha, kif tasallha. U meta tasallha, tiskopri li m'hemm xejn ħlief illużjoni; kontinent sfreġjat bħal Timbuktù stess, li baqgħet tixtarr il-glorji ta' żmien ix-xiħa Buktu" (12). F'dawn iċ-ċirkustanzi l-politiċi joħorġu b'bosta stqarrijiet. Madanakollu, ċerti stqarrijiet politiċi f'ċirkustanzi daqstant sensittivi jafu jkunu perikolużi. Fit-tieni kapitlu ta' *Strangers at our Door*, Bauman jinnota li wara l-attakki terroristiċi tal-bidu tal-elfejnijiet, ċerti politiċi bl-iskuża tal-bżonn ta' aktar sigurtà nazzjonali, sqew lill-popli narrattiva li qegħdin jiddefenduhom mit-terroristi. Fl-istess waqt, b'din in-narrattiva l-poplu qed jeħles mill-obbligu morali lejn gruppi partikolari ta' nies. Għaldaqstant, il-popli qed ikunu dejjem iżjed indifferenti meta jisimgħu bit-traġedji li, pereżempju, iseħħu ta' spiss fil-Mediterran.

C. Azzopardi tiddokumenta l-emigrazzjoni iżda din id-darba l-kitba hija dwar Maltin li jemigraw lejn Londra fin-novella "Rita". Rita ilha emigrata Londra għal disgħa u tletin sena u minn Malta tiftakar biss "is-sħana u t-tidlik" (*Kulħadd Ħalla* 32). Però, minkejja li ilha tgħix 'il bogħod minn Malta għal żmien twil, ma tissemma l-ebda relazzjoni man-nies tal-lokal. Għalkemm taħdem ma' persuni li mhumiex Maltin, il-konverżazzjoni mal-kollegi tagħha tkun dwar żewġha Salvu, imma "m'hemmx wisq x'tgħid fuq Salvu. Tell us about Malta! Xi trid tgħid fuq Malta? It's ho' innit. Għax issa ilha ma tmur Malta" (32). F'din in-novella l-Maltin, għalkemm mhumiex qegħdin Malta, xorta waħda ma jidhirx li qegħdin jitħalltu mal-barranin u mill-ħwienet kollha li hemm ġo Londra jissemmew biss dawk li kienu tal-Lhud u tnejn oħra li kienu tal-Maltin. Is-sidien tal-ħwienet Maltin jissemmew b'isimhom: "Vince minn Bormla jbigħ iż-żraben u . . . Rosie mill-Belt tbigħ l-ilbiesi" (33) iżda dwar il-ħwienet tal-Lhud ma tingħatax informazzjoni u ħwienet Ingliżi ma jissemmewx lanqas. Dan jixhed li anki f'pajjiż ieħor, il-Maltin qegħdin ifittxu Maltin oħrajn bħalhom u mhumiex jitħalltu ma' persuni barranin, lanqas ma' persuni tal-lokal stess.

"Dar ir-Rummien" hija xempju ta' kif persuni jistgħu jgħixu ħajja kożmopolitana f'ambjent multikulturali. F'din in-novella, Mejlak jippreżenta familja mħallta kulturalment. Id-dar li jgħixu fiha hija guesthouse tal-familja tar-raġel u billi minn dejjem tilqa' ħafna turisti, ir-raġel imdorri jitħallat ma' persuni barranin li ġejjin minn pajjiżi differenti b'kulturi u tradizzjonijiet differenti minn dawk Maltin. L-attitudni kożmopolitana ta' din il-familja toħroġ meta jibdlu d-dar f'waħda għall-artisti barranin għaliex jieħdu pjaċir jilqgħu "artisti minn madwar id-dinja" u jieħdu gost b'"il-konverżazzjonijiet twal magħhom filgħaxijiet u l-ferħ li darek tkun qed tispira lil xi

ħadd joħloq xi ħaġa" (*Dak li l-Lejl* 151). Għal din il-familja, li tkun imdawra b'persuni b'kulturi differenti huwa stil ta' ħajja li kull membru jagħtih valur.

Il-protagonisti ta' "Dar ir-Rummien" huma differenti sew minn sid il-kera tan-novella ta' Nabhan "Il-Paġella" li jkeċċi lil wieħed mill-kerrejja sempliċiment għax jirrappurtah kerrej ieħor. Hawnhekk Nabhan jikxef realtà ġdida ta' Malta li dan l-aħħar snin faret bl-immigrazzjoni u neffħet il-prezz tal-kirjiet. F'dan ir-rakkont sid il-kera ma jaħsibhiex darbtejn biex ikeċċi lill-istudent għax jaf li mhux se jdum biex isib min joħodlu postu u mhux lest jissogra li jitlaqlu dak li rrapporta għax il-kirja tiegħu kienet it-triplu.

## 4.4. Id-dinja bħala l-ambjent naturali

Xi novelli huma ambjentati xi mkien fid-dinja mingħajr rabta ma' stat, pajjiż jew nazzjon partikolari. Il-karattri huma miftuħin għal vjaġġi li jdawruhom mad-dinja. Huma karattri li jridu jesploraw ambjenti differenti u kulturi diversi filwaqt li jiltaqgħu ma' individwi b'karattri kkuluriti. Il-kittieba tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin komplew jiktbu dwar Malta u dwar il-poplu Malti iżda issa la Malta u lanqas il-Maltin mhuma ċ-ċentru ta' kollox. L-awturi qegħdin jirrakkontaw stejjer ta' Maltin u barranin li qegħdin jgħixu kemm f'Malta kif ukoll barra. Il-karattri jinsabu kullimkien għax l-awturi għandhom id-dinja sħiħa f'idejhom u mhux pajjiż, belt, jew raħal wieħed biss. Hekk jistqarr in-narratur fin-novella "L-Appartament l-Ieħor" meta jgħid li fil-post li jinsab fih preżentament iħossu komdu daqslikieku qiegħed fil-post li twieled fih: "u nħoss li stajt twelidt u għext hawn, kif stajt twelidt u għext f'kull parti oħra tad-dinja" (Mejlak, *Qed Nistenniek* 134). Din l-istqarrija turi li l-awtur Malti huwa konxju li Malta

mhijiex iċ-ċentru ta' kollox iżda hija parti minn dinja ikbar u li titwieled f'naħa u mhux f'oħra hija sempliċiment kumbinazzjoni.

F'"L-Ambaxxatriċi" ta' Mejlak, in-narratur jitkellem dwar dak li jħajjar lill-ambaxxatriċi tidħol għal din il-professjoni. Minbarra li bħala impjieg iġib miegħu ħafna "tlellix", l-ambaxxatriċi tieħu pjaċir tirrappreżenta lil pajjiżha f'pajjiż ieħor u tgħin lil niesha li jkunu fil-bżonn. Dawn ir-raġunijiet huma pjuttost nazzjonalistiċi, madanakollu, hemm raġunijiet oħrajn li jmorru lil hinn min-Nazzjonaliżmu, ngħidu aħna "l-opportunità li tgħix f'pajjiż barrani, li titgħallem il-lingwa u tgħum fil-kultura tiegħu. Esperjenza li tlaqqgħek ma' ħafna nies li jafu jibdlulek ħajtek u t-triq li tkun qed tieħu" (Mejlak, *Dak li l-Lejl* 22). L-element Kożmopolitan f'din in-novella joħroġ fl-attitudni tal-ambaxxatriċi li għalkemm tħobb lil pajjiżha, qiegħda tapprezza kulturi oħrajn tant li n-narratur jgħid li trid "titgħallem il-lingwa u *tgħum fil-kultura* tiegħu" (22; enfasi miżjuda) u b'hekk, tkun qiegħda ssir parti minn dik il-lokalità wkoll.

F'"Mela Minn Fejn Int", Nabhan jippreżenta żewġ karattri li mhuma minn imkien. Wieħed mill-karattri twieled fuq vapur, "'il bogħod mill-kostituzzjonijiet u l-bużullottisti u l-bnadar. 'Il bogħod mill-fidi u r-reliġjonijiet u l-profeti u l-allat li jaslu biex jaslu" (*Bejn Bejnejn* 25). Minkejja dan, xorta waħda jibqa' "ċittadin reali", anki jekk riġlejh "qatt ma jilħqu sal-art minħabba d-distanza bejn il-vapur u l-ibħra territorjali" (25). Fi kliem ieħor, din il-persuna hija ċittadin tad-dinja, anki jekk ma hemm l-ebda biċċa art li tista' ssejħilha bħala n-nazzjon tagħha. Dan ir-raġel ma "kienx Daniż u mhux Żvizzeru, u lanqas Ġermaniż" (25). In-nazzjonalità tal-bnedmin hija xi ħaġa artifiċjali għax sakemm jitwieled fid-dinja, xorta waħda jibqa' "ċittadin reali" (25).

It-teknoloġija għandha sehem fin-nisġa tal-ambjentazzjoni tal-proża għax bis-saħħa tagħha, il-karattri Maltin qegħdin jilħqu d-dinja kollha. F'"Kolp ta' Stat" Mark Delia jirrakkonta l-ġrajjiet li għadda minnhom kemm dam il-Malawi (Mejlak, *Dak li l-Lejl*). Madanakollu, dan il-vjaġġ jirrakkuntah mill-appartament tiegħu xi żmien wara li jkun mar tassew. Huwa jibda jxandar l-istejjer tal-vjaġġi tiegħu permezz tal-*Facebook*. Għalkemm Mark Delia huwa Malti, ma jgħixx Malta u bil-*Facebook* jibda juri r-ritratti tiegħu anki lill-ħbieb Maltin li jkun ilu ħafna ma jara. B'hekk, sa ċertu punt, il-*Facebook* jerġa' jġibu f'kuntatt mad-dinja (anki jekk mhux fiżikament).

"Dwal Żgħar fil-Bogħod" ta' Mejlak hija prova ta' kif persuni u oġġetti kulturali minn madwar id-dinja jsibu ruħhom f'post partikolari. F'dan ir-rakkont, żewġ ġuvintur jiddeċiedu li jmorru vaganza f'Ios, il-Greċja, fejn jiltaqgħu ma' persuni minn pajjiżi differenti. Barra minn hekk, ix-xarba li tissemma hija l-Kajpirinja, ix-xarba nazzjonali tal-Brażil, u billi jiltaqgħu ma' żewġ Spanjoli jiġu inklużu wkoll tliet kelmiet bl-Ispanjol fir-rakkont: "Linda! Hermosa! Guapa" (*Qed Nistenniek* 30). Hawnhekk, Ios huwa gżira Griega li qed tospita turisti minn madwar id-dinja. Mir-rakkont jidher li dan il-post huwa l-iżjed iffrekwentat miż-żgħażagħ. Għall-kittieba l-ġodda hija ovvja li l-karattri, speċjalment dawk li għadhom żgħażagħ, qegħdin isiefru u qegħdin ikollhom kuntatt ikbar mad-dinja ta' barra, ħafna iżjed mill-ġenerazzjonijiet ta' qabel.

Għal Mejlak, hija xi ħaġa ovvja li l-istejjer qegħdin iseħħu xi mkien li fih joqogħdu nies ta' nazzjonalità differenti. Il-preludju fil-ktieb *Qed Nistenniek Nieżla max-Xita*, jagħti togħma żgħira ta' dak li l-qarrejja se jsibu fin-novelli li jsegwu. Il-ġrajja sseħħ f'Ruma iżda l-unika nazzjonalità li tissemma hija dik Bulgara. Dan juri li, l-ewwel nett, għalkemm il-ġabra ta' novelli hija bil-Malti, in-novelli mhux se jseħħu kollha f'Malta u t-tieni ħaġa hija li l-karattri mhumiex se jkunu biss ta' nazzjonalità

Maltija. Hawnhekk ir-rakkonti qegħdin fuq kollox iseħħu f'xi parti mid-dinja, jistgħu jkunu ambjentati f'Malta daqskemm jistgħu jkunu ambjentati barra. Dan jidher mill-ewwel fil-preludju tal-ktieb *Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid* li fih la jissemma l-post u lanqas in-nazzjonalità tal-karattri, xi ħaġa li tidher ukoll f'novelli miż-żewġ ġabriet tiegħu. Il-post fejn ikunu ambjentati n-novelli mhux dejjem jingħata importanza u minflok jesponi kif persuni ta' nazzjonalitajiet differenti qegħdin jgħixu fl-istess ambjent.

## 4.5. Għeluq

Il-kittieba Maltin ma għadhomx jirromantiċizzaw ir-raħal Malti u bosta drabi jispiċċaw jakkużawh b'ideoloġiji antikwati u konservattiviżmu żejjed li fid-dinja globalizzata tal-lum ma għadx hawn posthom bħalma huma n-Nazzjonaliżmu u l-patrija. F'ħafna novelli, il-ġenerazzjoni żagħżugħa qiegħda tħares lejn l-"oħrajn" b'mod differenti minn kif kienu jħarsu lejhom il-ġenerazzjonijiet ta' qabel u għalhekk inħolqu karattri, l-iżjed żgħażagħ, li jħossuhom komdi kullimkien. Teżisti differenza bejn il-karattri ta' Mejlak u Nabhan. Ta' Mejlak iħossuhom komdi kullimkien, kemm fi bliet kbar bħal Moska fir-Russja kif ukoll fi rħula żgħar Għawdxin. Ta' Nabhan, mill-banda l-oħra, għadhom marbutin sew mal-idea ta' nazzjon u ħafna minnhom, speċjalment dawk Palestinjani qegħdin f'tiftixa kontinwa għall-identità. C. Azzopardi hija l-inqas waħda li nqatgħet mill-ambjent Malti u l-karattri tagħha huma kważi kollha Maltin ukoll. Madanakollu, il-maġġoranza tal-protagonisti ta' C. Azzopardi huma nisa, novità fil-letteratura Maltija billi l-protagonisti ta' qabel tista' tgħid kienu kollha rġiel.

# 5.

# Elementi ġodda fin-novella:

# It-test u t-teknika

Barra minn Malta, fis-sekli tmintax u dsatax diġà kien qed jinkiteb materjal skabruż u espliċitu li seta' jaħsad lill-qarrejja, ngħidu aħna minn kittieba bħall-Markiż de Sade u Leopold von Sacher-Masoch. Madanakollu, qabel din il-ġenerazzjoni ġdida ta' kittieba Maltin, l-awturi ma kinux jittrattaw ċerti temi tabù b'mod dirett. Bejn tmiem is-seklu għoxrin u l-bidu tal-wieħed u għoxrin, fir-Renju Unit kien hemm kittieba bħal Irvine Welsh u Niall Griffiths li bdew jiktbu dwar temi skabrużi b'lingwa grafika, ngħidu aħna rakkonti ta' nies drogati u xeni ta' sess u vjolenza b'lingwaġġ frank u anki djalettali. Minbarra dawn it-tip ta' rumanzi u novelli, fir-Renju Unit kien hemm ukoll it-Teatru "In-Yer-Face" li kien moviment teatrali li eċċella f'materjal espliċitu u, aktar minn hekk, xokkanti. Drammi bħal *Blasted* ta' Sarah Kane li ttella' fl-1995, *Mojo* ta' Jez Butterworth imtella' fl-istess sena u *Shopping and Fucking* ta' Mark Ravenhill li ttella' fl-1996, ġew deskritti bħala "exuberant in language, . . . wildly, sometimes wonderfully foul-mouthed" (Sierz 328). Iżda minbarra l-lingwaġġ skjett li bih kienu jittellgħu drammi ta' dan l-istil, l-iżjed temi prevalenti tagħhom huma s-sess u l-vjolenza ppreżentati fuq il-palk, fosthom il-vjolenza sesswali u l-vjolenza fiżika li twassal għall-qtil. David Krasner jargumenta li l-vjolenza sesswali fid-drammi ta' Kane hija parti minn "an overarching world of violence" (484) li teżisti fis-soċjetà kontemporanja. Il-vjolenza u s-sess huma żewġ temi misjuba fil-letteratura Maltija ta' dan l-istess perjodu u l-użu tad-deskrizzjoni grafika u espliċita qiegħed ipoġġi l-letteratura Maltija f'kontemporanjetà ma' movimenti letterarji barranin.

It-tema tal-vjolenza fin-novelli mistħarrġa kultant tintrabat mat-taqlib politiku tat-tmeninijiet. Fil-letteratura Maltija, il-politika qiegħda tiġi deskritta b'mod espliċitu minn wara d-disgħinijiet għax għalkemm mhijiex tema skabruża, għall-kuntest lokali hija tema tabù li ftit li xejn sabet postha f'kitbiet letterarji. Minkejja li bħala tema din

kienet diġà ġiet ittrattata minn kittieba bħal Friggieri *b'Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* u Trevor Żahra b'*It-Tmien Kontinent* li kitbu dwar il-perjodu tas-sebgħinijiet u t-tmeninijiet f'Malta, dan għamluh b'mod impliċitu u/jew allegoriku. Kienu l-kittieba ta' wara d-disgħinijiet li bdew ikunu iżjed miftuħa fid-diskorsi tagħhom u li saħansitra ma ddejqux isemmu persuni politiċi b'isimhom. Fir-riċerka tiegħu, Emanuel Psaila jsemmi lil I. Mifsud bħala wieħed mill-iżjed awturi bikrin li kitbu dwar il-politika b'mod espliċitu u li fost l-oħrajn irrakkonta s-snin tmenin minn lenti żagħżugħa (139). Din it-tema tidher fin-novelli mistħarrġa, speċjalment ta' C. Azzopardi u Mejlak li t-tnejn li huma għexu t-tfulija tagħhom fit-tmeninijiet. Mid-disgħinijiet lil hawn, il-mod ta' kif il-kittieba jittrattaw il-politika fix-xogħol tagħhom inbidel drastikament u saru jinkitbu rakkonti immedjati bħall-ġabra ta' novelli ta' I. Mifsud li ġiet ippubblikata fl-2019 bl-isem *L-Aqwa Żmien*, slogan politiku li ntuża mill-Partit Laburista waqt l-elezzjoni ta' sentejn qabel. Dan kollu jixhed ix-xewqa tal-kittieba Maltin li jkunu iżjed kontemporanji fil-kitbiet tagħhom billi fost l-oħrajn jirrakkuntaw stejjer immedjati.

Għalkemm, kif josserva Grima, sal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin uħud mill-kittieba u l-qarrejja Maltin kien għad kellhom "idea romantika fissa tal-lingwa letterarja Maltija" ("Il-Linja l-Ħadra" 11), fil-kittieba mistħarrġa f'din ir-riċerka din l-idea ma tidhirx. Minflok, dawn il-kittieba jużaw il-lingwa tal-poplu u jenfasizzaw l-idjoletti tal-individwi, turija ta' kemm dan il-perjodu jiffoka iżjed fuq l-individwi milli fuq is-soċjetà nnifisha, xi ħaġa li tvarja minn xi kitbiet ta' Mamo u Żahra li fihom jintuża d-djalett bħala turija ta' kif kienu jitkellmu l-Maltin, jew xi grupp minnhom, fi żmien partikolari. L-awturi mistħarrġa jużaw lingwi oħrajn fejn hemm bżonn u ġieli saħansitra jifframmentaw l-ordni tas-sentenzi, ngħidu aħna, bl-eliminazzjoni tal-punteġġjatura bħalma jiġri fin-novella "Jien ix-Xhud" ta' C. Azzopardi f'*Il-Linja l-*

*Ħadra*. Dan it-tip ta' lingwaġġ ipoġġi n-novelli fil-kuntest taż-żmien li huma ambjentati fih, u billi ħafna minnhom ambjentati fil-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin f'Malta, il-lingwaġġ użat u r-referenzi għall-kultura popolari ta' dak iż-żmien ikomplu jżidu mal-immedjatezza tagħhom. Hemm referenza għall-arti, kemm popolari kif ukoll dik imsejħa għolja, filwaqt li xi novelli jitkellmu dwar l-arti jew il-letteratura nnifisha. Dawn kollha, flimkien mat-taħlit tal-fatti mal-finzjoni u r-realtà li tingħaġen mal-irrealtà u l-ħolqien tal-iperrealtà huma wħud mill-elementi postmoderni li qegħdin isawru dawn in-novelli.

## 5.1. Id-deskrizzjoni grafika

Aktar ma jmur, il-letteratura aktar qed ikollha taffaċċja sfidi viżivi maħluqa, l-ewwel bit-televixin, imbagħad bil-kompjuters personali u l-ismartphones. Lyotard jistqarr li bil-fotografija u ċ-ċinematografija, ir-realtà qiegħda tiġi ppreservata ħafna iżjed malajr u għalhekk dawn il-forom artistiċi qegħdin jissuperaw forom oħrajn, fosthom il-letteratura (74). Għaldaqstant, sabiex il-letteratura tibqa' tappella għall-udjenzi tagħha, teħtieġ li ssir iżjed viżiva hija wkoll. Baudrillard jinterpreta l-grafiċità fl-arti bħala rispons għall-kundizzjoni postmoderna li minħabba fiha, l-arti ma baqgħetx tfittex l-illużjoni billi l-iperrealtà tal-immaġni kixfet is-sigrieti u l-ambigwitajiet kollha (*Conspiracy of Art* 25).

L-artisti Postmoderni qed ikollhom aċċess għal iżjed dettall għax it-teknoloġija toffri dettalji li ma jidhrux bl-għajn tal-bnedmin, ngħidu aħna l-kameras tal-fotografija saru jiġbdu r-ritratti ċari iżjed minn qatt qabel u l-lenti tagħhom kapaċi taqbad sal-inqas dettall f'moviment jew oġġett. Iż-żieda fil-popolarità ta' trażmissjonijiet televiżivi grafiċi ta' gwerer, reality shows li jużaw lingwaġġ frank u li jxandru materjal ta' natura

sesswali, kif ukoll is-siti pornografiċi fuq l-internet, kollu materjal viżiv, ikompli joħloq sfida lil-letteratura u minħabba f'hekk, din qed ikollha timita dejjem iżjed lil dak li qiegħed jixxandar.

Il-grafiċità fil-letteratura Maltija bdiet l-iżjed wara d-disgħinijiet, anki għaliex kien hemm movimenti letterarji barranin (bħat-teatru "In-Yer-Face") li kienu qegħdin jippreżentaw materjal espliċitu u li setgħu influwenzaw lill-kittieba Maltin. Minbarra xeni skabrużi ta' gwerer u vjolenza, l-awturi Maltin bdew jiddeskrivu xeni ta' sess, uħud minn lenti femminili u bdew ikunu aktar skjetti fuq temi politiċi, speċjalment il-politika fis-snin tmenin li għalkemm kien perjodu li l-Moderni għexuh, ftit li xejn kitbu dwaru.

Għalkemm id-disfemiżmu mhuwiex kwalità esklussiva tal-ġenerazzjoni li bdiet tikteb mis-snin disgħin, jinstabu diversi novelli u xogħlijiet minn din il-ġenerazzjoni li juru kemm dawn il-kittieba ma jiddejqux iberrħu l-kruha. Hawnhekk, kruha ma talludix biss għal dik fiżika iżda wkoll psikoloġika u emozzjonali, u l-awturi jagħmlu dan billi jirrakkuntaw sitwazzjonijiet skabrużi li kittieba oħrajn minn ġenerazzjonijiet aktar bikrija ma rrakkuntawx. Huma jipprojettaw immaġnijiet iddettaljati u xi kultant disturbanti f'moħħ il-qarrejja, ngħidu aħna bħal meta C. Azzopardi tirrakkonta dwar il-kundizzjoni tal-bulimija fin-novella "Sodda tal-Ilma". Hija tirrakkonta b'mod grafiku l-esperjenza ta' din il-kundizzjoni meta Laura titla' fuq il-miżien u tinduna li ma kienet naqset xejn u għalhekk tmur fil-kċina u toħroġ minn kull tip ta' ikel u tieklu kollu f'salt sakemm fl-aħħar tispiċċa tmur fil-loki u tirremetti kollox u C. Azzopardi tniżżel sal-inqas dettall:

> Belgħet kollox f'ħin qasir. Lanqas ċans tomgħod ma tat lilha nnifisha. Ġirja għat-toilet, deffset rasha fil-loki, is-saba' l-werrej u dak tan-nofs f'ħalqha, u ma nqalgħetx qabel ma l-ilma ta' ġol-loki ddardar sewwa bir-roża u l-kannella. Niżlet għarkobbtejha u filwaqt li bdiet tieħu nifsijiet qosra u qawwija, qagħdet tħares lejn il-bżieżaq roża-kannella jinfaqgħu bl-akbar kalma u jitfgħu riħa roża-kannella wkoll. (*Il-Linja l-Ħadra* 20)

L-irwejjaħ jintnu jsibu posthom fin-novelli mistħarrġa sabiex ikomplu jżidu mal-grafiċità u jkabbru d-diżgust fil-qarrejja. C. Azzopardi żżid id-dettall tad-deskrizzjoni ta' Polly billi anki jissemma kif tinxtamm "minn kull kantuniera, qisha trakk taż-żibel miexja. Anki meta kienet tinħasel kienet tibqa' tinten għax fuqha kienet titfa' l-istess ħwejjeġ li ftit kienu jaraw ħasil" (*Kulħadd Ħalla* 148). Din it-tip ta' deskrizzjoni ddettaljata tal-irwejjaħ tidher mill-ewwel fil-Preludju tal-ktieb *Qed Nistenniek Nieżla max-Xita* fejn Mejlak jiddeskrivi lir-raġel ta' fuq it-tren "b'riħa taqsam ta' ħalib maqtugħ" (9). Fin-novella "Il-Ġabbar" li tinsab fl-istess ġabra, il-protagonista jgħaddi minn ħdejn raġel "xwejjaħ b'leħja twila u b'riħa ta' nagħġa mħanxra wara ġimgħa mitluqa f'rokna ta' kamra" (150). F'din in-novella n-narratur jinnota li dan ir-raġel "ma deherx f'sikktu" għax "kien qiegħed igedwed xi ħaġa li donnu hu biss seta' jifhem. Jew forsi mwaħħla ma' xufftejh kellu xi ħaġa li ma setax jaqla'" (150). C. Azzopardi ssemmi l-kwartieri ta' Ħal Far u tiddiskrivihom bħala dawk "tas-saqaf taż-żingu u tat-toilets tal-plastik jiċċaqalqu bħal tal-festi fis-sajf bl-għadira tal-pipì taħthom" (39).

In-novella "Riħa Differenti" hija eżempju ta' rakkont li jiskomoda billi huwa dwar ġuvni li jieħu ħsieb il-kamra mortwarja u fost il-katavri jkun hemm ta' din it-tfajla li jaqbad ikellimha u jfakkarha f'meta kienu għadhom żgħar u f'meta kienu jkunu qegħdin jiżfnu fil-bar. Id-deskrizzjoni li jagħti hija realistika ħafna iżda ssir disturbanti

meta l-qarrejja jindunaw li l-persuna li qiegħed jindirizza hija mejta, speċjalment meta jgħid: "Mank idoqq il-*Like a Prayer* bħalissa! Mur arahom jaraw lili niżfen miegħek hekk! X'taħseb eh?" (Mejlak, *Qed Nistenniek* 190). Saħansitra jistaqsiha jekk hijiex bil-għatx u jekk hux qed "tegħja hekk? Erġa' inżel ħa" (191), turija li dan kien qiegħed iċaqlaq u jilgħab bil-katavru: "Ara ħi – kulma ridt tagħmel hekk ara. Taqbadli idi. Hekk. Imbagħad niġbdek ftit 'il quddiem u int terġa' tintelaq lura. Dak kollox. Rajt?" (192).

Il-lingwa wkoll tinġieb bl-iżjed mod realistiku possibbli. Ngħidu aħna fin-novella "L-Aħħar Sajf Tiegħek, Amy", in-narratur jirrakkonta d-diskors immaġinarju bejn sulfarina u oħra, u fost id-dettalji li jagħti jinnota li sulfarina minnhom jisimha "Stefni. Qisek qed tgħid Stephanie imma taħtafha kemm tiflaħ" (Mejlak, *Dak li l-Lejl* 173) u sulfarina oħra kienet ittemtem: "'Jien .. jien,' qed ittemtem Rosanne t-twila, 'ma ... ma kontx tajba biex nitqabbad. Malli ... malli qbadt intfejt mill-ewwel. U tant irrabja miegħi li daħħ... daħħalni ...'" (174).

Bid-deskrizzjonijiet li jagħti, Nabhan joffri dehra tal-ħsus tal-bnedmin. F'"Leħen tal-Fuħħar", in-narratur jiddeskrivi l-uġigħ emozzjonali tal-protagonista u jgħid li: "sar iħossu fgat, donnu qed jinten minn ġewwa, u l-ossiġnu dejjem jonqoslu minn madwaru, u li jekk ma jiċċaqlaqx imqar sa Sqallija ħa jispiċċa fgat bir-riħa tiegħu stess" (*Leħen tal-Fuħħar* 34). Huwa jixtieq jitlaq ftit minn Malta biex iwarrab "dik ir-riħa aċiduża ħierġa minn ġo fih stess. Minn xi ferita antika, aktarx iffjammatlu wara li girifha kliem ħuh, u bdiet terħi d-demm u l-materja" (34).

Dawn l-awturi daħlu fl-iżjed irkejjen ordinarji iżda intimi tal-karattri u rrakkuntaw b'mod skjett affarijiet li la nitkellmu dwarhom u wisq inqas niktbu fuqhom,

bħal meta "Lorraine tirrabja meta ma ssibx toilet paper imdendel ħdejn it-toilet, u bħaċ-ċuċ ikollha tqum bil-mod, u timxi bħall-pingwini għal roll ieħor li jkun fil-kaxxa ta' fuq is-sink faċċata tat-toilet" (*Il-Linja l-Ħadra* 112). Dawn id-dettalji jirriflettu dak li l-individwi qegħdin jikkunsmaw bir-reality shows, xandiriet li jidħlu tant 'il ġewwa fil-ħajja personali tal-protagonisti iżda li xorta waħda jħallu lit-telespettaturi għatxana għal iżjed dettall. Dettalji bħal dawn fil-letteratura għandhom ħabta jinħassu żejda għall-fini tal-istorja rrakkontata, fosthom meta fin-novella "Roża" in-narratriċi tiddeskrivi t-tmien ilbiesi li kienet ħietet għad-difna tagħha stess waħda waħda sal-inqas dettall, anki jekk kienu tant simili li kulma kellhom ivarja kienu "l-għonq, il-kmiem u d-drapp" (C. Azzopardi, *Kulħadd Ħalla* 65). Din it-tip ta' informazzjoni żejda li tingħata hija mera ta' dak li qiegħed jiġri fil-ħajja ta' kuljum bi pjattaformi bħal *Facebook* li fihom l-individwi jitfgħu informazzjoni dwar il-ħajja privata u personali tagħhom f'post virtwali aċċessibbli minn kulħadd. Dan minbarra l-fatt li l-istess individwi li qegħdin jibagħtu l-informazzjoni qegħdin huma wkoll jirċievu lura informazzjoni żejda meta qegħdin jużaw dawn il-pjattaformi.

### *5.1.1. Is-sess*

F'soċjetà mmexxija mill-kapitaliżmu aħħari, is-sess u d-drogi huma l-modi ta' kif il-bnedmin jaħarbu mir-realtà u, għaldaqstant, kemm is-sess kif ukoll id-drogi qegħdin jiġu industrijalizzati (Mandel 502). Għalkemm kittieba kontemporanji tal-awturi mistħarrġa bħal I. Mifsud u Ġużè Stagno rrakkuntaw stejjer ta' persuni ddrogati, fin-novelli mistħarrġa t-tema tad-drogi ma tidhirx wisq, tissemma biss ftit u qatt ma huma l-protagonisti li jieħdu d-droga iżda dejjem imissu magħha biex ibigħuha. Ngħidu aħna f'"Rasi ġol-Ilma" meta Djego jqabbad lil ibnu jwassallu "ħamest elef pinnola ecstasy" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 88); waqt waħda mis-

sensiela ta' memorji li jkollha l-protagonista ta' "Il-Linja l-Ħadra" meta tiftakar f'Duncan u f'"dakinhar li ġġieldu fuq biċċa blokka" (132); u f' "Sandra" meta l-protagonista tkun għadha l-Università u tiltaqa' "ma' Simon li kien jiblagħhom u kien ibigħha u għax darba qalli naħbi blokka fil-locker li kelli l-gym u mbagħad immur inħalli ċ-ċavetta ħdejn l-iskipps fil-carpark iż-żgħir, skirt bl-eċitament" (C. Azzopardi, *Kulħadd Ħalla* 18).

Mill-banda l-oħra, it-tema tas-sess hija prevalenti fit-tliet awturi. Kenneth C. W. Kammeyer, fil-ktieb *A Hypersexual Society*, jinnota li d-diskors dwar is-sess żdied għax il-pornografija hija aċċessibbli aktar u l-kitba erotika wkoll, tant li s-soċjetà kważi saret ossessjonata b'materjal espliċitu jidher ma' kullimkien, speċjalment fir-reklamar, kemm dak immirat lejn l-irġiel kif ukoll lejn in-nisa (8). L-internet ta sens kbir ta' libertà u Kammeyer jinnota li l-internet jibqa' l-iżjed post li fih materjal pornografiku (10).

Fil-letteratura Maltija dehru eżempji ta' grafiċità sesswali qabel ma tfaċċat din il-ġenerazzjoni, ngħidu aħna b'rumanzi bħal *Paceville* ta' Sammut li fih jissemma l-użu tad-droga u jiġu deskritti xeni ta' sess fosthom anki sess bejn tlieta min-nies, iżda Sammut mhuwiex dirett fir-rakkont tiegħu (Tabone 50). Id-deskrizzjoni grafika ta' sess fin-novelli mistħarrġa f'dan l-istudju tidher ħafna iżjed minn qabel u hemm varjetà fil-mod ta' kif is-sess bħala tema qiegħed jiġi interpratat f'dawn in-novelli. Xi wħud min-novelli ta' Mejlak u Nabhan, bħal fil-każ ta' Sammut, huma grafiċi fid-deskrizzjoni li jagħtu tal-ġisem tal-mara, oħrajn, l-iżjed ta' C. Azzopardi, jiffukaw fuq il-pjaċiri sesswali tan-nisa li huma deskritti b'mod grafiku, imbagħad hemm novelli oħrajn li jinnormalizzaw ir-rapporti sesswali okkażjonali. Xi wħud mir-referenzi għar-rapporti sesswali jissemmew biss bħala fatt, fosthom f'xi novelli ta' Mejlak bħal "Dwal

Żgħar fil-Bogħod" li fiha jirrakkonta l-avventura sesswali taż-żewġ ġuvintur Maltin ma' żewġ tfajliet Spanjoli bħala xi ħaġa każwali, u jgħid biss li "l-għada qamu, l-erbgħa li huma jirrepetu l-ftit kliem ġodda li kienu tgħallmu" (*Qed Nistenniek* 30). Anki fin-novella "Il-Madonna f'Dar Evelina", wara li n-narratur ilaqqa' lill-qarrejja mal-protagonista u Evelina fl-istabbiliment tad-divertiment Hungry Duck f'Moska, jgħid biss li "l-għada filgħodu stagħġeb għax hu u ħiereġ mill-appartament . . . tagħtu x'jifhem li xtaqet li jerġgħu jiltaqgħu" (13). F'dawn in-novelli r-rakkont mhuwiex espliċitu u huwa nieqes mid-dettall li jinstab f'xogħlijiet ta' awturi oħrajn kontemporanji. F'diversi novelli l-protagonisti jipparteċipaw f'relazzjonijiet sesswali okkażjonali u r-rapport każwali jsir attività li titqies normali. Din it-tip ta' attività sesswali tidher ukoll f'"Isma' Tini l-Business Card Tiegħek!" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 51).

Minkejja li mhux kull novella tiddeskrivi s-sess b'mod grafiku, hemm diversi li huma espliċiti fir-rakkuntar tagħhom. Din l-attitudni hija paralleli għat-teorija Femminista tat-tielet mewġa li tagħti importanza diskorsi dwar is-sesswalità u l-pjaċir sesswali tan-nisa (Freedman 290). Għaldaqstant ma għandhiex tittieħed b'sorpriża li t-tema tas-sess f'C. Azzopardi tkun ċentrali. Eżempju ta' dan hija "Isma' Tini l-Business Card Tiegħek!" li hi kollha kemm hi dwar rapport sesswali u l-foħrija għar-rapport każwali aktar milli għar-relazzjoni konvenzjonali li tirrikjedi impenn emozzjonali. Fir-riċetta ta' din in-novella, il-"mara żgħira" u r-raġel "ftit ikbar" huma l-isterjotipi li r-raġel għandu jkun ħarira ikbar mill-mara f'relazzjoni, barra l-fatt li l-"mara żgħira mqaxxra" huwa sterjotip minnu nnifsu tal-immaġni ideali kif tkun mara filwaqt li r-raġel "maħsul sewwa" jindika sterjotip ieħor li l-irġiel ma jiħdux ħsieb tagħhom infushom daqs in-nisa. Il-"flett jew dar non-stick" huwa l-post li għalkemm il-koppja

toqgħod fih, m'hemm xejn x'jorbot lil waħda jew lill-ieħor miegħu. Is-sagrament, l-imħabba u l-fiduċja huma t-tliet elementi li tradizzjonalment jistrieħ iż-żwieġ fuqhom. Madanakollu, il-fatt li f'din ir-riċetta s-sagrament huwa "sugar free", l-"imħabba light" u l-"fiduċja low-fat" juru li dawk il-pedamenti li jitqiesu bħala l-fulkru taż-żwieġ qiegħda titnaqqsilhom l-importanza tagħhom. L-unika ħaġa li qiegħda żżomm lill-koppja ta' din ir-riċetta flimkien hija t-"tazza nbid ad aeternum" li trid tintefa' fl-aħħar, meta t-taħlita tibda tagħqad (50). Dan ifisser li mhuwiex is-sagrament u l-wegħdiet li jġib miegħu li jżommu lill-koppja flimkien, iżda l-alkoħol għax wara li r-relazzjoni tkun "tektket" biżżejjed u "bdiet tagħqad", l-alkoħol huwa s-soluzzjoni għal din ir-riċetta li trid tisserva "sħuna fuq sodda" (50).

Wara r-riċetta jibda r-rakkont dwar mara li tant hija komda bis-sesswalità tagħha li ma tiddejjaqx tiddiskutiha waqt titjira mal-passiġġiera ta' maġenbha. Ir-rakkont jibda b'din il-mara tifflertja mal-isteward tal-ajruplan u n-narratriċi tiddeskrivi dak li qiegħda tara u tisma' sal-inqas dettall, speċjalment il-ħars u l-mossi tal-mara ta' ħdejha meta jiġi l-isteward u s-sensazzjonijiet li kull darba tqajjem fih billi meta jiġi ħdejha "għamlitha ovvja li qabel ma tgħolli rasha tħares lejn wiċċu, tiffissa l-ewwel lejh li kien kull darba jkun kważi jħokk ma' wiċċha . . . Ġismu kien jiċċaqlaq. Mill-qalziet issikkat kien jidher jitħarrek sew" (50). Iżda l-iskop tal-mara kien it-tentazzjoni u xejn iżjed. Fil-fatt, "ix-xewqa sesswali" tiegħu tingħeleb meta jġibilha l-imħadda u hi, minflok tirringrazzjah tiksru u tgħidlu li kieku kellha bżonnha kienet titlobhielu hi (53).

In-narratriċi tħoss li l-attitudni tal-mara hija xi ftit esaġerata u barra minn lokha, speċjalment meta tħalli l-condom jaqa' kull darba li tiftaħ il-portmoni:

> condom minnhom baqa' fil-but tal-kowt tagħha; stajt narah sewwa għax kien nofsu barra. Bħallikieku ħallietu hekk apposta, biex turi 'l kulħadd li kienet tuża condom. U l-ieħor baqa' fil-portmoni. U kull darba li fetħitu biex tħares lejn xagħarha u wiċċha fil-mera ċkejkna li kienet imwaħħla, dal-condom kien jaqa' u hi taparsi bil-mistħija tgħid, "Oops! Waqagħli l-condom," (52).

Dan ir-rakkont juri li filwaqt li qabel din il-ġenerazzjoni l-aġenzija sesswali kienet tingħata lill-irġiel, issa qiegħda tingħata wkoll lin-nisa; jekk qabel fir-rakkonti ta' nisa b'aġenzija l-mara kienet tiġi kkastigata, issa ma għadhiex. Il-kumdità bis-sesswalità ta' din il-mara tkompli toħroġ meta tiddeskrivi ġisem l-irġiel li tiltaqa' magħhom f'ħajjitha u tgħid li l-ittra D tfakkarha f'"ġuvni gustuż li 'qas qatt ma sirt naf x'jismu, 'Id-D jgħiduli,' kien qalli, 'għax għandi dundjan kbir,' kompla biex mingħalih jimpressjonani." Ħadet nifs u nfaqgħet tidħaq. "Ma kienx jaf, miskin, li f'ħajti ltqajt ma' min għandu żiemel" (54).

Bħal din in-novella, "Sandra" wkoll hija dwar mara b'aġenzija sesswali u tkun hi li tistieden lir-raġel għas-sess. Id-deskrizzjoni mogħtija hija espliċita ħafna. L-ewwel deskrizzjoni grafika ta' rapport sesswali hija meta Sandra u Stefan jisirqu l-karozza tax-showroom ta' Rocco and Co. Sandra hija dik li toħroġ b'din l-idea u dan ikompli juri li l-mara tingħata aġenzija u li ma tħalli lil ħadd jiddettalha ħajjitha jew il-ġibdiet tagħha:

> Dik il-lejla, qalb ir-riħa ġdida tal-covers tas-seats tal-Mercedes u l-ħsejjes tax-xita ssabbat mal-windscreen, naħseb li kienet l-isbaħ lejla ta' sess li qatt kelli f'ħajti. Il-ponta ta' lsienu ntilfet fl-iktar partijiet sensittivi ta' ġismi. Ma ridtux

> jieqaf. Ridt niġi bil-mod, bil-mod. Imbagħad bih ġo fija u b'xufftejh isoffu lil sidri ġejt it-tieni darba. (20)

F'dan ir-rakkont, ix-xewqat u l-pjaċiri sesswali tal-mara biss qegħdin jissemmew, donnu fl-aħħar, il-karattru tal-mara Maltija fil-letteratura sab vuċi li bih jista' jesprimi s-sesswalità tiegħu. Barra minn hekk, il-protagonista fl-ebda mument ma hija l-vittma, lanqas meta jkollha titlaq mid-dar għax fl-aħħar mill-aħħar huwa Stefan li "ma fehemx għala kont qlibthielu erba' darbiet u għala s-sess kien dejjem isbaħ, u għala s-sess miegħu kien sar qisu rota msadda" (22). It-tifla tibqa' ma' missierha, sitwazzjoni li fir-rakkonti passati huma l-irġiel li jitilqu lin-nisa tagħhom u mhux bil-kontra għax l-idea ċentrali kienet li l-ulied kellha tieħu ħsiebhom il-mara. Iżda Sandra differenti u meta titlaq lil żewġha u lil bintha ssaħħaħ il-libertà tagħha u tkun tista' tkompli bl-avventuri tagħha, fosthom ma' John li minbarra d-deskrizzjoni grafika ta' waħda mill-avventuri li jkollha miegħu, Sandra tesprimi wkoll il-gosti sesswali tagħha:

> Kien mejjet għal naqra sess feroċi . . . U jien ħallejtu jidħol fija mingħajr ma tajt kas li lanqas il-kalzetti ma neħħieli, ħaġa li tgħidx kemm iddejjaqni . . . Imbagħad erġajna, fis-sodda, l-istess affarijiet, ma riedx ibiddel. L-istess kollox. U jiena dik in-naqra bidla nkun irridha. Dik in-naqra kreattività, dik in-naqra sensibilità fis-salvaġiżmu. (24)

Wara dik il-lejla, Sandra tibdel iċ-ċavetta ta' John ma' oħra li ma taqbilx ħalli ma jkunx jista' jibqa' jaqbad u jidħol. Hawnhekk ikompli joħroġ il-karattru b'saħħtu ta' Sandra li trid tibqa' dejjem hi fil-kontroll ta' ħajjitha u malli tibda tara li l-affarijiet mhumiex se jibqgħu eċitanti għaliha bħal qabel, lil John toħodlu ċ-ċavetta u minn

dakinhar stess tistenna lil Mark, raġel ieħor li bħal John tiltaqa' miegħu f'kafetterija wara li jkun għadu kif temm iż-żwieġ tiegħu. Sandra tinnota din il-vulnerabiltà f'dawn l-irġiel u tinġibed lejha. Ittenni li meta John "kien għadu vulnerabbli, kien jogħġobni iktar" (25) u għalhekk tagħti ċ-ċavetta lil Mark, għax huwa kien għadu "ma rkuprax minn martu li ħallietu għal wieħed għaxar snin iżgħar minnu" (23). Hawnhekk hawn qalba fil-perċezzjoni tal-karattru femminili għax filwaqt li qabel kienu jkunu l-karattri rġiel li jattakkaw il-vulnerabiltà tan-nisa, C. Azzopardi qiegħda tillustra eżempju ta' kif anki l-irġiel jistgħu jkunu vulnerabbli.

Sandra hija eżempju ta' mara li hija komda bis-sesswalità tagħha u l-inizjattiva toħodha hi; bla ma toqgħod tistenna lil ħadd. Bħala karattru hija differenti mill-Ispanjola tan-novella "Mort Naraha, Pa" ta' Mejlak, li kienet toqgħod tħares lejn il-ġnien u taħseb f'missier in-narratur: "dwar jekk hux qed jaħseb fija. Dwar x'qed jagħmel dak il-ħin. Dwar jekk nesinix bħallikieku qatt ma kont. Dwar x'tifkira ħa miegħu tiegħi. Dwar jekk iddiżappuntajtux l-aħħar darba li ġie hawn . . . U dwar jekk qattx għad iddoqq dik il-qanpiena li daqqejt int u xħin niftaħ insib lilu" (*Dak li l-Lejl* 64). Id-differenza tkompli toħroġ meta tistqarr li hija kienet saret tħobbu minkejja li kienet taf li kien miżżewweġ u b'hekk kellhom jiltaqgħu biss "kumdità tiegħu" (65). Sandra ma torbot qalbha ma' ħadd filwaqt li l-Ispanjola tħobb raġel li taf li qatt ma jista' jkun tagħha. Hija tistqarr li kienet hi "li ħsibt li forsi nista' narah u ngawdih bla ma niftaħlu qalbi. Imma meta ntbaħt li qalbi kienet hu u hu kien qalbi kien ftit tard" (65). Iżda karattru bħalma hija l-Ispanjola fin-novella ta' Mejlak mhijiex in-norma f'dawn il-ġabriet mistħarrġa. Ħafna drabi, in-nisa ta' dawn in-novelli huma nisa indipendenti li għandhom kontroll totali fuq ħajjithom u fuq ġisimhom.

Għalkemm l-iżjed kittieba li tittratta s-sesswalità tan-nisa b'mod espliċitu hija C. Azzopardi, f'Mejlak ukoll jidhru każi ta' aġenzija femminili, pereżempju f'"Il-Ħalliel tal-Umbrelel" fejn hemm episodju ta' mara timmasturba. Hija tiddeskrivi r-relazzjoni li għandha mal-umbrelel u tirrakkonta dwar dak il-lejl meta ta' sittax-il sena tiskopri li l-manku tal-umbrelel tista' tużah għall-pjaċir sesswali: "l-manku tal-gomma li issa kelli s-swaba' t'idi l-leminija magħfusa miegħu bħal kien jagħtik li tkompli tagħfsu. U flok xgħelt il-bozza ġbidt l-umbrella u bil-kamra moħbija fid-dlam ħadt gost inħoss il-manku jittewweb ma' ġismi kollu . . . U l-għada qomt bl-umbrella miftuħa beraħ, rasha 'l isfel ħdejn is-sodda" (*Qed Nistenniek* 168). Id-deskrizzjoni tax-xena ta' masturbazzjoni tkompli meta tiżvela li l-umbrella tan-narratur kienet fil-fatt serqitha hi għax ma setgħetx tegħleb it-tentazzjoni u wara li poġġietha ħdejn is-sodda u "dik il-lejla – bil-Marokkin ta' taħti f'moħħi – ftaħt l-umbrella beraħ u ntlaqt lura, bla nifs, fuq l-imħadda – ftakart x'gost ta' vera fihom l-umbrelel bil-manku tal-gomma" (169).

Il-gosti sesswali jinħassu wkoll f'"Roża" meta n-neputija tagħha tiftakar li lil nannitha minn dejjem kienu jogħġbuha rġiel twal u meta kienet għadha żgħira kienet tgħidilha biex issib raġel twil, bħalma għamlet hi meta għażlet lill-"ġgant tar-raħal" minflok lil Ġanni li kien qasir għax is-"sbuħija ta' raġel kienet taraha fit-tul" (*Kulħadd Ħalla* 69). Anki jekk ma' Ġanni aktarx kien ikollha xorti aħjar milli ma' Pawlu, hija tagħżel li tiżżewweġ lil dak li kienet miġbuda lejh sesswalment. Madanakollu, f'din in-novella jinħass it-trażżin sesswali tal-mara li għalkemm żewġha jemigra, din xorta waħda tibqa' leali lejh u lil Ġanni "forsi" ssir tħobbu biss lejn tmiem ħajjitha (69). Għaldaqstant, Roża, li hija mara xiħa qed tistenna l-mewt, tista' titqies bħala l-mara raħlija tradizzjonali li żmienha għaddha u li issa qed issib postha fil-letteratura l-mara l-ġdida, il-mara żagħżugħa ħielsa minn kull rabta tradizzjonali.

F'din il-ġabra anki l-bniet żgħar jingħataw vuċi u għandhom il-karattru distintiv tagħhom. Huma bniet imqarbin, makakki u minkejja ċkunithom, għandhom il-kurżitajiet u l-ġibdiet tagħhom. Fosthom hemm Claudine f'"Lily" li fost il-praspar kollha li tagħmel meta tkun għadha żgħira, darba "niżżlet il-qalziet ta' Jeremy biex tara x'kellu bejn saqajh" (85) u "Sandra" meta tkun fis-sitt sena tal-primarja u żżomm djarju sigriet li fih tikteb "l-istejjer ta' mħabba bejni u bejn Mauro, bejni u bejn Ezekiel, bejni u bejn Jamie, bejni u bejn Keith; jiddependi ma' min kont inkun miġġielda jew le" (13).

Id-differenza ewlenija bejn id-deskrizzjonijiet ta' C. Azzopardi u dawk ta' Mejlak u Nabhan hija li ta' C. Azzopardi jiffukaw fuq il-pjaċiri u l-gosti sesswali tan-nisa filwaqt li ta' Mejlak u Nabhan jiffukaw iżjed fuq il-viżwalizzazzjoni ta' ġisem il-mara bħala oġġett f'għajnejn il-figura maskili, immaġnijiet li l-Femministi tat-tieni mewġa jiġbruhom fil-kategorija tal-Ħarsa maskili. Laura Mulvey tispjega kif il-mara hija pprojettata bħala stampa passiva li r-raġel iħares lejha b'mod attiv. Hija targumenta li ħafna drabi l-figura femminili tiġi ppreżentata bħala oġġett viżiv u erotiku li jissodisfa l-Ħarsa maskili (19). Eżempju ta' din il-Ħarsa jidher fid-differenza fil-mod kif inhuma deskritti l-ġibdiet fil-bniet ta' C. Azzopardi u fis-subien ta' Nabhan. F'"Lily", C. Azzopardi tgħid biss li Claudine xtaqet tara Jeremy "x'kellu bejn saqajh" (85) iżda Nabhan f'"Identiċi" jkun iżjed grafiku u minkejja li jiddeskrivi l-esperjenzi tat-tfulija, issa li kiber, in-narratur xorta waħda qiegħed jiffoka fuq ħut ħbiebu l-bniet u sħabhom waqt li jkunu qegħdin "jitbandlu, u meta jogħlew fl-arja, kont noqgħod niċċassa lejn bejn saqajhom, qisni diġà bdejt ninduna li taħt kull wieħed minn dawk il-*panties* żgħar ikkuluriti qed titrabba frotta pprojbita" (*Leħen tal-Fuħħar* 29-30). L-għażla tal-kelma "panties" minflok "qliezet ta' taħt" bejn tindika r-realtà tad-diskors

tat-tfal żgħar għax hija kelma li tintuża magħhom, u fl-istess waqt, billi n-narratur qiegħed jirrakkonta dan kollu mil-lenti ta' adult, din il-kelma tikseb konnotazzjoni sesswali.

Kemm Mejlak kif ukoll Nabhan jagħżlu li jiffukaw id-deskrizzjonijiet tagħhom fuq il-ġisem femminili biss u dan juri li anki fis-seklu wieħed u għoxrin, il-kittieba Maltin xorta waħda jinqabdu fil-Ħarsa maskili fid-deskrizzjonijiet li jagħtu, speċjalment bil-fokalizzazzjoni fuq sider il-mara li ħafna drabi huwa deskritt bħala wieħed imdaqqas. Mejlak jikkummenta dwar tfajliet li jkunu qegħdin jinżgħu l-qmis f'"L-Appartament l-Ieħor" u dwar il-buttuna tal-qmis ta' Sophie li tkun se titqaċċat minn postha minħabba l-issikkar tal-qmis ma' sidirha f'"Polaroids għal Ommi – The Quays Bar (Dublin)" (*Qed Nistenniek*). F'"Identiċi", in-narratur jikkummenta fuq sider omm sieħbu meta jiftakar li darba fost l-oħrajn jara "waħda miż-żejżiet. Aktarx kienet żelqitilha mil-libsa skullata li kellha fuqha u ma ndunatx" (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar* 30). Id-deskrizzjoni tan-nofs sider barra f'libsa skullata toħloq xena senswali billi fl-istess waqt qiegħed jiġi implikat li din, minbarra li kienet liebsa skullat, kienet ukoll mingħajr bra. Minbarra f'"Identiċi", il-figura femminili fin-novelli ta' Nabhan tiġi ssesswalizzata wkoll f'"Miriam il-Bjonda" (*Leħen tal-Fuħħar*), "Pamela" u "Fatat mat-Triq" (*Bejn Bejnejn*) u f'ta' Mejlak, din tidher l-iżjed f'"L-Ambaxxatriċi" u "Il-Barranija" (*Dak li l-Lejl*).

Miriam f'"Miriam il-Bjonda" hija deskritta bħala "vera bjonda, u kellha għajnejn koħol trasparenti mdawrin b'lapes iswed faħma. Fihom xi ħaġa mill-anġli, u fl-istess ħin, xi ħaġa mix-xjaten" (59). Iċ-ċaqliq ta' saqajha jiġi intepretat min-narratur bħala stedina sesswali meta "kienet toqgħod tikxef kuxxtejha faċċata tiegħi taparsi mhix tinduna li nkixfulha hi u ttella' waħda fuq l-oħra" (59) waqt "iż-żjarat seduċenti" tagħha

(61). Meta talbitu jibdlilha ċ-ċilindru tal-gass, daħlet tiżżegleg u "titbandal quddiemi bil-lajma u tgħawweġ mixjitha [sic.] apposta . . . Qaddha fil-libsa twila sajfija joqmos 'l hemm u 'l hawn" (63). Din id-deskrizzjoni hija ta' mixja tipika tal-mara-mudella li tesebixxi lilha nnifisha quddiem udjenza. Ix-xbieha ta' Miriam tkompli tiġi ssesswalizzata bid-deskrizzjoni tal-ħall ta' xagħarha meta: "ħallet it-toppu ta' xagħarha u farfret rasha b'ġentilezza skandaluża. Il-qamħ dehbi nfirex kullimkien. Anki xagħarha kellu riħa ta' żjut aromatiċi partikolari" u tkompli bid-deskrizzjoni grafika tal-azzjonijiet tagħhom: "Idejn Miriam il-Bjonda bdew daqqa jagħsruni u daqqa jmellsu laħmi b'ħeffa ta' pjuma. Idejha qishom żewġ ħutiet żnelli ma jafux jedhew u jistkennu. Ħuta minnhom żelqet taħt iċ-ċinturin u qabditni mill-għaksa li sa dak il-mument l-univers kollu kien idur magħha" (65).

Ix-xagħar, is-sider u l-ġenbejn huma l-iżjed tliet partijiet tal-ġisem li fuqhom qiegħda tkun iffukata l-Ħarsa maskili misjuba fi wħud min-novelli studjati. In-nisa f'dawn ir-rakkonti qegħdin jużaw dawn il-partijiet sabiex jisseduċu lill-karattri maskili, bħalma jiġri f'"Fatat mat-Triq" meta Salma, deskritta bħala "mohra maħruba. Mohra żingara b'xagħarha midluk biż-żjut aromatiċi" (53), tibda tagħmel "mossi strambi" (54) u xħin tkun fit-trakk ma' Ġaber, "neħħiet il-velu u ħallet xagħarha twil iswed tuta. Daqqa xxengel rasha din-naħa, u daqqa n-naħa l-oħra. U . . . ma naqset xejn milli tolqot wiċċ iż-żagħżugħ li ma riedx jemmen x'kien qed jiġri" (53). F'din in-novella, it-treddigħ tat-tarbija jsir stedina erotika meta "ħarġet waħda miż-żejżiet ippuntati ġmielhom u ressqet it-tarbija lejha" għax billi Ġaber qatt "ma kien ra żejża ta' mara ħlief f'rasu qabel jorqod wara ġurnata bażwija ta' ħidma", meta Salma tibda tinki lit-tarbija, in-narratur iħoss li din kienet qiegħda "tistieden lix-xufier biex hu wkoll jieħu sehmu" (54). Il-kliem maħsub mill-karattru maskili jkompli jissesswalizza x-xbieha

femminili meta bejnu u bejn ruħu jibda jtella' u jniżżel jekk jiqafx "fil-ġenb u naqsamha" (54) u meta jiftakar fi kliem żewġ Salma u t-talba tiegħu li żammitu lura milli "jitfa' mal-ewwel żebbuġa ħoxna barra r-raħal u jikolha nejja" (55).

Sider il-mara huwa ċentrali fid-deskrizzjoni ta' ġisem il-karattru femminili f'"Pamela" li kellha l-"ġid tagħha kollu għadu fiha u dan jidher evidenti fis-sider imqabbeż, jew preċiżament fil-pożizzjoni tan-nippla vis-à-vis il-massa u ċ-ċirkonferenza taż-żejża. Mara dieħla fl-età s-soltu kollox jiddendlilha. Speċjalment sidirha" (Nabhan, *Bejn Bejnejn* 8). Il-protagonista hu ġinekologu u għall-kuntrarju ta' rġiel oħra, in-nisa jippreferihom imlibbsin milli mneżżgħin u għalhekk "laqtuh il-bżieżel stirati ssikkati taħt id-drapp. Mara bid-drapp dejjem taffaxxinah aktar mill-aktar mara mneżżgħa" (9), referenza għall-attrazzjoni lejn il-mhux magħruf. F'dan ir-rakkont il-mara hija biss oġġett għall-gost sesswali tar-raġel. Il-protagonista jħossu "ipnotizzat, ibusha fuq għonqha u wara dawk l-imsielet tondi kbar. Il-fwieħa tagħha aktar xkanat id-demm f'għeruqu. Li kieku ma kienx ibbukkja f'ħanut ta' ċertu [sic.] reputazzjoni u li jafuh, kien itir biha d-dar, qabel tmurlu dik il-fawra ta' seħer" (10-11).

Il-maskulinità tar-raġel fin-novelli msemmijin tkompli tissaħħaħ bl-użu tal-vokabularju "itir biha d-dar", "naqsamha" u "jikolha nejja", kollha eżempji ta' dak li r-raġel jixtieq jagħmel bil-mara. F'"Miriam il-Bjonda", in-narratur jirreferi b'mod dirett għas-soċjetà patrijarkali li jgħix fiha meta jalludi għas-"soċjetà maskili li tqiegħed il-mara fil-kexxun li trid" (61) b'referenza għall-mod ta' kif kienet tħares lejn mara ddivorzjata bħala "platt lest. Tliet kwarti ta' qaħba. L-ewwel nett għax issa t-triq miftuħa lesta, u t-tieni għax peress li laħqet daqet it-togħma, żgur Alla ma tkunx tista' toqgħod bi kwietha" (61) u li fl-istess ħin "tliet kwarti tal-irġiel tar-raħal, speċjalment dawk li jipprietkaw ħafna fuq il-morali, jixtiequ jaħxuha" (63). Għalkemm fil-mument

tar-rakkont in-narratur jinsab konxju li dan l-għajdut huwa sforz is-soċjetà maskilista li trabba fiha, jammetti li dak iż-żmien, peress li huwa kien parti mill-istess soċjetà, kien jimla rasu u jiffantasizza li "ċ-ċansijiet biex naħxi lil Miriam il-Bjonda, issa wara li ġiet iddivorzjata, kibru waħda sew" (61).

Fin-novella "Il-Barranija" Mejlak jagħti deskrizzjoni iżjed grafika ta' fantasija sesswali f'nofs ta' lejl b'sitwazzjoni li hija "skandaluża" billi l-protagonista huwa isqof tal-Knisja Kattolika Rumana. Minn dik il-għodwa li jikkonferma l-għajdut li din il-mara kienet tħobb toqgħod għarwiena, għall-isqof din il-ġara ssir "xitan li ġie jitturmentah" (*Dak li l-Lejl* 130) għax minn wara li jaraha b'sidirha barra ddawwar xugaman magħha biex tmur tiftaħlu, kull darba li jintefa' fil-ġnien jibda jaħseb fiha:

> b'sider daqs dimonju, iddur għarwiena qalb is-siġar, qisha Eva qabel id-dnub . . . U f'mument minnhom beda jimmaġina li ma kien hemm l-ebda ħajt jifred il-ġnien tagħha, u l-mara kienet qed taqsam f'tiegħu qisu xejn u taqta' t-tuffieħ u tammira l-lumi u xxomm il-ġilji ta' San Ġużepp u tħokklu daharha mal-buganvilla mxabbta mal-ħitan. (125)

Ix-xebh ta' din il-mara ma' "Eva qabel id-dnub" joħloq stampa ta' mara qaddisa, riservata, li ma tafx b'ħażen, sakemm issir konxja bil-preżenza tar-raġel u mal-waqgħa tal-ħajt, tibda miexja lejh u "taqta' t-tuffieħ", il-frotta pprojbita tal-Ġenesi li permezz tagħha, f'"Identiċi" Nabhan jimmetaforizza l-organu sesswali femminili. Susanne Gruss tinnota li l-mara u s-sesswalità tagħha titkejjel bejn żewġ binarji: il-verġni u l-prostituta (49). Il-mara f'moħħ l-isqof f'"Il-Barranija" tibda bħala xbieha ta' Eva verġni qabel "id-dnub" u tintemm biċ-ċediment totali għall-ġibdiet sesswali meta:

> tbissmitlu, gidmet xufftejha [sic] t'isfel u bdiet tneħħi l-liżar minn fuqha sakemm inkixef dak is-sider kbir . . . resaq qribha u tela' fuqha bix-xettru b'kollox. U issa kien qed jiċċaqlaq magħha . . . bil-katina tal-kurċifiss imdendla m'għonqu li qed tgħarrxilha għonqha u ġġegħelha titbissem iktar u ma' kull tbissima girfa fuq dahru. (129)

F'din in-novella l-karattru maskili mhux biss iħoss obbligu morali li juri lill-mara kif din għandha tgħix ħajjitha iżda jimmaġina lil din l-istess mara sottomessa għax-xewqat tiegħu u x-xettru jsir simbolu tal-maskulinità li jirrappreżenta l-poter li jixtieq ikollu fuq din il-mara. Jekk ir-raġel ma jkollux kontroll totali fuq il-mara, dan iħossu fallut, bħalma jiġri fin-novelli "Miriam il-Bjonda" u "Fatat mat-Triq" meta ma jaqgħux għas-seduzzjoni tal-mara.

Gruss tosserva kif il-karattri femminili jitpoġġew f'kategoriji stretti: karattri passivi li kapaċi jrażżnu s-sesswalità tagħhom (49) jew karattri b'saħħithom deskritti bħala "frightening or monstrous" (50). In-novelli ta' Nabhan "Għadni Ġej minn Hemm" u "Il-Kompliċi" huma żewġ eżempji ta' kif il-mara kapaċi tkun il-"mostru" li twassal lir-raġel għas-suwiċidju għax ma jkunx jista' jaċċetta t-tmiem tar-relazzjoni *(Lura d-Dar)*. Il-karattru ta' Miriam f'"Miriam il-Bjonda" huwa eżempju ċar ieħor ta' mara li hija sabiħa daqskemm hi perikoluża u fir-rakkont din tintwera bid-deskrizzjonijiet ta' għajnejha li jkollhom "xi ħaġa mill-anġli, u fl-istess ħin, xi ħaġa mix-xjaten" (59) u li "ma tkunx taf taqbadx tħobbhom jew titwerwer minnhom" (61). Fuq kollox, lin-narratur, din il-mara toħodlu "l-verġinità spiritwali, u għal naqra ma ħaditlix l-oħra tal-laħam" (60), sinjal li din il-mara li kienet sabiħa u iżjed matura ħalliet impatt qawwi fuq dan il-ġuvni li kien għadu bla esperjenza.

L-idea li l-mara hija iżjed esperjenzata sesswalment mir-raġel u li ma tiddejjaqx tesprimi lilha nnifisha tidher ukoll f'"Issa se Jgħidilha Żgur" li terġa' tkun il-mara li tagħmel l-ewwel pass u r-raġel huwa dak li joħlom u ma jattwax għax wara li jagħmel xhur jippjana biex ibusha, "meta wasal iċ-ċans tefgħetu mal-blat u tatu lilha nnifisha kollha kemm hi" (Nabhan, *Lura d-Dar* 66). Meta jiġri hekk, ir-raġel iħoss xi ħaġa nieqsa, sentiment ta' falliment bħallikieku s-sustanza tal-karattru tal-irġiel hija fil-maskulinità, bħal meta Ġaber, f'"Fatat mat-Triq" iħoss li "xi ħaġa fl-irġulija tiegħu nkisret. Inkisret mal-ewwel eżami quddiem mara żagħżugħa ddisprata" (56) għax kien konxju li "abbli qatt ma ħa jerġa' jkollu opportunità ta' dan il-qies biex iduq il-maġija ta' mara bil-ġuħ. Ħassu ġifa u bla bajd" (56). Ironikament, il-"kelma ta' raġel" li Ġaber ta lil żewġ Salma ssir ir-raġuni li minħabba fiha jħossu jitlef l-irġulija kollha tiegħu.

Għall-kuntrarju ta' Ġaber, il-karattru maskili fin-novella "L-Ambaxxatriċi" ma joqgħodx lura u waqt li din tkun qiegħda tirrakkonta l-istorja ta' meta ltaqgħet mal-Prinċep Charles, in-narratur jibda jimmaġinaha għarwiena b'"sidirha abjad karti bil-ponot roża, kbar sbieħ" (Mejlak, *Dak li l-Lejl* 30) u aktar ma tirrakkuntalu, iżjed jibda jersaq qrib tagħha u jistqarr li f'"daqqa waħda għandi aptit inbusha. Mhux bil-goff iżda bl-akbar ġentilezza tad-dinja. Għandi aptit inneżżagħha, ftit ftit . . . u mmiss b'xufftejja kull parti ta' ġisimha" (35). Imbagħad ibusha u meta tibda tbusu hi wkoll: "b'xufftejna mwaħħlin flimkien, . . . neżżajna ftit ftit lil xulxin . . . kuxxtejha lixxi, qishom tafal maħlul ma' ġismi ... riħitha ... U xħin kont ġo fiha għaddieli l-ħsieb li l-Prinċep Charles kien hemm ukoll" (36).

Matul in-novella, in-narratur jagħti l-impressjoni li din l-istorja tgħidha lilu biss iżda fi tmiem in-novella jinduna li l-ambaxxatriċi tirrakkonta verżjoni ta' din l-istorja lil

kull raġel li tistieden fil-penthouse tagħha. Randolph ukoll jgħaddi lejl mal-ambaxxatriċi u jiddeskrivi r-rapport sesswali okkażjonali li kellu magħha bħala l-"isbaħ nejka li qatt ħadt" (39).

Id-deskrizzjoni li tingħata tal-ambaxxatriċi, speċjalment ta' sidirha, hija indikazzjoni li l-Ħarsa maskili hija preżenti wkoll fil-kitbiet ta' Mejlak. Fil-fatt, novella oħra li tissesswalizza x-xbieha tal-mara, jew iżjed minn hekk, ir-relazzjoni sesswali bejn żewġ nisa, hija "Il-Ġabbar" li fiha eżempju ta' xena erotika bejn żewġ karattri femminili li għalkemm hija biss nisġa immaġinarja f'moħħ il-protagonista wara li jgħaddi minn ħdejn żewġ tfajliet mexjin id f'id, id-deskrizzjoni hija waħda espliċita meta jarahom:

> iħejju l-banju u wara jibdew iduru mal-appartament jiġbru x-xemgħat u jinżgħu ħwejjiġhom. U mbagħad forsi jidħlulek it-tnejn f'banju sħun u l-ilma kollu ragħwa bajda jibda tiela' tiela' u jersaq lejn ix-xifer. Eħe! Se jfur? Le. Għal ftit. U huma hemm, erba' saqajn bojod, lixxi u sħan, ma tistax tgħid liema huma ta' waħda, liema tal-oħra. U issa qed jagħsru kamoxxa safra m'għonq xulxin (Mejlak, *Qed Nistenniek* 149)

Il-fantasija fuq in-nisa tidher ukoll fin-novella ta' Mejlak "Għandi Pjaċir" meta l-protagonista jdaħħalha f'rasu li t-tfajla li qed jikkomunika magħha f'nofs ta' lejl b'SMS hija interessata fih għax kieku "ma kenitx se tibgħatlu messaġġ (għal wieħed tnejn) fil-qalba tal-lejl . . . fejn 99% kienet bil-qalziet ta' taħt u bla bra fis-sodda, allura kważi kważi l-interess kien ixaqleb xi ftit lejn dak sesswali" (*Qed Nistenniek* 83). Iżda fl-aħħar mill-aħħar din il-fantasija fuq din il-mara tibqa' biss immaġinazzjoni meta jerġa' jiltaqa' magħha u tkun mal-għarus tagħha.

### *5.1.2. Il-vjolenza*

Fid-disgħinijiet, il-vjolenza bdiet tiġi esperjenzata viżwalment ħafna iżjed minn qabel. Dan sar aktar evidenti meta fl-1991, is-CNN ittrażmetta dak il-ħin stess mumenti drammatiċi waqt il-gwerra tal-Golf. It-teatru ddakkar minn din ir-realtà, fosthom it-teatru "In-Yer-Face" li beda jtella' produzzjonijiet li fihom il-vjolenza kienet ċentrali u billi dan kien spettaklu teatrali l-esperjenza tinħass iżjed reali minn dik imġarrba waqt film fuq it-televixin. Il-popolarità ta' xeni vjolenti ma nkisbitx biss mix-xandiriet diretti tal-gwerer jew mill-użu tal-vjolenza fiċ-ċinematografija u t-teatru iżda l-kompjuters personali u l-PlayStations komplew jagħtu palata bil-produzzjoni ta' immaġnijiet grafiċi ta' vjolenza bl-iżvilupp tal-logħob diġitali. Fuq kollox, fuq il-pjattaformi tal-media soċjali jixxandru bosta filmati grafiċi, reali u mhux, ta' gwerer, swat, protesti, delitti u saħansitra suwiċidji. Għaldaqstant, il-letteratura bilfors kellha tibda tkun iżjed grafika fid-deskrizzjoni ta' xeni u sitwazzjonijiet vjolenti għax minbarra t-televiżjoni u ċ-ċinema, issa kellha tlaħħaq ma' dawn il-mezzi viżwali ġodda wkoll.

Waħda mill-iżjed forom ta' vjolenza li tiġi deskritta fin-novelli analizzati hija dik fiżika. Għalkemm f'xi novelli bħal "Ħabib" ta' Lino Spiteri f'*Ħala taż-Żgħożija* u "Labirint" ta' Sammut f'*Labirint* hemm xeni grafiċi ta' qtil, id-deskrizzjoni grafika tagħhom qiegħda fi tmiem ir-rakkont iżjed milli fuq l-att vjolenti nnifsu. "Labirint" toħroġ il-grafiċità tagħha mill-immaġni tad-demm bid-"daqqiet tal-ispanner jinżlu bħax-xita fuq ġbinu . . . Ifiġġ id-demm minn nagħsu. Minn bejn xufftejh ukoll. Żewġ nixxigħat ħomor . . . Rasu se ssir polpa" (Sammut, *Labirint* 23) Fi kliem ieħor, f'din in-novella l-grafiċità viżiva qiegħda fir-riżultat tal-att vjolenti u mhux fl-azzjoni nnifisha. Il-qtil f'dawn iż-żewġ eżempji huwa t-tmiem traġiku tar-rakkont innifsu. Ma hemmx grafiċità fil-plott ġenerali iżda qiegħda biss fil-klajmaks tan-novella. (Minnu wkoll li

forom oħrajn ta’ rakkont bħalma huma l-ballati miktubin fis-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, minħabba li s-suġġett ġeneralment kien ikun xi każ ta’ delitt li seħħ realment, l-element tal-vjolenza inevitabbilment jidher tul ir-rakkont kollu.) Sadattant, fil-letteratura l-ġdida rakkonti b’element vjolenti huma numerużi, tant li jista’ jingħad li l-vjolenza ssir tema ċentrali, fenomenu uman, aktarx innat, li l-kittieba l-ġodda ħassewhom immotivati li jistħarrġu b’realiżmu insistenti. Ir-rappurtaġġ tal-vjolenza issa huwa nieqes mill-elementi letterarji li bihom kienet titwassal il-vjolenza fil-letteratura ta’ qabel, b’espressjonijiet aktar krudi. Din l-attitudni hija kongruwenti ma’ dak li beda jinkiteb f’letteraturi barranin kif ukoll fit-teatru Brittaniku msejjaħ “In-Yer-Face”. Eżempju ta’ dan huwa l-episodju f’“Camilla” meta s-seftura ssib borża taż-żibel f’roqgħa demm b’katavru ġo fiha (*Kulħadd Ħalla* 139). In-nuqqas ta’ letterarjetà fil-lingwaġġ jagħmel ir-rakkont iżjed realistiku bħall-azzjonijiet vjolenti bid-dettalji kollha f’“Margaret” meta Sister Michael taqbad studenta tpespes f’widnet oħra u bħala kastig:

> Tgħidiliha tgħolli l-komma, Gabriella tgħolli l-komma. Tgħidilha ddawwar idha. Gabriella ddawwar idha. Tagħtiha daqqa bir-riga. Imbagħad oħra. Imbagħad oħra. Imbagħad oħra. Imbagħad tgħolli l-komma l-oħra. Imbagħad iddawwar l-id l-oħra. Imbagħad daqqa bir-riga oħra. Imbagħad oħra. Imbagħad oħra. Imbagħad oħra. Il-Crusaders ma jfesfsux fil-widnejn. (C. Azzopardi, *Kulħadd Ħalla* 112)

Is-sentenzi qosra u r-ripetizzjonijiet ikomplu jagħmlu din id-deskrizzjoni realistika billi l-qarrejja jħossu ċertu qtugħ ta’ nifs huma u jaqraw u għalhekk l-esperjenza viżiva tibda kważi kważi tinħass fiżikament ukoll. Id-dettall tad-daqqiet waħda waħda jikkuntrastaw mad-dettall ta’ Muscat Azzopardi meta jgħid “taqqabha

bħal għarbiel b'dsatax-il daqqa oħra tal-istallett" (5). Id-daqqiet hawnhekk huma viżwalment grafiċi iżda ta' "Margaret" jinħassu iżjed intensivi bir-ripetizzjoni tas-sentenzi qosra: "Imbagħad oħra". Silta oħra f'"Margaret" simili għal ta' qabilha hija r-rakkont ta' meta Sister Michael tkun għadha fin-novizzjat u għalkemm ma tiffukax fuq l-azzjoni iżda tiddeskrivi r-riżultat tal-vjolenza, jingħataw id-dettalji ta' kif kull parti tal-ġisem ġiet affettwata: "Tidher mimduda fuq sodda . . . Xagħarha mqanfed. Idejha jidhru mbenġla u marbutin mal-ħadida tas-sodda. Saqajha jidhru mbenġla u marbutin mal-ħadida tas-sodda. Wiċċha mbenġel. Idejha mbenġla. L-għekiesi mbenġla" (113). Is-sentenzi qosra u r-ripetizzjoni jkomplu jagħmlu d-deskrizzjoni iżjed qawwija.

F'din in-novella l-vjolenza tintuża għall-kisba tad-dixxiplina, kemm meta jsir is-swat fuq idejn l-istudenta u anki waqt in-novizzjat. Din it-tip ta' dixxiplina tidher fin-novella "Leħen tal-Fuħħar" meta n-narratur jibda jiftakar f'meta kien żgħir u waqt il-lezzjoni tar-reliġjon joqgħod jidħaq ma' sieħbu waqt il-lezzjoni tar-reliġjon u l-għalliem jibda jsawwathom u jgħajjarhom "sakemm ħassu ħażin. '. . . ja ħmieġ, ja klieb, tpuuuuuuuuu għal wiċċkom l-ikrah, ja żibel ...' kompla jċanfar u jgħajjat huwa u jagħtihom bl-istikka ħoxna sakemm beda jaqta' nifsu u kien se jmut" (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar* 48). Il-kastig korporali jwassal għall-vjolenza domestika li fin-novella "L-Aħħar Sajf Tiegħek, Amy" ta' Mejlak, tkun parti mill-kaġun ta' ġrajja skabruża mwettqa minn tifel żgħir. Dan ir-rakkont fit-tieni persuna qiegħed jindirizza lil Amy, oħt in-narratur li hija mejta. Il-ġrajja skabruża tibda bl-abbuż tal-missier fuq in-narratur li jaqbdu minn widnejh u jtellgħu

> sakemm wiċċi ġie ma' wiċċu. . . . għadni niftakarni tiela'. Il-qalziet ta' taħt blu. Sidru kollu suf. Il-katina rqiqa tad-deheb bil-kurċifiss imdendel magħha li dak il-ħin bħal donnu ried jevita jħares f'għajnejja. Ir-riħa ta' curry li kien ikollu

> mad-daqna. Wiċċu. Ħarstu. U dik il-vuċi qisha boċċa tal-billiard. U tlajt niġri qalbi tħabbat f'kull widna u bid-dmugħ lest biex jispara u bi snieni jagħfsu flimkien biex minn ħalqi ma joħroġx ħoss. (169)

Ir-rakkont ikompli b'episodju ieħor meta l-missier "lagħabli dik id-daqqa fuq rasi u żbilanċjani u waqajt mal-art bil-flixkun marsus f'idejja" (178-9). L-element vjolenti fin-novella jidher ukoll bl-omiċidju tan-narratur li joqtol lil oħtu kiesaħ u biered meta jimbuttaha ġox-xaft tad-dar, u jkompli bis-suwiċidju li aktarx jikkommetti wara.

Għalkemm f'din in-novella s-suwiċidju jiġi biss implikat, novelli oħrajn jitkellmu b'mod apert fuq is-suġġett, fosthom "Il-Linja l-Ħadra" meta l-protagonista tipprova tifhem għaliex hemm min jagħmel bomba-suwiċida u "jiddeċiedi li jtajjar lilu nnifsu u xi erbgħin oħra miegħu" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 128) minflok ma jagħmlu bħalha u jaqbdu "xafra u jaqtgħu lilhom infushom u jieqfu malli jibdew iweġġgħu" (132) u "Jien ix-Xhud", fl-istess ġabra, li tagħti deskrizzjoni iżjed iddettaljata ta' dak li jkun għaddej minn moħħ xi ħadd li jkun qiegħed jikkontempla s-suwiċidju. "Jien ix-xhud" tieħu tifsira ġdida għax minbarra li n-narratriċi tkun xhud tat-tieġ tal-protagonista, hija wkoll ix-xhud tas-suwiċidju tagħha. Fl-aħħar tingħata deskrizzjoni ddettaljata ta' dak li tesperjenza n-narratriċi f'dik il-lejla meta tara:

> Il-libsa mdendla minn mat-travu qed tħares lejja ċċassata.
>
> Il-ħabel jidher tqil u oħxon, immaljat bħal dak li għandu missieri mqabbad mal-barmil tal-bir. Mal-art ir-ritratti wiċċhom lejja qed isejħuli biex niffirma.
>
> . . . Iż-żiffa ħelwa dieħla min-naħa ta' wara qed tgħinha titbandal bil-mod. (78)

Il-vjolenza li l-protagonista tbati f'idejn żewġha wkoll tiġi deskritta b'mod grafiku ħafna, speċjalment fl-episodju meta d-diskors jaqa' fuq tmiem iż-żwieġ tagħhom u r-rabja li r-raġel jesprimi, appuntu, b'mod fiżiku ħafna:

> "Xi ż-żobb qed tagħmel? Mela alla qed iġennek? Jaqq x'riħa ta' xorb! U dax-xagħar? Dan xi ż-żobb hu?"
>
> Bumm il-friġġ.
>
> "Ara x'qed ngħidlek ..."
>
> Bumm il-friġġ.
>
> "Ġurnata oħra bħal din u alleċ noqtlok." (76)

It-theddid huwa forma oħra ta' vjolenza li ma jidhirx biss fin-novella "Jien ix-Xhud" iżda jidher ukoll f'novelli oħrajn, fosthom f'"Ir-Raġel li Waqagħlu l-Mobile fil-Loki" li fiha l-koppja Marjo u Mary jikkommettu adulterju u r-raġel jhedded lill-mara li "jħanxrilha għonqha jekk terġa' tmur lura" (*Il-Linja l-Ħadra* 62).

Il-forom kollha ta' vjolenza huma eżempji ta' kif persuna tħossha superjuri għall-persuna l-oħra u aktar iva milli le, il-karattri vjolenti fin-novelli huma rġiel li jabbużaw u jeżerċitaw xi tip ta' forza, fiżika jew verbali, fuq nisa. Din il-vjolenza tinħass f'"Lily", meta sid id-dar jhedded lil Claudine u jgħidilha li "jekk se tibqa' tilħaqli salibi, se nġibek fix-shit, u 'qas isibuk" (C. Azzopardi, *Kulħadd Ħalla* 97); jew "Ara x'Libsitlek" li fiha l-missier, li martu tkun tibża' minnu, jipprova jumilja lil bintu quddiem triq nies b'diskors bħal: "Ara x'libsitlek! . . . Biex issibulha [sic.] malajr!" (Nabhan, *Bejn Bejnejn* 69); u f'"Ċuċata" meta wieħed mill-karattri rġiel iqis "is-swat tan-nisa bħala ċuċata" (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar* 23).

Minbarra fuq in-nisa, il-vjolenza domestika tiġi eżerċitata wkoll mill-irġiel fuq uliedhom bħal fil-każ tan-novella ta' Mejlak f'"L-Aħħar Sajf Tiegħek, Amy" u fin-novella "Rasi ġol-Ilma" ta' C. Azzopardi li fiha Gordon Grech, in-narratur, jirrakkonta u jiddeskrivi kif missieru kien jgħaddaslu rasu ġol-banju mimli bl-ilma għal xejn b'xejn (*Il-Linja l-Ħadra* 86). L-aggressjoni ta' dan il-missier iddejjaq anki lill-ġirien tant li wieħed minnhom jispiċċa juża l-forza hu u jisparalu (85-6). L-aggressjoni f'din in-novella tidher biss ġejja mill-irġiel: Djego, Pawlu u Gordon. Dan tal-aħħar jistqarr li wara li jilħaq suldat jibda jieħu gost idur bl-uniformi "bil-lembuba mdendla u l-machine gun fuq spallti" (91) iżda dawn kien lest jużahom biss jekk jiltaqa' ma' Djego. Iżda ma' Djego ma jerġax jiltaqa' u minflok, l-aggressjoni jużaha ma' Ibrahim meta jagħtih "daqqa wara l-oħra b'sieqi. Bdejt nagħfas kemm niflaħ fuq koxxtu. Qbadtlu xagħru u deffistlu rasu ġot-tajn sa ma daħal f'ħalqu, bejn snienu, taħt ilsienu" (92).

L-aggressjoni hija anki verbali. Djego dejjem jirreferi għal omm Gordon bħala "qaħba" u darba akkużaha li kienet tibdlu ma' Pawlu l-ġar meta lil Gordon jgħidlu: "Dik oħtok naħlef li mhix tiegħi alleċ . . . Dik ommok żgur kienet tmur ma' Pawlu. Dak ukoll stramb" (95). Barra minn hekk, ir-referenzi sesswali min-naħa tal-karattri rġiel jibdew mill-ewwel bil-kummenti ta' Martin in-Nittien fuq oħt Gordon li ma tkunx titkellem: "Hemm xi ċans għal nejka tajba m'oħtok? . . . Tridx intik 'l ommi u ttini 'l oħtok? Smajt li ma titkellimx. Jien jogħġbuni n-nisa kwieti" (81) u lejn tmiem ir-rakkont, fuq is-sodda ta' mewtu, Djego jistaqsi lil ibnu: "Mela ma jqumlekx int? . . . Ma nagħmlux mod li int pufta hux?" (95) u jkompli billi jistaqsih jekk oħtu għandhiex xi ġuvni "forsi jġibha f'tagħha" (96) b'referenza għall-fatt li ma kinitx titkellem.

Għall-kuntrarju, in-nisa f'din in-novella ma juru l-ebda aggressjoni jew vjolenza. Waħda mill-ftit karattri nisa misjuba fin-novelli li juru ħjiel ta' vjolenza hija Lily f'"Jelly Babies" li titfa' l-essenza tal-frawli mal-kejkijiet "biex iġġiegħel lil Twanny (li hu allerġiku għall-frawli) iħokk, sabiex tpattihielu tal-ġlieda tal-ġurnata ta' qabel" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 111). Eżempju ieħor huwa l-bullying li Rachel u Adiam jirċievu bit-tgħajjr u ż-żuffjett mit-tfal l-oħra tal-iskola f'"/No Adjective Describe Story/" meta joqogħdu jgħaddu kummenti bħal: "Mas-sewda issa! Rachel mas-sewda qed teqlibhielna!" u "Bajda u sabiħa imma. Bajda u taf taħxi. Dik ta' miegħek 'qas taraha fid-dlam!" (36). F'din in-novella jissemmew is-suwiċidju u l-konsegwenza kerha li jħalli fuq oħt il-vittma li tispiċċa tagħmel xahar ma titkellimx wara li ssib lil ħuha mgħallaq (37) u l-kruha tal-gwerra li ġġiegħel lil Adiam taħrab minn pajjiżha.

Xi kultant, il-vjolenza tkun ġejja min-naħa tat-tfal, kif deher f'"L-Aħħar Sajf Tiegħek, Amy". "Polaroids għal Ommi – Ir-Riħa tax-Xita (Brussell)", għalkemm mhijiex skabruża, turi tifel żgħir li meta tkun ix-xita u jkun hemm il-ġenituri miġburin fl-intrata tal-iskola, jieħu gost "jiddeffes fost in-nisa u jibda jirfes b'kemm saħħa kellu. U iżjed ma jara ż-żarbun ta' min ikun quddiemu artab, ikbar l-għafsa. U kultant jagħfas snienu ħa jsaħħaħ siequ. U ma kull f'għoxxkemmgħandek li jirċievi jagħti daqqa ta' sieq lill-eqreb għaksa" (Mejlak, *Qed Nistenniek* 111). Dan huwa eżempju ta' kif il-bnedmin kapaċi juru tendenzi vjolenti saħansitra minn meta jkunu għadhom tfal.

Nabhan jintroduċi episodji vjolenti li huma differenti minn dawk taż-żewġ awturi l-oħrajn għax jittratta l-vjolenza politika u l-kunflitti mdemmija fuq skala li mhijiex biss personali. Ngħidu aħna f'"Il-Għajnejn Ħodor ma Jiswewx Larinġa", tiġi deskritta s-sitwazzjoni f'Gaża meta:

> sploda kollox wara li ġellieda mill-Jihad Iżlamiku rnexxielhom jisplodu żewġ tankijiet tal-gwerra Iżraeliti f'inqas minn jumejn u mietu tlettax-il suldat Iżraeljan . . . Iġġennen Sharon u ġġennet l-armata tiegħu u bdew jibbumbardjaw lil Rafah minn kullimkien; tant tilfu rashom li fetħu n-nar mill-Apachie tagħhom fuq il-folol ta' nies li kienu qed jieħdu sehem f'funeral u qatlu madwar tletin Palestinjan li l-maġġoranza tagħhom kienu tfal. F'dawn il-jumejn kienu nqatlu xi mija u għoxrin Palestinjan (Nabhan, *Lura d-Dar* 50)

F'din in-novella ssir referenza għall-vjolenza fiżika tal-mafja Taljana meta jgħib Jamal u jkun hemm min jgħid li mar Ruma u "xi mafja biċċritu, qattgħatu biċċiet, u remietu f'ġiebja fonda li l-pulizija trid elf sena biex tiskopriha. . . . Dawk iqattgħuk u jixwuk u jikluk u inti tidħak, mingħalik li qed tilgħaq xi ġelat" (52). Fi tmiem in-novella n-narratur jiskopri minn fuq l-Aljazeera li Jamal kien sar vittma oħra tal-gwerra bejn il-Palestina u l-Iżrael. Fuq l-aħbarijiet,omm Jamal tirrakkonta kif marru s-suldati jkissru s-siġar biex jitilqu n-nies mill-art fejn kienu qegħdin jgħixu u kif Jamal miet jiddefendi l-art u s-siġar.

Il-vjolenza militari tiġi deskritta wkoll fin-novella "Destinazzjoni" u tiġi kkumparata mal-karattru ta' Amàl fil-ħajja prekarja tagħha "taħt il-ħbit tal-bombi u l-irxiex ta' balal li ma jaqtgħu b'xejn, biex iddewwi l-midrubin bil-ftit spirtu u tajjar li kien fadlilhom fil-klinika midruba aktar mill-feruti tal-battalja" (*Bejn Bejnejn* 31). Il-kruha tal-gwerra u d-diżgwid fil-kamp tar-refuġjati Palestinjani fis-Sirja jkomplu jiġu llustrati bid-dettalji skabrużi ta' nies li, għax imġewħin, jieklu ħxejjex valenużi, ħmir, klieb, qtates, ġrieden u "għal naqra mhux lil uliedhom" (32). Bħal Modibu fin-novella "L-Art Mhux Imwiegħda" (*Leħen tal-Fuħħar*), Amàl tipprova taħrab minn dak l-infern iżda l-Baħar Mediterran ikollu pjanijiet oħra għaliha meta "qabżet fil-baħar minn fuq il-lanċa, u xi

ħadd qabeż fuqha fid-dlam u laqatha f'rasha" (30). Amàl tipprova ssib refuġju mill-vjolenza militari li kienet tgħix fiha u minflok tispiċċa vittma tal-Baħar Mediterran.

Fix-xogħol ta' Nabhan il-vjolenza militari tidher lil hinn mill-battalji nfushom bħalma jidher f'"Wiċċ Jitbandal f'Wiċċ l-Ilma". Hawnhekk, żewġ suldati jiġbru lil wieħed minn tagħhom li, wara li jiġi vvjolentat jispiċċa "wiċċu ffjammat, mimli tbenġil u miksi bid-demm . . . wiċċu 'l fuq, jitlef id-demm minn kullimkien u jokrob krib qasir kontinwu" (61). Għal Nabhan il-militar kważi dejjem huwa assoċjat mal-użu eċċessiv u bla bżonn tal-vjolenza, kif jidher f'"Lura d-Dar fir-Ritratt ma' Bin Laden". L-episodju tal-interrogatorju ta' suspettat militant ta' Bin Laden huwa eżempju ċar ta' dan:

> -Le liba? M'intix iben il-qaħba li ilna nsegwu għal diversi snin? - Ommi ilha mejta u m'għamlitilkom xejn . . . F'salt wieħed ġie s-sufi minn warajh u b'kemm felaħ tah daqqa ta' ponn fuq wiċċu u għajjatlu: - Ħa tgħallimna l-morali ħanżir? Jekk ma titkellimx ħa jkollok tħaffer il-qabar imniġġes tagħha b'idejk u toħroġha ħalli naħxuhielek. Beda jħoss likwidu sħun iċarċar m'għonqu, u l-kpiepel ta' għajnejh bdew jagħfsu 'l isfel. (Nabhan, *Lura d-Dar* 84)

Id-deskrizzjonijiet spiss grafiċi ta' Nabhan isiru aktar serji meta jinfilsa fihom l-ironija bħal meta jiddeskrivi episodji ta' vjolenza terroristika li ssir f'isem Alla meta jimmaġinah jgħid lit-terroristi biex jifqgħu l-ajruplani, itajru lin-nisa u t-tfal, jeqirdu pajjiżi sħaħ għax huwa ħanin iżda jħobb it-"tħanxir tal-irjus" tant li jqabblu ma' Drakola għax bħalu jħobb "l-irjus u r-riħa tad-demm u l-laħam maħruq tat-tfal" (85). Ir-referenzi li jagħmel Nabhan għat-terroriżmu Iżlamiku juri kemm il-kittieb ried jirreġistra l-ġrajjiet kurrenti fix-xogħol letterarju tiegħu. Fil-bidu tas-seklu wieħed u

għoxrin saru bosta attakki terroristiċi fil-pajjiżi tal-Punent, fosthom l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 fi New York, tas-7 ta' Lulju, 2005 f'Londra, u tas-7 ta' Jannar 2015 f'Pariġi.

Mhumiex l-atti tat-terroristi biss li jsibu rwieħhom fir-rakkont, iżda anki t-torturi fuq il-militanti u l-arresti taħt kundizzjonijiet dubjużi fil-kampijiet militari. It-torturi li jibda jsofri l-protagonista meta jkun arrestat ikomplu jeskalaw u jiżdiedu l-idejn u "saqajn u żraben u boots u tkaken u lembubi u tnalji u msiemer u wires u frosti u ħbula u magni tal-elettriku" (87) u tant kien għaddej minn tbatija li kemm-il darba kien se jivvinta storja u jammetti ħtija li ma kellux. Iżda jirrealizza li jekk jagħmel hekk kienet tiġih agħar u jibqa' jittama li l-uffiċjali Marokkini u Amerikani jirrealizzaw li l-evidenza li kellhom f'idejhom – ir-ritratt ma' Bin Laden – ma kinitx korretta għax meta ttieħed ir-ritratt, huwa kellu biss tlettax-il sena. Madanakollu, l-uffiċjal tas-CIA għażel li ma jagħtix kas u wara "1154 ġurnata, Ahmad Shaban . . . miet fil-ħabs ta' Guantanamo Bay" (92), il-ħabs militari Amerikan ibbażat f'Kuba li nfetaħ bl-iskop li jinżammu arrestati fih persuni b'rabta mat-terroriżmu. Dan il-ħabs ġie kkritikat internazzjonalment minħabba ksur tad-drittijiet umani, vjolenza u tortura.

### *5.1.3. Il-politika*

Il-kontenut politiku ta' dawn in-novelli qiegħed jitqies bħala grafiku minħabba n-natura sensittiva tas-suġġett f'Malta. Għal ħafna Maltin, il-politika hija suġġett sensittiv u għalhekk ħafna drabi jibqa' magħluq fid-djar. Ir-raġuni għal dan hija li l-Maltin għadhom jappartjenu għalpartit jew ieħor b'fanatiżmu kbir. Għandu mnejn din hi r-raġuni li wħud mill-aktar rumanziera prominenti Moderni evitaw li jiddiskutu suġġetti politiċi, u li meta ddiskutewhom għattewhom bl-allegorija, ngħidu aħna

bħalma jagħmel Żahra fin-novella "Trid Kukkarda Ħamra f'Ġieħ il-Biża'?" f'*It-Tmien Kontinent* u Friggieri fir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*. L-iżjed kittieb li sa dan il-perjodu kien semma l-politika b'mod skjett kien Mamo fin-novelli "Nikol u Kola tas-Siġġiewi fil-Miter tal-Bombi", "Luretu Bin Benjamin fil-Meetings tan-Nazzjonalisti", "Kikinu fil-Ħamrun (Farsa)", "Xeni tal-Għada ta' Santa Marija", "Fl-Aħħar Alla Laħqu!" u "F'Tarf il-Mazzita ż-Żbiba!" fi *Ġrajja Maltija*. Il-Moderni kienu qegħdin jiktbu f'żewġ perjodi storiċi li fihom kienu qegħdin jiġru ħafna affarijiet iżda ftit li xejn inkitbet letteratura dwarhom. Dawn huma l-impożizzjoni tal-interdett fuq il-Laburisti fis-sittinijiet u t-turbulenzi vjolenti tat-tmeninijiet bejn il-partitarji tal-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista.

Il-ġenerazzjoni ta' kittieba li tfaċċat fis-snin disgħin, fil-maġġoranza tagħhom għexu l-kunflitti politiċi li kien hawn f'Malta fit-tmeninijiet. Fil-każ ta' Mejlak u C. Azzopardi dawn l-avvenimenti esperjenzawhom mil-lenti tat-tfulija li kienet differenti minn dik tal-kittieba ta' qabilhom li indirettament, u ġieli anki direttament (bħall-awturi Lino Spiteri u Alfred Sant), kienu affiljati ma' partit politiku jew ieħor. Kemm Mejlak kif ukoll C. Azzopardi jsemmu avvenimenti mit-tmeninijiet u d-disgħinijiet u C. Azzopardi, f'"Il-Linja l-Ħadra" tirreferi għall-mod ta' kif il-Maltin ma jitkellmux fuq il-politika meta l-protagonista tibda tistaqsi lil missierha dwar l-istrajk tal-għalliema tal-1984 u l-akkwist tat-televixin tal-kulur iżda missierha jibqa' jisħaq li le, "ma niftakarx" (*Il-Linja l-Ħadra* 125) biex forsi taqta' qalbha u ma tibqax tistaqsi. F'"Margaret" C. Azzopardi tirreferi għall-mod kif dak iż-żmien, il-Knisja u l-membri tagħha kienu jħarsu lejn il-ġenituri Laburisti li jibagħtu lit-tfal tagħhom fi skejjel tal-istat meta l-madre tgħid lil Sonia: "Mela mur għallem it-tfal tal-Komunisti" (*Kulħadd Ħalla*) b'referenza għat-tfal li kienu jattendu l-iskejjel tal-istat. Hawnhekk jissemma żmien

meta l-pajjiż ma kienx għaddej minn żmien faċli u "kulħadd qed jissikka ċ-ċinturin" (109).

F'"Polly" C. Azzopardi toħloq rakkont dwar persuna li tidealizza lil Mintoff. Hija toqgħod tgedwed id-diskors ta' Mintoff li taf bl-amment u saħansitra tirrakkontah lill-pupi tagħha. Ironikament, lill-pupi kienet tirrakkontalhom l-istejjer għax "ma riditx tinsa dik il-vuċi rqiqa u mwerżqa" (*Kulħadd Ħalla* 151), liema stejjer ma kienu xejn għajr id-diskorsi ta' Mintoff. Fi tmiem in-novella hemm lista tal-postijiet kollha li Polly ħażżet pdm fuqhom, l-inizjali tal-Perit Dom Mintoff li jidhru fin-novelli kollha tal-ktieb.

Dawn in-novelli ma baqgħux iħarsu lejn il-politika Maltija bħala waħda li tifred lill-Maltin mill-barranin iżda bdew jirrakkuntaw stejjer ta' kif il-Maltin kienu maqsumin politikament bejniethom, pereżempju n-novella ta' Mejlak "Ir-Riħ tal-Bidla". It-titlu nnifsu huwa referenza intertestwali għall-kanzunetta "Wind of Change" li Scorpions ħarġu fl-1990, wara mawra li kienu għamlu fl-Unjoni Sovjetika fi żmien il-perestroika, kanzunetta li kienet popolari f'Malta wkoll. F'din in-novella, in-narratur jirrakkonta l-vjaġġ ta' Jason minn Għawdex sal-fosos tal-Furjana għall-"aħħar mass meeting qabel l-elezzjoni" (43). In-narratur ipoġġi lill-qarrejja mill-ewwel fiż-żmien li qiegħda sseħħ il-ġrajja, preċiżament f'"l-aħħar mass meeting qabel l-elezzjoni u l-eċitament ma setax ikun ikbar" (43). Jason jirkeb mal-vapur li l-Partit Nazzjonalista jikri apposta għall-partitarji tiegħu biex imorru dirett Ta' Xbiex u li fuqu jkun hemm ħafna nisa kburin b'kull ħaġa li kien għamel il-partit: "bil-logo tat-televixin il-ġdid ... bil-mod kif kien idur fuqu stess ... bil-kap ... bil-viċi-kap ... bis-segretarju ġenerali" (44). L-atmosfera ta' fuq il-vapur hija deskritta sal-inqas dettall meta jimtela bin-nies "kollhom bnadar u mkatar" (44). Imbagħad tingħata deskrizzjoni ta' dak li jilmħu waqt il-vjaġġ tagħhom lejn Malta:

> l-carcades sejrin lejn il-Furjana. Il-front ta’ Tas-Sliema kien miżgħud karozzi u trakkijiet bi tfajliet sbieħ joqomsu fuqhom. Dawk li kienu ħdejn ix-Chalet raw il-vapur tal-Għawdxin u għarfu l-bnadar tal-partit. U żdied it-tixjir tal-idejn, l-għajjat, illami the gozitans how many, u t-twerżiq imżarżar tan-nisa u tal-ħornijiet (44).

Tul in-novella, in-narratur jipprepara lill-qarrejja għal dan il-mass meeting li kulħadd eċitat għalih, inkluż Jason, sakemm fl-aħħar jindunaw li l-ħerqa tiegħu ma kinitx għall-mass meeting iżda biex jiltaqa’ mat-tfajla tiegħu li tkun ġejja mill-kamp politiku oppost (47). Filwaqt li Jason ikun ma’ Angelique, u filwaqt li de Marco jkun qed jitkellem, tqum buffura riħ li de Marco jsejħilha “r-riħ tal-bidla” (47), referenza għall-bżonn li jinbidel il-gvern ta’ dak iż-żmien. Minkejja li din il-buffura riħ taħsad lil kulħadd, Jason u Angelique dan ir-riħ ma jħossuhx. Hawnhekk “ir-riħ tal-bidla” jieħu tifsira ġdida u jsir il-bidla li kellha bżonn is-soċjetà Maltija biex ma tibqax daqstant ippolarizzata bejn iż-żewġ partiti. Il-buffura li ma jħossux Jason u Angelique qiegħda turi żewġ affarijiet. L-ewwel ħaġa hija li għal dawn iż-żgħażagħ, il-bidla diġà saret meta aċċettaw li jibdew joħorġu flimkien minkejja d-differenzi politiċi ta’ bejniethom u b’differenza, hu ma qagħadx jisma’ d-diskors minn taħt il-palk biex jiltaqa’ magħha u hi telgħet il-Furjana f’nofs mass meeting tan-Nazzjonalisti biex tiltaqa’ miegħu. Għaldaqstant, ir-riħ tal-bidla huma ma kellhomx għalfejn iħossuh għax kienu diġà ddeċidew li ma jħallux lill-partiti politiċi jikkundizzjonawlhom ir-relazzjoni tagħhom. Fl-istess ħin, il-buffura ma jħossuhiex għax il-bidla li jixtiequ mis-soċjetà għadha ma seħħitx u jafu li sabiex il-familji jaċċettawhom mhijiex se tkunilhom xi ħaġa faċli. Għaldaqstant, ir-“riħ tal-bidla” jsir riħ artifiċjali, bla effett.

"Dar ix-Xogħol" hija novella li fiha hemm rakkont ta' xi ħadd midħla sewwa ta' partit politiku Malti mil-lenti ta' meta kien għadu tifel u qiegħed jirrakkonta l-preparazzjoni għall-elezzjoni tal-1987. L-ewwel sentenza tibda hekk: "Biċċa sew mill-ewwel snin ta' tfuliti qattajtha fil-każin tan-Nazzjonalisti tal-Qala" (Mejlak, *Qed Nistenniek* 197) għax nannuh kien tal-bar, ommu kienet is-segretarja tal-kumitat u nanntu "ddur u tagħqad u tnaddaf" (197). Huwa jirrakkonta dwar kemm kien jieħu gost meta jiltaqgħu ħafna nies fil-każin u jduru mal-kandidati biex jitkixxfu "x'qed jgħid Eddie jew x'jaħsbu li se jiġri jew fejn se jkun il-meeting li jmiss, ma' liema vapur se jmorru u jekk hux mistenni li jinqala' l-inkwiet" (198-9). Tingħata deskrizzjoni ddettaljata ta' dan il-każin, bir-ritratti tal-mass meetings, il-lista bil-ġranet u l-ħinijiet ta' meta jkunu fil-każin il-kandidati Għawdxin, l-imwejjed u s-siġġijiet u l-ħitan, it-taraġ u t-tojlit, il-kamra tat-taraġ bir-"[r]itratt kbir ta' Eddie liebes libsa kannella ħdejn il-bieb tat-tojlit" u s-sala l-kbira b'"arkata fin-nofs u ħafna ritratti tal-mass meetings inkwadrati madwarha" (198-9) kif ukoll "ritratt ta' Guido de Marco, Eddie u Louis Galea mpoġġija fil-forma ta' piramida" (200).

Imbagħad jibda jirrakkonta dwar l-inkwiet li ġieli kien jinqala' bejn il-partitarji taż-żewġ partiti u kemm kien jibża' għax meta "fuq it-televixin kien jidher jew jissemma b'xi mod Eddie, mill-każin tal-Lejber kien joħroġ ħafna daħk u għajjat u ġieli kont nibża'. F'dawk l-iljieli, mill-każin għal għand in-nanna konna niġruha, b'qalbi tħabbat ġo moħħi" (200). Jistqarr kemm kien jiddejjaq meta kienu jmorru xi nies li ma jkunux spiss fil-każin u jagħmlu l-arja għax normalment huma ma kinux jagħmlu storbju għax "konna nibżgħu xi ftit" (201) u kien jaf li jekk xi darba jmorru għalihom, dik il-mara li tkun għamlet l-arja aktarx li tkun id-dar u jsibu lilhom minflokha. Sabiex jikkonferma kemm kien jinqala' inkwiet malajr, jirrakkonta l-ġrajja ta' meta hu u ħuh

jitfgħu ċagħka mill-gallarija li tiġi fuq karozza ta' Mintoffjan li "waqqaf f'nofs ta' triq u daħal il-każin jgħajjat kemm jiflaħ" (203). In-narratur jiftakar il-biża' li ħakem lilu u lil ħuh li marru jissakkru fit-tojlit għal nofs siegħa sħiħa.

F'din in-novella jissemma l-qtil ta' Raymond Caruana u l-effett li ħalla fuq il-familja tan-narratur billi "n-nannu waħħal il-poster tiegħu wara l-bar . . . bil-kliem Martri tal-Libertà" (205) u mal-wasla tal-elezzjoni tikber it-tensjoni billi jsiru jafu li "f'Malta kienu qed jitkissru ħafna każini" (205) u għalhekk, nannuh iwaħħal żewġ staneg mal-bieb u jibdew jiftħu bieb wieħed biss. Jirċievu wkoll telefonati anonimi f'nofs ta' lejl jhedduhom li se jkissrulhom it-twieqi u għalkemm qatt ma kissruhom, "lin-nanna kienu dejjem iċarrtulha t-tilar tat-tieqa" (208). Darba oħra kien hemm żewġ irġiel jistennewhom waqt li kien fil-karozza ma' ommu u malli għarfithom, "għafset il-gass u saqet għal fuqhom" (208), esperjenza li werwret lin-narratur.

Il-politika hija parti mill-familja tan-narratur, u għalkemm għadu tifel, jidher jinteressa ruħu fl-affarijiet tal-partit, tant li juri x-xewqa li jkun bħal Victor, raġel tal-"ġakketta l-blu", biex hu wkoll ikun jista' jieħu ħsieb lill-partitarji waqt il-meetings u joffri skorta lil Eddie (206). Fl-elezzjoni jkun man-nisa li joqogħdu għassa jimmarkaw min imur jivvota u min le ħalli jikkuntattjaw lil min għadu ma marx ħalli jmur (207). F'dik l-elezzjoni għall-ewwel jaħsbu li rebaħ il-Partit Laburista u "sabu l-veranda tad-dar kollha lumi u suffarelli maħruqin" (209). Dakinhar iħallu kullimkien mitfi u għandhom ikun hemm xi nisa oħrajn li jibżgħu joqogħdu waħedhom. Iżda mbagħad filgħaxija jindunaw li dik l-elezzjoni tintrebaħ mill-Partit Nazzjonalista u dakinhar nannuh ikollu "l-isbaħ tbissima li qatt rajt" (209). Minn hawn tibda deskrizzjoni taċ-ċelebrazzjoni li fiha Mejlak jagħmel referenzi diretti għal xi għanjiet u slogans politiċi li kienu jintużaw mill-partitarji Nazzjonalisti ta' dak iż-żmien (210).

Novella oħra li titkellem dwar il-politika f'Malta hija "Polaroids għal Ommi – Għax issa t-tfal daħlu ġewwa". Hawnhekk in-narratur jiddeskrivi l-animożità ta' bejn il-familji fit-tmeninijiet, meta "l-art ta' madwaru kienet qed tbaqbaq tbaqbiq stramb u meta niesu nzertaw qed iħarsu lejn xulxin minn naħa għal oħra ta' kaldarun jismot. U tad-dar wissewhom. 'Dak Mintoffjan imġiddem.' 'Dik Nazzjonalista ħadra'" (127). Għalkemm jiddeskrivi r-relazzjoni ta' bejn din il-koppja bħala "ċajta f'nofs funeral" (127) u t-tieġ bħala "kummiedja soċjali" (128), mat-twelid ta' oħt il-protagonista, dawn it-tnejn jirnexxilhom jitfgħu "l-passat ġo vażett vojt u għalquh b'għatu oħxon" (128). Ir-rakkont il-ħin kollu jqabbel it-twelid ta' dan il-ġuvni mat-twelid ta' oħtu għax "oħtu kienet maħsuba. Hu, miskin, le" (127) u għax hi "mod ieħor. Oħtu fissret paġna ġdida" (128). Dawn jindikaw li fl-aħħar tfiġġ tama bejn din il-koppja iżda fil-verità, it-twelid tal-ġuvni hu l-bidu ta' għaqda bejn tnejn min-nies. Kif ommu tiddeċiedi li, jekk missieru jkun mar f'Tal-Barrani dakinhar waranofsinhar se titilqu, tinduna li tqila u l-protagonista "kellu jgħaqqad dak li qatt ma kien magħmul biex jagħqad" (128). Għaldaqstant, huwa l-bidu tat-tama għall-għaqda bejn dawn iż-żewġ persuni li flimkien isawru "xewka tniggeż tingiż vjola" (127). Bit-twelid tiegħu, iniggeż liż-żewġ familji u jurihom li l-aħmar u l-blu, jistgħu wara kollox joħolqu xbieha newtrali flimkien – persuna "vjola" – li tkun il-bidu ta' familja mħallta politikament.

Naturalment, il-politika ta' Nabhan hija differenti minn ta' C. Azzopardi u Mejlak u tittratta iżjed il-politika fid-dinja Għarbija filwaqt li jikkummenta dwar dik Maltija f'"Bejn Bejnejn" meta jinnota li l-ftuħ ta' stazzjonijiet ġodda fil-pajjiż wasslu għad-"difna ta' Mintoff, x'aktarx ħaj, u ċ-ċentralizzazzjoni sħiħa li stira [sic.] l-istess Alfred Sant fi ħdan il-Partit Laburista" (88). Mill-banda l-oħra, huwa jiddeskrivi lill-Partit Nazzjonalista bħala "ċarċur" [sic.] li kaxkar "lil Malta minn xagħarha għal ġos-

swieq imsejħin 'ħielsa' meta Malta ma kellha xejn x'toffri ħlief laħamha u l-innoċenza tagħha" (88) filwaqt li jalludi għaċ-ċokon ta' Malta li jpoġġiha fi żvantaġġ kompetittiv billi l-prodott Malti qatt ma seta' jlaħħaq ma' prodotti barranin bħalma huma, ngħidu aħna, il-Mercedez Benz "li l-baġit annwali tagħha kapaċi jmedd lil Malta minn tulha għal sekli sħaħ" (*Bejn Bejnejn* 88).

Nabhan daħħal dimensjoni ġdida fil-letteratura Maltija – il-politika barranija, speċjalment dik Għarbija u Afrikana. Ir-realtà kerha ta' karattri li jiġu sfruttati u ppersegwitati politikament huma deskritti sal-inqas dettall. "Mar-Re" turi immaġni ċara tal-folol tan-nies li hemm fit-toroq biex jagħtu merħba lir-re għaddej mit-triq li qisha "xmara ta' flieles u għalliema mħattba jippassiġġaw bejniethom" (*Leħen tal-Fuħħar* 69-70) fost il-preżenza qawwija tal-pulizija u s-suldati. Dawn in-nies u t-tfal jagħmlu tul ta' ħin fil-qilla tax-xemx jistennew lir-re għaddej bil-karozza f'ħakka t'għajn imsejħa "ħakka t'għajn storika" (70). Malli jgħaddi r-re, "ir-ringieli ġeometriċi tal-flieles mxarrba [sic.] u għalliema jippassiġġaw bejniethom spiċċaw f'qaqoċċa waħda mdaqqsa tirrombla wara l-konvoj irjali" (71). It-tfal "spiċċaw taħt is-saqajn kbar" għax "in-nies intilfu fil-laħam tal-iġmla" (71), deskrizzjoni grafika li turi li kollox kien maħsub biss għal għajnejn ir-re. Wara li jgħaddi, il-kbar jispiċċaw jiffullaw u jiffangaw u ma jagħtux kas li f'nofshom u taħt saqajhom hemm tfal żgħar li ġew imġiegħla joqogħdu dak il-ħin kollu fix-xemx biex isellmu lir-re.

F'"L-Art Mhux Imwiegħda", in-narratur jinnota kif kulħadd telaq mill-art xotta ta' Timbuktù, ħlief Modibu, ix-"xjuħ u l-beżżiegħa, u dawk li għandhom muturi fferoċjati b'saħħithom, jiġbdu l-ilma minn ġuf l-art, u jrattbu bih il-qoxra tagħha stess" (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar* 9), referenza għall-isfruttar ekonomiku li jsir fuq pajjiżi foqra. Jiddeskrivi l-vjaġġ li jaqbad biex jasal fl-Ewropa u n-nixfa li jġib miegħu li jqabbilha

ma' "xafra xxoqq triqitha minn gerżumtu għal imsarnu" (9). Ir-realtà kiefra li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħha dawn l-immigranti hija li la l-Maltin u lanqas it-Taljani ma jkunu jridu li jieħdu lil dawn in-nies f'pajjiżhom. Din in-novella ttella' fil-wiċċ l-abbuż waħxi li jseħħ fuq dawn l-immigranti meta t-traffikanti jrikkbu ħamsin ruħ ġo dgħajsa li tintuża darba u tintrema, u għalhekk jippakkjawha sa ruħ ommha bin-nies ħalli "mid-dgħajsa tieħu l-massimu" (13) u sadattant, it-traffikanti jkunu ġabru kemxa sew għax ħamsin ġisem "ifisser elf u tliet mitt ewro kull wieħed mill-inqas biex tiġik tajba u tkun tista' xxaħħam lil dak u lill-ieħor" (13). Il-prekarjetà tas-sitwazzjoni ta' dawn l-immigranti tkompli tispikka bid-deskrizzjoni tal-isfreġju li għamlu l-pajjiżi tal-Punent fuq dawn il-pajjiżi li qegħdin ikollhom jitilqu minnhom, fosthom l-isfreġju li sar fejn ix-xmara tan-Niġer (18). L-isfruttar tal-pajjiżi affluwenti qegħdin iħallu popli sħaħ fi tbatija u b'nuqqas ta' riżorsi.

Minbarra r-realtà tal-isfruttar ta' pajjiżi Afrikani, Nabhan jinkludi r-realtà kiefra ta' pajjiż dittatorjali, ngħidu aħna fin-novella "Wiċċ Jitbandal f'Wiċċ l-Ilma" meta n-narratur jgħid li aħjar tinqabad "tisraq bank, jew tistupra mara f'nofs it-triq milli tkun inqbadt tagħti l-opinjoni mhux mitluba tiegħek fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż" (*Lura d-Dar* 57). Fil-militar, xogħol in-narratur hu li jiġbor lis-suldati li jinqabdu jagħmlu xi ħaġa ħażina. Imbagħad jirreferi għall-korruzzjoni u l-kuntrabandu tal-pajjiż, bis-suldati jaħbu:

> bottijiet u l-laħam misruq taħt is-sits tal-vetturi li ma jiġux imfittxija, u l-mediċina li tisparixxi qabel tasal. L-unika mediċina li kienet tibqa' fl-ispiżerija tal-kamp hija Panadol Indjana ... tuġgħek rasek, tuġgħek qalbek, tuġgħek żaqqek, għajnejk, widnejk, kuxxtejk, irkupptejk, sormok jew inkella taqa' għoli ta' erba' sulari, l-unika ħaġa li tista' tieħu hija Panadol Indjana. (58)

Il-politika barranija tiġi diskussa wkoll f'"Bejn Bejnejn" meta n-narratur jgħid li huwa prodott ta' politika oppressiva li fl-aħħar mill-aħħar hija fatali. Huwa jħossu prodott li ħareġ "minn laboratorju ta' kastrazzjoni, fejn iċ-ċittadini jaħsbu li jekk tilgħaq it-testikoli tal-ħakkiem ħa tirkupra xi ħaġa mill-irġulija mitlufa; proċess ta' dekadenza li jarmi ħafna monossidu tal-karbonju u gassijiet oħra inviżibbli li jmorru kontra l-ħajja (Nabhan, *Bejn Bejnejn* 83). Hawnhekk Nabhan qiegħed jikkummenta dwar il-kruha tal-oppressjoni politika. Huwa jqabbel din it-tip ta' politika ma' gassijiet valenużi għaliex bħalma l-monossidu tal-karbonju joqtol il-ġisem mingħajr ma hu stess jinduna, b'din it-tip ta' politika ċ-ċittadini jibdew huma wkoll jitmermru ftit ftit minn ġewwa sakemm ma jibqgħux individwi li jaħsbu b'moħħhom u minflok, moħħhom isir tal-istat.

## 5.2. L-immedjatezza

Waħda mid-differenzi bejn il-Moderniżmu u l-Postmoderniżmu hija l-aċċettazzjoni tal-attwalità bħala mod ta' ħajja kif mgħajxa mill-bnedmin tal-preżent, bid-drawwiet u l-kulturi li l-ħin kollu jinbidlu. F'Malta din l-aċċettazzjoni tal-preżent tinħass fin-novelli tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin. Żewġ raġunijiet għal dan aktarx huma s-safar u l-internet li ġabu bidla enormi fil-mod kif il-Maltin jirċievu l-informazzjoni. L-awturi mistħarrġa ddokumentaw l-immedjatezza kemm b'mod tekniku bl-użu ta' narrazzjoni fil-preżent, kif ukoll bir-reazzjoni immedjata għal avvenimenti li ġraw f'Malta u barra.

Waħda mit-tekniki użati mill-kittieba li biha jagħtu l-impressjoni li r-rakkont qiegħed iseħħ fil-preżent hija l-kitba fl-imperfett (Guerrero-Strachan 278). George Green jispjega kif b'din it-teknika, in-novelli jistgħu jitqiesu bħala rakkonti li qegħdin

iseħħu issa stess u b'hekk xogħol in-narrazzjoni jikkomplika ruħu billi "much may be assumed, much more taken for granted" (63). C. Azzopardi tuża din in-narrazzjoni, fost l-oħrajn, f'"Ir-Raġel li Waqagħlu l-Mobile fil-Loki" li tibda "Bertu jidħol ipixxi". Billi Bertu huwa biss wieħed mit-tliet residenti tal-blokka fletts li dwarhom hija n-novella, ir-rakkont ikompli immedjatament b'dak li qegħdin jagħmlu t-tnejn l-oħra simultanjament: "Fl-istess ħin li l-mobile ta' Bertu jagħmel xpluff fi flett numru 2, fi flett numru 1 Karla twerżaq . . . U fl-istess ħin li Karla twerżaq, fi flett numru 3 Marjo jgħajjat, "Istja Mer!" (*Il-Linja l-Ħadra* 61).

F'"Fil-Bar ta' Livia" l-immedjatezza tinħass mill-bidu nett tar-rakkont bis-sentenza fil-preżent: "Issa qed tibni belt" (Mejlak, *Qed Nistenniek* 19). L-imperfett jintuża wkoll fin-novella "Talb" li tibda bid-data tal-ġurnata u l-ħin: "It-tieni jum ta' Awwissu. Nofsillejl neqsin minuta" (105) u tirrakkonta dak li qiegħed jiġri u li qegħdin jagħmlu numru ta' karattri f'dak il-ħin fil-pjazza tar-raħal. L-istess teknika Mejlak jużaha fin-novella "Nixtieq Ngħajjat lil Samirah" li tibda minnufih fil-mument tar-rakkont: "Le, ma mittx. U mhux se mmut. Żgur li mhux se mmut. Għax qed naħseb. U moħħi ma ġralu xejn" (*Dak li l-Lejl* 69).

In-novella ta' C. Azzopardi "/No Adjective Describe Story/" hija rrakkuntata fit-tieni persuna: "Ġib quddiem għajnejk Baħar iċ-Ċagħak jew aħjar il-White Rocks" (*Il-Linja l-Ħadra* 29), teknika li tkompli toħloq effett ta' immedjatezza għax bħalma ssostni Elena Cardona, rakkont bħal dan joffri "kwalitajiet deittiċi iktar b'saħħithom minħabba n-natura prominenti tagħhom u l-kwalità immedjata u effettiva" (31). In-narratriċi tkompli tagħti d-dettalji u tuża l-imperfett sabiex ir-rakkont isir iżjed immedjat u l-qarrejja jħossu li l-istorja qiegħda sseħħ dak il-ħin: "Jidher vann skur bla number plate riesaq bil-mod. Id-dawl mitfi. Iwaqqaf il-magna hekk kif jersaq qrib tax-

xatt. Joħroġ minnu raġel . . . Jiftaħ il-bieba ta' wara tal-vann u jinżlu minnu xi nies b'rashom baxxuta" (29-30).

"Imbagħad Darba Tasal l-Email" tibda bl-ewwel sentenza fil-perfett għax dakinhar tiġri xi ħaġa li mhix tas-soltu u tkompli bir-rakkont fl-imperfett sabiex twassalna għal dak il-mument li fih tinbidel ir-rutina tal-protagonista (101). F'din in-novella, C. Azzopardi tagħmel referenza għar-realtà immedjata tal-internet li fuqu l-individwi mhux dejjem jistgħu jkunu jafu fiż-żgur ma' min qegħdin jikkomunikaw. Din l-inċertezza tinbet meta Henry jirċievi email allegatament mingħand il-mara ta' Yasser Arafat li għall-kuntrarju ta' Henry, in-narratriċi tħoss li hija scam. Il-qarrejja jibqgħu ma jafux jekk l-email tkunx ġenwina jew le. Jista' biss jiġi nnutat l-indirizz elettroniku li minnu tintbagħat l-email: <suha1@handbag.com> (104), u l-indirizz elettroniku "privat" li jidher taħt il-firma tagħha li huwa differenti: <suharafat2005@net.org> (105) iżda li donnu jidher iżjed leġittimu minn ta' qablu. Madanakollu, meta jitqiesu n-numru ta' emails li jintbagħtu fir-realtà li ma jkunux ġenwini, il-leġittimità tal-email faċilment tibda tiġi ssuspettata mill-qarrejja.

Ir-reazzjoni immedjata tal-kittieba għall-avvenimenti li jseħħu tidher ukoll f'"Il-Linja l-Ħadra" li sseħħ jumejn biss wara l-attakki terroristiċi li saru fil-metro ta' Londra fl-2005. Il-protagonista tistqarr li minħabba dawn l-attakki mhijiex tħossha komda tirkeb it-tren. F'din in-novella tissemma l-omosesswalità, suġġett li għal ħafna snin baqa' jitqies bħala tabù. Fin-novella l-protagonista tiftakar fl-argument li jkollha ma' ommha meta tipprova tiftaħ qalbha magħha u minflok, l-omm tipprova ssikkitha. C. Azzopardi tirreferi għall-mentalità tal-Maltin meta l-omm tibda "tinkwieta li n-nies se jgħidu biha" jekk isiru jafu li hija omosesswali, iżda l-protagonista tibqa' tistaqsiha fuq iz-zija tagħha u z-zija ta' ommha li t-tnejn kienu jgħixu ma' mara (*Il-Linja l-Ħadra*

130). Madanakollu l-omm "ma tammettix" li kemm oħtha kif ukoll zitha jistgħu jkunu omosesswali u tirriduċi l-konverżazzjoni li biha bintha tipprova tiftaħ qalbha magħha bħala xi ħaġa li mhijiex "importanti", u agħar minn hekk, meta tara li bintha se tibqa' tippersisti, din titlobha biex ma taqlax "problema" oħra (131). Dan ifisser li f'għajnejn din l-omm u oħrajn bħalha, li xi ħadd mill-ulied ikun omosesswali tfisser "problema fil-familja."

F'"L-Ajruplan tal-Karti" ta' Mejlak, li bejn wieħed u ieħor hija ambjentata fl-istess żmien ta' "Il-Linja l-Ħadra", it-tema tal-omosesswalità hija ppreżentata differenti għalkollox minn dik li għadha kemm ġiet diskussa. L-unika referenza li biha l-qarrejja jistgħu jindunaw li r-rakkont ta' mħabba huwa dwar żewġ tfajliet hija meta jissemma isimhom (*Qed Nistenniek*). Din in-novella hija ambjentata fi Spanja u jista' jkun li l-awtur ried jikxef kif barra minn Malta, relazzjonijiet simili kienu normali u għalhekk innormalizza s-sitwazzjoni fir-rakkont tiegħu sabiex ikompli jagħmlu kemm jista' jkun realistiku u attwali għaż-żmien u għall-post li fih huwa ambjentat. Ħjiel żgħir li dan is-suġġett f'Malta ta' dan il-perjodu kien qiegħed jiġi nnormalizzat huwa fin-novella "Isma' Tini l-Business Card Tiegħek!", meta n-narratriċi tirrikonoxxi li minflok "mart" u "żewġ", "fil-fehma tiegħi, illum aħjar tuża dejjem il-kelma partner biex tevita ħafna inkwiet" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 50). Hawnhekk, il-kelma "partner" mhijiex tirreferi biss għal koppji omosesswali għax dan it-terminu jintuża wkoll bħala referenza għal koppji li mhumiex miżżewġin, fosthom persuni sseparati. Għaldaqstant, dawn in-novelli qegħdin juru r-realtà immedjata li f'Malta kienu qegħdin jiġu diskussi suġġetti bħalma huma s-separazzjoni u l-omosesswalità, liema diskussjonijiet fl-aħħar mill-aħħar wasslu għal-legalizzazzjoni tad-divorzju fl-2011 u għall-unjoni ċivili u żwieġ bejn koppji tal-istess sess fl-2014 u fl-2017 rispettivament.

### *5.2.1. Il-lingwaġġ użat*

Fid-disgħinijiet, il-lingwa fil-proża ta' nħawi differenti bdiet issir iżjed kollokjali, fosthom b'kittieba bħal Irvine Welsh li bdew jiktbu l-kotba bid-djalett, f'dan il-każ bl-Iskoċċiż, metodu li bih bdew jiġu sfidati l-istrutturi konvenzjonali tal-lingwa standard Ingliża (Colebrook 52). Il-letteratura Maltija ftit li xejn għandha kittieba li jiktbu direttament bid-djalett għalkemm kittieba bħal Mamo u Żahra ġieli jużaw il-forma djalettali tal-lingwa fil-kitbiet tagħhom, speċifikament meta jikkwotaw karattri li jużaw id-djalett huma. Mill-kittieba l-ġodda Mejlak biss jagħti xi eżempji ta' kliem bid-djalett fin-novella "Dar ix-Xogħol" meta jibda jsemmi x'kien jisma' u sabiex ikun preċiż fid-dokumentazzjoni tal-lingwa jikkwota frażijiet djalettali Għawdxin bħal: "'wiż-żubbura!' jew 'wil-Madunna tal-Ħniene!' u kultant ġieli anke 'f'għexx id-dinje!'" (*Qed Nistenniek* 202-3).

Id-differenza ewlenija bejn il-lingwaġġ użat mill-kittieba tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin minn ta' qabilhom hija li dawn bdew jimitaw dejjem iżjed il-lingwaġġ popolari. Filwaqt li kittieba bħal Irvine Welsh kissru t-tradizzjoni tal-kitba standard sabiex jimitaw dejjem iżjed il-lingwa reali tal-post, hekk ukoll għamlu l-kittieba Maltin tal-ġenerazzjoni l-ġdida billi nqatgħu mil-lingwaġġ "standard" letterarju u qorbu iżjed lejn dak popolari. L-użu tal-Malti kollokjali fin-narrazzjoni jirrifletti l-lingwa immedjata tal-lum u jindika "karattri, aspirazzjonijiet, kulturi, u ambjenti differenti" (Grima, "Il-Linja l-Ħadra" 8). L-espressjonijiet kollokjali mhumiex biss prerogattiva tal-karattri individwali iżda jintużaw ukoll min-narraturi, anki f'rakkonti fit-tielet persuna. Din il-preċiżjoni fir-rappreżentazzjoni tal-lingwa tidher fost l-oħrajn f'"Sodda tal-Ilma", meta n-narratriċi tagħti lista ta' eżempji li bihom kienu jindirizzaw lil missier il-protagonista, kemm hi, li kienet issejjaħlu "Wenz. L-iktar l-iktar Wenz-u" (15), kif ukoll il-laqmijiet li

kienu jagħtuh in-nisa li jkollu: "Lawrence jew Lawrenceqalbi, Ruħilawrence, Dudulawrence jew Lawrencesabiħ, . . . pupellu, ċiċċinu, bamboċċu, sarvetta, gandofflu, żgadajżu.(*Il-Linja l-Ħadra* 15).

C. Azzopardi tuża l-idjoletti biex toħroġ id-differenza fil-lingwaġġ użat minn karattri li ġejjin minn sfond soċjali differenti. Din it-teknika hija evidenti sew f'"Camilla", rakkont li fih il-lingwaġġ tas-seftura huwa totalment differenti minn dak ta' Lucy u b'hekk ikompli joħroġ il-karattru distint ta' dawn iż-żewġ nisa. Ir-rakkont qiegħed f'forma ta' investigazzjoni iżda mingħajr il-mistoqsijiet u għalhekk il-vuċijiet fih huma biss taż-żewġ nisa interrogati. Huma jirrakkontaw l-istess storja mill-perspettiva tagħhom iżda l-istorja ma tinbidilx wisq bejn dak li tgħid waħda u dak li tgħid l-oħra. L-idjolett huwa l-element li jagħmel ir-rakkonti differenti ħafna minn xulxin. Id-diskors tas-seftura huwa wieħed sempliċi filwaqt li ta' Lucy huwa iżjed poetiku. Ngħidu aħna meta jirrakkontaw dwar meta Camilla tmur toqgħod in-Naxxar, it-tnejn jgħidu bejn wieħed u ieħor l-istess ħaġa iżda l-lingwaġġ li jużaw jiddistingwi narratriċi minn oħra:

Is-Seftura: Jgħidu, għandu jkun, li kellha xi nobbli. Issa jiena dan in-nobbli ma nafx minn fejn sabitu għax ngħid jien, mela llum għad hawn in-nobbli f'dal-pajjiż? Imma jgħidu ħafna xorti n-nies mhux hekk? Kien hemm min qal, meta ġiet toqgħod hawn jiġifieri, li keċċieha, u min qal li kienet sabitu mgħallaq ma' travu fil-kċina, u min qal li kienu xi Sengleani li keċċewha u min ħaġa u min oħra. (128)

Lucy: Anki meta ġiet hawn. Inqaflet fil-preokkupazzjonijiet tagħha. Qisu kellha bħal ombra ddur magħha. Ombra kienet issejħilha. Dell jiġifieri. Kellha d-dell tiegħu mgħannaq magħha. Jew it-tfikira tiegħu li baqgħet imsakkra f'għajnejha, imħabbla f'dak ix-xagħar twil li kellha. Baqgħet tinkiha lejl wara ieħor, baqgħet tfakkarha fl-umiljazzjoni li ħasset dakinhar li rat l-affarijiet tagħha fuq l-għatba tal-bieb tiegħu fi triq imtarrġa ġewwa l-Isla. (133-4)

Din id-distinzjoni hija evidenti fi "Gracey" li fiha l-lingwaġġ użat minnha huwa simili għal dak tas-seftura fin-novella "Camilla". Fi "Gracey", ir-realtà tal-użu tal-lingwa kollokjali tkompli tintwera bi kliem bħal "iwa" u "leminora", kliem li huwa meqjus ortografikament inkorrett iżda billi huwa kliem li jingħad, C. Azzopardi tesponih fil-kitba tagħha sabiex tkompli turi r-realtà attwali tal-lingwa:

> Għand il-Morning Star ta' Sada Stretta. Uuu għax kienu jinżlu ħafna Maltin id-dances perkażu. . . .. Mhux iġifieri kienu jagħmlu l-laned perkażu. . . .. Biex jiżfnu iġifieri. . . . U kollox bil-permess konna iġifieri. Kulħadd bil-midalja kien. . . . Iġġibha mill-għassa qed tifhem kif? . . . Iwa ħu naq'a leminora! Jaqaw int ma tieħu xejn? (54)

Aspett ieħor li jkompli jixhed l-insistenza tal-kittieba li jużaw l-iżjed forma tal-lingwa mitkellma mill-poplu tal-epoka huwa l-użu ta' terminoloġija Ingliża li tirrifletti r-realtà bilingwi tal-pajjiż u l-influwenza tal-lingwa Ingliża l-aktar fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa, speċjalment minħabba ż-żieda fl-użu tat-teknoloġija. Filwaqt li qabel kliem Ingliż kien jipprova jiġi skartat, il-kittieba Maltin tal-bidu tas-seklu wieħed u

għoxrin, ma jfittxux kliem li ġej mit-Taljan jew mill-Għarbi għal frażijiet bħal "number plate" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 29) u Mejlak juża l-kelma "tippikkjani" minflok "tiġborni" f'"Jacqueline" meta din tkun qiegħda tiftiehem ma' Mario biex imorru jieħdu pizza (*Qed Nistenniek* 158). Bl-użu ta' dan il-kliem, ir-rakkont mhux talli jinħass ħiereġ minn fomm il-poplu nnifsu, iżda donnu jinstema' ġej minn fomm ġenerazzjoni żagħżugħa.

Fit-tentattiv tagħha biex tkun tassew immedjata fir-rappreżentazzjoni tal-lingwa mitħaddta minn karattri differenti, C. Azzopardi saħansitra tuża l-forma djalettali tal-Ingliż ta' Londra fin-novella "Rita". Il-lingwaġġ tal-protagonista jinbidel skont ma' min tkun qiegħda titkellem, ngħidu aħna meta tkun qiegħda titkellem mal-kollega tagħha Linda, hija tuża l-forma djalettali: "No Linda . . . No' bad Linda. An' you?" Meta mbagħad tkellem lil oħtha Evelyn, li hija Maltija, Rita tuża l-code-switching: "Haw' Evvie ħi. Orrajt? Yeah ok aħna. The same innit. Ġara xi ħaġa Ev ħi? Jesus Christ! Hekk? F'daqqa?" (*Kulħadd Ħalla* 39). F'dan il-każ, il-code-switching qed juri r-realtà tal-emigranti Maltin li jkunu ilhom jgħixu barra u li jkunu rabbew il-familja hemmhekk u C. Azzopardi qiegħda tiddokumenta dan l-aspett tal-lingwa Maltija. Fl-istess ġabra, l-Ingliż qed jintuża f'"Margaret" li tikxef realtà lingwistika oħra li tinħass fl-iskejjel tal-Knisja f'Malta. Sister Michael tuża l-Ingliż biex titlob u waqt l-assembly. F'dan ir-rakkont, C. Azzopardi tilgħab bil-kelma "sacks" meta tikkwota lil Sister Michael hi u tispjega dwar it-tbatija li għaddiet minnha Santa Emilja: "She used to carry heavy sacks. They made her do a lot of work and carry heavy sacks. So St Emily died because of the heavy sacks" (108). L-omofonija tal-kelmiet "sacks" u "sex" inaqqas mis-serjetà li tkun qiegħda titkellem biha Sister Michael.

F'"Margaret" ma jinħass l-ebda preġudizzju lejn dawk il-Maltin li jużaw l-Ingliż u dan jikkuntrasta ma' "Lily" li tinsab fl-istess ġabra ta' C. Azzopardi, u li fiha jingħadda kumment min-narratriċi dwar dawk l-istudenti li jattendu l-iskejjel tal-Knisja, preċiżament is-Sacred Heart u oħrajn ta' madwar tas-Sliema u San Ġiljan meta tiddeskrivi kollega ta' Claudine bħala l-iżjed "editriċi beżqa li qatt inbeżqet mill-iktar skola bżieq tal-univers kollu" (84). In-narratriċi tikkummenta dwar il-fatt li din titkellem bl-Ingliż u saħansitra ssejħilha "injoranta" għax "taparsi taf titkellem u tikteb bl-Ingliż u mal-bżieq li joħroġ minn ħalqha joħroġ ukoll id-dardir kollu tal-you see how lovely they are? u, you never go there marelli? u, maaa how cute hux they look!" (84). Għaldaqstant, minbarra r-realtà immedjata tal-lingwa mitkellma, C. Azzopardi qiegħda tgħaddi kumment dwar il-mentalità tal-Maltin u kif jaħsbuha xi wħud dwar persuni li ma jużawx il-Malti u jagħżlu li jitkellmu bl-Ingliż. Fl-istess waqt, C. Azzopardi qiegħda tagħti vuċi lil dawn in-nisa Maltin billi inkludiet id-diskors tagħhom fil-ġabra tagħha.

L-użu tal-Ingliż fin-novelli jirrifletti l-multikulturaliżmu tal-pajjiż u l-mod kif il-Maltin jikkomunikaw ma' persuni li ma jafux il-Malti daqstant. Ngħidu aħna f'"Il-Madonna f'Dar Evelina", billi Evelina hija Russa u ma tafx il-Malti, id-diskors tagħha hu bl-Ingliż filwaqt li l-protagonista jkellimha ftit bil-Malti u ftit bl-Ingliż:

> "What the hell is that?"
> "Xi tridha tkun, Evelina ħi? That's the Madonna."
> "And what is the Madonna doing in our kitchen?" (Mejlak, *Qed Nistenniek* 15)

F'"Għandi Pjaċir" tintwera din ir-realtà lingwistika meta l-protagonista Malti jibda jibgħat il-messaġġi lil persuna barranija bl-Ingliż (*Qed Nistenniek*). L-istess

jidher f'"Kolp ta' Stat" li fiha d-diskors dirett tal-karattru li mhuwiex Malti qiegħed bl-Ingliż: "*still in bed, sleepy head?!*" (*Dak li l-Lejl* 85) u f'"Dar ir-Rummien" li fiha n-narratur juża l-Ingliż ma' min hu barrani, ngħidu aħna meta jitkellem ma' martu, u jitkellem bil-Malti meta jitħaddet ma' bintu (*Dak li l-Lejl*). Ir-realtà bilingwi tal-pajjiż tidher fin-novella "Riħa Differenti" li hija djalogu ma' persuna mejta u li l-idjolett tan-narratur jidher mill-ewwel b'sentenza li tibda bl-Ingliż u bi ftit Malti: "I'm back, ħi" (*Qed Nistenniek* 189) u tkompli bil-Malti u bi ftit Ingliż xi kultant: "Issa mhux se tħarisli bl-ikrah ukoll, hux? Come on. Isa." (189). F'"Leħen tal-Fuħħar", ir-realtà lingwistika hija kemxejn differenti għax billi hija ambjentata fi Sqallija, id-diskors ta' Hisham, li huwa Palestinjan li jgħix hemmhekk, huwa bit-Taljan b'xi elementi tal-lingwa Għarbija: "Cosa stai dicendo? Non cabisco che cosa stai barlando!" (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar* 47).

L-użu tal-lingwa kif mitkellma mill-poplu jkompli jirrifletti l-qagħda postmoderna li titnebbaħ mill-kultura u l-ħajja komuni tal-persuni. Mod ieħor kif il-kittieba ta' dan iż-żmien qegħdin jipprovaw joqorbu dejjem iżjed lejn ir-realtà ta' kif il-lingwa hija użata minn kull parti tas-soċjetà Maltija, huwa bl-inklużjoni ta' kliem ħażin bħala esebizzjoni tad-diskors vulgari Malti. L-użu tal-kliem ħażin fil-letteratura Maltija huwa pjuttost ġdid u meta jikkummenta dwar ir-rakkonti ta' C. Azzopardi, Grima jinnota li dan il-lingwaġġ huwa riflessjoni ta' lingwa u stejjer li jinstemgħu u jidhru fis-soċjetà Maltija. Huwa jsostni li din hija "lingwa ta' ħafna letteratura kontemporanja internazzjonali li tħoss il-ħtieġa li tirrakkonta stejjer diffiċli u kultant traġiċi mingħajr il-melodrammatiċità jew ir-romantiċiżmu li kapaċi jinstema' barra minn loku jew falz." ("Il-Linja l-Ħadra" 11). Waħda minn dawn in-novelli hija "/No Adjective Describe Story/" li fiha, minbarra li l-lingwa hija "mqatta' biċċiet" għax mhijiex kapaċi "tesprimi l-esperjenzi l-aktar profondi

u trawmatiċi" (8) tuża wkoll lingwaġġ vulgari: "Xi ż-żobb! Xbajt noffendih 'il missieri. Għidtlu li se nirrappurtah. Imma jaf li qisni pastizz u għalhekk moħħu mistrieħ" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 31).

Nabhan ukoll juża dan it-tip ta' lingwaġġ, ngħidu aħna, waqt id-diskursata bejn persuna li għadha kemm temmet ir-relazzjoni, Jason, u ħabib li ltaqa' miegħu l-Belt fin-novella "Il-Kompliċi". Id-diskors jaqa' mill-ewwel fuq it-tfajla u Jason jistaqsih, "Il-qaħba ġieli taraha?" (*Lura d-Dar* 44). In-narratur jipprova jikkunslah iżda Jason iwieġeb: "Sensittiva! F'għoxx kemm għandha ... diġà qed toħroġ ma' dak il-biċċa skrivan ... xi ż-żobb ratlu?" (45). F'dan il-każ, il-weġgħa ta' Jason qiegħda tkun riflessa fil-mod ta' kif qiegħed jitkellem u Nabhan, sabiex ikun immedjat, juża dan id-diskors ħalli jagħmel ir-rakkont iżjed realistiku.

C. Azzopardi tippreżenta realtà lingwistika oħra fin-novella "Il-Linja l-Ħadra" meta tinkludi d-diskors bl-SMS bħala parti mir-rakkont u turih eżatt kif inhu miktub mill-protagonista, bl-iżbalji ortografiċi b'kollox:

la nigi lura dak
ilpjan ta .... intik daqqa
id naraw xinhawdu jekk
immut ahseb fija ras (*Il-Linja l-Ħadra* 129)

C. Azzopardi tpoġġi lill-karattri fil-kuntest reali tal-epoka teknoloġika. Fl-istess ġabra dan tagħmlu bl-użu tal-SMS li jidher ukoll f'"Ir-Raġel li Waqagħlu l-Mobile fil-Loki" u bl-inkorporazzjoni tal-ittri elettroniċi f'"Imbagħad Darba Tasal l-Email". Dan ikompli juri kemm l-awturi ta' dan il-perjodu jridu jkunu immedjati fir-

rappreżentazzjoni tar-realtà li jagħtu. Dan jagħmluh fost l-oħrajn bir-referenzi għall-bilingwiżmu li mhux biss ipoġġuh fuq fomm il-karattri tagħhom iżda huma stess jirrakkuntaw bih.

### *5.2.2. Referenzi kulturali*

L-arti Postmoderna għaġnet il-kultura l-għolja ma' dik popolari, kunċett li sab postu fil-letteratura bl-użu tal-intertestwalità, fosthom fin-novelli Maltin tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin. Xi wħud mir-referenzi popolari li jidhru huma dwar il-mużika u l-kanzunetti, it-televixin u l-istazzjonijiet televiżivi, il-films u ċ-ċinematografija u ħwejjeġ u oġġetti tad-ditta. F'"/No Adjective Describe Story/" tiġi kkwotata parti mill-kanzunetta ta' Madonna "Like a Virgin" li tkun qiegħda "tinstema' fuq il-104.7 ... *like a virgin, hey*" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 30). Mejlak isemmi lill-kantanti Sean Paul u Shaggy f'"Kolp ta' Stat" (*Dak li l-Lejl* 95) u jikkwota lil Kylie Minogue f'"Is-Sajf tad-Disgħa u Tmenin" meta n-narratur jirrakkonta kif oħtu kienet toqgħod tiżfen mal-kanzunetta "Hand on Your Heart": "*put your hand on your heart and tell me that we're through*" (*Qed Nistenniek* 35). Mejlak jirreferi għall-kantanti u l-kanzunetti f'bosta novelli. F'"Polaroids għal Ommi – The Quays Bar (Dublin)" tkun qed tinstema' l-kanzunetta "Walk Away" u wara, Sophie "tibda tkanta u timmolla" mal-kanzunetta "Hung Up": "*Every little thing that you say or do ...*" (124). F'"L-Appartament l-Ieħor" ikun hemm festin u f'ħin minnhom tindaqq il-kanzunetta "*You Can Leave Your Hat On* u xi żewġ tfajliet telgħu fuq l-imwejjed u qed jinżgħu l-qmis" (135). Minbarra l-kultura popolari tal-Istati Uniti u tar-Renju Unit, li huma tnejn mill-iżjed kulturi popolari mal-Maltin, isiru referenzi għal kanzunetti ta' kulturi oħrajn bħall-kantant Afrikan Ali Farka Touré f'"Nixtieq Ngħajjat lil Samirah" (Mejlak, *Dak li l-Lejl*) u r-rock band Pollakka "Myslovitz" li fin-novella msemmija propju għall-istess band hemm

referenza għal bosta kanzunetti ta' artisti oħrajn, fosthom: "*Fix you ... Sometimes You Can't Make It On Your Own*" (59), "No Surprises" u "I'd Like to Die of Love" (60).

Il-kulturi Ingliżi u Amerikani jinħassu fir-referenzi għat-televixin u l-istazzjonijiet tiegħu, fosthom f'"Polaroids għal Ommi – The Quays Bar (Dublin)" meta jissemmew l-iSky u l-MTV. Id-dinja tal-films tidher b'referenzi għal diretturi, atturi u anki għall-films ċinematografiċi nfushom bħar-referenza għad-direttur Woody Allen f'"Kolp ta' Stat", il-film *Jumanji* f'"Dar ir-Rummien" (Mejlak *Dak li l-Lejl*) u l-attur Christopher Reeve "meta reġġa' ż-żmien lura biex ikun jista' jsalva lill-maħbuba tiegħu wara li kienet mietet" f'"Silta minn Rumanz Ġdid" (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar* 82).

Il-kultura popolari Taljana, minkejja li hija popolari mal-Maltin minħabba x-xandir televiżiv Taljan f'Malta li l-Maltin kellhom aċċess għalih ħafna qabel l-aċċess għal stazzjonijiet ta' pajjiżi oħrajn, ma tantx tidher fin-novelli mistħarrġa. F'"Polaroids għal Ommi – Gabri (Torino)" Mejlak jagħmel referenza għal "Gabriele Paolini, il-profeta tal-kondom, li wiċċu rah kulħadd" (*Qed Nistenniek* 118). Paolini kien wiċċ familjari għal min isegwi t-televixin Taljan għaliex kien joqgħod ixejjer il-kondoms minn wara l-ġurnalisti waqt li dawn ikunu għaddejjin bir-rapporti u l-intervisti tagħhom. In-nuqqas ta' referenzi għat-televixin Taljan jista' jkun li huwa rifless tal-bidla li saret fl-udjenza Maltija żagħżugħa li ftit li xejn baqgħet issegwi stazzjonijiet Taljani u aktarx tippreferi dawk Amerikani jew Ingliżi. Il-kultura Taljana tinħass l-iżjed fir-referenzi tal-futbol probabbilment minħabba li t-timijiet Taljani xorta waħda baqgħu popolari maż-żgħażagħ li jħobbu jsegwu l-futbol. Fost ir-referenzi li jsiru hemm dawk għall-Milan u l-Juventus f'"Lura d-Dar fir-Ritratt ma' Bin Laden" (Nabhan, *Lura d-Dar*) u għad-derby tal-Madonnina f'"Jacqueline" (Mejlak *Qed Nistenniek*). Fl-istess ġabra,

Mejlak jirreferi għall-futbol Spanjol meta jambjenta n-novella "L-Ajruplan tal-Karti" fil-grawnd tan-Nou Camp waqt partita futbol tal-Barċellona li fiha jkun qiegħed jilgħab il-plejer famuż Ronaldinho u f'"Polaroids għal Ommi – The Quays Bar (Dublin)" tkun qed tixxandar logħba futbol bejn Tottenham u Aston Villa. F'"L-Ambaxxatriċi" issir referenza għat-Tazza tad-Dinja u għall-plejer popolari Franċiż Platini f'"L-Ambaxxatriċi" (Mejlak, *Dak li l-Lejl*).

Fi wħud min-novelli jissemmew oġġetti ta' ditti popolari partikolari, fosthom f'"Is-Sajf tad-Disgħa u Tmenin" meta Mejlak jelenka lista ta' affarijiet li jġibu magħhom l-emigranti, bħall-ħwejjeġ tal-Bugle Boy, flokkijiet taċ-Champion, in-Nintendo, il-GameBoy, iċ-chewing gum Wrigley Juicy Fruit, il-Brooklyn, żraben tan-Nike u arloġġi Swatch (Mejlak *Qed Nistenniek* 37) u f'"Polaroids għal Ommi – The Quays Bar (Dublin)" tissemma l-Guinness, xarba tradizzjonali Irlandiża (123). Id-ditti ta' oġġetti popolari jissemmew ukoll f'"Lily" meta jidher raġel dieħel fid-dar bil-flokk tal-Pepsicola (C. Azzopardi, *Kulħadd Ħalla* 89) u raġel ieħor bil-flokk tal-Animal (92), Mejlak isemmi novella minnhom għal puzzle popolari: "Il-Kubu ta' Rubik" u f'"Kolp ta' Stat" jirreferi għaż-żraben Asics u l-MacBook (90).

C. Azzopardi tinkludi gazzetti u magazins fosthom il-*Metro* f'"Rita" (*Kulħadd Ħalla*) u għal-letteratura popolari tal-bestsellers bir-referenza għall-ktieb ta' Danielle Steel fi tmiem "Rasi ġol-Ilma" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 97). Minbarra r-referenza diretta għal din it-tip ta' letteratura, tmiem in-novella nnifsu jirrifletti tmiem xi ktieb jew film popolari b'karattri trankwilli wara ħajja mqallba u ta' tbatija. F'"Sandra" C. Azzopardi tagħmel referenza għas-serje popolari *Narnia* meta hija tibda timmaġinaha dieħla fil-jewel box bħal "Lucy meta daħlet fil-gwardarobba tal-Professur Kirke" (*Kulħadd Ħalla* 16).

Dawn l-awturi jirreferu għal numru ta' pitturi famużi, bħal Alexander Cabanel, Andy Warhol u Marie-Denise Villers f'"L-Ambaxxatriċi" (Mejlak, *Dak li l-Lejl*). Dan ifisser li fl-istess rakkont, filli qed jissemmew aspetti kulturali popolari bħalma huwa l-futbol, u filli qed tissemma l-pittura artistika ta' Villers "Young Woman Drawing", eżempji ta' kif l-arti l-għolja titħallat mal-kultura popolari. "Ir-Raġel li Waqagħlu l-Mobile fil-Loki" tlaqqa' l-mużika popolari ma' dik klassika meta Bertu u Fiona jkunu qegħdin isuqu wara xulxin, huwa jkanta "*My funny valentine, sweet comic valentine, you make me smile, with your heart*" (C. Azzopardi *Il-Linja l-Ħadra* 65) u hi "tħammem ir-Requiem ta' Schnittke" (65). Fin-novelli tagħha, C. Azzopardi tagħmel referenza kemm għall-arti popolari bħalma hija l-mużika pop ta' Madonna kif ukoll l-arti meqjusa għolja bħalma hija l-mużika klassika ta' Schnittke, mużiċista li mhuwiex wieħed mill-iżjed popolari u għalhekk, hawnhekk C. Azzopardi qiegħda tkun erudita fl-għażla tal-artisti li ssemmi. Hija tirreferi għat-taħlit tal-arti l-għolja fuq oġġetti ordinarji bħal-lożor Klimtjani, pittur li bħal Schnittke, il-persuni jridu jkunu midħla ta' dik il-forma artistika biex forsi jkunu jafuh għax mhuwiex popolari daqs, ngħidu aħna, il-pittur Leonardo da Vinci, l-istess bħalma Schnittke mhuwiex famuż daqs il-mużiċista Mozart. Il-fatt li l-arti ta' Klimt qiegħda titpoġġa fuq liżar, u li l-mużika ta' Schnittke qiegħda tindaqq f'karozza, jixhed li huma nqabdu mill-produzzjoni tal-massa u qegħdin jiġu ċċirkolati fuq l-iżjed oġġetti ordinarji.

L-għażla erudita ta' C. Azzopardi tidher anki f'"Roża" li fiha l-pittura ta' Modigliani ssib ruħha fuq kartolina filwaqt li l-għażla ta' Mejlak tidher fuq l-umbrelel ta' "Il-Ħalliel tal-Umbrelel" meta n-narratriċi tiddeskrivi li għandha umbrella minnhom "b'tazza ilma fuqha fil-pittura ta' Magritte", oħra fiha "l-irġiel Pariġini li pitter Caillebotte" (*Qed Nistenniek* 166) filwaqt li l-oħra jkun fiha "karikaturi ta' Woolf,

Shelley, Austen u Plath stampati fuq id-drapp"  (168). F'"Ir-Riħ tal-Bidla" tidher meta jqabbel lin-nies tal-meeting ma' pittura tal-artist Romantiku Franċiż Eugène Delacroix (46). Dawn l-eżempji jixhdu li l-kittieba Maltin huma midħla tal-kultura meqjusa għolja daqskemm huma intiżi fuq il-kultura popolari.

Mal-pittura tissemma wkoll il-letteratura għax bħalma f'xi novelli jissemmew kotba ta' Danielle Steel u ta' *Narnia*, f'oħrajn isiru referenzi Bibliċi bħal meta l-protagonista ta' "Il-Ġabbar" jitqabbel mal-"mara ta' Lot"  (Mejlak, *Qed Nistenniek* 149) u r-referenzi ironiċi għall-istorja ta' meta San Pawl ġie Malta f'"/No Adjective Describe Story/" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra*). F'"Jelly Babies" jissemma l-ktieb Ċiniż tal-I Ċing li Marlene tużah meta jkollha bżonn tagħmel xi deċiżjoni li ma tkunx ċerta minnha (117). Mejlak isemmi lill-kittieb Fulton Sheen fin-novella "Il-Barranija" (*Dak li l-Lejl*). Nabhan jinkludi diversi kittieba famużi fir-rakkonti tiegħu, fosthom lil Albert Camus f'"Identiċi"; lil Godot, karattru fittizju fid-dramm *Waiting for Godot* ta' Samuel Beckett f'"Ġappuniż fil-Kalkara" (*Leħen tal-Fuħħar*); lil Che Guevara flimkien mal-poeżiji ta' Pablo Neruda u ta' Nazem Hikmet f'"Wiċċ Jitbandal f'Wiċċ l-Ilma"; u l-ktieb *Ecce Homo* ta' Nietzche f'"Issa se Jgħidilha Żgur" (*Lura d-Dar*).

F'"Bejn Bejnejn" Nabhan jikkummenta b'mod dirett fuq il-letteratura. Huwa jsemmi lil George Orwell u l-kotba popolari tiegħu *Nineteen Eighty-Four* u *Animal Farm* (*Bejn Bejnejn* 84) u lil Johann Goethe "li wieħed jista' faċilment jaqbad il-poeżija Ġermaniża kollha u jaqsamha f'dik ta' qablu, u dik ta' warajh" (85). Jirreferi wkoll għall-kritiku letterarju meta n-narratur iħoss li bħala bniedem inviżibbli għandu l-vantaġġ li jkun "f'pożizzjoni eċċellenti għall-osservazzjoni li, fil-fehma tiegħi, tifforma l-matriċi ewlenija ta' kull kitba u żvog artistiku"  (88) filwaqt li jirreferi għax-xogħlijiet ta' Alfred Sant: *Silġ fuq Kemmuna, Bħal f'Dizzjunarju* u *L-Għalqa tal-Iskarjota* (88).

Tendenza oħra tal-Postmoderniżmu hija li l-letteratura titkellem dwarha nnifisha u din hija riflessa fi wħud min-novelli mistħarrġa. Ngħidu aħna f'"L-Ajruplan tal-Karti", it-tfajliet "jirrakkuntaw l-istejjer. Dawk li semgħu u dawk li kienu kapaċi jivvintaw dak il-ħin stess"  (Mejlak, *Qed Nistenniek* 95). L-istess tagħmel Agnieszka f'"Ċesarja" li "mmarinat id-diskursata b'ruxxmata stejjer" imma mbagħad, "wara ftit ma qaltlux iżjed stejjer. Donnha ma kienx fadlilha" (100) u minflok bdiet issir iżjed "bħat-tfajliet l-oħra li joqogħdu jħarsu biex jaraw x'inhi liebsa dik u l-oħra" (100) u għalhekk, hawnhekk, l-istejjer qegħdin isiru dik ix-xi ħaġa li tagħmel lin-nies interessanti. L-istess sentiment jinħass f'"L-Ambaxxatriċi" li dwarha n-narratur, li jkun ukoll poeta, jikkummenta li dejjem ikollha xi "storja lesta x'tirrakkonta" (Mejlak, *Dak li l-Lejl* 13) u dakinhar, wara li toqgħod tkellmu dwar waħda mill-poeżiji tiegħu, tirrakkuntalu l-istorja tagħha mal-Prinċep Charles. F'"Il-Ġabbar", il-protagonista jimmaġina liż-żewġt ixjuħ jirrakkuntaw l-istejjer ta' tfulithom lil xulxin: "Ta' meta kienu jilagħbu fil-park, ħdejn vaska tal-ilma mmejjel. Ta' meta kienu jmorru jżuru lin-nanniet fil-Milied. Ta' meta waqa' minn fuq is-sodda jew ta' meta werwru lil missierhom meta staħbewlu fil-gwardarobba fejn kien idendel iċ-ċintorini u jistiva l-fliexken tar-Ricard" (Mejlak, *Qed Nistenniek* 150).  F'"Myslovitz" il-protagonista jiftakar f'meta Zsofi tirrakkuntalu l-istejjer ta' William Tell (Mejlak, *Qed Nistenniek*) u f'"Il-Kubu ta' Rubik" in-narratriċi tesprimi kemm kienet tħobb tisma' l-istejjer li kienet tirrakkuntalha nannitha fuq zijuha (Mejlak, *Dak li l-Lejl* 139). "Nuria Angels Barrera" hija dwar rumanz u minbarra li fiha hemm l-istorja tar-rumanz fil-qosor, fiha wkoll siltiet mir-rumanz innifsu (*Dak li l-Lejl* 139). "Silta minn Rumanz Ġdid" hija rakkont dwar awtur li qiegħed jikteb ittra iżda li din tibqa' miftuħa u l-qarrejja jibqgħu ma jafux hijiex silta minn rumanz ġdid jew inkella ittra tassew (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar*). Dawn huma

kollha eżempji ta' kif in-narrattiva nnifisha qiegħda tkun konxja ta' narrattivi oħrajn fiha nnifisha u għalhekk jinħoloq rakkont f'rakkont.

### *5.2.3. Ir-reali u l-irreali*

Kemm il-lingwaġġ użat li jirrifletti d-diskors ta' kuljum kif ukoll ir-referenzi kulturali jagħmlu r-rakkonti iżjed reali u plawsibbli. Fid-daħla tal-ktieb *Il-Linja l-Ħadra*, Grima jiddeskrivi n-novelli ta' C. Azzopardi bħala "straordinarji" għax fihom "toħloq lingwa ħajja u sinċiera u tfassal sekwenza ta' ġrajjiet li kważi dejjem jissorprendu bil-ħeffa u l-qawwa tar-realiżmu tagħhom." ("Il-Linja l-Ħadra" 8), xi ħaġa li tidher ukoll fin-novelli ta' Mejlak u Nabhan. Grima jsemmi l-frammentazzjoni preżenti fin-novelli li tixhed il-mod ta' kif il-bnedmin iħarsu lejn "l-ideat tagħna tal-lingwa u l-ħajja ta' kuljum" (9). Id-dettalji speċifiċi meħudin mis-sitwazzjonijiet imġarrba kuljum f'dawn in-novelli jagħmluhom iperreali għax huma rakkonti li jistgħu faċilment jiġru fir-realtà iżda huma stejjer fittizji u għalhekk jistgħu jitqiesu bħala dak li Baudrillard isejjaħlu simulacrum, kopja bla oriġinal (*Simulation and Simulacra* 3). L-iperrealtà li bdiet issawwar l-era postmoderna minħabba ż-żieda fl-użu tat-teknoloġija li ċajpret dak li hu reali, issa bdiet issawwar ukoll l-arti (fosthom il-letteratura) li bdiet tagħti kas u tenfasizza iżjed id-dettall (Savchuk u Tuchkova 367).

Dan ma jfissirx li fil-letteratura passata ma kinux jingħataw dettalji, jew inkella li l-istejjer irrakkontati f'perjodi oħrajn ma jistgħux jiġru fil-verità. Id-differenza ewlenija bejn ir-realtà fir-rakkonti studjati hawnhekk u dawk ta' qabilhom hija n-narrazzjoni nnifisha; narrazzjoni li xi kultant tinħass donnha xi rekording ta' persuna qiegħda titkellem, u għalhekk, minbarra li hija narrazzjoni realistika, fiha tinħass sew l-influwenza teknoloġika. Eżempju ta' dan it-tip ta' rakkont huwa n-novella "Il-Madonna

f'Dar Evelina" li n-narrazzjoni tagħha aktar tixbah id-diskors mitħaddet milli dak miktub. Ngħidu aħna meta jirrakkonta dwar l-għajdut tan-nies u n-narratur juża kliem bħal "ovvja" u "marelli", żewġ kelmiet li jintużaw fit-taħdit iżjed milli fil-kitba, u dan ikompli jagħmel ir-rakkont realistiku: "Għax – ovvja – dawn kienu qed jgħixu fid-dnub . . . Anke għand tal-grocer – marelli – ġieli jmorru flimkien biex jixtru l-butir. U allura kienu jagħtuhom dik il-ħarsa. Tal-aħfrilhom għax – bħallikieku – m'għandhomx idea x'inhuma jagħmlu" (Mejlak, *Qed Nistenniek* 14). Eżempju ieħor huwa "Il-Ħalliel tal-Umbrelel", meta l-protagonista jirrakkonta daqslikieku qiegħed jitkellem direttament ma' xi ħadd, fosthom meta jgħid: "Sejjaħli fitt imma billi ġewwa dejjem ikolli kollox pinna ma nkunx irrid qtar tal-ilma" (164).

F'"Rita", ir-realiżmu joħroġ mid-dettall preċiż u mid-deskrizzjoni li tingħata tal-istazzjon tal-ferrovija f'Londra fil-bidu tan-novella li bil-viżwalizzazzjoni li tingħata, issir donnha xi xena minn xi film:

> It-tren jgħaddi fit-tmienja nieqes erba' minuti jiġbor it-telqa u l-frak tal-ħobż mixwi fuq ix-xufftejn. Itajjar il-ħolm sabiħ u ikrah u r-riħa tinten tal-ħalq. Jimbotta s-silenzju biex jidħol floku, għal ftit sekondi, imbagħad jitlaq biex jerġa' jagħti spazju lill-istess silenzju, jew ieħor bħalu. Fit-tmienja nieqes sitt minuti titfaċċa Rita bit-telqa tal-kowt tqil u kbir li xtrat minn Petticoat Lane x-xitwa ta' qabel, bil-frak tal-ħobż mixwi fuq il-pavru. (29)

C. Azzopardi qiegħda tniżżel il-ħin sal-inqas sekonda fir-rakkont tagħha u dan huwa eżempju ieħor ta' kemm, fil-ħajja mgħaġġla li jgħixu fiha, il-bnedmin saru jagħtu kas sal-inqas sekonda ta' ħajjithom. L-arloġġi diġitali wittew it-triq għal din l-eżattezza fil-ħin billi dan beda jitkejjel eżatt skont il-minuta li tkun u kittieba bħal C. Azzopardi

ddokumentaw din ir-realtà: "It-tren jgħaddi fit-tmienja nieqes seba' minuti"; "Fit-tmienja nieqes sitt minuti titfaċċa Rita" (29); "Fit-tmienja nieqes erba' minuti jieqaf tren ieħor" (30); "Tieqaf żewġ waqfiet wara . . . preċiżament wara erba' minuti u 56 sekonda" (30); "Imbagħad ikeffinha s-silenzu għal 20 sekonda" (30); "It-tmienja u seba' minuti. F'u nofs iddoqq il-qanpiena" (31).

Ir-rakkuntar f'din in-novella ma jagħmilx distinzjoni bejn il-preżent u l-passat, bħal meta Rita tasal id-dar mix-xogħol u tinduna li Salvu ma ħasilx il-ħwejjeġ, għalhekk tmur mill-ewwel tipprogramma "l-magna tal-ħasil u tixgħelha. Xi darba kien se jibda jsewwi l-arloġġi fil-ħanut ta' ommha u missierha. Xi darba, wara li keċċewh mill-fabbrika. Tqabbad il-kitla. Toħroġ il-ħalib" (35) u lanqas bejn in-narrazzjoni u d-diskors dirett dwar il-programm li jħobbu jaraw: "Suppost daqt imiss lilu. Tal-bieraħ ma rebħet xejn. Injoranta kienet innit, offrielha 20K u ma ħadithomx innit! Titfa' l-ħut. Titfa' l-patata. Idoqq it-telephone. Rita tinħasad. X'ġara bambin?! Ħelow? Ħelow! Ann. You home already?" (38). Din it-teknika tagħmel ir-rakkont iżjed realistiku bit-taħlit tal-ħsibijiet u d-diskors dirett, donnu n-narratriċi dieħla u ħierġa f'moħħ il-karattru u qiegħda tirrakkonta dak li qed tisma' u tara biss, mingħajr ma tikkummenta. Għaldaqstant, ir-realiżmu qiegħed jiġi rifless bin-narrazzjoni nnifisha.

L-idea ta' Baudrillard fl-esejs miġbura f'*The Gulf War did not Take Place* li bit-teknoloġija jinħolqu immaġnijiet li huma reali daqskemm huma irreali minħabba l-manipulazzjoni li jistgħu jkunu għaddew minnha sakemm jixxandru, tidher perfettament fin-novella ta' Mejlak "Kolp ta' Stat" li hija dwar interazzjoni u aħbar virtwali. Fuq l-internet l-affarijiet qegħdin jiġu ppreżentati mod meta fir-realtà l-affarijiet huma mod ieħor. Il-qarrejja jifhmu mill-ewwel it-tendenza tal-protagonista li jigdeb u fil-fatt, joħloq storja sħiħa u immaġinarja li jxerridha permezz ta' posts

regolari fuq *Facebook*. In-narrazzjoni irreali tiegħu, iżda, hija ssostanzjata minn ritratti, filmati u ħsejjes li jkun ġibed hu stess jew ġabar mill-internet. B'hekk, l-invenzjoni tiegħu ssir "fatt".

Din l-idea li l-affarijiet ma jkunux kif jidhru hija tema rikorrenti fin-novelli. Waħda minnhom, "Nuria Angels Barrera" ta' Mejlak tikkonċentra fuq din l-armla li ssib manuskritt ta' żewġha u tiddeċiedi li tippubblikah. Iżda fl-aħħar issir taf li l-manuskritt ma kien ta' żewġha xejn iżda ta' mara Pollakka li matul in-novella kollha, il-mara, u sussegwentement il-qarrejja, taħsibha li kienet il-mara li żewġha kien jibdilha magħha (*Dak li l-Lejl*).

F'"/No Adjective Describe Story/", ir-realtà tal-istorja ta' Adiam tinbidel fl-aħħar u b'konsegwenza t'hekk, jinxteħet id-dubju dwar ir-realtà x'kienet verament. Fl-istorja ta' Rachel, Adiam ħarbet mill-Eritrea ma' ħuha u oħtha wara l-mewt ta' missierha (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 36-7) iżda ma jirnexxilhiex iġġib l-istatus ta' refuġjata u hi u oħtha jaħarbu lejn l-Italja, fejn joqgħod ħuhom ieħor, f'waħda mill-operazzjonijiet klandestini li jwettaq Ġorġ, missier Rachel (30). Iżda l-istorja rrakkuntata minn Marisa hija ferm differenti minn dik li tagħti Rachel. Hija tistqarr li Adiam għamlet biss ftit xhur Ħal Far, mhux sena, u li "l-istatus ma damux ma ħaduh" (43). Għaldaqstant, billi l-qarrejja qegħdin jaraw il-"fatti" mil-lenti ta' Ruth, u din tagħti żewġ stejjer u mhux waħda, l-istorja ta' Adiam tingħata f'żewġ verżjonijiet mingħajr qatt ma jiġu deċiżi l-fatti veri.

L-iperrealtà tidher fil-manipulazzjoni tar-rakkont ta' "Isma' Tini l-Business Card Tiegħek!" meta n-narratriċi tagħmilha ċara li f'dak li se tirrakkonta hemm xi affarijiet li se żżidhom hi u mhux għax l-affarijiet ġraw tassew hekk. Hija tistqarr li se titkellem

dwar "relazzjoni li ma tgħid xejn" u għalkemm issibha "eċitanti nikteb fuq xi ħaġa li ma tgħid xejn. Però jien nixtieq nagħtiha ftit kulur" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 50). Għaldaqstant, il-qarrejja ma jistgħux ikunu jafu liema parti ġrat tassew u liema parti vvintat in-narratriċi. L-aħħar parti tar-rakkont hija kemxejn surreali billi n-narratriċi ma jogħġobhiex kif jispiċċa, treġġa' l-arloġġ lura u tagħti verżjoni differenti tar-rakkont. Hawnhekk jinħass l-element teknoloġiku u r-rakkont donnu jsir xi film li jista' jitreġġa' lura u jiġi editjat.

Xi wħud minn dawn ir-rakkonti lanqas biss qegħdin iseħħu fir-realtà tar-rakkont innifsu. Dan ifisser li f'dawn in-novelli, li huma stess huma rakkonti vvintati, hemm stejjer oħrajn li mhumiex jiġru lanqas fir-realtà tar-rakkont. Għalhekk, sikwit jiġri li kemm il-karattri kif ukoll il-qarrejja jkollhom jistennew sal-għeluq biex jirrealizzaw li dak li kienu għadhom kemm qraw dwaru kien maħluq kollu mill-karattri jew min-narraturi. Waħda minn dawn in-novelli dwar storja vvintata hija "L-Ambaxxatriċi" li fiha l-protagonista tirrakkonta lin-narratur storja "inkredibbilment affaxxinanti" (29) ta' meta tiltaqa' mal-Prinċep Charles, storja li biha żżomm lill-ġurnalist lejl sħiħ magħha. In-narratur ikun kburi li jkun irnexxielu jgħaddi lejl bħal dan tant li jħoss li daħal fi "klabb esklussiv" (37). Madanakollu, fl-aħħar mill-aħħar in-narratur jispiċċa diżilluż meta Randolph jirrakkuntalu l-istess storja tal-ambaxxatriċi iżda minflok kienet mal-Prinċep Charles, kienet ma' Arafat għax "apparentament, kull min daħal hemm dik il-ħabta sema' verżjoni differenti ta' dik l-istorja u kulħadd ħareġ l-għada filgħodu" (39).

F'"Riħitu", il-protagonista toħloq l-affarijiet f'moħħha u tivvinta "ħbieb immaġinarji fil-kindergarten. Timmaġina għarajjes fuq l-imwejjed tal-iskola. Toħloq stejjer waqt lezzjonijiet tedjanti fl-università" (Mejlak, *Dak li l-Lejl* 44). Dan huwa

rakkont dwar xi ħaġa li ma ssirx. Il-ġuvni jħoss lil xi ħadd dieħel fis-sodda ħdejh u jibda jgħid x'seta' għamel, ngħidu aħna seta': "dar u ħarsilha f'għajnejha", "qalilha li qed jieħu gost li reġgħet lura fis-sodda tagħha", "dar u approfitta mil-lejl u minn dak li jħallik tgħid biex jgħidilha kemm kienet togħġbu", "anke jżid kemm xtaq isir jafha ftit iżjed" (45). Imbagħad jgħid li "ħassha ddeffes rasha fil-vojt ta' spallejh u tagħfas imneħirha ma' għonqu, sidirha ma' dahru u ddawwar idha x-xellugija miegħu" (46), iżda fil-verità, dan kollu jkun biss ħolma. Malli jiftaħ il-bieb, titolbu jorqod fuq it-tapit u għalhekk "wara li ż-żagħżugħ telaq, irrealizzat li kellha kollox ħlief riħitu" (48). "Nixtieq Ngħajjat lil Samirah" ukoll tintemm propju bix-xewqat u s-suppożizzjonijiet tal-protagonista li huma 'l bogħod mir-realtà ta' ħajtu.

Kif intwera qabel, anki "Silta minn Rumanz Ġdid" ta' Nabhan tħalli lill-qarrejja għatxanin għar-realtà li l-istorja ma tagħtix. Din l-inċertezza tinħoloq bit-taħlit ta' narraturi differenti fl-istess rakkont. Ir-rakkonti f'"Il-Ġabbar" huma, attwalment, ġabra ta' suppożizzjonijiet li jiġu f'moħħ il-protagonista kull darba li josserva lil xi ħadd madwaru. Dawn ir-rakkonti jitwieldu u jgħixu biss f'moħħ il-protagonista għalhekk il-qarrejja jistgħu jieħdu impressjoni ta' realtà li mhijiex reali (Mejlak, *Qed Nistenniek*). Anki f'"Issa se Jgħidilha Żgur" (Nabhan, *Lura d-Dar*) jidhru numru ta' suppożizzjonijiet li jibda jagħmel Darren, suppożizzjonijiet li ma jattwawx ruħhom iżda jibqgħu biss ħsibijiet.

F'"Bejn Bejnejn" l-awtur jilgħab bir-realtà. Jibda r-rakkont b'sentenza waħda li biha jingħata l-kuntest tal-monologu miktub bil-kompjuter li jsegwi u huwa l-qofol kollu tan-novella. Iżda fl-aħħar dan il-monologu jitħassar b'għafsa sempliċi tal-buttuna "Delete", u dak kollu li jkun kiteb jogħsfor. Attwalment, fir-realtà, dan il-monologu ma tħassarx għax qiegħed stampat fl-aħħar novella tal-ktieb *Bejn Bejnejn*.

Għaldaqstant, filwaqt li din il-kitba togħsfor fir-rakkont, se tibqa' preżenti fil-ktieb għal dejjem.

"Fil-Bar ta' Livia" hija novella li tħallat ir-realtà mal-fantasija għax hija ambjentata f'belt li ma teżistix fir-realtà iżda teżisti ġo fajl ta' tfajla li tħobb tpinġi l-mapep u kull filgħaxija, wara li missierha jmur jieħu tazza kafè, tagħżel waħda "u tinżel xi mkien fiha" (Mejlak, *Qed Nistenniek* 19). F'dawn il-mapep hemm dak kollu li jinsab f'belt jew gżira u biex tixbah iżjed belt ta' vera, it-tfajla tpinġi belt oħra sotterranja "mimlija kanali tad-dranaġġ, pajpijiet tal-ilma, cables tad-dawl u tat-telefown u linja jew tnejn għall-metrò" (20) u meta tlesti toqgħod tittawwal ġol-bliet ta' fuq u ta' taħt permezz tal-lampshade roża. Tmiem in-novella jisfoka r-realtà mal-irrealtà meta r-raġel ta' ġol-bar ta' Livia jieħu l-ħajja u jmur id-dar u bħas-soltu, isib lil bintu "rieqda bid-dawl mixgħul. Ineħħilha bil-mod il-karta minn idha, b'nofs belt mibnija u bin-nofs l-ieħor ippjanat . . . u jitfilha l-lampshade r-roża" (24). Id-deskrizzjonijiet iddettaljati tal-mapep jagħmlu r-rakkont iżjed realistiku u għalhekk, meta r-raġel ta' waħda mill-mapep jinqala' minn hemm u jsib ruħu fid-dinja reali tat-tfajla, ir-realtà u l-irrealtà ikomplu jisfumaw f'xulxin.

Ir-realiżmu jidher b'saħħtu fin-novella "Ir-Raġel li Waqagħlu l-Mobile fil-Loki", billi minbarra s-sens tal-ħars, hemm preżenti wkoll is-sens tas-smigħ: "Xpluff! Aaaaaaaaaaaaaaaaaaaaaaa! Istja Mer!" Madanakollu, ir-realiżmu jibda jiċċajpar meta jibdew isiru affarijiet strambi, kważi fantastiċi, ngħidu aħna meta Karla tibda "tqalleb il-ktieb, waqa' envelop minn qalb il-paġni. Fuqu kellu miktub, JEKK JISMEK KARLA TIFTĦUX" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 62), jew meta Mary "xtrat xi tnax-il landa tonn taż-żejt u xerrdithom kollha mal-flett. Kienet qaltlu li kien l-uniku mod ta' kif setgħet toqtol ir-riħa qawwija ta' sess ta' Jackie. Imbagħad hu . . . qabad flixkun

żejt taż-żebbuġa extra virgin u ferrgħu fuqha" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra* 67). Simili għal dak li jiġri f'"Ir-Raġel li Waqagħlu l-Mobile fil-Loki", f'"Sodda tal-ilma" C. Azzopardi tikxef ir-realtà tad-diżordni tal-bulimija billi tirrakkonta storja li xxaqleb lejn il-fantastiku bi tfajla li ttir għal fuq il-miżien u tagħmel il-kuntrumbajsi fl-arja f'kamra li kienet qiegħda tgħum fiha, sitwazzjoni li kważi xxaqleb lejn il-paranormali.

Ir-reali u l-irreali xi kultant jitħalltu permezz tal-element paranormali kif jidher fi "Gracey" ta' C. Azzopardi (*Kulħadd Ħalla*), "Ġappuniż fil-Kalkara" (*Leħen tal-Fuħħar*), u "Pamela" u "Fatat mat-Triq" (*Bejn Bejnejn*) ta' Nabhan. Dan l-element jidher ukoll f'"Is-Sodda Numru 18" li fiha l-qarrejja jibqgħu inċerti jekk il-protagonista huwiex jhewden jew huwiex qed ikun realistiku.

## 5.3. Ir-ritmu

Ir-ritmu mgħaġġel huwa prerogattiva tal-ġeneru tan-novella. Madanakollu, in-novelli mistħarrġa fihom ħafna ġrajjiet li jagħmlu r-ritmu tagħhom iżjed mgħaġġel. Billi jiġru ħafna affarijiet fihom, ir-rakkont jimxi minn stadju għal ieħor b'pass ħafif ħafna. Xi novelli saħansitra jagħmlu użu mis-sottotitli biex jifirdu parti minn oħra tal-istorja. Dan ifisser li r-rakkonti minbarra li diġà huma qosra u qegħdin iħallu ħafna affarijiet barra, qegħdin ukoll jinqasmu f'partijiet iżgħar li fihom tiġi rrakkuntata parti żgħira biss mill-istorja u din tkompli tħaffef ir-ritmu tar-rakkont għax qiegħda żżid l-avvenimenti li qegħdin jiġru fin-novella. Eżempju ta' dan hija "/No Adjective Describe Story/" li qiegħda maqsuma f'partijiet żgħar u fiha l-istorja ta' Adiam u ħutha, ta' Rachel u missierha u ommha, ta' Marisa, l-istorja l-oħra ta' Adiam kif irrakkuntata minn Marisa u l-ittra ta' Adiam minn Napli (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra*). Fl-istess

ġabra, “Rasi ġol-Ilma” tinqasam skont il-membri tal-familja ta’ Gordon Grech, in-narratur, u fiha hemm rakkont dwar kull membru tal-familja.

Waħda mill-iżjed novelli rapidi hija “Il-Ħadd wara l-Ikel” li qiegħda mqassma f’partijiet żgħar skont il-ħin li qiegħed imniżżel sal-inqas minuti u kultant anki sal-inqas sekondi (Mejlak, *Qed Nistenniek*). Kollox qiegħed jiġri fi ftit ħin, bejn is-14:00 u s-14:36. Is-sentenzi huma qosra u b’hekk ikomplu jżidu fir-ritmu tar-rakkont. Għaldaqstant, l-eskalazzjoni tas-sitwazzjoni fin-novella qiegħda tiġi riflessa bit-teknika użata li għoddha taqta’ nifs il-qarrejja. “Il-Linja l-Ħadra” hija maqsuma skont il-waqfiet tat-tren li tkun fuqu l-protagonista. Ir-ritmu huwa mgħaġġel biex jirrifletti l-qagħda fiżika u mentali tal-protagonista. Fiżikament din qiegħda tivvjaġġa fuq vettura li tgħaġġel ħafna: it-tren. Mentalment hija qiegħda tibża’ li se tmut u bejn waqfa u oħra jibdew jgħaddu episodji sħaħ ta’ ħajjitha minn quddiem għajnejha u saħansitra taħseb f’mistoqsijiet li qabel tmut tixtieq li jkollha risposta għalihom. “Margaret” (C. Azzopardi, *Kulħadd Ħalla*) hija storja maqsuma fi tnax-il parti. Is-sentenzi huma qosra ħafna u dawn jagħtu lok għal ħafna ġrajjiet li jseħħu fin-novella.

F’dawn in-novelli jiġru ħafna affarijiet li jiġu rrakkuntati fi ftit paġni. “Ir-Raġel li Waqagħlu l-Mobile fil-Loki” qiegħda mqassma skont il-ħin u l-post. Fiha hemm tliet protagonisti li kollha joqogħdu fl-istess binja u qiegħda tiġi rrakkuntata l-istorja tagħhom kollha kemm huma. Ir-rakkont jibda min-nofs, propju “Fis-sitta ta’ filgħaxija” (61), bħalma tipikament jibdew in-novelli mill-mument tal-verità. Din in-novella ma tirrakkuntax il-ħajja kollha tal-karattri u minflok tiffoka fuq avvenimenti partikolari, iżda bil-kontra ta’ dak li jiġri f’novella tipika, il-protagonisti huma tlieta, mhux wieħed: Karla, Marjo u Bertu (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra*). Meta r-rakkont ta’ Karla jkun fil-preżent, minflok il-punt jintuża s-sink, xi ħaġa li tkompli tgħaġġel ir-ritmu. F’“Jien ix-

Xhud" ir-ritmu jinħass mgħaġġel bin-nuqqas ta' punteġġjatura li flimkien mal-"bumbardament ta' kliem f'ċerti waqtiet jixhed il-'ġenn' tas-sitwazzjoni u l-emozzjonijiet qawwijin li tirrakkonta" (Grima, "Il-Linja l-Ħadra" 9). In-nuqqas ta' punteġġjatura qiegħed hemm sakemm teskala sew is-sitwazzjoni u jseħħ is-suwiċidju. Meta l-azzjoni tkun lesta, tibda tidher il-punteġġjatura u r-rakkont, fl-aħħar ftit sentenzi donnu jikkalma.

Iż-żieda fl-aċċessibbiltà tal-informazzjoni sabet ruħha fin-novelli billi dawn bdew jinkludu informazzjoni li mhijiex neċessarja għall-iżvilupp tar-rakkont. Fiċ-ċokon tal-ġeneru tan-novella, informazzjoni "żejda" tkompli żżid mal-avvenimenti li qegħdin jiġru u effettivament, tgħaġġel ir-ritmu. In-novella qiegħda tagħti ħafna informazzjoni u fl-istess ħin tħalli ħafna affarijiet barra. Ngħidu aħna f'"Rita" jissemma l-isqaq li fih twettaq l-ewwel qtil ta' Jack the Ripper iżda mbagħad waqt it-telefonati jinstema' biss leħen Rita u l-qarrejja jistgħu biss jissoponu xi jkun qed jintqal mill-parti l-oħra (C. Azzopardi, *Kulħadd Ħalla*). F'"L-Ajruplan tal-Karti" Mejlak jirrakkonta żewġ stejjer f'novella waħda: tat-tifel fil-grawnd u tat-tfajliet jinnamraw (*Qed Nistenniek*). Huwa jagħti tagħrif storiku dwar il-post li jkunu fih it-tfajliet iżda mbagħad jgħid biss li kienu jirrakkontaw l-istejjer lil xulxin mingħajr ma jispeċifika xi stejjer kienu.

## 5.4. It-tmiem mingħajr għeluq

Il-ġeneru tan-novella, billi huwa iżjed kumpatt, iħalli iżjed affarijiet f'idejn il-qarrejja, fosthom l-għeluq. Anne Enright targumenta li mhux in-novelli kollha jispiċċaw iżda xi wħud jibqgħu għaddejjin filwaqt li oħrajn "discard the first available meaning for a later, more interesting conclusion" (130). Fin-novelli mistħarrġa hemm bosta ma jaslux għal għeluq. Grima jistqarr li test "miftuħ awtomatikament jinvolvi lill-

qarrejja fil-qari, u fl-aħħar mill-aħħar fil-*kitba* tiegħu" ("Il-Linja l-Ħadra" 11). Għaldaqstant, meta t-test ikun miftuħ, il-karattri jinħolqu mill-qarrejja stess "skont l-esperjenzi li nafu jew li ġarrabna, skont l-istejjer l-oħra, imqar differenti għal kollox, li qrajna jew smajna jew għexna aħna stess" (11). "Imbagħad Darba Tasal l-Email" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra*) hija novella li tintemm fil-mument li tkun se tibda l-istorja. Din in-novella hija waħda tipika. Tibda fil-mument li fih ġrat xi ħaġa mhux tas-soltu fil-ħajja tal-protagonista u tħalli l-għeluq f'idejn il-qarrejja sabiex ifassluh huma.

Novella oħra li ma fihiex għeluq hija "Camilla" (C. Azzopardi, *Kulħadd Ħalla*) li fiha jinstema' l-istess rakkont minn żewġ vuċijiet differenti iżda jispiċċa bħalma jibda; ħadd ma jkun jaf xejn dwar id-delitt u l-qarrejja jiskopru ħafna dwar Camilla iżda mhux dwar l-għejbien tagħha. L-istess jiġri f'"Il-Ħadd wara l-Ikel" (Mejlak, *Qed Nistenniek*) li tħalli lill-qarrejja kważi kważi għatxana għall-għeluq wara l-antiċipazzjoni ħerqana bir-rakkont mgħaġġel iżda jibqgħu ma jafux x'għandu t-tifel. "Il-Madonna f'Dar Evelina" (Mejlak, *Qed Nistenniek*) fiha tmiem li huwa wkoll il-bidu billi l-argument li jkollhom huwa meqjus bħala "l-ewwel" wieħed. B'hekk, il-qarrejja jibqgħu ma jafux jekk l-argument ikunx il-bidu tat-tmiem jew sempliċiment wieħed mill-argumenti li jinħolqu bejn tnejn min-nies li jgħixu flimkien; jekk sabux kompromess dwar l-istatwa tal-Madonna jew jekk baqax jinqala' argument kull sena. Novella oħra bla għeluq hija "Silta minn Rumanz Ġdid" (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar*). Din in-novella mhux biss hija mingħajr għeluq hi iżda l-ittra ta' ġo fiha mhijiex mitmuma lanqas. Il-waqfien ħesrem tal-kitba tal-ittra jħalli lill-qarrejja jissoponu jekk fil-fatt l-ittra kinitx parti minn rumanz ġdid jew le. "/No Adjective Describe Story/" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra*) tintemm b'għeluq inċert u n-narratriċi nnifisha tibqa' ma tafx liema storja hija l-vera, jekk hux dik irrakkontata minn Adiam jew minn Marisa.

Naturalment mhux in-novelli kollha huma bla għeluq. Ngħidu aħna "Lura d-Dar fir-Ritratt ma' Bin Laden", "Wiċċ Jitbandal f'Wiċċ l-Ilma" u "Il-Għajnejn Ħodor ma Jiswewx Larinġa" jagħlqu bi tmiem traġiku ta' tliet żgħażagħ li jispiċċaw vittmi tal-forzi armati (Nabhan, *Lura d-Dar*). "Il-Kompliċi" u "Għadni Ġej minn Hemm" jintemmu bis-suwiċidju (Nabhan, *Lura d-Dar*) bħalma tintemm "Jien ix-Xhud" ta' C. Azzopardi (*Il-Linja l-Ħadra*). "Rasi ġol-Ilma" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra*) tagħlaq bi tmiem feliċi wara l-ħajja mqallba li jkollhom il-karattri. "Mort Naraha, Pa" (Mejlak, *Dak li l-Lejl*) mill-banda l-oħra tintemm b'nota iżjed qarsa billi qabel jaslu n-narratur u l-Ispanjola, il-missier jilħaq imut. "Destinazzjoni" (Nabhan, *Bejn Bejnejn*) fiha għeluq emozzjonanti billi l-mewt tal-protagonista jfisser ukoll ħajja għal ħaddieħor; tmiem Amàl huwa bidu ġdid għal tliet persuni li jieħdu l-organi tagħha. It-tmiem f'"Rita" (C. Azzopardi, *Kulħadd Ħalla*) fih għeluq iżda fl-istess ħin tinħass bidla fil-plott meta din tkun qiegħda tipprepara l-affarijiet biex tinżel Malta għall-funeral ta' missierha u fl-aħħar jerġa' jibdielha u tmur tneħħi l-ħwejjeġ mill-bagalja.

Il-volta fi tmiem ir-rakkont tispikka l-iżjed fin-novelli ta' Mejlak. Ħafna drabi, kollox ikun miexi lejn għeluq mod iżda fl-aħħar nett isseħħ xi ħaġa li ddawwar kollox u minn dak mistenni ma jiġri xejn. Ngħidu aħna t-tmiem ta' "Għandi Pjaċir" (*Qed Nistenniek*) iddawwar dak kollu li jkun bena f'moħħu l-protagonista, u Arthur minn tarbija jsir l-għarus tat-tfajla li jkun qiegħed jikkomunika magħha bl-SMS. L-istess jiġri f'"L-Ajruplan tal-Karti" (*Qed Nistenniek*) xħin fil-waqt li l-koppja żagħżugħa jkollha bżonn xi tip ta' sinjal li jżommhom flimkien, jaqa' l-ajruplan tal-karti u minflok imiss magħhom, jibqa' nieżel għal mal-art u t-tfajliet jibqgħu mingħajr is-"sinjal." Din is-sitwazzjoni tiddiżappunta saħansitra lill-kelb li jkun jgħix barra u li għall-ewwel jaħseb li l-ajruplan tal-karti hu xi ħaġa tal-ikel. "L-Ambaxxatriċi" (*Dak li l-Lejl*) tagħlaq

b'diżappunt għall-protagonista li jkun ilu jimmaġina li għamel xi ħaġa speċjali magħha u propju fi tmiem in-novella jiskopri li l-"klabb esklussiv" li jkun mingħalih li daħal fih ma jkun esklussiv xejn.

## 5.5. Udjenza ġdida

Il-kittieba ta' wara d-disgħinijiet kellhom kuntatt iżjed dirett mal-qarrejja tagħhom għax issa l-preżenza tal-awturi fuq l-internet qarrbet lill-qarrejja lejhom iżjed minn qatt qabel. Dan ma jfissirx li qabel il-kittieba ma kinux jiltaqgħu mal-qarrejja tagħhom iżda bid-dħul tal-internet u l-ħolqien tal-bloggs letterarji magħmula mill-kittieba, għamilha iżjed faċli li l-qarrejja jikkomunikaw mal-awturi saħansitra mill-kumdità ta' darhom. Għaldaqstant, l-awturi seta' jkollhom idea iżjed ċara ta' min huma l-qarrejja tagħhom għax filwaqt li qabel kienu jiltaqgħu mal-udjenza tagħhom f'xi serata letterarja, issa qegħdin jiltaqgħu magħhom b'kummenti pubbliċi jew privati fuq l-internet.

Fl-istess perjodu żdiedet id-drawwa tat-traduzzjoni u bosta kotba Maltin bdew jiġu tradotti f'ilsna barranin. Din it-tendenza kienet diġà bdiet fi żmien il-Moderni iżda bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, it-traduzzjoni żdiedet billi l-lingwa Maltija saret lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u flimkien ma' dokumenti uffiċjali, żdiedu t-traduzzjonijiet mal-pajjiżi Ewropej. Fuq kollox, il-kittieba Maltin bdew jidħlu f'kompetizzjonijiet letterarji Ewropej bħalma huwa l-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea li ntrebaħ minn erba' kittieba Maltin b'kitbiet bil-Malti: Immanuel Mifsud, Pierre J. Mejlak, Walid Nabhan u Lara Calleja. Barra minn hekk, Mejlak rebaħ il-premju letterarju internazzjonali Sea of Words bin-novella "Nixtieq Ngħajjat lil Samirah".

Dawn iż-żewġ fatturi bidlu d-dehra tal-udjenza f'moħħ il-kittieba (Schmid 301) għax issa l-udjenza ma għadhiex biss Maltija iżda saret dinjija. Il-qarrejja mhumiex biss persuni li jafu l-Malti iżda saru wkoll qarrejja li għalkemm il-Malti ma jifhmuhx, qegħdin jaqraw xorta l-istess rakkonti. Ngħidu aħna xi wħud mill-kotba ġew tradotti għal lingwi oħrajn li mhumiex Ewropej, fosthom *Kulħadd Ħalla Isem Warajh* ta' C. Azzopardi u *Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid* ta' Mejlak li minbarra li ġew tradotti għal lingwi Ewropej (mhux tal-Unjoni Ewropea), ġew tradotti wkoll għall-Għarbi. Dan ifisser li minbarra li bħala kitba qiegħda tappella għall-Maltin li huma wkoll qarrejja Ewropej, qiegħda tappella wkoll għal kulturi li huma differenti ħafna minn dawk li l-kittieba Maltin imdorrijin jiktbu fihom. Probabbilment, din kienet waħda mir-raġunijiet għaliex il-kittieba saru iżjed kożmopolitani fil-kitbiet tagħhom għax jafu li issa jridu jappellaw għal udjenzi ta' kulturi differenti.

Ir-referenzi għall-kultura popolari u t-teknoloġija diġitali jimplikaw udjenza żagħżugħa. Mill-banda l-oħra, l-arti meqjusa għolja msemmija f'bosta min-novelli timplika li dawn il-kittieba riedu jappellaw anki għal qarrejja li għandhom ċertu għarfien artistiku. Ir-rakkonti dwar il-politiċi jimplikaw qarrejja li huma ħielsa mill-affiljazzjonijiet politiċi, jew għall-inqas, li ma għadhomx daqstant ossessjonati b'dawn il-partiti bħal qabel. Id-deskrizzjonijiet grafiċi huma eżempju ta' kif il-letteratura qiegħda tqarreb dejjem iżjed lejn il-viżiv u dan għaliex il-qarrejja saru iżjed esposti għal dan il-materjal, kemm bit-televixin kif ukoll bl-internet.

Tinħass differenza bejn dak li qiegħed jinkiteb u s-soċjetà Maltija, u sussegwentement, il-qarrejja prospettivi. Filwaqt li jidher li l-kittieba Maltin ħadu attitudni kożmopolitana, is-soċjetà ma tidhirx li qiegħda tagħmel l-istess. Anki jekk l-immigrazzjoni żdiedet u iżjed ma jmur Malta qiegħda ssir dejjem iżjed metropolitana

u multikulturali, l-attitudni kożmopolitana għadha ma tinħassx daqstant fis-soċjetà Maltija. Is-sentiment ta’ “skadenza” f’xi argumenti li jseħħu f’xi novelli jista’ jimplika ġenerazzjoni żagħżugħa ġdida li tħares lejn il-barranin minn lenti differenti u għalhekk tama fil-ġenerazzjonijiet li jmiss.

## 5.6. Għeluq

L-era diġitali berrħet il-ħajja privata mad-dinja virtwali kollha. Din bdiet bid-dħul tal-internet u żviluppat għall-użu tal-media soċjali li kompliet tat pjattaforma lil kull min jixtieq jaqsam ħajtu online. Dan kollu jinħass fin-novelli mistħarrġa f’dan il-kapitlu billi l-awturi jinkludu temi li, minkejja li l-kittieba ta’ qabel kitbu dwarhom, dawn jittrattawhom b’mod iżjed apert u mingħajr ton ta’ ġudizzju. Ngħidu aħna t-tema tas-sess, preċiżament tas-sess qabel iż-żwieġ, mhijiex tema ġdida fil-letteratura, iżda l-grafiċità li biha C. Azzopardi tirrakkonta x-xewqat u l-gosti sesswali tal-mara, l-idea ta’ rapport sesswali okkażjonali u s-sesswalizzazzjoni ta’ ġisem il-mara mill-Ħarsa maskili b’diskors espliċitu fil-kitbiet ta’ Mejlak u Nabhan, huma eżempji ta’ kif il-letteratura Maltija qiegħda titħaddet b’mod iżjed miftuħ u f’iżjed dettall dwar din it-tema. Ir-rakkonti tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin tassew daħlu ’l ġewwa fil-privatezza tal-karattri u għalhekk fihom xeni skabrużi u moqżieża fosthom ta’ persuni jirremettu, problemi psikoloġiċi bħall-bulimija u d-dipressjoni li twassal għas-suwiċidju u l-vjolenza domestika u fiżika.

Ir-realiżmu ta’ dawn in-novelli jkompli joħroġ bl-immedjatezza tagħhom. Minbarra li jiffukaw fuq temi attwali, il-lingwaġġ użat huwa riflessjoni tal-vernakular tal-Maltin tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin. Il-preżenza tal-kliem Ingliż flimkien mal-użu ta’ idjoletti differenti u kliem u espressjonijiet vulgari jixhdu li dawn il-kittieba

jridu jiddokumentaw il-lingwa Maltija kif mitkellma mill-poplu tal-perjodu. Ir-referenzi kulturali jkomplu jitfgħu dawl fuq l-istil ta' ħajja taż-żmien li huma ambjentati fih, aspett ieħor li jkompli jagħmel ir-rakkonti iżjed realistiċi.

Xi wħud min-novelli jimxu mir-realtà għall-iperrealtà billi jirrakkuntaw stejjer reali fid-deskrizzjoni tagħhom iżda li għall-fini tal-verità tan-novella ma jseħħux tassew. Xi kultant ikunu riżultat ta' qerq mill-karattri nfushom bħal "Kolp ta' Stat" (Mejlak, *Dak li l-Lejl*), iżda kultant iseħħu biss f'moħħ il-karattri bħall-istejjer li jsawwar f'moħħu l-protagonista ta' "Il-Ġabbar" (Mejlak, *Qed Nistenniek*). Fuq kollox, uħud minn dawn in-novelli jitkellmu dwarhom infushom bħal "Silta minn Rumanz Ġdid" (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar*) u dan kollu flimkien mal-immedjatezza li tindika qtugħ mill-passat u konċentrazzjoni fuq il-preżent u t-taħlita tal-kultura għolja ma' dik popolari, huma indikazzjonijiet li dawn in-novelli, xi wħud iżjed minn oħrajn, huma xhieda tal-qagħda postmoderna.

# 6.

# Konklużjonijiet

Il-kittieba tan-novelli mistħarrġa jużaw diskors iżjed miftuħ meta jittrattaw ċerti temi u dan aktarx minħabba l-ftuħ ekonomiku, is-sħubija fl-Unjoni Ewropea u anki biż-żieda fil-libertà tal-espressjoni li tħeġġeġ lill-awturi joħolqu lingwaġġ ġdid. Jidher li hemm tliet elementi ewlenin li qegħdin jiddistingwu dawn in-novelli minn ta' qabilhom. L-ewwel kwalità hija l-influwenza Postmoderna li ressqet l-ambjentazzjoni tan-novelli lejn postijiet Maltin urbani u bliet kbar metropolitani. Il-karattri f'dawn ir-rakkonti saru iżjed individwalizzati u r-relazzjonijiet li jkollhom qed ikunu iktar effimeri. Fost ir-relazzjonijiet temporanji hemm "Dwal Żgħar fil-Bogħod", "Ir-Riħa ta' Totò" u "Is-Sajf tad-Disgħa u Tmenin" (Mejlak, *Qed Nistenniek*), "Isma' Tini l-Business Card Tiegħek!" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra*) u "Sandra" (C. Azzopardi, *Kulħadd Ħalla*).

It-tieni kwalità misjuba hija tal-attitudni kożmopolitana billi l-kittieba ma għadhomx jiffukaw biss fuq Malta u huma iżjed konxji li l-Maltin huma parti minn dinja ferm ikbar li teħtieġ tiġi rrakkuntata wkoll. Minkejja li kien hemm xi kittieba oħrajn li ġew qabel u li kitbu dwar postijiet barranin, il-maġġoranza tal-letteratura Maltija sad-disgħinijiet kienet għadha marbuta ma' Malta, speċjalment mar-raħal Malti. Filwaqt li l-Moderni jħossuhom xettiċi u saħansitra beżgħana mill-metropoli, l-awturi l-ġodda jħaddnuha bla riżervi. Din saret l-ambjent li fih iħossuhom komdi. Ma jfissirx li ma jlaqqgħux dak li hu lokali ma' dak li hu barrani, ngħidu aħna Mejlak jesponi l-kuntrasti bejn il-Maltin u l-barranin iżda bħala kittieb juri ċerta inklinazzjoni lejn dak li hu barrani. Il-preżenza tal-barranin f'Malta kibret sew bl-immigrazzjoni, kemm legali kif ukoll illegali u din toħloq tensjoni fis-soċjetà li Mejlak hu konxju tagħha u għalhekk joħloq rakkonti bħalma huwa "Il-Barranija" li propju jikxef it-tensjonijiet bejn persuni tal-lokal u dawk barranin.

It-tielet kwalità hija ż-żieda fil-protagonisti nisa. Filwaqt li t-tliet kittieba kollha għandhom protagonisti nisa f'xi ġabra jew oħra, C. Azzopardi hija l-iżjed waħda li timraħ fid-diskors dwar is-sess u l-ġeneru. Hija l-unika kittieba li l-maġġoranza assoluta tal-protagonisti tagħha huma nisa. Bil-ħolqien ta' dawn il-karattri donnha qiegħda tagħmel tajjeb għan-nuqqas li kien jeżisti fil-letteratura. F'*Kulħadd Ħalla Isem Warajh* hija tirrakkonta l-istorja ta' *kull* mara, minn "Sandra", żagħżugħa avventuruża, sa "Roża", anzjana li baqgħet magħluqa fir-raħal trabbi lil uliedha waħedha, u "Margaret", soru li ddedikat ħajjitha għar-reliġjon u għexet dejjem fid-dixxiplina u s-sagrifiċċju.

## 6.1. L-influwenzi Postmoderni

Filwaqt li hemm ħafna elementi li jpoġġu lill-kittieba u l-ġabriet ta' novelli magħżula f'kategorija differenti minn dawk Moderni, xorta hemm differenzi kbar bejniethom minħabba l-pożizzjoni li minnha qed jirrakkontaw u minħabba dak li qed jirrakkontaw. Il-Postmoderniżmu aktarx huwa r-raġuni għal dan għax filwaqt li hemm elementi li jsawru l-letteratura Postmoderna, jibqa' l-fatt li l-individwalizzazzjoni, fil-kumplessità u l-ironija kollha li ġġorr magħha, hija parti integrali mill-postmodernità. Għaldaqstant, id-differenzi bejn il-kittieba jistgħu jitqiesu bħala parti minn din l-individwalizzazzjoni postmoderna.

Fl-era postmoderna, is-sens viżiv huwa l-iżjed wieħed esperjenzat. F'kultura okulari, il-grafiċità qed tinħass iżjed fil-letteratura Maltija, anki jekk Ġużè Muscat Azzopardi kien grafiku fix-xeni ta' vjolenza li jiddeskrivi, issa l-grafiċità qiegħda f'kollox. Id-deskrizzjoni grafika turi kemm l-istampa viżiva ħadet prominenza fil-ħajja tal-bnedmin, xi ħaġa li qed tkompli tkun prominenti bid-diskors tal-frankezza li kiber

mażżieda fil-libertà tal-espressjoni. Dan it-tip ta' lingwaġġ ikompli jsaħħaħ id-deskrizzjoni grafika għax ma jippruvax jewfemizza sitwazzjonijiet skabrużi u jkompli jagħmel dawn in-novelli realistiċi billi d-diskors donnu joħroġ minn fomm il-poplu nnifsu tal-epoka li nkitbu fihom.

Kwalità Postmoderna oħra li tidher fit-tliet awturi hija t-taħlit tal-kultura l-għolja ma' dik popolari. C. Azzopardi u Mejlak huma l-iżjed li jinkludu referenzi għall-kultura popolari filwaqt li r-referenzi lejn il-kultura meqjusa għolja tinsab l-iżjed f'C. Azzopardi u Nabhan. Minbarra t-taħlit tal-kulturi, element postmodern ieħor huwa t-taħlit tal-fatti mal-finzjoni li fil-letteratura tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin jispikka fir-rakkonti politiċi. L-iżjed kittieba li jirreferu għal Malta ta' qabel id-disgħinijiet huma C. Azzopardi u Mejlak. Iżda anki bejn dawn iż-żewġ kittieba tinħass id-differenza għax filwaqt li Mejlak jambjenta novelli sħaħ f'dan il-perjodu u jsemmi bi skjettezza l-avvenimenti politiċi li kienu jiġru flimkien mal-ismijiet tal-kandidati u l-mexxejja tal-partiti, C. Azzopardi ssemmi biss episodji bħala memorja. Mejlak jagħmel il-kitba ġurnalistika letterarja f'"Dar ix-Xogħol" li rebħet il-premju "tal-Malta Journalism Award għall-aqwa użu tal-Malti fil-Ġurnaliżmu" (*Qed Nistenniek* 195).

Il-letteratura Postmoderna hija awtoriflessiva u din hija kwalità oħra li tinħass fin-novelli mistħarrġa, ngħidu aħna f'"Silta minn Rumanz Ġdid" li fiha l-qarrejja jibqgħu ma jafux jekk hijiex l-istorja tan-narratur jew inkella hijiex appuntu s-silta mir-rumanz il-ġdid (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar*). Xi kultant, l-awtoriflessjoni ssir bir-rakkonti ta' stejjer fir-rakkont innifsu. Wieħed mill-iżjed elementi postmoderni li jispikkaw fin-novelli ta' Mejlak huwa l-iperrealtà u t-taħlit ta' stejjer li fit-test ikunu qegħdin iseħħu veru u dawk li ma jkunux bħalma huma, fost l-oħrajn, "Fil-Bar ta'

Livia" u "Il-Ġabbar" (*Qed Nistenniek*) u "L-Ambaxxatriċi" u "Kolp ta' Stat" (*Dak li l-Lejl*).

Waħda mit-tekniki postmoderni hija n-nuqqas ta' letterarjetà użata bħala reżistenza għall-master narrative, teknika li kapaċi żżid is-sensibbiltà ta' "those who engage in social movements and the other forces that bring about real change" (Reed 9). Din is-sensibbiltà tidher fit-tliet awturi b'modi differenti. Fin-novelli ta' Mejlak jingħaddu kummenti dwar il-mod kif xi Maltin iħarsu lejn il-barranin, speċjalment Maltin ta' ġenerazzjonijiet ikbar, bħalma jidher fin-novella "Nixtieq Ngħajjat lil Samirah" u "Kolp ta' Stat" (*Dak li l-Lejl*). F'"Riħitu" hemm kumment simili iżda din id-darba l-karattru huwa żagħżugħ u sabiex issir enfasi dwar kemm din hija attitudni barra minn żmienha, iż-żagħżugħa titqabbel ma' "omm fitta, f'xi film black and white, li ma tridx lil bintha torqod ma' barrani kif ġieb u laħaq" (*Dak li l-Lejl* 45).

March-Russell josserva li n-novella Postmoderna ma tgħaddix ġudizzju u tirrifjuta l-awtorità. Huwa jiddeskrivi l-Postmoderniżmu bħala "indeċiż" (222) għax minflok jitlaq minn premessa deċiża, jibqa' sal-aħħar mingħajr deċiżjoni (223). March-Russell jargumenta li għalkemm il-Postmoderniżmu mhuwiex neċessarjament kontra l-ġudizzju, huwa kontra "the overdetermination of a founding principle" u minflok iħares lejn il-possibbiltajiet multipli li jeżistu (223). Fi kliem ieħor, il-Postmoderniżmu ma jippruvax jimponi twemmin partikolari u minflok joffri perspettivi differenti. Fin-novelli studjati ħafna drabi ma jingħadda l-ebda ġudizzju min-naħa tan-narraturi, speċjalment meta jkunu qegħdin jittrattaw temi tabù. March-Russell isejjaħ lil dawn it-tip ta' karattri "inexpressive" għax "the characters' words and actions do not seem to express something which is emotionally or intellectually felt; they do not seem to emanate from an inner, central or reasoning self" (228). Huwa jkompli

jargumenta li n-novella Postmoderna tiffavorixxi l-logħob bil-kliem minflok il-ġudizzju u meta jiġri hekk, din tkun qiegħda twarrab kull forma ta' awtorità, kemm jekk hi reliġjuża, patrijarkali, imperjali, jew saħansitra, letterarja (223). Din it-tip ta' awtorità qiegħda titwarrab fin-novella Maltija wkoll, anki jekk it-tliet awturi jiffukaw fuq it-twarrib ta' awtoritajiet differenti minn xulxin. Ngħidu aħna Mejlak iwarrab l-ideal nazzjonalista u jqarreb lill-qarrejja lejn sentimenti kożmopolitani. C. Azzopardi tiffoka l-iżjed fuq it-twarrib tal-patrijarkaliżmu u tisfida l-iżjed l-isterjotipi femminili. Nabhan jisfida l-politika dittatorjali u jirrakkonta stejjer dwar il-periklu ta' din it-tip ta' politika li kapaċi twassal saħansitra sal-mewt, ngħidu aħna f'"Wiċċ Jitbandal f'Wiċċ l-Ilma" u "Lura d-Dar fir-Ritratt ma' Bin Laden" (*Lura d-Dar*). Bħal Mejlak, f'xi novelli Nabhan jipprova jqarreb lill-qarrejja lejn sentimenti kożmopolitani, ngħidu aħna f'"Destinazzjoni" meta fi tmiem in-novella jwarrab kull element nazzjonalista u reliġjuża. Minkejja dan, f'xi novelli ta' Nabhan għadu jinħass element ta' ġudizzju, speċjalment fil-konfront tal-karattri femminili, fosthom fin-novelli msemmijin iżjed 'il fuq bħal "Miriam il-Bjonda" (*Leħen tal-Fuħħar*) u "Issa se Jgħidilha Żgur" (*Lura d-Dar*) li fihom il-mara hija rrappreżentata bħala xkiel għall-irġiel jew minħabba s-seduzzjoni, inkella bil-kontroll strett fuq il-karattri maskili.

Fin-novelli mistħarrġa jinsab lingwaġġ letterarju ġdid li jvarja minn dak użat mill-Moderni. Il-kittieba tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin użaw il-lingwaġġ ta' kuljum kif użat mill-poplu Malti, u xi kultant anki minn persuni barranin. Din tista' titqies bħala sfida lejn il-letteratura nnifisha (March-Russell 223) billi dan il-lingwaġġ inaqqas il-letterarjetà tan-novelli, karatteristika marbuta mal-arti meqjusa għolja. Ir-rakkont hekk isir iżjed realistiku u fl-istess ħin inaqqas mid-drammatiċità tiegħu li jinħass ukoll min-nuqqas ta' ġudizzju fin-novelli. Grima jħoss li n-nuqqas ta'

drammatiċità huwa element "ta' ħafna letteratura kontemporanja internazzjonali li tħoss il-ħtieġa li tirrakkonta stejjer diffiċli u kultant traġiċi mingħajr il-melodrammatiċità jew ir-romantiċiżmu li kapaċi jinstema' barra minn loku jew falz" ("Il-Linja l-Ħadra" 11). Il-mument tal-verità li Pratt tattribwixxi bħala wieħed mill-elementi li jsawru n-novella (182), ma jidhirx dejjem fin-novelli mistħarrġa għax mhux dejjem hemm l-inċident li jittrasforma l-ħajja tal-protagonista. Ngħidu aħna fin-novella "Il-Linja l-Ħadra", il-protagonista sempliċiment tivvjaġġa bit-tren, m'hemm l-ebda mument tal-verità jew trasformazzjoni fil-karattru u dan huwa sforz in-nuqqas ta' drammatiċità li jippermetti l-ispirtu postmodern.

In-nuqqas ta' drammatiċità fl-arti jinnutaha Baudrillard f'*The Conspiracy of Art* meta jsostni li l-arti Postmoderna ma baqgħetx tfittex "alternattiva drammatika għar-realtà" bħall-arti Moderna għax minħabba li d-dinja saret iperreali, l-arti fadlilha biss li ddur lejha nnifisha (26). Din tidher fin-novelli għax minbarra li wħud minnhom għandhom elementi iperreali, oħrajn jitkellmu dwar l-arti b'referenzi lejn l-arti popolari b'referenzi għall-kanzunetti u l-kantanti bħal Madonna u Kylie Minogue, kif ukoll b'referenzi għall-arti meqjusa għolja, speċjalment meta jissemmew kompożituri u pitturi bħal Schnittke u Modigliani. Fuq kollox, xi wħud min-novelli huma dwar il-letteratura nnifisha, ngħidu aħna "Silta minn Rumanz Ġdid" (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar*). In-nuqqas ta' drammatiċità jinħass ukoll fil-karattri nfushom speċjalment bin-numru ta' karattri bla isem, teknika użata l-iżjed minn Mejlak. Fis-soċjetà individwalista tal-lum jaf tidher barra minn lokha li karattru ma jkollux isem iżda fl-istess ħin, il-karattri bla isem, speċjalment meta jkunu protagonisti, jew saħansitra narraturi, donnhom jimmetamorfizzaw u jsiru kważi l-qarrejja nfushom u b'hekk, il-karattri jinħassu iżjed reali u l-individwalizzazzjoni ta' kull karattru tinħass xorta

waħda, anki jekk ma jkollux isem. Isem kapaċi jgħaddi ħafna informazzjoni lill-qarrejja, fosthom jista' jindika l-età u n-nazzjonalità u b'hekk, fl-assenza tiegħu, l-isem ikompli jnaqqas id-drammatiċità u jagħmel ir-rakkont iżjed universali.

Il-bnedmin qegħdin isiru iżjed individwalisti għaliex qegħdin jesperjenzaw il-ħajja waħedhom, neqsin minn interazzjoni ma' persuni oħrajn u anki fis-sens li sar hawn ħafna iżjed għarfien dwar l-importanza li l-persuni kollha jiġu vvalutati. Iżda fl-istess waqt, l-istess bnedmin qegħdin jintilfu fil-ħajja mgħaġġla li jgħixu: fit-traffiku, fil-ħwienet, fuq il-media soċjali, u dan kollu qiegħed jixħet lill-bnedmin f'anonimità li, ironikament, tagħmilhom parti minn sistema. L-ironija tal-mument tidher għaliex f'era mimlija għarfien dwar l-importanza li kulħadd iħossu "normali" fl-individwalizzazzjoni tiegħu, hekk ukoll l-individwi qegħdin jintilfu fit-"traffiku" tal-ħajja. Il-kakofonija tal-metropoli ħolqot tensjoni fil-ġenerazzjonijiet ta' qabel: il-kittieba Romantiċi tbiegħdu minnha, il-Moderni rawha seduċenti iżda beżgħu jersqu lejha, filwaqt li l-Postmoderni daħlu fiha b'ruħhom u ġisimhom tant li l-ambjent rurali sar kważi anomalu. Fin-novella ta' Mejlak, anki meta (xi drabi) jidher ir-raħal, id-deskrizzjoni rustika hija nieqsa għal kollox u, minflok, tidher dik il-parti l-inqas kampanjola tal-lokal.

Għaldaqstant, fuq naħa hemm il-karattri li jisfidaw is-sistema bħal f'"Nixtieq Ngħajjat lil Samirah" (Mejlak, *Dak li l-Lejl*), fuq in-naħa l-oħra nħolqu karattri Postmoderni li jaċċettaw is-sistema kif inhi, ma jiġġildulhiex, anzi jsiru parti minnha, bħal f'"Il-Linja l-Ħadra" meta l-protagonista ma tkunx trid titla' t-tren iżda titla' xorta waħda. Ir-realtà postmoderna ħolqot tip ta' karattru li jgħix ħajtu u daqshekk; ma jipprova jibdel xejn minn dak li hemm. Il-vittimizzazzjoni fin-novella miktuba mir-Realisti u l-Moderni ma għadhiex tinħass. Il-kundizzjoni Postmoderna la tiċċelebra l-eroj u lanqas l-antieroj; saret iżjed u iżjed sempliċiment parti żgħira mill-ħajja. Tant

hu hekk li wħud min-novelli ma jirrakkuntawx inċident imma jikkonċentraw biss fuq parti minnu. Ngħidu aħna f'"Is-Sajf tad-Disgħa u Tmenin" (Mejlak, *Qed Nistenniek*) il-karattri jiġu vaganza u jitilqu wara ftit u għalkemm jgħidu li ħa jerġgħu jiġu ma jirritornaw qatt. L-idea li jrid jiġri xi ħaġa mhijiex karatteristika li tidher dejjem u fost dawn in-novelli hemm "L-Ewwel Bajda" (Mejlak, *Qed Nistenniek*) li hija dwar persuna li ma tkunx taf tgħalli bajda u tfalli fl-ewwel tentattiv tagħha. Filwaqt li qabel il-qarrejja kienu jħarsu lejn l-eroj u l-antieroj b'empatija jew simpatija, il-protagonisti tas-seklu wieħed u għoxrin mhux kollha jqanqlu dawn l-emozzjonijiet. Hemm uħud min-novelli li huma impenjattivi fis-sens li jintrigaw lill-qarrejja emozzjonalment u joħolqu sens ta' empatija jew simpatija, ngħidu aħna "Nixtieq Ngħajjat lil Samirah", "Destinazzjoni" (Nabhan, *Bejn Bejnejn*) u "Għadni Ġej minn Hemm" (Nabhan, *Lura d-Dar*). Iżda hemm oħrajn li jibqgħu sempliċiment storja, individwi oħrajn li nkitbet l-istorja tagħhom bħalma nkitbet ta' oħrajn qabilhom, rakkonti li jqanqlu gost, b'karattri kkuluriti u interessanti iżda li malajr jintilfu fit-"traffiku" tal-istejjer l-oħrajn.

Donnu li l-kundizzjoni postmoderna ma tagħtix lok għal emozzjonijiet kbar, speċjalment mal-karattri, u l-qarrejja sempliċiment jaċċettaw is-sitwazzjoni tal-ħajja li tibqa' għaddejja. Bil-media soċjali, dan il-fenomenu jinħass ħafna iżjed għax kontinwament ifiġġ materjal ġdid li jnessi lil dak ta' qablu. Din it-tip ta' aljenazzjoni mill-media tinħass f'"Polaroids għal Ommi – The Quays Bar (Dublin)" li fiha Sophie filli qiegħda taqbżilha demgħa u filli qiegħda tiżfen. Il-bidla fil-burdata ta' Sophie turi kif il-media kapaċi taljena lil dak li jkun billi din filli tkun imdejqa b'dak li jkun qiegħed jiġri lill-baliena u f'daqqa waħda taqbad tkanta u tiżfen mal-kanzunetta *Hung Up*. Dawn l-emozzjonijiet li jinbidlu f'ħakka t'għajn huma xhieda tat-teknoloġija li saret parti integrali minn ħajjitna. Bit-teknoloġija, il-bnedmin għandhom aċċess għal ħafna

iżjed informazzjoni tant li ma jkunux jafu ma' xiex se jaqbdu jlaħħqu u dan jirrifletti anki fit-taqlib emottiv.

L-awturi tal-lum donnhom ma jissottoskrivu għall-ebda ideoloġija u bħal daħlu huma wkoll fl-era teknoloġika, postmoderna, metropolitana, globalizzata – era ta' osservazzjoni mingħajr emozzjonijiet kbar. Xi wħud mir-rakkonti huma dwar sitwazzjonijiet li normalment iqanqlu emozzjonijiet ta' dwejjaq jew rabja, iżda meta l-karattri jiġu wiċċ imb wiċċ magħhom, dawn jibqgħu kalmi. Din il-kalma tidher fost l-oħrajn f'"Dar ir-Rummien" meta n-narratur jitkellem dwar il-mewt ta' ommu bi bruda kbira: "ħajti kienet differenti minn dik ta' sħabi. Mhux għax ommi mietet żgħira. Dik affettwatni u le, għax id-differenza, fil-verità, ma fhimtha qatt" (Mejlak, *Dak li l-Lejl* 158) u f'"Mort Naraha, Pa" il-protagonista jmur ifittex lil dik il-mara li missieru "dam jara – bil-moħbi t'ommi – għaxar snin" (Mejlak, *Dak li l-Lejl* 59). M'hemm l-ebda akkuża jew ġudizzju lejn l-adulterju li jkun iwettaq missieru, anzi, in-narratur imur jaraha biex jirringrazzjaha talli għamlet lil missieru kuntent (59) u saħansitra jsejħilha "l-Ispanjola ta' missieri" (61).

Ir-rakkont li jittratta l-mard mentali huwa nieqes mid-drammatiċità wkoll. Għalkemm illum, forsi iżjed minn qatt qabel, hawn l-għarfien dwar is-saħħa mentali, il-mod kif inhi rrappreżentata fin-novelli hija differenti minn kif kienet tiġi rrakkuntata qabel. F'dawn in-novelli hemm eżempji ta' kundizzjonijiet mentali bħall-bulimija, id-dipressjoni u s-suwiċidju, iżda mhumiex ittrattati bid-drammatiċità li ttrattaw l-istess temi l-Moderni bħalma jiġri fir-rakkonti ta' Paul P. Borg ngħidu aħna, jew f'rumanzi bħal *Samuraj* ta' Frans Sammut, li jintemm bis-suwiċidju tal-protagonista f'nofs l-għalqa, suwiċidju li jseħħ fl-apert u li hu l-qofol u l-għeluq tar-rumanz kollu. F'"Jien ix-Xhud" (C. Azzopardi, *Il-Linja l-Ħadra*) is-suwiċidju jseħħ fil-kamra tas-sodda; mhux

talli jseħħ ġo dar privata, talli jseħħ ġol-iżjed kamra privata tad-dar. Fuq kollox, anki f'dan il-każ, il-ħajja kompliet; in-narratriċi qiegħda tirrakkonta l-istorja wara li jseħħ dan is-suwiċidju. Is-suwiċidju f'*Samuraj* qiegħed iseħħ ġo raħal żgħir, magħluq, u għalhekk it-traġedja tinħass iżjed minn meta jseħħ f'post metropolitan, bħalma qegħdin ikunu ambjentati bosta min-novelli tal-bidu tas-seklu wieħed għoxrin, għax f'dan it-tip ta' ambjent jiġru wisq affarijiet fih u l-emozzjonijiet jintilfu faċilment.

## 6.2. Il-barranin fil-letteratura Maltija

Fit-tliet kittieba hemm preżenza qawwija ta' barranin iżda l-mod kif qiegħda tiġi ttrattata din it-tema hija differenti ħafna bejniethom. Mit-tliet awturi, Mejlak huwa l-iżjed wieħed Kożmopolitan fl-ambjentazzjoni tan-novelli. Huwa jlaqqa' l-karattri Maltin ma' oħrajn barranin, ngħidu aħna fi "Dwal Żgħar fil-Bogħod" (*Qed Nistenniek*) żewġ ġuvinturi Maltin jiltaqgħu ma' tfajliet barranin f'Ios  u "Dar ir-Rummien" (*Qed Nistenniek*) minbarra li hija d-dar ta' familja mħallta, hija wkoll guesthouse li tilqa' l-artisti barranin. Mejlak ipoġġi lill-karattri Maltin f'ambjent li huwa barrani, pereżempju l-protagonista ta' "Kolp ta' Stat" (*Dak li l-Lejl*) huwa Malti li jgħix Pariġi u li qiegħed jirrakkonta storja li sseħħ (jew taparsi sseħħ) il-Malawi  u f'"L-Appartament l-Ieħor" (*Qed Nistenniek*) il-karattru Malti qiegħed Ruma. Huwa jimporta l-karattri barranin u jinfilsahom fl-ambjent Malti, anki fi rħula rurali, bħal "Il-Barranija" (*Dak li l-Lejl*) li ssib post f'raħal ċkejken f'Malta  u "Ir-Riħa ta' Totò" (*Qed Nistenniek*) li hija dwar it-Taljani li jmorru jfittxu ż-żejt f'raħal Għawdxi. Imbagħad hemm novelli oħrajn li huma dwar karattri barranin li jgħixu barra minn Malta u li ma għandhom l-ebda rabta ma' Malta, ngħidu aħna "Nuria Angels Barrera" (*Dak li l-Lejl*), "L-Ajruplan tal-Karti", "Myslovitz" u "Ċesarja" (*Qed Nistenniek*) huma novelli li kemm l-ambjent kif ukoll il-karattri huma kollha barranin u ma għandhom l-ebda rabta ma' Malta. Imbagħad hemm oħrajn li

fihom jew l-ambjent, jew il-karattri huma anonimi. Ngħidu aħna, f'"Myslovitz" m'hemmx indikat f'liema pajjiż qed isseħħ l-istorja iżda żgur li mhux Malta: "ftakar meta raha l-ewwel darba fil-park, f'dak il-jum xemxi u sħun li bħalu f'beltu jkun hemm biss ftit" (59-60), filwaqt li l-karattri għandhom ismijiet ta' persuni li ġejjin minn pajjiżi differenti: Zsofi, Pawel, Tomek, Agnieszka, Peter, Luca, Martina, Janek u Jacek. F'"Ċesarja" il-qarrejja jsiru jafu li l-ambjent huwa l-Polonja iżda n-nazzjonalità tar-raġel ma tiġix identifikata. L-unika informazzjoni dwar ir-raġel hija li jaf jaqra bit-Taljan. Dawn huma l-karatteristiċi li jagħmlu lil Mejlak l-iżjed wieħed Kożmopolitan mill-kittieba kollha għax huwa jinkludi karattri ta' nazzjonalitajiet differenti f'rakkonti li jseħħu f'pajjiżi differenti. Barra minn hekk, f'Mejlak jispikka l-iżjed l-ambjent Ewropew. Il-karattri aktar milli huma Maltin jew barranin, ħafna drabi huma Ewropej u din tirrifletti r-realtà tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea li bis-saħħa t'hekk, fl-2004, il-Maltin kollha saru wkoll ċittadini Ewropej.

In-novella l-ġdida tlaqqagħna ma' realtà ġdida fil-letteratura Maltija li bilfors kellha tħalli effett sostanzjali. L-ewwel, l-emigrazzjoni tal-kittieba Maltin, bħal fil-każ ta' Mejlak, Alex Vella Gera u Loranne Vella fost oħrajn, kittieba li bdew jirrakkuntaw l-"hemm barra" bil-lingwa ta' "hawn ġew". Imbagħad, minħabba l-oriġini tiegħu, Nabhan introduċa realtà ġdida oħra fil-letteratura Maltija: il-letteratura bil-Malti ta' dawk li ġejjin minn inħawi oħrajn. F'dan il-każ partikolari fil-letteratura bil-Malti tfeġġ il-ħarsa lejn id-dinja Għarbija li minkejja l-prossimità ġeografika u kulturali, kienet titqies b'aljena jekk mhux ukoll ippreġudikata. Fin-narrattiva tiegħu Nabhan beda jinkludi protagonisti Għarab u rakkonti ambjentati f'pajjiżi tal-Lvant u l-Afrika ta' Fuq. L-iżjed pajjiż barrani li fih jambjenta n-novelli tiegħu huwa l-Ġordan u ħafna drabi l-protagonisti huma Palestinjani li jitilqu minn pajjiżhom minħabba l-gwerra, fosthom

“Mar-Re” (*Leħen tal-Fuħħar*) u “Carbon Monoxide” (*Bejn Bejnejn*) li t-tnejn huma ambjentati fil-Ġordan, u “Il-Għajnejn Ħodor ma Jiswewx Larinġa” (*Lura d-Dar*) li hija dwar Palestinjan li jgħix Malta iżda li jispiċċa jmut waqt protesta fil-Palestina. Fir-rakkonti ta’ Nabhan tinħass ħafna d-diaspora, l-imħabba u l-kritika lejn il-pajjiżi, ħafna drabi Għarab, li l-protagonisti jaħarbu minnhom. Minħabba f’hekk, iżjed iva milli le, dawn il-protagonisti jispiċċaw fi kriżi ta’ identità għax ma jħossuhom parti mill-ebda nazzjon. It-titlu tal-iżjed ktieb bikri tiegħu jixhed ix-xewqa tar-ritorn li ma jseħħx. *Lura d-Dar u Ġrajjiet Oħra li ma Ġrawx* jindika li “lura d-dar” ma marx u hija appuntu waħda mill-ġrajjiet li ma ġrawx. Iżda l-fatt li qiegħed jirreferi għal dan il-post bħala d-“dar”, jindika li, fil-verità, ilu kemm ilu jipprova jfittex dar xi mkien ieħor, (u għalhekk, postu fis-soċjetà u identità ġdida), ma rnexxilux għax daru qiegħda xi mkien ieħor. Il-karattri tiegħu, iduru kemm iduru pajjiżi u postijiet, għandhom il-ġerħa ta’ pajjiżhom li mhix tħallihom isibu posthom. F’“Għadni Ġej Minn Hemm”, Emad jikkummenta dwar il-fatt li qatt ma kien fil-post it-tajjeb: “Għax jien kull fejn kelli nersaq ħrabt, u kull fejn kelli naħrab dħalt, u kull fejn kelli nkun qatt ma kont, u fejn kont inkun, qatt ma kelli nkun” (*Lura d-Dar* 12).

Filwaqt li l-awturi nattivi Maltin qegħdin jitilqu lill-pajjiż anki f’sens kulturali biex iħaddnu ċittadinanza aktar kożmopolitana, Nabhan huwa l-awtur tal-bnedmin li ma għandhomx belt jew raħal jew pajjiż tant li f’“Ir-Raġel tal-Kappell” jirreferi għal wieħed mill-karattri bħala “raġel imsiefer minn dejjem” (*Bejn Bejnejn* 65). Dan ifisser li dan il-karattru ma għandux nazzjonalità iżda minn meta twieled dejjem ivvjaġġa minn pajjiż għal ieħor. Xi individwi jibqgħu ttormentati għax jibqgħu jħossuhom maqsumin bejn is-soċjetà li qegħdin jagħmlu parti minnha u dik il-kultura li jħallu warajhom meta jitilqu. F’“Bejn Bejnejn”, in-narratur jgħid li l-pajjiż fejn twieled huwa parti minn laħmu.

It-torment jinħass f'din in-novella meta jistaqsi x'se jiġri wara mewtu, jekk hux se jibqa' jiġi ppersegwitat mill-Palestina wara li jmut ukoll: "kif se jilqgħak it-trab mingħajr m'għandek Palestina? U x'se taqbad tlaqlaq? Kelli u tliftha?" (*Bejn Bejnejn* 85). Għan-narratur ta' "Bejn Bejnejn", in-nazzjonalità u l-persuna ma tistax tifridhom faċilment u jistaqsi għaliex l-Istorja tal-bnedmin hija mibnija fuq il-ġeografija meta mhux kulħadd għandu post ġeografiku li jista' jagħtih identità. Il-mistoqsijiet retoriċi li jagħmlu ta' spiss in-narraturi ta' Nabhan, speċjalment quddiem il-kriżi ta' identità li sikwit jiffaċċjaw, jagħmlu lil dan il-kittieb l-iżjed wieħed filosofiku fost it-tliet kittieba magħżula.

C. Azzopardi hija l-iżjed waħda li baqgħet marbuta mal-ambjent Malti. Ma baqgħetx ikkakkmata mal-ambjent rurali bħalma kienu l-kittieba ta' qabel iżda mxiet lejn l-ispazji urbani. Fuq kollox, hija kittieba tan-nisa. Hija stess, waqt intervista mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, tikkummenta dwar il-bżonn li kien hawn f'Malta għal rakkonti dwar in-nisa min-nisa (Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb). Minkejja li l-maġġoranza tan-novelli ta' C. Azzopardi huma ambjentati f'Malta, ma jfissirx li dawn il-karattri nfushom huma marbutin mal-art Maltija biss, li ma jsifrux u li ma jitħalltux ma' persuni barranin. F'diversi novelli miż-żewġ ġabriet tagħha jinstabu każi ta' karattri barranin li b'xi mod jitħalltu ma' oħrajn lokali.

Min-novelli tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin li ġew analizzati, l-iżjed awtur li esplora l-ambjent barrani u r-relazzjoni tas-soċjetà Maltija ma' persuni barranin huwa Mejlak. Nabhan, bħal Mejlak, ukoll jesplora dawn iż-żewġ aspetti iżda jiffoka ħafna fuq id-diaspora. C. Azzopardi qiegħda tiffoka fuq il-Mara Maltija iżda fil-kitba tagħha jissemmew aspetti barranin li għalkemm mhumiex daqstant f'dettall, l-implikazzjoni li

l-Mara Maltija qiegħda tgħix f'pajjiż li huwa parti minn dinja ħafna usa' hija evidenti fil-kitbiet tagħha.

## 6.3. Is-sess u l-ġeneru

Id-direzzjoni li ħadet in-novella Maltija l-ġdida mhijiex biss li qed tinkludi rakkonti dwar nisa emanċipati li jafu sew xi jridu minn ħajjithom iżda li huma wkoll komdi bis-sesswalità tagħhom u ma jiddejqux jgħixuha. Fil-letteratura ta' qabel, anki f'dik Moderna, kienu l-irġiel li jgħixu din il-ħajja u jekk kienet tgħixha mara, is-soċjetà kienet tħares lejha b'ġudizzju u saħansitra n-narrazzjoni stess kienet tikkastigaha.

F'*Kulħadd Ħalla Isem Warajh* C. Azzopardi tirrakkonta *lill*-mara fit-totalità tagħha u *bil*-vuċi tagħha stess. Hija tagħti aġenzija lill-karattri nisa li l-maġġoranza tagħhom għandhom kontroll totali fuq ħajjithom u jieħdu inizjattiva. B'diwi tal-Femminiżmu tat-tielet mewġa, hija tirrakkonta x-xewqat u l-gosti sesswali tal-mara u ma tiddeskrivix lill-irġiel li jkollhom x'jaqsmu magħhom. Eżempju eċċellenti ta' dan hija "Sandra" li fiha hemm deskrizzjoni ddettaljata tar-rapporti sesswali li jkollha l-protagonista ma' rġiel differenti mingħajr deskrizzjoni ta' kif jidhru dawn il-persuni (*Kulħadd Ħalla*). Barra minn dan, C. Azzopardi tittratta wkoll it-tema tal-omosesswalità u t-transesswalità f'*Il-Linja l-Ħadra*, tema li l-Femminiżmu tat-tielet mewġa kienet voċiferu ħafna fuqha, speċjalment fejn jidħlu d-drittijiet LGBTIQ+ u l-problematizzazzjoni tas-sess u l-ġeneru.

Fir-rakkonti ta' Mejlak ukoll hemm eżempji ta' karattri nisa li għandhom aġenzija, ngħidu aħna "L-Ambaxxatriċi" (*Dak li l-Lejl*). Hemm eżempju ta' żewġ nisa omosesswali f'"L-Ajruplan tal-Karti" u f'"Il-Ħalliel tal-Umbrelel" hemm deskrizzjoni ta'

masturbazzjoni minn karattru femminili. Madanakollu, kemm Mejlak kif ukoll Nabhan ma jirnexxilhomx jaħarbu l-Ħarsa maskili u din jixhduha d-deskrizzjonijiet li jagħtu tal-ġisem tal-mara, speċjalment l-enfasi fuq sidirha bħalma jidher f'"Il-Barranija" (Mejlak, *Dak li l-Lejl*) u "Miriam il-Bjonda" (Nabhan, *Leħen tal-Fuħħar*). Fi wħud mir-rakkonti ta' Nabhan hemm elementi sessisti u maskilisti, fosthom f'"Issa se Jgħidilha Żgur" (*Lura d-Dar*). Din in-novella tiftaħ b'kumment dwar in-nisa li "ma jaslux, jgħidu u jheddu li jagħmluha imma ma għandhomx il-kuraġġ daqs l-irġiel" (63) li jtemmu ħajjithom, kif jiġri f'żewġ rakkonti oħra fl-istess ġabra li fihom każ ta' raġel li jwettaq suwiċidju. Il-mara ta' dan ir-rakkont, omm il-ġuvni, hija deskritta bħala waħda li tikkontrolla d-dar u l-familja kollha tant li minbarra li tikkmanda lilu, lil binha, tikkmanda wkoll lill-missier u għalhekk, il-missier huwa deskritt bħala: "inkwatru fejn idendluh joqgħod" (64) u "Missier taparsi" (65). Fuq kollox, il-mara, jew aħjar, *kull* mara, hija deskritta bħala "nassa": "Ma kienx jaf li f'kull mara hemm nassa jisimha l-mara" (65).

Xi wħud min-novelli ta' Nabhan jirriduċu lin-nisa għall-prokreazzjoni fosthom f'"Silta minn Rumanz Ġdid" meta n-narratur jirrakkonta l-istorja tat-twelid tiegħu u kif minkejja t-twissijiet tat-tobba, ommu tagħżel li "tpartat ħajjitha ma' tiegħi. Basta tgħaddi minn dik il-fażi li n-natura fasslitha għaliha" (*Leħen tal-Fuħħar* 83-4), donnu jekk mara ma jkollhiex tfal se tkun falliet lin-natura tagħha nnifisha. Tant hu hekk li n-narratur mhuwiex ċert jekk ommu tagħżilx li jkollha lilu għax tħobbu jew inkella "għaliha nnifisha, biex issikket dak l-għajjat intern tan-natura femminili li jħalli mara fil-quċċata ta' ġmielha teqred lilha nnifisha" (84). Dan id-diskors sterjotipat dwar in-nisa u l-irġiel miġjuba fl-eżempji t'hawn fuq jikkuntrastaw mal-mod kif inhuma deskritti n-nisa, pereżempju, f'"Sandra" ta' C. Azzopardi, li fiha r-raġel huwa l-persuna li jixtieq

isir missier filwaqt li l-mara "*qatt* ma ridt insir omm" (*Kulħadd Ħalla* 21; enfasi miżjuda).

## 6.4. L-Għeluq

Dan l-istudju ħares biss lejn ġeneru wieħed ta' letteratura Maltija li qiegħda tinkiteb fil-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin. Għaldaqstant, iridu jiġu analizzati forom oħrajn sabiex jiġi deċiż jekk dawn il-kwalitajiet humiex qegħdin jidhru f'ġeneri oħrajn bħat-teatru u l-poeżija.

Din ir-riċerka ffukat fuq in-novelli ta' tliet awturi partikolari biss, iżda hawn bosta awturi oħrajn li qegħdin jiktbu n-novelli f'dan il-perjodu, b'uħud li għadhom jiktbu bi stil tradizzjonali bħalma jagħmel Toni Abela fil-ġabra riċenti tiegħu *L-Imxennqa għall-Ġiżirana u Stejjer Oħra*. Dawn il-kittieba għadhom iridu jiġu analizzati sabiex jiġu stabbiliti l-iżviluppi tekniċi u tematiċi ta' novelliera oħrajn, fosthom ta' dawk li kienu jiktbu fil-perjodu Modern u li baqgħu jippubblikaw ir-rakkonti tagħhom fil-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin bħal Alfred Sant.

Dan mhuwiex studju komparattiv u għaldaqstant ma jevalwax in-novella lokali b'paragun ma' dik kontemporanja barranija. Għalkemm in-novelli ġew analizzati minn lenti Postmoderna, Kożmopolitana u Femminista tat-tielet mewġa bħala l-iżjed tliet kurrenti li affettwaw il-letteratura f'dan il-perjodu, ma jfissirx neċessarjament li l-letteratura lokali mxiet paripassu ma' dik barranija. Studju komparattiv jista' jixħet aktar dawl fuq il-partikolaritajiet tan-novella l-ġdida bil-Malti.

Fil-ġabriet studjati ma hemmx inkluża l-letteratura tal-fantaxjenza, il-ġeneru tal-fantasija u lanqas il-kitba polizjeska. Għalkemm il-letteratura lokali għadha pjuttost fqira f'dawn l-oqsma għandu mnejn li x-xenarju jinbidel minħabba l-preżenza qawwija ta' films u episodji serjalizzati fuq stazzjonijiet bħal Netflix u HBO. Il-letteratura gay, bħala qasam speċifiku, ukoll għad trid tieħu sew fil-letteratura Maltija, aktar u aktar fir-realtà riċenti ta' bidliet kbar fil-leġiżlazzjoni lokali tad-drittijiet ċivili.

# **Biblijografija**


Abela, Toni. *L-Imxennqa għall-Ġiżirana u Stejjer Oħra*. Kite, 2022.

Adiseshiah, Siân u Rupert Hildyard. “Introduction: What Happens Now.” *Twenty-First Century Fiction: What Happens Now*, Palgrave Macmillan, 2013, pp. 1-14.

Adorno, Theodor W. “On Popular Music.” *Cultural Theory and Popular Culture: A Reader*, editjat minn John Storey, it-tieni edizzjoni, Georgia UP, 1998, pp. 197-209.

Aljunied, Khairudin. *Muslim Cosmopolitanism*. Edinburgh UP, 2017.

Allardice, Lisa. “Nobel prizewinner Alice Munro: 'It's a wonderful thing for the short story'”. *The Guardian*, 6 Diċ. 2013. https://www.theguardian.com/books/2013/dec/06/alice-munro-interview-nobel-prize-short-story-literature. Aċċessat f’Awwissu, 2022.

Allen, Graham. *Intertextuality*. It-tielet edizzjoni, Routledge, 2022.

Anheier, Helmut K. u Mark Juergensmeyer. “Americanization.” *Encyclopedia of Global Studies*, editjat minn Helmut K. Anheier u Mark Juergensmeyer, Sage Knowledge, 2012.pp. 63-4.

Appiah, Kwame Anthony. *The Ethics of Identity*. Princeton UP, 2005.

Arċidjoċesi ta' Malta. *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*. 1993.

Ashcroft, Bill. *On Post-Colonial Futures: Transformations of Colonial Culture*. Continuum, 2001.

Ashcroft, Bill, Gareth Griffiths u Helen Tiffin. *The Empire Writes Back: Theory and Practice in Post-Colonial Literatures*. It-tieni edizzjoni, Routledge, 1989.

Attard, Josette. *Storja tal-Estetika Maltija*. Malta UP, 2011.

Azzopardi, Clare. *Castillo*. Merlin, 2018.

—. *Il-Linja l-Ħadra*. Merlin, 2006.

—. *Kulħadd Ħalla Isem Warajh*. Merlin, 2014.

—. *L-Interdett taħt is-Sodda*. Merlin, 2010.

Azzopardi, Mario. *Tabernakli*. Aquilina, 1979.

Barry, Eloise. "The State of Abortion Rights Around the World." *Time.* Mej. 2022. https://time.com/6173229/countries-abortion-illegal-restrictions/. Aċċessat f'Lulju, 2022.

Baudrillard, Jean. *Simulation and Simulacra*. Tradott minn Sheila Faria Glaser, Michigan UP, 2010.

—. *The Conspiracy of Art: Manifestos, Interviews, Essays*. Editjat minn Sylvère Lotringer, tradott minn Ames Hodges, Semiotext(e), 2005.

—. *The Gulf War Did Not Take Place*. Tradott minn Paul Patton. Indiana UP, 1995.

Bauman, Zygmunt. *Community: Seeking Safety in an Insecure World*. Blackwell Publishers, 2001.

—. *Strangers at Our Door*. Edizzjoni E-book, Polity, 2006.

Baumbach, Sibylle. "Rooting 'New European Literature': A Reconsideration of the European Myth of the Postnational and Cynical Cosmopolitanism." *Cosmopolitanism and the Postnational: Literature and the New Europe*, editjat minn César Domínguez u Theo D'haen, Brill Rodopi, 2015, pp. 55-74.

BBC News. "Rebel Wilson on Weight Loss, Health and Fertility - BBC News." *Youtube.* Diċ. 2021. https://www.youtube.com/watch?v=eyKm2OuD-s0&ab_channel=BBCNews. Aċċessat f'Lulju, 2022.

Beauvoir, Simone de. *The Second Sex*. Tradott minn H. M. Parshley, Jonathan Cape, 1953.

Beck, Ulrich. “Multiculturalism or Cosmopolitanism: How Can We Describe and Understand the Diversity of the World?” *Social Sciences in China*, vol. 32, nru. 4, 2011, pp. 52-8.

—. “Rooted Cosmopolitanism: Emerging from a Rivalry of Distinctions.” *Global America? The Cultural Conseuences of Globalization*, editjat minn Ulrich Beck,et al., Liverpool UP, 2003, pp. 15-29.

—. *The Cosmopolitan Vision*. Tradott minn Ciaran Cronin, Polity Press, 2006.

Benedict, Anderson. *Imagined Communities: Reflections on the Origin and Spread of Nationalism*. Verso, 2006.

Bentley, Nick. “Special Topic 1: Rewriting National Identities in 1990s British Fiction.” *The 1990s: A Decade of Contemporary British Fiction*, editjat minn Nick Hubble, et al., Bloomsbury, 2017, pp. 67-94.

Berry, J. W. “Globalisation and Acculturation.” *International Journal of Intercultural Relations*, vol. 32, 2008, pp. 328-36.

Bertens, Hans. “The Debate of Postmodernism.” *International Postmodernism: Theory and Literary Practice*, editjat minn Hans Bertens u Douwe Fokkema, John Benjamins Publishing, 1997, pp. 3-14.

Bevilacqua, Alexander. “Conceiving the Republic of Manking: The Political Thought of Anacharsis Cloots.” *History of European Ideas*, vol. 38, nru. 4, 2012, pp. 550-69.

Beville, Maria. “Zones of Uncanny Spectrality: The City in Postmodern Literature.” *English Studies*, vol. 94, nru. 5, 2013, pp. 603-17.

Boissevain, Jeremy. *Factions, Friends and Feasts: Anthropological Perspectives on the Mediterranean*. Berghahn Books, 2013.

—. *Saints and Fireworks: Religion and Politics in Rural Malta*. The Anthlone Press, 1965.

Bonnici, Joseph u Michael Cassar. *A Chronicle of Twentieth Century Malta*. Book Distributors, 2004.

Borg, Joseph P. "Kelmtejn Qabel." *In-Novelli Klassiċi Maltin* ta' Ġużè Bonnici. L-Għaqda tal-Malti – Università, 2007, pp. xiii-xiv.

Borg, Paul P. *Dal-Lejl Ġie Alla; Rajt 'l Alla Jibki: Żewġ Rumanzi*. Klabb Kotba Maltin, 2007.

Boxall, Peter. *Twenty-First Century Fiction: A Critical Introduction*. Cambridge UP, 2013.

Brancacci, Aldo. "Aristotele e Diogene il Cinico." *Peitho*, vol. 11, nru. 1, 2020, pp. 67-82.

Briffa, Charles. "Is-Sengħa tal-Kitba f'Beżgħat." *Beżgħat* ta' Paul P Borg, Klabb Kotba Maltin, 2022, pp. vii-ix.

Briguglio, Michael. "Malta's Labour Party and the Politics of Hegemony." *Socialism and Democracy*, 2010, pp. 213-26.

Bučić, Suzanna. "Transgender Women are Women." *Young Feminist Europe*, Aww. 2020. https://www.youngfeminist.eu/2020/08/transgender-women-are-women/. Aċċessat f'Lulju, 2022.

Burgmann, Verity. "Cosmopolitanism and the Labour Movement." *Social Alternatives*, vol. 34, nru. 1, 2015, pp. 39-44.

Butler, Christopher. *Post-Modernism: A Very Short Introduction*. Oxford UP, 2002.

Butler, Judith. *Gender Trouble: Feminism and the Subversion of Identity*. Taylor & Francis e-Library, 2002.

—. *Undoing Gender*. Routledge, 2004.

Campbell-Kelly, Martin u Daniel D. Garcia-Swartz. "The history of the internet: The missing narratives." *Journal of Information Technology*, vol. 28, nru. 1, 2013, pp. 18–33.

Cardona, Elena. *L-Ambigwità tat-Tieni Persuna*. 2014. L-Università ta' Malta, teżi tal-B.A.

Caruana Dingli, Petra u Clare Vassallo. “Confronting the Challenge: Innovation in the Regulation of Broadcasting in Malta.” Today Public Policy Institute, 2014.

Caruana Galizia, Paul. *The Economy of Modern Malta From the Nineteenth to the Twenty-First Century*. Palgrave Macmillan, 2017.

Casingena, Claire. *Hitting Heavens High: A Study of Ecstacy and Rave Culture*. 2008. L-Università ta' Malta, teżi tal-B.A.

Cassar Pullicino, Ġużè. “Ġużè Ellul Mercer: Il-Kitbiet Soċjali Bikrija u l-Iżvilupp tal-Personalità Letterarja.” *Il-Kitbiet Miġbura: Novelli Soċjali u Kitbiet Oħra* ta’ Ġużè Ellul Mercer, l-ewwel ktieb, Klabb Kotba Maltin, 1985, pp. v-xlv.

Cassar, Antoine. “Malta's Jonah Complex by Antoine Cassar.” *Literature Across Frontiers.* https://www.lit-across-frontiers.org/transcript/maltas-jonah-complex-by-antoine-cassar/. Aċċessat f’Diċembru, 2021.

Cassar, Audrey. *Rave Culture and Ecstasy Use*. 1999. L-Università ta' Malta, Dip. Youth Studies.

Cassar, Mario. “Mill-Impenn għall-Menefregiżmu: L-Evoluzzjoni tal-Protagonist Letterarju Malti.” *Il-Malti: Rivista tal-Akkademja tal-Malti*, vol. LXXVII, 2005, pp. 98-116.

Castells, Manuel. *The Rise of the Network Society*. The Information Age: Economy, Society, and Culture, l-ewwel volum, Wiley-Blackwell, 2010.

Cheah, Pheng. “Cosmopolitanism.” *Theory, Culture & Society*, vol. 23, nru. 2-3, 2006, 486-96.

Chen, Xunwu. “Beyond Kant’s Political Cosmopolitanism in Advance: Thinking a World Constitution without a World State.” *Philosophy Today*, vol. 63, nru. 2, 2019, pp. 363-82.

Cixous, Hélène. “The Laugh of the Medusa.” *Chicago Journals*, vol. 1, nru. 4, 1976, pp. 875-93.

Claeys, Gregory. “Dystopia.” *The Palgrave Handbook of Utopian and Dystopian Literatures*, editjat minn Peter Marks, et al., Palgrave Macmillan, 2022, pp. 53-64.

Cohen, Joshua. *Book of Numbers*. Random House, 2015.

Colebrook, Martyn. “Literary History of the Decade: The Emergence of Post-Industrial British Fiction.” *The 1990s: A Decade of Contemporary British Fiction*, editjat minn Nick Hubble, et al., Bloomsbury, 2017, pp. 37-65.

Conversi, Daniele. “Cosmopolitanism and Nationalism.” *Encyclopaedia of Nationalism*, editjat minn Athena S. Leoussi. Transaction Publishers, 2001, pp. 34-9.

Coupland, Douglas. *Generation X*. St. Martin’s Press, 1991.

—. *JPod*. Random House of Canada, 2006.

—. *Microserfs*. HarperCollins, 1995.

Currie, Mark. *Postmodern Narrative Theory*. St. Martin's Press, 1998.

Demir, Ipek. “Rethinking Cosmopolitanism, Multiculturalism and Diaspora via the Diasporic Cosmopolitanism of Europe's Kurds.” *European Cosmopolitanisms: Colonial Histories and Postcolonial Societies*, editjat minn John Narayan u Gurminder K. Bhambra. Routledge, 2017, pp. 121-135.

Dicker, Rory u Alison Piepmeier. “Introduction.” *Catching a Wave: Reclaiming Feminism for the 21st Century*, editjat minn Rory Dicker u Alison Piepmeier, Northeastern UP, 2003, pp. 3-28.

Donald, James. “Internationalisation, Diversity and the Humanities Curriculum: Cosmopolitanism and Multiculturalism Revisited.” *Journal of Philosophy of Education*, vol. 41, nru. 3, 2007, pp. 289-308.

Elliot, William A. “The Cosmopolitanism of Jesus as Related to Kingdom Ideals.” *The Biblical World*, vol. 49, nru. 3, 1917, pp. 139-46.

Elliott, Jane. “Feminist Fiction.” *The Cambridge Companion to American Fiction After 1945*. ProQuest, 2020, pp. 1-9.

Ellul, Leeanne. *Gramma*. Merlin, 2015.

Enright, Anne. “Punch and Poetry: The Irish Short Story in the Twenty-First Century.” *The Princeton University Library Chronicle*, vol. 72, nru. 1, 2010, pp. 129-36.

Erażmu. *The Complaint of Peace*. Open Court Publishing, 1917.

Ergüney Okumuş, Fatima Elif. “Anorexia Nervosa.” *Weight Management*. IntechOpen, 2020, pp. 1-18. https://www.intechopen.com/chapters/71377.

Evans, Elizabeth. *The Politics of Third Wave Feminisms*. Palgrave Macmillan, 2015.

Everett, Flic. “Adele Reacts to Comments About her Weight Loss: ‘I Was Body-Positive Then and I’m Body-Positive Now’.” *Yahoo!Life*. Nov. 2021. https://www.yahoo.com/lifestyle/adele-body-positive-weight-loss-oprah-181356044.html?guccounter=1&guce_referrer=aHR0cHM6Ly93d3cuZ29vZ2xlLmNvbS8&guce_referrer_sig=AQAAAA0MHLtz319Dcve_hOqdxMBHDwDf7QUykGLzJAf4yjR1DM5qRqY8yDPKO1Gaufi3S1ra7YxVZfrJJoEsbY9-rEiy2. Aċċessat f’Lulju, 2022.

“Fall of Berlin Wall: How 1989 reshaped the modern world.” *BBC News.* 5 ta’ Nov. 2019. https://www.bbc.com/news/world-europe-50013048. Aċċessat f’Awwissu, 2020.

Farag, Joseph R. *Politics and Palestinian Literature in Exile: Gender, Aesthetics and Resistance in the Short Story*. I.B. Tauris, 2017.

Fenech, Victor. *London Pictures and Other Poems*. Cog Press, 1976.

Fine, Robert u Boon Vivienne. “Cosmopolitanism: Between Past and Future.” *European Journal of Social Theory*, vol. 10, nru. 1, 2007, pp. 5-16.

Fischer, Rachel K. u Aimee Graham. “Postmodernism.” *Reference & User Services Quarterly*, vol. 54, nru. 1, 2014, pp. 29-33.

Flew, Terry. “Post-Globalisation.” *Javnost – The Public*, vol. 25, nru. 1-2, 2018, pp. 102-9.

Forman, Paul. “(Re)cognizing Postmodernity: Helps for Historians – of Science Especially.” *Ber.Wissenschaftsgesch*, vol. 33, 2010, pp. 157-75.

Freedman, Estelle B. *No Turning Back: A History of Feminism and the Future of Women*. Ballantine Books, 2002.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*. Klabb Kotba Maltin, 2010.

—. *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*. Mireva, 2003.

—. *Il-Gidba*. PEG, 1994.

—. *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija: Lejn Definizzjoni Storika-Kulturali*. Klabb Kotba Maltin, 2014.

—. “Il-Letteratura Maltija bħala Xhieda tan-Nazzjonalità.” *L-Identità Kulturali ta’ Malta*, editjat minn T. Cortis. Government of Malta: Department of Information, 1989, 183-205.

—. “In-Narrattiva ta' Ġużè Bonnici.” *In-Novelli Klassiċi Maltin* ta’ Ġużè Bonnici. L-Għaqda tal-Malti - Università, 2007, pp. xv-xxii.

—. “In-Novella tal-Bniedem Imħasseb.” *Beżgħat* ta’ Paul P. Borg. Klabb Kotba Maltin, 2002, pp. xi-xix.

—. *L-Istudji Kritiċi Miġbura*. L-ewwel volum, editjat minn Victor Fenech, Malta University Services, 1995.

—. “Trevor Żahra u l-Letteratura li Tgħid Le.” *It-Tmien Kontinent* ta’ Trevor Żahra, Merlin, 2010, pp. 9-24.

Garton Ash, Timothy. *The Magic Lantern: The Revolution of '89 Witnessed in Warsaw, Budapest, Berlin and Prague.* Vintage, 1999.

Gay, Roxane. *Hunger: A Memoir of (My) Body*. Corsair, 2017.

Genette, Gérard. *Palimpsests: Literature in the Second Degree.* Tradott minn Channa Newman u Claude Doubinsky. Nebraska UP, 1997.

Gledhill, John. "Capitalism, the Politics of Hate, and Everyday Cosmopolitanisms." *Critique of Anthropology*, vol. 39, nru. 3, 2019, pp. 310-28.

Goldberg, Michelle. "What is a Woman? The Dispute Between Radical Feminism and Transgenderism." *The New* Yorker, Lul. 2014. https://www.newyorker.com/magazine/2014/08/04/woman-2. Aċċessat f'Lulju, 2022.

González Rodríguez, Luisa María. "Intertextuality and Collage in Barthelme's Short Fiction." *Short Story Theories: A Twenty-First-Century Perspective*. Editjat minn Viorica Patea, Rodopi, 2012, pp. 249-69.

Goumenos, Thomas. "Nationalism." *The Sage Encyclopedia of War: Social Science Perspectives*. Editjat minn Paul Joseph, Sage Publications, 2017, pp. 1192-5.

Gow, Jamella N. "Reworking Race, Nation, and Diaspora on the Margins." *Diaspora: A Journal of Transnational Studies*, vol. 21, nru. 2, 2021, pp. 209-39.

Green, George. "Orcs on Mars: Historical Fiction and the Short Story." *Short Fiction in Theory and Practice*, vol. 1, nru. 1, 2011, pp. 59-69.

Green, Jeremy. *Late Postmodernism: American Fiction at the Millenium*. Palgrave Macmillan, 2005.

Grima, Adrian. "Il-Linja l-Ħadra, jew il-Konfini tar-Rakkont Tagħna." *Il-Linja l-Ħadra* ta' Clare Azzopardi, Merlin, 2006, pp. 7-12.

—. "Kultura, Arti, u Komunikazzjoni: Mill-Feniċi sal-Facebook." *L-Istat tan-Nazzjon*. Editjat minn Vincent Marmarà u Lou Bondì. Klabb Kotba Maltin, 2021, pp. 105-12.

Grosby, Steven. *Nationalism: A Very Short Introduction*. Oxford UP, 2005.

Gruss, Susanne. *The Pleasure of the Feminist Text: Reading Michèle Roberts and Angela Carter*. BRILL, 2009.

Gruver, Nancy. “"That's Not Fair!" Nurturing Girls' Natural Feminism.” *Catching a Wave: Reclaiming Feminism for the 21st Century*. Editjat minn Rory Dicker u Alison Piepmeier, Northeastern UP, 2003.

Gryzanovski, E. “On the International Workingmen's Association; Its Origin, Doctrines and Ethics.” *The North American Review*, vol. 114, nru. 235, April 1872, pp. 309-76.

Guerrero-Strachan, Santiago Rodríguez. “Realism and Narrators in Tobias Wolff’s Short Stories.” *Short Story Theories: A Twenty-First-Century Perspective*. Editjat minn Viorica Patea, Rodopi, 2012, pp. 271-80.

Gunnars, Kristjana. *Stranger at the Door: Writers and the Act of Writing.* Wilfrid Laurier UP, 2004.

Halliday, Fred. “The Ends of Cold War.” *After the Fall: The Failure of Communism and the Future of Socialism*. Editjat minn Robin Blackburn, Verso, 1991, pp. 78-99.

Haney II, William S. *Cyberculture, Cyborgs and Science Fiction: Consciousness and the Posthuman*. Rodopi, 2006.

Haraway, Donna J. “The Cyborg Manifesto: Science, Technology, and Socialist-Feminism in the Late Twentieth Century.” *Manifestly Haraway* ta’ Donna J. Haraway, Minnesota UP, 2016, 3-90.

Hassan, Ihab. *The Postmodern Turn: Essays in Postmodern Theory and Culture*. Ohio State UP, 1987.

Hill, Lisa. “The Two Republicae of the Roman Stoics: Can a Cosmopolite be a Patriot?” *Citizenship Studies*, vol. 4, nru. 1, 2000, pp. 65-79.

Hoesterey, James B. “Prophetic Cosmopolitanism: Islam, Pop Psychology, and Civic Virtue in Indonesia.” *City and Society*, vol. 24, nru. 1, 2012, pp. 38-61.

hooks, bell. *Ain't I a Woman: Black Women and Feminism*. Pluto Press, 1982.

—. *Feminism is for Everybody: Passionate Politics*. South End Press, 2000.

Howitt-Dring, Holly. “Making Micro Meanings: Reading and Writing Microfiction.” *Short Fiction in Theory and Practice*, vol. 1, nru. 1, 2011, 47-58.

Hubble, Nick, et al. edituri. *The 1900s: A Decade of Contemporary British Fiction*. Bloomsbury, 2017.

Hurley, Ursula. “Look Back in Wonder: How the Endings of Short Stories Can Be Their Most Powerful and Effective Distinguishing Features.” *Short Fiction in Theory and Practice*, vol. 1, nru. 1, 2011, pp. 25-35.

Hutcheon, Linda. *A Poetics of Postmodernism: History, Theory, Fiction*. Taylor & Francis e-Library, 2004.

—. *A Theory of Parody: The Teachings of Twentieth-Century Art Forms*. Illinois UP, 2000.

—. *The Politics of Postmodernism*. Taylor & Francis e-Library, 2001.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. “Tliet Mistoqsijiet lill-Awtur: Taħdita ma' Clare Azzopardi.” Aww. 2017. https://ktieb.org.mt/mt/tliet-mistoqsijiet-lill-awtur-tahdita-ma-clare-azzopardi/. Aċċessat f’April, 2020.

Isomaa, Saija, et al. “Introduction: Navigating the Many Forms of Dystopian Fiction.” *New Perspectives on Dystopian Fiction in Literature and Other Media*. Editjat minn Saija Isomaa, et al., Cambridge Scholars Publishing, 2020, pp. ix-xxxii.

Jameson, Fredric. *Postmodernism, or, The Cultural Logic of Late Capitalism*. Duke UP, 1997.

—. *The Cultural Turn: Writings on the Postmodern 1983-1998*. Verso, 1998.

Jeffers, Chike. “Appiah's Cosmopolitanism.” *The Southern Journal of Philosophy*, vol. 51, nru. 4, 2013, 488-510.

Kaiser, Karl. “Germany's Unification.” *Foreign Affairs*, ProQuest, 1991, pp. 179-205.

Kammeyer, Kenneth C. W. *A Hypersexual Society: Sexual Discourse, Erotica and Pornography in America Today*. Palgrave Macmillan, 2008.

Kant, Immanuel. "Toward Perpetual Peace: A Philosophical Sketch." *Toward Perpetual Peace and Other Writings on Politics, Peace, and History* ta' Immanuel Kant. Tradott minn David Colclasure u editjat minn Pauline Kleingeld, Yale UP, 2006.

Kaufmann, Eric Peter. "The Rise of Cosmopolitanism in the 20th-Century West: A Comparative-Historical Perspective on the United States and European Union." *Global Society*, vol. 17, nru. 4, 2003, 359-83.

Kirtchev, Christian As. "A Cyberpunk Manifesto". *The Cyberpunk Project*. Frar 1997. project.cyberpunk.ru/idb/cyberpunk_manifesto.html. Aċċessat f'Ġunju, 2022.

Kleingeld, Pauline u Eric Brown. "Cosmopolitanism." *Stanford Encyclopedia of Philosophy*. 2019. https://plato.stanford.edu/entries/cosmopolitanism/#HistCosm. Aċċessat f'Mejju, 2021.

Kostiuk, Yaroslava, Kalinová Eva u Jiří Kučera. "Impact of Globalization and Internationalization Processes on Added Value in EU Countries." *Globalization and its Socio-Economic Consequences 2020*. SHS Web of Conferences 92, 2021.

Krasner, David. *A History of Modern Drama*. It-tieni volum, Wiley Blackwell, 2016.

Kristeva, Julia. *Desire in Language: A Semiotic Approach to Literature and Art*. Tradott minn Thomas Gora, et al. u editjat minn Leon S. Roudiez. Columbia UP, 1980.

—. *Revolution in Poetic Language*. Columbia UP, 1984.

Kübler, Daniel. "Introduction: Metropolitanisation and Metropolitan Governance." *European Political Science*, vol. 11, 2012, pp. 402-8.

Leitch, Vincent B. *Literary Criticism in the 21st Century*. Bloomsbury, 2014.

Lippit, Victor D. *Capitalism*. Routledge, 2005.

Lotringer, Sylvère. “Exterminating Angel.” *Forget Foucault* ta’ Jean Baudrillard. Tradott minn Nicole Dufresne, Semiotext(e), 2007, pp. 7-25.

—. “The Piracy of Art.” *The Conspiracy of Art: Manifestos, Interviews, Essays* ta’ Jean Buadrillard, Semiotext(e), 2005, pp. 9-21.

L-Unjoni Ewropea. “Għanijiet u Valuri.” Mar. 2021. https://europa.eu/european-union/about-eu/eu-in-brief_mt#il-miri-u-l-valuri-tal-ue. Aċċessat f’Ġunju, 2021.

Lynn, Victoria. “The Breathing Room”. *Patricia Piccinini*. 1999. https://www.patriciapiccinini.net/a-essay.php?id=8. Aċċessat f’Ġunju, 2012.

Lyons, Thomas. “Ambiguous Narratives.” *Cultural Anthropology*, 2001, pp. 183-201.

Lyotard, Jean-François. “Answering the Question: What is Postmodernism.” *The Postmodern Condition: A Report on Knowledge.* Tradott minn Régis Durand, Minnesota UP, 1984, pp. 71-82.

Mahboob, Tahiat. “People’s Princess: How a Nation Mourned Diana’s Death.” *CBC*. 6 ta' Sett. 2017. https://www.cbc.ca/passionateeye/m_features/peoples-princess-how-a-nation-mourned-dianas-death. Aċċessat f’Awwissu, 2020.

“Malta’s Censorship Through the Ages.” *Censor Fortress.* https://censorfortress.wordpress.com/about/maltas-historical-censorship/. Aċċessat f’Jannar, 2021.

“Maltese History and Heritage: Computers in 1980s Malta.” *Vassallo History.* https://vassallohistory.wordpress.com/computers-in-1980s-malta/. Aċċessat f’Jannar, 2021.

Mamo, Juann. *Ġrajja Maltija: Ġabra ta' Novelli*. Klabb Kotba Maltin, 2010.

—. *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*. SKS, 1984.

Mandel, Ernest. *Late Capitalism*. Tradott minn Joris De Bres, NLB, 1976.

Mangan, Dan u Kevin Breuninger. "Supreme Court overturns Roe v. Wade, ending 50 years of federal abortion rights." *CNBC*. Ġun. 2022. https://www.cnbc.com/2022/06/24/roe-v-wade-overturned-by-supreme-court-ending-federal-abortion-rights.html. Aċċessat f'Lulju, 2022.

March-Russell, Paul. *The Short Story: An Introduction*. Edinburgh UP, 2009.

Marx, Karl u Friedrich Engels. "Manifesto of the Communist Party." *Marx/Engels Selected Works*. L-ewwel volum, tradott minn Samuel Moore, Progress Publishers, 1969, pp. 98-137.

May, Charles E. "The American Short-Story in the Twenty-First Century." *Short Story Theories: A Twenty-First-Century Perspective*. Editjat minn Viorica Patea. Rodopi, 2012. 299-324.

—. *The Short Story: The Reality of Artifice.* Routledge Taylor & Francis Group, 2002.

McChesney, Robert W., et al. *Capitalism and the Information Age: The Political Economy of the Global Communication Revolution.* Monthly Review Press, 1999.

McHale, Brian. *The Cambridge Introduction to Postmodernism*. Cambridge UP, 2015.

Mejlak, Pierre. J. *Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid*. L-ewwel edizzjoni, Merlin, 2011.

—. *Qed Nistenniek Nieżla max-Xita*. It-tieni edizzjoni, Merlin, 2011.

Mifsud, Immanuel. *Il-Ktieb tal-Maħbubin Midruba*. 1999.

—. *Jutta Heim*. *Klabb Kotba Maltin*, 2014.

—. *Kimika*. Klabb Kotba Maltin, 2005.

—. "Kultura, Arti, u Komunikazzjoni: Mill-Feniċi sal-Facebook." *L-Istat tan-Nazzjon*. Editjat minn Vincent Marmarà u Lou Bondì. Klabb Kotba Maltin, 2021, pp. 91-5.

—. *L-Aqwa Żmien*. Klabb Kotba Maltin, 2019.

—. *L-Istejjer Strambi ta' Sara Sue Sammut*. Minima, 2002.

—. "Sex and City: Meta l-Letteratura Taqsam (jew ma Taqsamx) il-Fruntiera." *Breaking Barriers*. Junior College Multi-Disciplinary Conference: Research, Practice and Collaboration, 2018.

—. *Studju dwar il-Ġisem u x-Xbihat Korporali fil-Poeżija Maltija*. 2012. L-Università ta' Malta, teżi tal-PhD.

Mifsud, Nadia. *Ir-Rota Daret Dawra (Kważi) Sħiħa*. Merlin, 2017.

Monbron, Louis-Charles Fougeret de. *Le Cosmopolite ou le Citoyen du* Monde.1752*. Google Books*, books.google.com,

Morris, Pam. *Literature and Feminism: An Introduction*. Blackwell, 1993.

Mulvey, Laura. *Visuals and Other Pleasures*. Palgrave, 1989.

Muscat Azzopardi, Ġużè. *Viku Mason: Ġrajja ta' Malta fi Żmien il-Franċiżi*. Union P., 1959.

Nabhan, Walid. *Bejn Bejnejn*. Klabb Kotba Maltin, 2019.

—. *Leħen tal-Fuħħar u Stejjer Oħra*. Klabb Kotba Maltin, 2012.

—. *Lura d-Dar u Ġrajjiet Oħra li ma Ġrawx*. Klabb Kotba Maltin, 2009.

"NCW has come a long, long way since 1944". *Malta Independent*, 29 t'April 2014, https://www.independent.com.mt/articles/2014-04-29/newspaper-lifestyleculture/NCW-has-come-a-long,-long-way-since-1944-4785799170.Nicol, Bran. *The Cambridge Introduction to Postmodern Fiction*. Cambridge UP, 2009.

Nussbaum, Martha C. *Love's Knowledge: Essays on Philosophy and Literature*. Oxford UP, 1990.

—. "Patriotism and Cosmopolitanism." *For Love of Country?* ta' Martha C Nussbaum, editjat minn Joshua Cohen, Beacon Press, 2002, pp. 1-17.

Paglia, Camille. “Madonna: Finally, a Real Feminist.” *New York Times, Late Edition (East Coast)*, ProQuest, 2022, pp. 1-4.

Pagliari, Claudia. “Pop, Power and Politics: Andy Warhol.” *British Journal of General Practice*, vol. 63, nru. 617, 2013, pp. 652.

Patea, Viorica. “The Short Story: An Overview of the History and Evolution of the Genre.” *Short Story Theories: A Twenty-First-Century Perspective*. Editjat minn Viorica Patea, Rodopi, 2012, pp. 1-24.

Pensky, Max. “Editor's Introduction.” *The Postnational Constellation: Political Essays* ta’ Jürgen Habermas. Editjat u tradott minn Max Pensky. MIT Press, 2001, pp. vii-xvii.

Piccinini, Patricia. “Go behind-the-scenes with Patricia Piccinini in her Melbourne studio.” *Youtube.* Apr. 2018. https://www.youtube.com/watch?v=g8nSOKyLrKM. Aċċessat f’Ġunju, 2022.

—. “The Breathing Room.” *Patricia Piccinini.* 1999. https://www.patriciapiccinini.net/writing/7. Aċċessat f’Ġunju, 2022.

—. “Those Who Dream by Night.” *Patricia Piccinini.* 2012. https://www.patriciapiccinini.net/a-essay.php?id=38. Aċċessat f’Ġunju, 2022.

Platun. *Protagoras*. Tradott minn Martin Ostwald u editjat minn Gregory Vlastos. Bobbs-Merrill.

Plett, F. Heinrich. “Intertextualities.” *Intertextuality*. Editjat minn F. Heinrich Plett. Walter de Gruyter, 1991, pp. 3-29.

Poe, Marshall T. *History of Communications: Media and Society from Evalution of Speech to the Internet*. Cambridge University Press, 2011.

Policar, Alain. “Cosmopolitanism and Multiculturalism.” *Cosmopolitanism in Hard Times*. Editjat minn Cicchelli, Vincenzo u Sylvie Mesure. Brill, 2021, pp. 181-91.

Porter Abbott, H. *The Cambridge Introduction to Narrative*. It-tieni edizzjoni, Cambridge UP, 2008.

Pratt, Mary Louise. "The Short Story: The Long and the Short of It." *Poetics*, vol. 10, 1981, pp. 175-94.

Psaila, Emanuel. *Is-Snin Tmenin u l-Prożaturi Maltin*. 2009. L-Università ta' Malta, teżi tal-B.A.

Qinglong, Peng. "The National and Cosmopolitan Significance of Jia Pingwa's Fiction." *Journal of Modern Literature*, vol. 44, nru. 2, 2021, pp. 120-33.

Rambour, Muriel. "References and Uses of Postnationalism in French and British Debates on Europe." *Workshop: National Identity and Euroscepticism: A Comparison Between France and the United Kingdom*. 2005. https://tamilnation.org/oneworld/post_nationalism_rambour.pdf.

Reed, T. V. *The Bloomsbury Introduction to Postmodern Realist Fiction: Resisting Master Narratives.* Bloomsbury Academic, 2021.

Riley, Catherine u Lynne Pearce. *Feminism & Women's Writing: An Introduction*. Edinburgh UP, 2018.

Ritzer, George u Todd Stillman. "Assessing McDonaldization, Americanization and Globalization." *Global America? The Cultural Consequences of Globalization*. Editjat minn Ulrich Beck, et al., Liverpool UP, 2003, pp. 30-48.

Robertson, Roland. *Globalization: Social Theory and Global Culture*. Sage Publications, 1998.

Rosenblatt, Helena. "Rousseau, the Anticosmopolitan?" *Daedalus*, vol. 137, nru. 3, 2008, pp. 59-67.

Rotenberg, Robert. "Metropolitanism and the Transformation of Urban Space in Nineteenth-Century Colonial Metropoles." *American Anthropologist*, vol. 103, nru. 1, 2001, pp. 7-15.

Rousseau, Jean-Jacques. *Emile*. Tradott minn Allan Bloom, Basic Books, 1979.

—. *The Social Contract*. Tradott minn Christopher Betts, Oxford UP, 1994.

Sammut, Frans. *Il-Gaġġa*. Kotba-Argo, 2007.

—. *Labirint u Stejjer Oħra*. Progress Press, 1968.

—. *Paceville*. Merlin, 1991.

—. *Samuraj*. Merlin, 1991.

San Pawl. "Lill-Efesin: Kapitlu 2." Saydon, P. P. *Bibbja Saydon: It-Testment il-Ġdid*. Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, 1977, pp. 555-557.

Sandler, Rivanne. "The Virtuous Complaint: Iranian Short Fiction of the 1960s-1970s." *Postmodern Approaches to the Short Story*. Editjat minn Farhat Iftekharrudin, et al., Greenwood Publishing Group, 2003, pp. 77-89.

Sant, Alfred. *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar*. Colour Image Malta, 1996.

Savchuk, R. I. u O. O. Tuchkova. "Hyperrealism as an Artistic Phenomenon in French Literature of the 20th-21st Centuries." *Journal of History Culture and Art Research*, vol. 9, nru. 2, 2020, pp. 367-80.

Scheffler, Samuel. "Conceptions of Cosmopolitanism." *Utilitas,* vol. 11, nru. 3, 1999, 255-76.

Schmid, Wolf. "Implied Reader." *Handbook of Narratology*. Editjat minn Peter Hühn, et al., De Gruyter, 2014, pp. 301-9.

Schoene, Berthold. *The Cosmopolitan Novel*. Edinburgh UP, 2009.

Schreiter, Robert. "Cosmopolitanism, Hybrid Identities, and Religion." *Exchange*, vol. 40, 2011, pp. 19-34.

Scofield, Martin. *The Cambridge Introduction to the American Short Story*. Cambridge UP, 2006.

Shaw, Kristian. *Cosmopolitanism in Twenty-First Century Fiction*. Palgrave Macmillan, 2017.

Sierz, Aleks. “Cool Britannia? ‘In-Yer-Face’ Writing in the British Theatre Today.” *New Theatre Quarterly*, vol. 14, nru. 56, 1998, 324-33.

Slethaug, Gordon E. *Adaptation Theory and Criticism: Postmodern Literature and Cinema in the USA*. Bloomsbury, 2014.

Smith, Anthony D. *National Identity*. Penguin Books, 1991.

Sousa Santos, Boaventura de. “Globalizations.” *Theory, Culture & Society*, vol. 23, nru. 2-3, 2006, 393-99.

Spiteri, Lino. *Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra*. It-tieni edizzjoni. PEG, 2006.

Spijkers, Otto. “Two Futures of Cosmopolitanism.” *Joint Conference of Societas Ethica, the European Society for Research in Ethics, and the British Society for the Study of Christian Ethics on ‘Political Ethics and International Order’*. Oxford, 2006. http://ssrn.com/abstract=1565474.

Sponsler, Claire. “Cyberpunk and the Dilemma of Postmodern Narrative: The Example of William Gibson.” *Contemporary Literature*, vol. 33, nru. 4, 1992, pp. 625-44.

Starrs, Paul F. u Lynn Huntsinger. “The Matrix, Cyberpunk Literature, and the Apocalyptic Landscapes of Information Technology.” *Information Technology and Libraries*, vol. 14, nru. 4, 1995, pp. 251-6.

Stelarc. “The Third Hand”. *Extra Ear: Alternate Anatomical Architectures*. 2019. http://stelarc.org/_.php#page/2. Aċċessat f’Ġunju, 2022.

Stephanides, Stephanos u Norbert Bugeja. “Poetics of a Sea.” *Journal of Mediterranean Studies*, vol. 23, nru.1, 2017, 109-13.

Still, Judith. “French Feminist Criticism and Writing the Body.” *A History of Feminist Literary Criticism.* Editjat minn Gill Plain u Sellers Susan. Cambridge UP, 2007, pp. 263-81.

Tabone, Shana. *Sess, Droga u Mużika: Id-Divertiment f'Xogħlijiet ta' Sammut, Stagno u Vella Gera*. 2021. L-Università ta' Malta, teżi tal-B.A.

Tew, Philip, et al. "Critical Introduction: Recovering the 1990s." *The 1990s: A Decade of Contemporary British Fiction*. Editjat minn Nick Hubble, et al., Bloomsbury Academic, 2017, pp. 1-35.

"The Invention of Mobile Phones." *Science Museum*. 12 ta' Nov. 2018. https://www.sciencemuseum.org.uk/objects-and-stories/invention-mobile-phones#how-were-mobile-phones-invented. Aċċessat f'Settembru, 2020.

"Week at a Glance", *The Sunday Times of Malta*, 23 ta' April 2017, p. 4.

"Week at a Glance", *The Sunday Times of Malta*,22 ta' Ottubru 2017, p.4.

"Week at a Glance", *The Sunday Times of Malta*, 24 ta' Ġunju 2018, p.4.

"Week at a Glance", *The Sunday Times of Malta*,12 ta' Awwissu 2018, p.4.

"Week at a Glance", *The Sunday Times of Malta*, 14 ta' Ottubru 2018, p.4.

"Week at a Glance", *The Sunday Times of Malta*,17 ta' Marzu 2019, p.4.

"Week at a Glance", *The Sunday Times of Malta*, 25 ta' Awwissu 2019, p.4.

"Week at a Glance", *The Sunday Times of Malta*, 8 ta' Settembru 2019, p. 4.

"Week in Pictures", *The Sunday Times of Malta*, 3 ta' Jannar 2010, p.27.

"Week in Pictures", *The Sunday Times of Malta*, 2 ta' Mejju 2010, p.27.

"Week in Pictures", *The Sunday Times of Malta*, 15 ta' Lulju 2012, p.19.

"Week in Pictures", *The Sunday Times of Malta*, 29 ta' Lulju 2012, p.19.

"Week in Pictures", *The Sunday Times of Malta*, 25 ta' Novembru 2012, p.19.

"Week in Pictures", *The Sunday Times of Malta*, 4 ta' Awwissu 2013, p.19.

"Week in Pictures", *The Sunday Times of Malta*, 24 ta' Novembru 2013, p.19.

"Week in Pictures", *The Sunday Times of Malta*, 18 ta' Ottubru 2015, , p.21.

"Weekly News Highlights", *The Sunday Times of Malta*, 29 ta' Lulju 2001, p.8.

"Weekly News Highlights", *The Sunday Times of Malta*, 15 ta' Frar 2004,  p.7.

"Weekly News Highlights", *The Sunday Times of Malta*, 4 ta' April 2004, Weekly News Highlights, p.8.

"Weekly News Highlights", *The Sunday Times of Malta*, 16 ta' Mejju 2004, Weekly News Highlights, p.6.

"Weekly News Highlights", *The Sunday Times of Malta*, 21 ta' Awwissu 2005, Weekly News Highlights, p. 7.

Tomlinson, John. *Globalization and Culture*. Chicago UP, 1999.

Torikian, Garen J. "Against a Perpetuating Fiction: Disentangling Art from Hyperreality." *Journal of Aesthetic Education*, vol. 44, nru. 2, 2010, 100-10.

Vella, Mark. "Mamo Misjub mill-Ġdid." *Ġrajja Maltija: Ġabra ta' Novelli* ta' Juann Mamo. Klabb Kotba Maltin, 2010, pp. vii-xxv.

Vertovec, Steven u Robin Cohen. "Introduction: Conceiving Cosmopolitanism." *Conceiving Cosmopolitanism: Theory, Context and Practice,* editjat minn Steven Vertovec u Robin Cohen, Oxford UP, 2002, pp. 1-22.

Visanich, Valerie. "Consumption and Leisure." *Sociology of the Maltese Islands*. Editjat minn M Briguglio u M. Brown, Miller, 2016, pp. 273-84.

—. "Increased Participation in the Festa - A Manifestation of Cultural Omnivores?" *Perspectives on Cultural Participation in Malta*, Arts Council Malta, 2017, pp. 57-72.

Walker, Rebecca. "Becoming the Third Wave." *Ms Magazine*, vol. 2, nru. 4, 1992, pp. 39-41.

Weedon, Chris. "Postcolonial Feminist Criticism." *A History of Feminist Literary Criticism.* Editjat minn Gill Plain u Susan Sellers, Cambridge UP, 2007, 282-300.

Werbner, Pnina. “The Translocation of Culture: 'Community Cohesion' and the Force of Multiculturalism in History.” *The Sociological Review*, 2005, pp. 745-68.

Whitehead, Sarah. “Reader as Consumer: The Magazine Short Story.” *Short Fiction in Theory and Practice*, vol. 1, nru. 1, 2011, pp. 71-84.

Wolf, Naomi. *Fire with Fire: The New Female Power and How to Use It*. L-ewwel edizzjoni, Ballantine Books, 1994.

—. *The Beauty Myth: How Images of Beauty Are Used Against Women*. Harper Collins, 2002.

Yeĝenoĝlu, Meyda. “Cosmopolitanism and Nationalism in a Globalized World.” *Ethnic and Racial Studies*, vol. 28, nru. 1, 2005, pp. 103-31.

Żahra, Trevor. *It-Tmien Kontinent*. Merlin, 2010.